# KAPITOLU 123

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*

*Sabiex jimponi taxxa fuq l-*Income.

*Emendat: XVII.1994.35.*

1 ta' Jannar, 1949

*L-ATT LIV tal-1948, kif emendat bl-Atti: VI tal-1953, XX tal-1955, V tal-1958; bl-Ordinanza ta' Emerġenza XV tal-1958; bl-Ordinanzi: VIII u XVI tal-1959, XXV tal-1960, XXIV u XLI tal-1961, XXV tal-1962; bl-Avviż Legali 4 tal-1963; bl-Atti: X u XIV tal-1963, V tal-1964; bl-Avviż Legali 46 tal-1965; bl-Atti: XXXI tal-1966, XXVII tal-1967, VIII tal-1969, XXVIII u XXXV tal-1972, X u XX tal-1973, XLIX u LVIII tal-1974; bl-Avviż Legali 148 tal-1975; bl-Atti: XLII tal-1975, XXII, XXIV u XXXIX tal-1976, XXVI tal-1977, XXVIII tal-1978, XXI tal-1980, IX u XL tal-1981, IX u XIII tal-1983, XIV tal-1984, VIII tal-1987, XXXI tal-1988, XIX tal-1989, VIII u XXXVI tal-1990, VIII tal-1991, XIII tal-1992, XVIII tal-1993, I u XVII tal-1994, XXII tal-1995, XX tal-1996, V u XVII tal-1998, IX tal-1999, XI tal-2000, IV u IX tal-2001, II tal-2002, II tal-2003, II, III u XIII tal-2004, II u IX tal-2005, II tal-2006, u II, IV, IX, XIII u XXXII tal-2007; bl-Avviż Legali 409 tal-2007; bl-Atti II tu XVII tal-2009; bl-Avviż Legali 98 tal-2009; bl-Att I tal-2010; u bl-Avviż Legali 336 tal-2010.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I. | Preliminari | 1-3 |
| Taqsima II. | Impożizzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income* | 4-11 |
| Taqsima III. | Eżenzjonijiet | 12-13 |
| Taqsima IV. | Tnaqqis | 14-26 |
| Taqsima V. | Disposizzjonijiet Speċjali | 27-52 |
| Taqsima VI. | Tnaqqis Personali | 53-55 |
| Taqsima VII. | Rata tat-Taxxa | 56 |
| Taqsima VIII | *Rebate* ta' Taxxa | 57-58 |
| Taqsima IX. | Persuni Taxxabbli | 59-73 |
| Taqsima X. | Ħelsien minn taxxa doppja | 74-95 |
| Taqsima XI. | Setgħa għall-Egħmil ta' Regoli | 96 |

## TAQSIMA I

### PRELIMINARI

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Tifsir.
*Emendat:*
*V. 1958.2;*
*XV. 1958.2;*
*XXV. 1960.2;*
*XXV.1962.2, 4, 5;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*VIII. 1969.2;*
*XLIX. 1974.2;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXII. 1976.4;*
*XXIV. 1976.2;*
*XXVI.1977.2;*
*XXVIII. 1978.2;*
*XXI. 1980.2;*
*IX. 1983.2;*
*XVIII. 1993.2;*
*XVII. 1994.4;*
*XX. 1996.2;*
*XVII.1998.70;*
*IX.1999.14;*
*IX. 2001.21;*
*II. 2002.42;*
*II. 2003.7;*
*II. 2007.3;*
*IV. 2007.7;*
*IX. 2007.2;*
*A.L. 409 tal-2007;*
*I. 2010.10.*
Kap. 372.
Kap. 194.

**2.** (1) F'dan l-Att, u f'kull regola magħmula skond dan l-Att, kemm-il darba s-suġġett jew ir-rabta tal-kliem ma jeħtiġux xort'oħra -

"l-Atti dwar it-Taxxi" tfisser dan l-Att u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa flimkien;

"azzjonijiet bil-*bonus*" (*bonus shares*) tfisser u jinkludi l-valur imħallas kollu ta' ishma imqassam minn kumpannija lill-azzjonisti tagħha sa' l-ammont li għalih il-valur imħallas kollu jirrappreżenta kapitalizzazzjoni ta' profitti;

"bini jew struttura industrijali" tinkludi bini użat bħala lukanda. Għall-finijiet ta' din it-tifsira, il-kelma "lukanda" tinkludi kull għadd ta' kostruzzjonijiet mobbiliti u mgħammra kif imiss, b'akkomodazzjoni fi kmamar tas-sodda għal wieħed jew tnejn, kemm-il darba dawk il-kostruzzjonijiet ikunu raggruppati flimkien u jkollhom in komun servizzi u kumditajiet anċillari ta' lukanda f'biċċa art singola u definita u jkunu mmexxija minn direzzjoni waħda għall-akkomodazzjoni u għall-użu tal-*guests* bi ħlas;

"il-blata kontinentali" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Blata Kontinentali;

"*Commonwealth*" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"data tal-prospett ta' taxxa" għar-rigward ta' persuna għal xi sena ta' stima tfisser id-data preskritta b'mod konformi ma', u skond l-artikolu 10(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa sa meta dik il-persuna tista' tibgħat il-prospett ta' l-*income* għal dik is-sena ta' stima;

Kap. 372.

"data ta' *settlement* ta' taxxa" għandha t-tifsira lilha mogħtija fl-artikolu 42(1A) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

"dividend" tinkludi -

(*a*) azzjonijiet bil-*bonus*;

(*b*) kull tqassim magħmul minn soċjetà "in akkomandita" li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet, jew minn soċjetà "anonima", lis-soċji jew lill-azzjonisti tagħha, rispettivament, u kull ammont akkreditat lilhom bħala soċji jew azzjonisti; u

(*ċ*) kull tqassim magħmul minn għaqda koperativa lill-membri tagħha u kull ammont akkreditat lilhom bħala membri, magħdud kull *patronage refund*, ċertifikat ta' *bonus* jew azzjoni bil-*bonus*, magħmul, imħallas jew mogħti skond il-liġi li tikkontrolla dawk l-għaqdiet li tkun għal dak iż-żmien fis-seħħ f'Malta;

"imgħax fuq obbligazzjonijiet" tfisser imgħax li jitħallas minn

kumpannija taħt jew bis-saħħa ta' *debenture* jew *debenture trust deed*, sew jekk fil-għamla ta' *mortgage* jew xi att ieħor jew dokument ieħor li jammetti dejn;

"imgħax jew *royalties* passivi" tfisser *income* minn imgħax jew *royalties* li ma jiġix direttament jew indirettament minn xi sengħa jew negozju, fejn dawk l-imgħax jew *royalties* ma ġewx intaxxati jew ġew soġġetti għal xi taxxa barranija direttament, minn ras il-għajn, jew b'xort'oħra, b'rata ta' taxxa li hi inqas minn ħamsa fil-mija (5%);

"*income*" ħlief għall-finijiet ta' l-artikolu 4(1) u tat-Taqsima IV tinkludi qligħ kapitali kif imfisser fl-artikolu 5;

"*income* taxxabbli" tfisser l-*income* kollu ta' persuna f'xi sena;

"*income* totali" tfisser l-ammont aggregat ta' l-*income* ta' kull persuna kif speċifikat fit-Taqsima II ta' dan l-Att, li jifdal wara li jitqiesu l-eżenzjonijiet skond it-Taqsima III, u t-tnaqqis skond it-Taqsima IV u magħdudin skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V:

Iżda, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12(3)(*b*) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kull *income* li mhux meħtieġ li jintwera u li ma jintweriex skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi ma jagħmilx parti mill-*income* totali; Kap. 372.

"individwu miżżewweġ" tirreferi għal individwu raġel li jkollu lil martu tgħix miegħu, jew individwu mara li jkollha lil żewġha jgħix magħha, skond il-każ;

"investiment ta' portafoll" tfisser investiment f'titoli bħalma huma azzjonijiet, *bonds* u strumenti oħra bħalhom u miżmuma bħala wieħed minn dawk l-investimenti bl-għan ta' investiment b'riskju mifrux meta dak l-investiment mhuwiex investiment strateġiku u jsir bla interess fi u mingħajr intenzjoni li tiġi influwenzata t-tmexxija tal-kumpannija fejn ikun sar l-investiment u kif ukoll, isir biss b'tali mod li jsegwi l-prezz ta' l-ishma u l-*dividend policy* tal-kumpannija fejn sar l-investiment biex isir l-aħjar gwadann mill-investiment u biex jinbiegħ l-investiment malli jidher li l-valur ta' l-ishma jista' jinżel;

"kont intaxxat" u "kontijiet intaxxati" ifissru xi jew kull kont tat-taxxa finali, kont tal-proprjetà immobbli, kont ta' *income* barrani, il-kont intaxxat f'Malta u l-kont mhux intaxxat;

"kont intaxxat f'Malta" tfisser dawk il-profitti ta' kumpannija li ma jkunux inklużi fil-kont ta' *income* barrani u:

(*a*) li jkunu ġew intaxxati; jew

(*b*) ikunu ġew eżentati mit-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' xi liġi ta' Malta u meta t-tqassim ta' dawk il-profitti mill-kumpannija jkun ukoll eżentat mit-taxxa f'idejn l-azzjonisti:

Iżda dan il-paragrafu ma għandux japplika iżjed b'effett mis-sena ta' stima 2008;

"kont mhux intaxxat" ikun magħmul minn dawk il-profitti (jew telf skond il-każ), li jirrappreżentaw it-total tal-profitti li jistgħu

jitqassmu (ammont pożittiv) jew it-total tat-telf akkumulat (ammont negattiv) skond il-każ, u li minnu titnaqqas is-somma totali ta' l-ammont allokat għal kontijiet intaxxati oħra;

"kont ta' *income* barrani" għandha b'seħħ mis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima 1996, tfisser kull waħda mill-kategoriji li ġejjin ta' profitti li jistgħu jitqassmu li jinqalgħu f'dik is-sena u fi snin sussegwenti tal-limitu li dawn jirriżultaw minn *income* taxxabbli:

(*a*) profitti li jirriżultaw minn *royalties* u *income* ieħor ta' din ix-xorta li jinqalgħu barra minn Malta u minn dividendi, qliegħ kapitali, imgħax, kera, *income* jew qligħ minn sehem parteċipanti f'kumpannija mhux residenti f'Malta jew mid-disponiment minn dak is-sehem, u kull *income* ieħor li jiġi minn investimenti sitwati barra minn Malta li huma suġġetti għat-taxxa f'Malta u li jistgħu jiġu riċevuti minn kumpannija reġistrata f'Malta li ma tkunx kumpannija reġistrata skond l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; u

Kap. 330.

(*b*) profitti li jirriżultaw minn investimenti, attiv jew passiv li jkun jinsab barra minn Malta lil xi kumpannija li ma tkunx reġistrata taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u li jew ikollha liċenza ta' bank f'Malta jew li jkollha liċenza mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji; u

Kap. 330.

(*ċ*) kull profitti jew qligħ ta' kumpannija reġistrata f'Malta, li huma suġġetti għat-taxxa f'Malta u li jkunu attribwibbli għal stabbilimenti (inkluża fergħa) sitwata barra minn Malta, u għal dawn il-finijiet profitti jew qligħ għandhom ikunu kkalkolati bħallikieku l-istabbiliment permanenti kien impriża indipendenti li taħdem f'kundizzjonijiet simili u at *arm's length*; u

(*d*) profitti li jirriżultaw minn dividendi li jitħallsu mill-kont ta' *income* barra ta' kumpannija oħra reġistrata f'Malta; u

(*e*) profitti jew qligħ li jirriżultaw lil kumpannija residenti f'Malta awtorizzata skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, li ma tkunx kumpannija registrata skond l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni dwar riskji sitwati barra minn Malta:

Kap. 403.

Kap. 330.

Iżda din id-disposizzjoni għandha tapplika esklussivament għal kumpanniji li allokaw profitti fil-kont ta' *income* barrani skond dan il-paragrafu għal xi sena ta' stima sas-sena ta' stima 2007, u dawn il-kumpanniji jkunu biss intitolati jkomplu jallokaw profitti skond dan il-paragrafu sas-sena ta' stima 2011:

Iżda fil-każ ta' kumpannija msemmija fil-paragrafu (*e*) ta' din it-tifsira, kull profitti jew qligħ li, skond id-disposizzjonijiet ta'

qabel ta’ din it-tifsira, kienu jkunu jistgħu jiġu allokati għall-kont ta’ *income* barrani għandhom, għal kull sena finanzjarja, ma jkunux hekk allokati kemm-il darba dawk il-profitti jew qligħ ma jinqalgħux fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta’ stima 2000 u fi snin sussegwenti:

Iżda wkoll fil-każ ta’ kumpannija li tkun liċenzjata bħala bank f’Malta jew li tkun parti minn grupp bankarju kif imfisser hawn taħt, kull profitti li kien imisshom ikunu allokati, skond id-disposizzjonijiet ta’ hawn fuq lill-kont ta’ *income* barrani, ma jkunux hekk allokati għal xi sena finanzjarja kemm il-darba:

(*a*) iktar minn ħamsa u disgħin fil-mija (95%) tal-medja tad-depożiti ta’ kuljum tagħha matul is-sena finanzjarja jittieħdu minn persuni li m’humiex residenti f’Malta; u

(*b*) meta l-kumpannija tkun parti minn grupp bankarju, dak il-grupp jikkwalifika, fuq bażi konsolidata, il-ħtieġa speċifikata fil-paragrafu (*a*) ta’ hawn fuq.

Għal finijiet ta’ dan il-*proviso*:

(*a*) "grupp bankarju" tinkludi biss kumpanniji reġistrati f’Malta, li għall-anqas waħda minnhom tkun bank liċenzjat f’Malta, u liema kumpanniji jkunu membri ta’ grupp bankarju ta’ kumpanniji. Żewġ kumpanniji jitqiesu li huma membri ta’ grupp bankarju ta’ kumpanniji jekk waħda minnhom tkun affiljata b’għaxra fil-mija mal-kumpannija l-oħra jew jekk iż-żewġ kumpanniji jkunu affiljati b’għaxra fil-mija ma’ terza kumpannija. Għal dan l-għan, kumpannija titqies li tkun affiljata ma’ kumpannija oħra (kumpannija *parent*):

(i) jekk u sakemm iktar minn għaxra fil-mija tal-kapital azzjonarju ordinarju tagħha u iktar minn għaxra fil-mija tal-jedd tal-vot tagħha jkunu proprjetà, direttament jew indirettament, tal-kumpannija *parent*; jew

(ii) il-kumpannija *parent* ikollha jedd tibbenefika direttament jew indirettament minn iktar minn għaxra fil-mija ta’ kull profitti li jkunu disponibbli għal tqassim lill-azzjonisti ordinarji tal-kumpannija affiljata; jew

(iii) il-kumpannija *parent* ikollha jedd tibbenefika direttament jew indirettament minn iktar minn għaxra fil-mija ta’ l-attiv tal-kumpannija affiljata li jkun disponibbli għal tqassim lill-azzjonisti ordinarji tagħha f’każ ta’ xoljiment:

Iżda minkejja d-disposizzjonijiet ta’ hawn fuq, kumpannija li tkun ġiet akkwistata minn bank bi ħlas ta’ debitu u li xort’oħra ma tagħmilx parti min-negozju tal-bank għandha titqies li ma tagħmilx parti minn grupp bankarju;

(*b*) "il-medja tad-depożiti ta' kuljum" għandha tinħadem billi jittieħed it-total tad-depożiti fl-aħħar ta' kull jum għas-sena finanzjarja u jkun diviż bin-numru ta' jiem f'dik is-sena finanzjarja, u l-medja tad-depożiti ta' kuljum li jsiru minn persuni li m'humiex residenti f'Malta għandha tinħadem bl-istess mod. Il-kelma
Kap. 371. "depożiti" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

(*ċ*) l-ammont tal-medja tad-depożiti konsolidati ta' kuljum ta' grupp bankarju għandu jinkludi biss depożiti aċċettati minn kumpanniji li jagħmlu parti minn grupp bankarju li jsiru minn persuni li ma jkunux dawk il-kumpanniji:

Iżda wkoll, fil-każ ta' "kumpanniji b'kummerċ internazzjonali" il-profitti li, skond id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq kien imisshom ikunu allokati lill-kont ta' *income* barrani, m'għandhomx għal xi sena finanzjarja, ikunu hekk allokati:

Iżda wkoll minkejja dak kollu li jinsab f'dan l-Att jew regoli magħmula bis-saħħa tiegħu, il-profitti kollha miksuba sal-31 ta' Diċembru 2010 minn kumpannija li kienet residenti f'Malta qabel l-1 ta' Jannar 2007 (li ma tkunx kumpannija li eżerċitat il-jedd ta' għażla skond il-paragrafu (i)(2) tal-proviso għall-artikolu
Kap. 372. 48(4A)(*b*) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa) illi kienu jkunu allokati fil-kont ta' *income* barrani li kieku dawk il-profitti ġew intaxxati fis-sena ta' stima 2007 għandhom jiġu allokati fil-kont ta' *income* barrani;

"kont ta' proprjetà immobbli" tfisser il-kont tat-taxxa li għalih il-profitti li jistgħu jitqassmu, li jkunu ġew intaxxati u li ma jkunux allokati lill-kont tat-taxxa finali kalkolati b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt, għandhom jiġu allokati qabel il-profitti kollha li jistgħu jitqassmu ma jiġu allokati lill-kontijiet intaxxati oħra;

"kont tat-taxxa finali" tfisser il-kont intaxxat li għalih ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu li jkun ġie intaxxat, kalkolat b'dak il-mod u għal dak l-ammont li jista' jiġi preskritt, għandu jiġi allokat qabel il-profitti kollha li jistgħu jitqassmu ma jiġu allokati lil kwalunkwe kont ieħor tat-taxxa;

"koppja miżżewġa" tirreferi għal żewġ konjuġi li jkunu kkuntrattaw iż-żwieġ skond id-disposizzjonijiet legali tal-pajjiż fejn ikun sar iż-żwieġ;

"korp ta' persuni" tfisser kull enti morali, magħduda kumpannija, u kull għaqda, soċjetà jew assoċjazzjoni oħra ta' nies, sew jekk korporata jew mhux korporata u sew jekk għandha personalità ġuridika jew le;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

"il-Kummissarji Speċjali" tfisser il-Kummissarji Speċjali
Kap. 372. maħturin mill-President ta' Malta skond l-artikolu 34 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

"kumpannija" tfisser -

(*a*) kull soċjetà kostitwita skond l-Att dwar il-Kumpanniji jew skond l-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, li tkun jew soċjetà "in akkomandita", li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet, jew kumpannija ta' responsabbiltà limitata jew kull kumpannija oħra mwaqqfa b'dak il-mod taħt xi liġi oħra li qiegħda fis-seħħ f'Malta: Kap. 386. Kap. 168.

Iżda fil-każ ta' kumpannija ċellulari kif imfissra fir-Regolamenti dwar il-Kumpanniji (Kumpanniji Ċellulari li Jmexxu Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni) (f'dan il-proviso msejħin 'ir-Regolamenti'), kif dawn jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien, jew f'xi liġi jew regolamenti oħra li jistgħu jissostitwixxu r-Regolamenti, għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta' l-Atti dwar it-Taxxi, kull ċellula ta' kumpannija ċellulari u dik il-parti ta' kumpannija ċellulari li fiha jinżamm attiv li mhuwiex attiv taċ-ċellula, għandhom kull waħda minnhom jitqiesu bħala kumpannija separata u kull kelma jew espressjoni fl-Atti dwar it-Taxxi li huma rilevanti għal kumpannija għandhom jiftiehmu skond hekk. It-tifsira ta' dawk il-kliem u espressjonijiet għandha, safejn ikun applikabbli għal kumpannija ċellulari, issir fuq il-bażi tad-disposizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti; L.S. 386.10

(*b*) kull korp ta' persuni kostitwit, inkorporat jew reġistrat barra minn Malta, u tax-xorta bħall-imsemmija soċjetajiet;

(*ċ*) kull għaqda koperativa hekk reġistrata kif imiss skond il-liġi xierqa li tkun għal dak iż-żmien fis-seħħ f'Malta;

"kumpannija b'kummerċ internazzjonali" tfisser kumpannija registrata f'Malta sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006 li xogħolha jkun biss li tagħmel attivitajiet ta' kummerċ ma' persuni barra minn Malta li m'humiex residenti f'Malta u li l-għanijiet tagħha jkunu espressament limitati għal dawn l-attivitajiet ta' kummerċ kif ukoll għal dak ix-xogħol u attivitajiet li jkunu meħtieġa biex tmexxi l-operazzjonijiet tagħha minn Malta. L-attivitajiet li ġejjin għandhom ikunu attivitajiet leġittimi ta' kumpannija b'kummerċ internazzjonali:

(*a*) xiri għall-esportazzjoni ta' oġġetti manifatturati, immuntati jew proċessati f'Malta sakemm dak ix-xiri ma jsirx mingħand persuna li tkun proprjetarja direttament jew indirettament ta' aktar minn ħmistax fil-mija tal-kapital azzjonarju ordinarju ta' l-istess kumpannija b'kummerċ internazzjonali;

(*b*) kummerċ ma' kumpanniji reġistrati f'Malta skond l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; Kap. 330.

(*ċ*) kummerċ ma' kumpanniji b'kummerċ internazzjonali oħra; u

(*d*) it-tmexxija ta' kumpanniji residenti f'Malta li l-

kummerċ tagħhom ikun ristrett għal assigurazzjoni affiljata u meta dak il-kummerċ jitmexxa esklużivament ma' persuni mhux residenti f'Malta;

(*e*) il-provvediment ta' tmexxija, amministrazzjoni jew servizzi oħra lil skemi ta' investiment kotlettiv residenti f'Malta fejn dawk l-iskemi jkunu miftuħa esklużivament għal suq barra minn Malta u jkollhom liċenza jew ikunu eżentati milli jkollhom liċenza taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment; u

Kap. 370.

(*f*) il-provdiment ta' servizzi ta' maniġġar ta' bastimenti minn kumpanniji li l-attivitajiet u l-objettivi tagħhom unikament jikkomprendu l-maniġġ ta' bastimenti li jkunu ta' mhux inqas minn elf tunnellata netti u li jitħaddmu fil-ġarr ta' merkanzija jew ta' passiġġieri:

Iżda kumpannija ma għandhiex tkun, fis-sena minnufih qabel xi sena ta' stima, kumpannija b'kummerċ internazzjonali jekk tkun qed titlob benefiċċju taħt xi disposizzjoni ta' xi liġi, li ma tkunx l-Atti dwar it-Taxxi, li jkollha l-effett li tnaqqas l-*income* tagħha li tħallas jew ir-rata ta' taxxa għal dik is-sena ta' stima, u f'dak il-każ, minkejja d-disposisizzjonijiet ta' l-artikolu 52(8)(*a*), kull deċiżjoni li tkun ġiet avżata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 52(5) ma tibqax valida. Il-proviso għandha sseħħ minkejja li l-liġi rilevanti tkun tqis li dak il-benefiċċju jingħata taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi:

Iżda sakemm il-kumpannija ma tkunx għażlet li ma tibqax kumpannija b'kummerċ internazzjonali skond l-artikolu 48(4A)(*b*)(i)(l) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa:

Kap. 372.

Iżda wkoll meta, minkejja xi disposizzjonijiet oħra ta' dan l-Att jew xi liġi oħra inkluż id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 52(8) ta' dan l-Att, l-ebda kumpannija m'għandha titqies bħala kumpannija b'kummerċ internazzjonali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2011;

"kumpannija ta' proprjetà" għandha tfisser kumpannija li għandha proprjetà immobbli sitwata f'Malta, jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà, jew kumpannija li għandha, direttament jew indirettament, ishma jew interessi f'korp ta' persuni li għandhom proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà:

Iżda meta kumpannija jew korp ta' persuni li jkollhom sengħa jew negozju, ikollhom proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà, li tikkonsisti biss f'fabbrika, maħżen jew uffiċċju li jintuża biss biex ikunu jistgħu jkomplu dik is-sengħa jew negozju, dik il-kumpannija jew korp ta' persuni għandhom, għall-finijet ta' din it-tifsira, jitqiesu li m'għandhomx proprjetà immobbli jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà jekk m'għandhomx iżjed minn ħamsin fil-mija tal-attiv li jikkonsisti fi proprjetà immobbli sitwata f'Malta u ma jwettqux xi attività li l-

*income* minnha jkun derivat direttament jew indirettament minn proprjetà immobbli sitwata f'Malta;

"kumpannija reġistrata f'Malta" tfisser kumpannija residenti f'Malta, jew kumpannija li minkejja li mhix residenti f'Malta, tmexxi attività f'Malta u f'każ ta' kumpannija li la hija inkorporata u lanqas residenti f'Malta tfisser kumpannija li hija reġistrata għal dan il-għan mal-Kummissarju b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt;

"Malta" tfisser l-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-Gżejjer l-oħra ta' l-Arċipelagu Malti, magħduda l-ibħra territorjali tagħhom u l-blata kontinentali;

"persuna" tinkludi -

(*a*) korp ta' persuni; u

(*b*) konjuġi responsabbli skond l-artikolu 49;

"persuna inkapaċitata" tfisser kull minuri, lunatiku, iblah, persuna miġnuna jew persuna taħt tutela jew kurazija;

"pitrolju" tfisser il-*hydrocarbons* kollha naturali f'forma likwida jew f'forma ta' gass inkluż żejt mhux maħdum, gass naturali, asfalt, *ozokerite* u minerali bħal dawn u gażolina naturali;

"preskritt" tfisser preskritt b'regola skond dan l-Att;

"profitti li jistgħu jitqassmu" tfisser il-profitti totali li jkunu disponibili biex jitqassmu minn kumpannija reġistrata f'Malta skond il-liġijiet li matul dak iż-żmien ikunu fis-seħħ f'Malta, u l-profitti li jistgħu jitqassmu għandhom għall-finijiet ta' dan l-Att, ikunu allokati fil-kontijiet li ġejjin, jiġifieri, kont tat-taxxa finali, kont tal-proprjetà immobbli, kont ta' *income* barrani, kont intaxxat f'Malta, u kont mhux intaxxat u għall-finijiet ta' din it-tifsira l-kontijiet jinkludu biss il-profitti li jistgħu jitqassmu kif muri fit-tifsiriet rispettivi:

Iżda meta f'każ ta' kumpannija li la hi inkorporata u lanqas residenti f'Malta il-profitti li jistgħu jitqassmu jkunu l-profitti attribwibbli għall-attivitajiet ta' dik il-kumpannija f'Malta u li għalihom il-kumpannija ġiet irreġistrata mal-Kummissarju nieqes dawk il-profitti li l-kumpannija tkun qassmet fi snin ta' qabel;

"residenti f'Malta", meta applikat għal individwu, tfisser individwu li jirrisjedi f'Malta ħlief għal dawk l-assenzi temporanji illi l-Kummissarju jidhirlu raġonevoli u mhux inkonsistenti mal-pretensjoni ta' dak l-individwu li huwa residenti f'Malta; meta applikata għal korp ta' persuni, tfisser kull korp ta' persuni li l-kontroll u t-treġija tan-negozju tiegħu huma eżerċitati f'Malta, iżda kumpannija inkorporata f'Malta fl-1 jew wara l-1 ta' Lulju 1994 tkun residenti f'Malta u kull kumpannija oħra inkorporata f'Malta tkun residenti f'Malta mill-1 ta' Jannar 1995 meta l-kontroll u t-treġija tan-negozju tal-kumpannija huma eżerċitati barra minn Malta;

"*scholarship*" tinkludi borża ta' studju, premju, għotja jew fondazzjoni ta' din ix-xorta, mogħtija jew imwaqqfa għal għanijiet ta' edukazzjoni;

"sehem b'ekwità" tfisser s-sehem tal-kapital tal-azzjonijiet

f'kumpannija li ma tkunx kumpannija li għandha proprjetà, meta dak is-sehem jagħti tal-inqas tnejn minn dawn il-jeddijiet li ġejjin lill-azzjonist (hawn iżjed 'il quddiem msejħa drittijiet ta' "sehem b'ekwità"):

(i) il-jedd lill-azzjonist li jivvota;

(ii) li jaqsam fil-profitti li jkun hemm għat-taqsim bejn l-azzjonisti; u

(iii) li jaqsam fl-attiv li jkun hemm biex jitqassam fil-każ ta' xoljiment tal-imsemmija kumpannija,

u l-frażijiet "azzjonijiet b'ekwità", "azzjonist b'ekwità" u "sehem f'azzjonijiet b'ekwità" għandhom jiftiehmu f'dan is-sens:

Iżda l-Kummissarju għandu jkun jista' jiddetermina illi sehem b'ekwità jeżisti ukoll fejn dak is-sehem mhuwiex sehem tal-kapital tal-azzjonijiet f'kumpannija jew ma jikkonsistix biss f'dak is-sehem tal-kapital tal-azzjonijiet f'kumpannija, iżda meta jkun jista' jiġi muri illi jkun hemm b'mod sostanzjali illi f'kull ħin tkun intitolata għal tal-inqas tnejn mid-drittijiet ta' sehem b'ekwità;

"sehem parteċipanti" tfisser sehem li jinħoloq meta:

(*a*) kumpannija jkollha sehem dirett ta' għal tal-anqas għaxra fil-mija tal-azzjonijiet b'ekwità ta' kumpannija li l-kapital tagħha jkun kollu jew in parti maqsum f'ishma, liema sehem jagħti d-dritt għal tal-anqas għaxra fil-mija ta' xi tnejn minn dawn li ġejjin:

(i) il-jedd lill-azzjonist li jivvota;

(ii) li jaqsam fil-profitti li jkun hemm għat-taqsim bejn l-azzjonisti; u

(iii) l-attiv li jkun hemm biex jitqassam fil-każ ta' xoljiment ta' dik il-kumpannija:

Iżda l-Kummissarju għandu jkun jista' jiddetermina li d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu huma sodisfatti ukoll meta l-imsemmi livell minimu ta' drittijiet jeżisti fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-proviso tat-tifsira "sehem b'ekwità";

(*b*) kumpannija tkun azzjonist b'ekwità f'kumpannija u l-kumpannija li tkun azzjonist b'ekwità jkollha l-jedd li tagħżel li tagħmel sejħa għal, u takkwista, il-bilanċ kollu ta' l-azzjonist b'ekwità sal-limitu permess bil-liġi tal-pajjiż fejn ikunu miżmuma l-azzjonijiet b'ekwità; jew

(*ċ*) kumpannija tkun azzjonist b'ekwità f'kumpannija u l-kumpannija li tkun azzjonist b'ekwità jkollha l-jedd għall-ewwel rifjut f'każ li jkun propost li l-azzjonijiet b'ekwità kollha li ma jkunux miżmuma minn dik il-kumpannija li tkun azzjonist b'ekwità jkunu disposti, mifdija jew kanċellati; jew

(*d*) kumpannija tkun azzjonist b'ekwità f'kumpannija u jkollha l-jedd jew li toqgħod fuq il-Bord jew li taħtar persuna biex tkun direttur tal-Bord ta' dik il-kumpannija; jew

(*e*) kumpannija li tkun azzjonist b'ekwità li għandu investiment li jirrappreżenta valur totali, kif fid-data jew dati li fihom ġie akkwistat, ta' mill-anqas miljun, mija u erbgħa u sittin elf euro (€1,164,000) (jew somma ekwivalenti f'munita barranija) f'kumpannija u dak is-sehem fil-kumpannija jinżamm għal perijodu kontinwu ta' mhux inqas minn 183 ġurnata; jew

(*f*) kumpannija li tkun azzjonist b'ekwità f'kumpannija u meta tkun qed iżżomm dawk l-azzjonijiet biex tmexxi 'l quddiem in-negozju tagħha stess u s-sehem ma jkunx miżmum bħala stokk ta' negozju għall-finijiet ta' kummerċ:

Iżda s-sehem ta' kumpannija f'korp ta' persuni kostitwit, inkorporat jew irreġistrat barra minn Malta, li ma jkunx residenti f'Malta, u jkun ta' natura simili għal soċjetà *en commandite* li l-kapital tagħha ma jkunx maqsum f'ishma kostitwita skond l-Att dwar il-Kumpanniji, għandu jitqies li jikkostitwixxi sehem parteċipanti jekk jissodisfa d-disposizzjonijiet ta' xi wieħed mill-paragrafi (*a*) sa (*f*) hawn fuq li japplikaw *mutatis mutandis* għal sehem ta' dan it-tip. Għall-finijiet ta' dan il-proviso, it-terminu "ishma b'ekwità" jew "ishma" għandu jinftiehem li jirreferi għall-kapital fl-imsemmi korp ta' persuni li jagħti l-jedd lill-possessur tiegħu għal tal-inqas tnejn minn dawn il-jeddijiet li ġejjin: Kap. 386.

(*a*) il-jedd lill-azzjonist li jivvota;

(*b*) li jaqsam fil-profitti li jkun hemm għat-taqsim; u

(*ċ*) il-jedd għall-attiv li jkun hemm biex jitqassam fil-każ ta' xoljiment ta' dak il-korp ta' persuni,

u l-kliem "azzjonist b'ekwità" għandhom jiftiehmu f'dan is-sens:

Iżda l-Kummissarju għandu jkun jista' jiddetermina illi sehem b'ekwità jeżisti ukoll fejn dik il-kumpannija partikolari m'għandhiex sehem tal-kapital tal-azzjonijiet f'kumpannija jew ma jikkonsistix biss f'dak is-sehem tal-kapital tal-azzjonijiet f'kumpannija, iżda tista' turi b'mod sostanzjali illi f'kull ħin tkun intitolata għal tal-inqas tnejn mid-drittijiet ta' sehem b'ekwità:

Iżda wkoll f'każ ta' sehem li jaqa' taħt il-limiti tal-paragrafu (*a*) hawn qabel, id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jitqiesu li ġew sodisfatti ukoll meta l-livell minimu ta' intitolamenti msemmija f'dak il-paragrafu jeżistu f'kull żmien b'referenza għaċ-ċirkostanzi msemmija fil-proviso tat-tifsira "sehem b'ekwità";

"sena ta' stima" tfisser il-perijodu ta' tnax-il xahar li jibda mill-ewwel jum ta' Jannar, 1949 u kull perijodu sussegwenti ta' tnax-il xahar;

"skema ta' investment kollettiv" tfisser kull skema jew arranġament b'liċenzja skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment; Kap. 370.

"stima personali" għandha t-tifsira lilha mogħtija fl-artikolu 10(2) u (3) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; Kap. 372.

"taxxa" tfisser it-taxxa fuq l-*income* imposta bl-Atti dwar it-Taxxi;

"telf" dwar sengħa, negozju, professjoni, jew vokazzjoni tfisser telf magħdud bl-istess mod bħal ma jingħadd il-qligħ;

Kap. 281.

"uditur pubbliku ċertifikat" tfisser individwu li jkollu *warrant* biex jaġixxi ta' uditur maħruġ skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* jew soċjetà ta' udituri reġistrati kif imiss skond l-imsemmi Att, kemm-il darba dak l-individwu ma jkunx skwalifikat u fil-każ ta' soċjetà ebda wieħed mis-soċji ma jkun individwu li hu skwalifikat mill-ħatra bħala uditur jew milli jkollu dik il-ħatra għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 153 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Kap. 386.

(2) Kliem u espressjonijiet użati f'dan l-Att li mhumiex magħrufa mil-liġi ta' Malta iżda huma magħrufa mil-liġi Ingliża għandhom, safejn huwa meħtieġ biex iseħħ dan l-Att u, kompatibbilment mad-disposizzjonijiet tiegħu, ikollhom it-tifsir li huma għandhom fil-liġi Ingliża u għandhom hekk jiftiehmu.

Amministrazzjoni ta' l-Att.
*Miżjud: XVII. 1994.5.*
Kap. 372.

**3.** L-amministrazzjoni ta' dan l-Att hi mogħtija lill-Kummissarju, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 3 u 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għandhom japplikaw għall-Kummissarju fil-qadi tas-setgħat u tal-funzjonijiet tiegħu skond dan l-Att.

---

## TAQSIMA II

### IMPOŻIZZJONI TAT-TAXXA FUQ L-*INCOME*

Impożizzjoni tat-taxxa fuq l-*income*.
*Emendat XXV. 1960.4; VIII. 1969.3; XXXV.1972.3; XLII. 1975.2; XXVIII.1978.4; IX. 1983.4; VIII.1987.2; XXXI.1988.2; XIX.1989.3; XXXVI. 1990.2; XVIII. 1993.3.*
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: XVII. 1994.6; XX. 1996.3; XI.2000.3; IX. 2001.22; II. 2003.8; II. 2004.7; A.L. 409 tal-2007.*

**4.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa fuq l-*income* għandha titħallas bir-rata jew rati speċifikati hawn taħt għas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 1993 iżda biss dwar qligħ kapitali li jkun sar fil-25 ta' Novembru, 1992 jew wara u għal kull sena ta' stima sussegwenti fuq il-qligħ kapitali kif imfisser fl-artikolu 5 li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le, u għas-sena ta' stima li tibda mill-1 ta' Jannar, 1949 u għal kull sena sussegwenti ta' stima fuq l-*income* ta' kull persuna li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le dwar -

(*a*) qligħ jew profitti minn xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni, ikun liema jkun il-perijodu ta' żmien li fih dik is-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni jkunu nħadmu jew ġew eżerċitati, inkluż il-profitt li jkun hemm minn bejgħ minn xi persuna ta' xi proprjetà akkwistata minnha għall-iskop li tagħmel profitt b'mezz ta' bejgħ, jew mit-tmexxija ta' xi mpriża li tagħmel profitti jew mit-tħaddim ta' xi skema li jagħmel profitti;

(*b*) qliegħ jew profitti minn xi impieg jew kariga, magħdud il-valur ta' kull benefiċċju provdut bis-saħħa ta' xi impieg jew kariga; u -

(i) għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-Ministru

responsabbli għall-finanzi jista' b'regolamenti jippreskrivi ċ-ċirkostanzi li fihom persuna għandha titqies li tirċievi benefiċċju mingħand persuna oħra provdut bis-saħħa ta' impieg jew kariga u l-valur ta' dak il-benefiċċju;

(ii) meta skond l-imsemmija regolamenti persuna titqies li tkun qed tirċievi xi benefiċċju provdut bis-saħħa ta' impieg jew kariga wara t-tmiem ta' dak l-impieg jew dik il-kariga u dak il-benefiċċju jiġi provdut bħala pensjoni, il-valur stabbilit skond l-imsemmija regolamenti għandu jikkostitwixxi *income* taxxabbli skond il-paragrafu (*d*).

(*ċ*) dividendi, *premiums*, mgħax (li jinkludi kull qligħ minn xi somma flus f'liema munita tkun li jkunu depożitati għand xi persuna li tkun tiġġestixxi l-kummerc ta' bankier taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju f'liema kont ikun) jew skonti: Kap. 371.

Iżda minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, dak l-*income* ta' kumpannija li jkun ġej minn kumpannija sussidjarja bankarja *offshore* għandu jikkostitwixxi *income* taxxabbli taħt il-paragrafu (*a*) u d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 56(6) ikunu japplikaw għal dak l-*income*;

(*d*) pensjoni, *charge* jew somma fis-sena jew ħlas fis-sena;

(*e*) kera, *royalties*, *premiums* u kull profitt ieħor li jkun hemm minn proprjetà;

(*f*) *Imħassar bl-Att XX.1996.3.*

(*g*) qligħ jew profitti li ma jaqgħux taħt xi wieħed mill-paragrafi ta' qabel:

Iżda:

(i) fil-każ ta' *income* li jinqala' barra minn Malta minn persuna li ma tkunx ordinarjament residenti f'Malta jew mhux domiċiljata f'Malta, it-taxxa għandha titħallas fuq l-ammont li jasal f'Malta;

(ii) ma titħallas ebda taxxa fuq qligħ kapitali li jinqala' barra minn Malta minn persuna li ma tkunx ordinarjament residenti f'Malta jew mhux domiċiljata f'Malta jew lil persuna li tkun qiegħda tiġi ntaxxata bir-rata ta' 15-il ċenteżmu (0.15) kif stipulata fl-artikolu 56(11);

(iii) fil-każ ta' xi persuna li tkun qiegħda tiġi ntaxxata bir-rata ta' 15-il ċenteżmu (0.15) kif stipulata fl-artikolu 56(11), it-taxxa għandha titħallas biss fuq kull *income* jew qligħ kapitali li jinqala' f'Malta u li jiġi riċevut f'Malta.

(2) Kull somma rjalizzata taħt xi sigurtà dwar telf ta' profitti għandha tkun magħduda fl-iffissar ta' profitti jew *income.*

(3) Meta persuna jkollha f'Malta impriża tal-biedja ta' xi manifattura jew xi mpriża oħra produttiva, ikollhom seħħ dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin, jiġifieri:

(*a*) jekk dik il-persuna tbigħ xi prodott ta' l-impriża f'suq bl-ingrossa, barra minn Malta jew għal kunsinna barra minn Malta, sew jekk il-kuntratt isir f'Malta jew barra minn Malta, il-profitt kollu li jkun hemm mill-bejgħ għandu jitqies li huwa *income* ta' dik il-persuna li jinġabar f'Malta jew li jkun derivat minn Malta:

Iżda jekk il-Kummissarju jara b'sodisfazzjon tiegħu illi l-profitt żdied b'mezz ta' trattament tal-prodott barra minn Malta minbarra mill-immaniġġar, gradazzjoni, taħlit, għażil, ippakkjar jew disponiment, dik iż-żieda tal-profitti ma għandhiex titqies li hija *income* li jinġabar f'Malta jew li jkun derivat minn Malta;

(*b*) jekk dik il-persuna xort'oħra tiddisponi minn, tuża jew titratta xi prodott ta' l-impriża, barra minn Malta, il-profitt, li kien jinkiseb li kieku dik il-persuna kienet biegħet il-prodott bl-ikbar vantaġġ f'suq bl-ingrossa barra minn Malta, għandu jitqies li huwa l-profitt minn dak id-disponiment, trattament jew użu, u bħala l-*income* ta' dik il-persuna li jinġabar f'Malta jew li jkun derivat minn Malta.

(4) Meta korp ta' persuni imexxi każin jew istituzzjoni simili u jdaħħal mill-membri mhux inqas minn nofs tad-dħul gross fuq il-kont tad-dħul ta' flus (magħdudin il-ħlas għall-ammissjoni u sottoskrizzjonijiet), ma għandux jitqies li qed jagħmel negozju; imma meta anqas minn nofs tad-dħul *gross* tiegħu jidħlu mill-membri, kollu kemm huwa l-*income* minn operazzjonijiet sew mal-membri kemm m'oħrajn (magħdudin il-ħlas ta' l-ammissjoni u sottoskrizzjonijiet) għandu jitqies li huma flus li jidħlu minn negozju, u l-korp ta' persuni jiġi ntaxxat jew dwar il-profitti minn dak in-negozju jew dwar l-*income* li kien ikun iffissat li kieku ma kienx jitqies li qed jagħmel negozju, liema jkun l-ikbar ammont.

F'dan is-subartikolu "membri" dwar korp ta' persuni tfisser dawk il-persuni li jkunu ntitulati għall-vot f'laqgħa ġenerali tal-korp li fiha kontroll effettiv ikun eżerċitat fuq l-affarijiet tiegħu.

Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiswa li tannulla jew tnaqqas eżenzjoni mogħtija fl-artikolu 12 ħlief kif maħsub fis-subartikolu (1)(*l*) tiegħu.

(5) Meta skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24 għandu jsir *balancing charge*, l-ammont tiegħu għandu jitqies li jkun *income* taxxabbli skond dan l-Att.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7), max-xoljiment, għal kollox jew f'parti, ta' kull soċjetà jew fond ta' pensjoni, tfaddil, prevvidenza jew soċjetà oħra jew fond ieħor approvat mill-Kummissarju għall-finijiet ta' l-artkolu 53(1)(*b*)(ii), għandhom jibdew iseħħu d-disposizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) kull rifużjoni, ħlas lura, gratifikazzjoni, *bonus*, ħlas,

kumpens jew għoti lura jew benefiċċju ieħor imħallas jew dovut lil xi persuna minħabba x-xoljiment għandu, minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att jew f'xi liġi, dokument, att, kuntratt, ftehim jew kitba oħra, jitqies li jikkostitwixxi *income* suġġett għat-taxxa f'idejn l-imsemmija soċjetà jew fond ta' pensjoni, tfaddil, prevvidenza jew soċjetà oħra jew fond ieħor fis-sena ta' stima li fiha jkun ingħata jew ikun hekk dovut u li ma jikkostitwix *income* suġġett għat-taxxa f'idejn il-persuna li lilha jitħallas jew ikun dovut; u

(*b*) ebda ħlas lura, rifużjoni, gratifikazzjoni, *bonus*, ħlas, kumpens jew għoti lura jew benefiċċju ieħor ma għandu jitħallas kif intqal qabel jekk qabel ma tkunx tħallset it-taxxa dovuta skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu.

(7) Is-subartikolu (6) ma japplikax -

(i) għal xi benefiċċju, jew valur tiegħu, li jkun suġġett għat-taxxa skond is-subartikolu (6) u li jkun tħallas jew li jkollu jitħallas lil membri ta' l-imsemmija soċjetà jew fond ta' pensjoni, tfaddil, prevvidenza jew soċjetà oħra jew kont ieħor, jew lil benefiċjarji oħra li jagħmlu t-talba tagħhom permezz tagħhom jew taħthom, skond il-kondizzjonijiet li bihom l-imsemmija soċjetà jew fond ta' pensjoni, tfaddil, prevvidenza jew soċjetà oħra jew fond ieħor ikunu ġew approvati mill-Kummissarju; jew

(ii) għal xi somma kapitali eżentata mit-taxxa skond l-artikolu 12(1)(*g*).

Profitti jew *income* qabel bdil fir-residenza jew domiċilju.
*Miżjud: I. 2010.11.*

**4A.** Meta persuna -

(i) tibdel ir-residenza tagħha u ssir residenti f'Malta u ma kienet fl-ebda żmien domiċiljata jew residenti f'Malta qabel dik il-bidla fir-residenza; jew

(ii) tibdel id-domiċilju tagħha u ssir domiċiljata f'Malta u fl-ebda żmien ma kienet domiċiljata jew residenti f'Malta qabel dik il-bidla fid-domiċilju; jew

(iii) tkun "kumpannija li tirriżulta mill-amalgamazzjoni" li hija reġistrata f'Malta kif stabbilit fir-regolament 3(2) tal-Cross-border Mergers of Limited Liability Companies Regulations (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "Cross-border Mergers Regulations") u l-ebda attiv li kien proprjetà tal-kumpannija fil-ġurnata tal-amalgamazzjoni ma kien proprjetà ta' xi kumpannija ta' amalgamazzjoni li tkun domiċiljata u, jew residenti f'Malta fi kwalunkwe żmien qabel id-data tal-amalgamazzjoni partikolari, L.S. 386.12

u tagħmel għażla għall-finijiet ta' dan il-paragrafu permezz ta' avviż bil-miktub lill-Kummissarju, l-attiv kollu li huwa sitwat barra minn Malta u li ġie akkwistat minnha, jew f'każ ta' kumpannija li tirriżulta mill-amalgamazzjoni, minn kull kumpannija li tkun ser tingħaqad li mhix residenti, qabel il-bidla msemmija aktar 'il fuq fid-domiċilju jew residenza jew qabel id-dħul fis-seħħ tal-amalgamazzjoni (li kull waħda minnhom hawn iżjed 'il quddiem tissejjaħ "ġrajja"), għandu jitqies, għall-finijiet sabiex jiġi kkalkulat kull *income* li ma kienx ikun soġġett għat-taxxa li kieku inqala' qabel ma seħħet il-ġrajja partikolari, li kien attiv akkwistat fid-data li seħħet il-ġrajja partikolari, bi prezz li jkun pruvat għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li huwa l-valur tas-suq li kellu fid-data tal-imsemmija ġrajja:

Iżda dik l-għażla m'għandhiex tkun disponibbli sakemm il-persuna partikolari teżerċita l-għażla sa mhux iktar tard mit-tmiem tas-sena ta' stima li tiġi minnufih wara s-sena bażi li fiha sseħħ il-ġrajja.

Qligħ kapitali.
*Miżjud: XVIII. 1993.4. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XVII. 1994.7; XXII.1995.2; XX. 1996.4; V. 1998.8; XVII.1998.70; XI.2000.4; IX. 2001.23; II. 2004.8; XIII. 2004.51; II. 2006.7; II. 2009.10; I. 2010.12.*

**5.**(1) (*a*) Qligħ kapitali derivat minn persuna mit-trasferiment ta' attiv għandu jiġi ntaxxat skond ma hemm fl-artikolu 4(1). Minkejja kull ħaġa li tinsab x'imkien ieħor f'dan l-Att, dak il-qligħ għandu jiġi aċċertat kif stipulat f'dan l-artikolu u b'dak il-mod li jista' jiġi stabbilit. Il-qligħ kapitali li għalih igħoddu d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu huwa:

(i) qligħ jew profitt li jinqala' mit-trasferiment ta' proprjetà jew użufrutt ta' kull proprjetà immobbli jew assenjament jew ċessjoni ta' kull jedd fuq dik il-proprjetà;

(ii) qligħ jew profitt li jinqala' mit-trasferiment ta' proprjetà jew użufrutt ta', jew mill-assenjament jew ċessjoni ta' kull jedd fuq titoli, negozju, avvjament, permessi ta' negozju, drittijiet ta' l-awtur, privattivi, *trade marks* u l-ismijiet ta' ditti kummerċjali; u

(iii) qligħ jew profitt li jinqala' mit-trasferiment ta' l-interess benefiċjarju fi *trust* skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (19). Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, "trasferiment ta' l-interess benefiċjarju fi *trust*" tinkludi trasferiment ta' interess benefiċjarju sħiħ jew parzjali fi *trust* u kull trasferiment ta' kull interess sħiħ jew parzjali bħal dak bħala riżultat ta' rinunzja għal dak l-interess jew riżultat ta' persuna li ma tibqax benefiċjarja ta' dak it-*trust*;

(iv) qligħ jew profitt li jinqala' mit-trasferiment ta' titoli kif previst fis-subartikolu (9A) u minn trasferiment tal-valur ta' titoli kif previst fis-subartikolu (13)(*b*)(ii).

(*b*) F'dan l-artikolu -

"trasferiment" tinkludi kull assenjament, bejgħ, enfitewsi jew subenfitewsi, qsim, donazzjoni, tqegħid ta' proprjetà fi *trust*, tqassim u riverżjoni ta' proprjetà mqiegħda fi *trust*, bejgħ bi ħlas gradwali u kull trasferiment b'kull titolu inkluż fidi, likwidazzjoni jew kanċellament ta' unitajiet jew azzjonijiet fi skema ta' investiment kollettiv kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment u *maturity* jew *surrender* ta' poloz tal-assigurazzjoni *linked long term*, u kull operazzjoni li titqies li hi trasferiment skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (9A) u (13)(*b*), iżda ma tinkludix trasferiment *causa mortis;* u Kap. 370.

"titoli" tfisser ishma u *stocks* u kull dokument tali li b'kull mod ikollu sehem fil-profitt ta' kumpannija u li l-imgħax tiegħu mhuwiex limitat b'xi rata ta' imgħax fissa, unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv kif imfissra fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u unitajiet u strumenti oħra bħalhom dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term*. Kap. 370.

(2) Għall-fini li jiġi aċċertat x'inhu l-qligħ jew il-profitt li jsir minn trasferiment ta' proprjetà immobbli skond is-subartikolu (1)(*a*)(i) -

(*a*) għandhom jitnaqqsu b'dak il-mod u f'dak l-ammont li jista' jiġi stabbilit, l-ispiża li ssir għall-akkwist, l-element ta' inflazzjoni, kull ċens imħallas fuq il-proprjetà u li dwaru ma jsir ebda tnaqqis għal min iħallas it-taxxa skond kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, il-manutenzjoni, il-benefikati, spejjeż ohra li żiedu l-valur tal-proprjetà immobbli minn meta tkun ġiet akkwistata u spejjeż oħra li għandhom x'jaqsmu b'mod dirett mat-trasferiment;

(*b*) kull trasferiment ta' proprjetà immobbli permezz ta' permuta għandu jitqies bħallikieku kienu qegħdin isiru atti ta' trasferiment separati bejn il-partijiet f'dak l-att;

(*ċ*) meta proprjetà immobbli tingħata b'enfitewsi jew sub-enfitewsi għal żmien li qabeż il-ħamsin sena, jew li jista' jiġi estiż għal dawk il-perijodi, għandhom japplikaw dawn ir-regoli li ġejjin:

(i) meta l-*premium* jeċċedi l-ammont minfuq fl-akkwist skond il-paragrafu (*a*), dak l-eċċess għandu jitqies bħala qligħ jew profitt;

(ii) meta l-ammont minfuq fl-akkwist skond il-paragrafu (*a*) jeċċedi l-*premium* dak l-eċċess għandu jitnaqqas minn kull qligħ jew profitt li jirriżulta skond ma hemm fis-subparagrafu (iii);

(iii) ma għandu jitqies ebda ċens jew żieda fiċ-ċens li tidħol fit-trasferiment sakemm dak iċ-ċens jew żieda fiċ-ċens ma tinfediex, jew sakemm id-*directum dominium* jew *subdirectum dominium* skond il-każ, ma jiġix trasferit u f'dak il-każ kull qligħ jew profitt jitqies li jkun il-prezz għall-

fidwa jew bejgħ li minnu jitnaqqas kull tnaqqis skond ma hemm fis-subparagrafu (ii);

(*d*) (i) trasferiment ma jinkludix kuntratt ta’ qsim fejn ebda kumpens ma jkun dovut lil xi wieħed minn dawk li jaqsmu l-proprjetà, u mat-trasferiment ta’ proprjetà minn xi wieħed li jkun jaqsam l-ammont minfuq fl-akkwist għandu jitqies bħala l-ammont minfuq fl-akkwist tal-proprjetà involuta filwaqt ta’ l-akkwist minn dak il-wieħed li jkun qasam;

(ii) għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu għandha titqies biss dik il-proprjetà immobbli li tkun proprjetà komuni u li tinqasam, u meta jingħataw flus jew jiġu trasferiti mobbli oħra li jkunu kollha proprjetà komuni lil wieħed minn dawk li jaqsmu bħala kunsiderazzjoni għat-tnaqqis fis-sehem ta’ l-immobbli mogħtija jew trasferiti lilu, il-qasma għandha titqies bħala waħda li fiha jkun tħallas kumpens;

(iii) meta persuna tirċievi kumpens fuq kuntratt ta’ qsim hija għandha titqies li tkun għamlet qligħ kapitali ekwivalenti għal daqskemm tkun iż-żieda fil-valur tal-proprjetà bejn iż-żmien tal-akkwist minn dawk li jkunu qasmu bejniethom u ż-żmien tal-qasam, b’dan illi t-taxxa fuq il-qligħ kapitali għandha biss titħallas fi żmien il-qasma fuq dak is-sehem tal-qligħ kapitali magħmul hekk kif mhux magħdud fiż-żieda fil-valur tal-proprjetà mogħtija lil dak il-wieħed li jkun qasam bejn iż-żmien tal-akkwist minn dawk li jaqsmu u l-qasma, u meta dak il-wieħed li jkun qasam jittrasferixxi l-proprjetà mogħtija lilu l-ammont minfuq fl-akkwist għandu jitqies bħala l-ammont minfuq fl-immobbli meta dawn jiġu akkwistati minn dawk kollha li jaqsmu qabel ma jkunu qasmu;

(iv) meta wieħed li jkun qasam iħallas kumpens fi żmien il-qasma, huwa għandu jitqies li ma jkunx għamel qligħ kapitali fi żmien il-qasma, u meta dak il-wieħed li jkun qasam jittrasferixxi proprjetà immobbli mogħtija lilu fil-qasma, l-ammont minfuq fl-akkwist għandu jitqies bħala dak is-sehem tas-somma ta’ l-ammont minfuq fl-akkwist tas-sehem ta’ min qiegħed jaqsam fl-immobbli kollha maqsuma flimkien mal-kumpens imħallas mal-kuntratt tal-qasma, daqskemm huwa ekwivalenti għas-sehem mill-valur tal-immobbli trasferit għall-valur totali ta’ immobbli mogħtija lil dak il-wieħed li jkun qasam fil-kuntratt ta’ akkwist;

(*e*) donazzjoni għandha titqies daqslikieku bejgħ magħmul bil-valur kummerċjali tal-proprjetà fil-waqt tat-

trasferiment. Iżda ma għandha titħallas ebda taxxa meta d-donazzjoni ssir minn persuna lil:

(i) konjuġi, dixxendenti u axxendenti f'linja diretta u l-konjuġi tagħhom, jew fin-nuqqas ta' dixxendenti lil ħutu subien jew bniet u d-dixxendenti tagħhom, jew

(ii) istituzzjonijiet filantropiċi approvati għall-finijiet ta' l-artikolu 12(1)(*e*);

(*f*) mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12(1)(*e*), meta l-proprjetà msemmija fil-paragrafu (*e*) titneħħa minn min ikun irċeviha b'donazzjoni fi żmien ħames snin minn meta tkun saret id-donazzjoni, min ikun irċieva d-donazzjoni għandu jintalab iħallas fuq il-qligħ aċċertat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu billi jikkunsidra l-ammont minfuq fl-akkwist tal-proprjetà meta din ġiet akkwistata minn min ikun għamel id-donazzjoni; jekk il-proprjetà tinbiegħ minn min ikun irċieva d-donazzjoni wara li jgħaddu ħames snin l-ammont minfuq fl-akkwist għandu jitqies li jkun il-valur tal-proprjetà hekk kif dikjarat fl-att tad-donazzjoni;

(*g*) qligħ u profitti li għandhom x'jaqsmu ma' trasferiment b'donazzjoni, tqegħid ta' proprjetà fi *trust*, jew tqassim jew riverżjoni ta' proprjetà mqiegħda fi *trust* ifisser id-differenza fil-valur kummerċjali tal-proprjetà fiż-żmien tad-donazzjoni, tqegħid, tqassim jew riverżjoni u l-ammont ta' l-akkwist tal-proprjetà fiż-żmien ta' l-akkwist mid-donatur, *settlor* jew *trustee* skond il-każ. Id-dokument rilevanti li permezz tiegħu ingħataw effett it-trasferimenti msemmija għandu jinkludi dikjarazzjoni ta' l-imsemmi valur kummerċjali.

(3) Għall-fini tal-aċċertament tal-qligħ jew profitt li jsir minn xi trasferiment ta' proprjetà skond is-subartikolu (1)(*a*)(ii):

(*a*) l-ammont minfuq fl-akkwist ta' ishma qabel il-25 ta' Novembru, 1992 għandu jiġi valorizzat jew fuq il-Metodu ta' Ekwità ta' valutazzjoni ta' ishma (valur nett tal-attiv) bażat fuq l-aħħar kontijiet mogħtijin lill-Kummissarju fit-18 ta' Diċembru, 1992 billi jitqies il-valur ta' proprjetà immobbli eżistenti fil-kontijiet imsemmija u dan jiġi aġġustat skond ma hemm fis-subartikolu (2)(*a*), jew fuq il-prezz tax-xiri attwali, skond liema hu l-ogħla;

(*b*) ishma elenkati kwotati fi *Stock Exchange* fil-25 ta' Novembru, 1992 għandhom jiġu valorizzati skond il-prezz eżistenti f'dik id-data; u f'każ ta' ishma kkwotati fi flus barranin, għandha tintuża r-rata tal-kambju (*middle rate* tal-Bank Ċentrali) tad-data msemmija;

(*ċ*) ishma akkwistati wara l-25 ta' Novembru, 1992 għandhom jiġu valorizzati fuq l-ammont minfuq fl-

akkwist tagħhom:

Iżda dwar ishma akkwistati taħt xi skema *share option* dawn għandhom jiġu valorizzati skond regoli li jistgħu jsiru mill-Ministru responsabbli għall-finanzi:

Iżda wkoll fejn ammont li jkun qiegħed għall-kreditu ta' xi wieħed mill-kontijiet ta' riżerva ta' kumpannija, ħlief il-fond ta' riżerva għall-fidi ta' kapital u profitti disponibbli għad-distribuzzjoni, jiġi applikat biex jiġu mħallsa sa kull limitu xi ishma allokati mill-kumpannija, il-kost li kien intefaq għall-akkwist ta' dawk l-ishma għandha tkun żero;

(*d*) meta mat-trasferiment ta' ishma il-jeddijiet marbutin ma' dawk l-ishma jinbidlu b'liema mod ikun, il-valur tat-trasferiment ta' dawk l-ishma għandu jitqies daqslikieku ma saret ebda bidla bħala dik;

(*e*) kull trasferiment li jikkonsisti fi skambju għandu jitqies bħallikieku jkunu qegħdin isiru żewġ trasferimenti separati; u

(*f*) id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2)(*d*), (*e*), (*f*) u (*g*) għandhom ikunu jgħoddu *mutatis mutandis* għal dan is-subartikolu;

Kap. 345.

(*g*) fil-każ ta' trasferiment ta' ishma elenkati f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, li mhumiex titoli fi skema ta' investiment kollettiv u li mhumiex eżentati mit-taxxa taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6)(*b*):

(i) il-valur tat-trasferiment m'għandu fl-ebda każ jeċċedi l-valur fis-suq tal-imsemmija ishma minnufih wara li jiġu mdaħħla fil-lista, u

(ii) il-prezz ta' akkwist li jiġi kkunsidrat għandu jkun il-prezz ta' akkwist tal-ishma oriġinali:

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "ishma oriġinali" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fis-subartikolu (6)(*b*).

(4) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2)(*d*) għandhom ikunu jgħoddu *mutatis mutandis* meta l-attiv maqsum ikun jinkludi kull attiv skond is-subartikolu (1)(*a*)(i) u (ii).

(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(*a*)(i) ma għandhomx ikunu jgħoddu għal qligħ jew profitt li għandu x'jaqsam mat-trasferiment ta' proprjetà immobbli:

(*a*) meta kopja ta' l-att ta' trasferiment relattiv li jkollu data qabel il-25 ta' Novembru, 1992 jew tal-konvenju relattiv ta' trasferiment jew xiri li jkollu wkoll data qabel il-25 ta' Novembru, 1992, magħmul favur min se jakkwista, ikun ġie debitament reġistrat għand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni sa l-1 ta' Diċembru, 1992 u jkun inħareġ ċertifikat mill-Kummissarju dwar dik ir-reġistrazzjoni u f'każ ta' att ta' trasferiment, l-att ikun ġie insinwat kif imiss fir-Reġistru Pubbliku sa

l-1 ta' Diċembru, 1992;

(*b*) meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-proprjetà jew sehem indiviż mill-proprjetà kienet proprjetà ta' min għamel it-trasferiment u okkupata minnu bħala r-residenza tiegħu stess għal perijodu ta' mill-anqas tliet snin li jiġu minnufih qabel id-data ta' trasferiment u sakemm il-proprjetà titneħħa fi żmien tnax-il xahar minn meta jitbattal il-fond;

(*ċ*) għall-finijiet tal-paragrafu (*b*) "residenza tiegħu stess" tfisser ir-residenza prinċipali li jkollu min iħallas it-taxxa jew il-konjuġi tiegħu li tkun dar ta' residenza li kienet ir-residenza unika jew prinċipali tal-proprjetarju. Garaxx imniffed ma' dar jew blokk appartamenti jew li jinsab taħthom, jew garaxx ta' mhux aktar minn tletin metru kwadru li jkun jinsab f'distanza ta' ħames mitt metru mid-dar ta' residenza, u li jiġi trasferit bl-istess att flimkien mar-residenza prinċipali għandu jitqies bħala li jagħmel sehem mir-residenza. Il-perijodu ta' residenza jinkludi l-okkupazzjoni fiżika tal-fond u kull nuqqas minn Malta bħalma hu minħabba f'xi mpieg estern, mard, vakanza jew studju. Jekk xi parti mid-dar tintuża esklusivament għal għanijiet kummerċjali f'xi żmien matul sentejn qabel it-trasferiment din ma għandhiex titqies bħala "residenza tiegħu stess" u din il-parti għandha tinqasam fuq il-bażi ta' l-area okkupata għal dan il-għan bħala proporzjon ta' l-area kollha tad-dar residenzjali relattiva;

(*d*) meta l-proprjetà tkun ittieħdet mill-Gvern u l-President ta' Malta jkun ħareġ dikjarazzjoni dwar hekk skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi qabel il-25 ta' Novembru, 1992; Kap. 88.

(*e*) meta l-proprjetà tiġi trasferita bejn il-konjuġi wara li ssir firda bil-qorti jew bil-kunsens tat-tnejn;

(*f*) meta l-proprjetà kienet tagħmel sehem mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjuġi jew kienet mod ieħor proprjetà komuni bejniethom u tiġi trasferita lil xi konjuġi max-xoljiment tal-komunjoni jew tinqasam bejn il-konjuġi, jew bejn il-konjuġi li jibqa' ħaj u l-werrieta tal-konjuġi mejjet;

(*g*) meta l-proprjetà tiġi trasferita b'enfitewsi għal ħamsin sena jew inqas.

(6) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(*a*)(ii) ma għandhomx japplikaw għal qligħ jew profitt li għandu x'jaqsam ma':

(*a*) (*mħassar bl-Att II. 2009.10.*);

(*b*) it-trasferiment ta' ishma li jkunu elenkati f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, u li ma jkunux ishma fi skema ta' investiment kollettiv: Kap. 345.

Iżda l-eżenzjoni kif provduta f'dan il-paragrafu

m'għandhiex tapplika fejn it-trasferiment ikun sar minn persuna li kellha l-imsemmija ishma jew l-ishma oriġinali, minnufih qabel l-imsemmija ishma jew l-ishma oriġinali kienu mdaħħla fil-lista: Għall-finijet ta' dan il-paragrafu "ishma oriġinali" tfisser l-ishma miżmuma minn persuna li kienu mdaħħla fil-lista u li jirrappreżentaw l-ishma li qed jiġu trasferiti:

Iżda wkoll meta dik il-persuna kellha ishma f'kumpannija minnufih qabel kienu mdaħħla fil-lista u akkwistat ukoll iktar ishma mdaħħla fil-lista fl-istess kumpannija wara d-dħul inizjali tal-ishma fil-lista tal-kumpannija, kull trasferiment tal-ishma li jsir minn dik il-persuna għandu l-ewwel jitqies li jkun trasferiment ta' ishma akkwistati wara d-dħul fil-lista inizjali:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet taż-żewġ proviso minnufih qabel dan għandhom japplikaw biss meta l-ishma trasferiti ġew ammessi għall-ħruġ fl-1 ta' Jannar, 2010 jew wara.

Kap. 345.

(*ċ*) trasferiment ta' titoli elenkati f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji li jkunu titoli fi skema ta' investiment kollettiv miżmuma f'fond preskritt kif imfisser fl-artikolu 41A(*b*);

(*d*) trasferiment ta' unitajiet u strumenti oħra bħalhom dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term* meta l-benefiċċji huma għal kollox stabbiliti b'riferenza għall-valur ta', jew *income* minn, titoli li għalihom japplika jew il-paragrafu (*b*) jew (*ċ*);

(*e*) proprjetà trasferita fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (5)(*e*) u (*f*).

(7) Meta persuna jkollha jedd għall-*allowances* kapitali skond l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*) dwar attiv li jkun inbiegħ bi prezz li jeċċedi l-ammont minfuq fl-akkwist tiegħu u kull benefikat magħmul dwaru, l-ammont minfuq fl-akkwist għandu jinħadem fuq l-ammont minfuq fl-akkwist u l-ammont minfuq f'kull benefikat magħmul dwaru.

(8) Meta attiv imsemmi fis-subartikolu (1)(*a*) li jkun użat f'negozju għal perijodu ta' mill-inqas tliet snin jiġi trasferit u fi żmien sena jitqiegħed floku attiv li jiġi unikament użat għal għan simili fin-negozju, kull qligħ kapitali li jintgħamel mat-trasferiment ma għandux jiġi ntaxxat iżda l-ammont minfuq fl-akkwist ta' l-attiv ġdid għandu jitnaqqas bil-qligħ imsemmi. Meta l-attiv jitneħħa mingħajr ma jitqiegħed xejn minfloku, l-*income*, kemm jekk jiġi ntaxxat taħt dan l-artikolu jew taħt l-artikolu 4(1)(*a*), għandu jitqies ukoll il-prezz tat-trasferiment kif ukoll l-ammont minfuq fl-akkwist imnaqqas kif imsemmi qabel:

Iżda, sakemm ma jiġix awtorizzat mod ieħor mill-Kummissarju, għandha titħallas taxxa proviżorja kif provdut fl-artikolu 43(1)(*b*) ta' dak l-Att fuq kull trasferiment li japplika għalih dan is-subartikolu:

Iżda wkoll jekk il-qligħ kapitali jkun ogħla mill-ammont

minfuq fl-akkwist tal-proprjetà li titqiegħed flok ta' qabel kull eċċess għandu jkun taxxabbli fis-sena li fiha l-proprjetà li titqiegħed flok ta' qabel kienet ġiet akkwistata u l-ammont minfuq fl-akkwist tal-proprjetà li titqiegħed flok ta' qabel li għandu jitqies fi trasferiment sussegwenti għandu jkun żero.

(9) (i) Meta attiv ikun trasferit minn kumpannija għal kumpannija oħra u dawk il-kumpanniji:

(*a*) jkunu meqjusa bħala grupp ta' kumpanniji għall-finijiet ta' l-artikolu 16; jew

(*b*) ikunu kkontrollati u l-istess azzjonisti jkunu proprjetarji li jibbenefikaw direttament jew indirettament minnhom b'iktar minn ħamsin fil-mija,

għandu jitqies li la kien hemm telf u lanqas qligħ minn dak it-trasferiment. Sabiex ikun aċċertat l-*income*, kemm jekk jiġi ntaxxat taħt dan l-artikolu jew taħt l-artikolu 4(1)(*a*), meta dak l-attiv ikun sussegwentement trasferit minn kumpannija għal oħra li ma tkunx taqa' skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*a*) jew (*b*), jew lil persuna oħra, skond il-każ, il-kost bażiku u d-data ta' l-akkwist ta' l-attiv li għandu jiġi kkunsidrat ikun il-kost oriġinali u d-data meta jkun ġie akkwistat qabel ma sar it-trasferiment mill-ewwel kumpannija, li tkun kumpannija fi ħdan il-grupp:

Iżda l-Ministru jista' b'regoli jippreskrivi kondizzjonijiet għall-ħelsien mit-taxxa maħsub f'dan is-subartikolu li jkunu differenti minn dawk provduti f'dan il-paragrafu, u dawk ir-regoli jkunu japplikaw għal trasferimenti li jsiru wara dik id-data li tista' tkun preskritta.

(ii) Fejn xi attiv, li jinkwadra fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (i) ikun jikkonsisti fi proprjetà immobbli li tiġi trasferita minn kumpannija lil kumpannija oħra li tkun taqa' taħt id-disposizzjonijiet tas-subparagrafi (*a*) u (*b*) ta' l-imsemmi paragrafu, jew ta' regoli preskritti skond l-imsemmi paragrafu, jew fejn l-imsemmija proprjetà immobbli tiġi sussegwentement trasferita lil xi kumpannija oħra li ma tkunx taqa' taħt id-disposizzjonijet imsemmija jew lil xi persuna oħra, skond il-każ, in-nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment relattiv għandu jehmeż ma' l-imsemmi att, avviż li jkun magħmul b'dak il-mod u li jkun fih dawk id-dettalji li jistgħu jkunu ordnati mill-Ministru.

(iii) Meta l-attiv imsemmi fil-paragrafu (i) jikkonsisti fi proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew ishma f'kumpannija ta' proprjetà, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw biss meta il-proprjetarji benefiċjarji individwali tal-kumpanniji msemmija fil-paragrafu (i) huma l-istess u kull wieħed minn dawk l-individwi għandu direttament jew indirettament, sostanzjalment l-istess perċentwali ta' interess fil-kapital azzjonarju nominali u drittijiet ta'

vot f'kull waħda mill-imsemmija kumpanniji. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "kumpannija ta' proprjetà" tfisser kumpannija li għandha proprjetà immobbli sitwata f'Malta, jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà, jew kumpannija li għandha, direttament jew indirettament, ishma jew interessi f'korp ta' persuni li għandhom proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu individwu jitqies li għandu sostanzjalment l-istess perċentwali ta' interess fil-kapital azzjonarju nominali u drittijiet ta' vot f'kull waħda mill-imsemmija kumpanniji meta d-differenza bejn il-perċentwali ta' interess li għandu f'kull kumpannija ma teċċedix l-għoxrin fil-mija:

Iżda wkoll meta individwu, direttament jew indirettament, ikollu inqas minn għoxrin fil-mija tal-kapital azzjonarju nominali u drittijiet ta' vot f'waħda biss mill-kumpanniji msemmija, dak l-individwu, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, m'għandux jiġi kkunsidrat biex jiġi stabbilit jekk il-proprjetarji benefiċjarji individwali diretti jew indiretti tal-kumpanniji msemmija huma l-istess:

Iżda wkoll jekk iżjed minn wieħed mill-individwi jkollu, direttament jew indirettament, inqas minn għoxrin fil-mija tal-kapital azzjonarju nominali u drittijiet ta' vot f'waħda biss mill-imsemmija kumpanniji, il-proviso ta' qabel dan m'għandux japplika jekk dawk l-individwi flimkien ikollhom, direttament jew indirettament, għoxrin fil-mija jew iżjed tal-kapital azzjonarju nominali jew drittijiet ta' vot f'dik il-kumpannija:

Iżda wkoll dan il-paragrafu kollu m'għandux japplika, fejn il-kumpanniji msemmija fil-paragrafu (i) huma proprjetà sa tmenin fil-mija jew iżjed, direttament jew indirettament, ta' kumpannija, li ttitoli tagħha huma elenkati f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji.

Kap. 345.

(9A) (*a*) Jekk kumpannija ("il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata") ikollha ishma f'kumpannija, liema ishma jkunu ġew akkwistati mingħand kumpannija oħra, u dak l-akkwist kien eżenti mit-taxxa taħt is-subartikolu (9), dan is-subartikolu għandu japplika jekk il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp oriġinali qabel ma jgħaddu sitt snin mid-data ta' dak l-akkwist. Ir-referenzi f'dan is-subartikolu għal kumpannija li ma tibqax membru ta' grupp ma japplikawx għal każijiet meta kumpannija ma tibqax membru tal-grupp oriġinali billi tiġi stralċjata jew xolta jew bħala riżultat tal-istralċ jew ix-xoljiment ta' membru ieħor tal-grupp oriġinali:

Iżda meta kumpannija ma tibqax membru tal-grupp

oriġinali billi tiġi stralċjata jew xolta, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp oriġinali taħt il-paragrafu (*b*), dik il-kumpannija għandha titqies li tkompli teżisti.

(*b*) Il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata m'għandhiex tibqa' membru tal-grupp oriġinali, jekk dik il-kumpannija u l-kumpannija li mingħandha tkun akkwistat l-ishma msemmija fil-paragrafu (*a*) ma jibqgħux jissodisfaw id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (9)(i) u (iii) u dik id-deċiżjoni għandha ssir b'referenza għall-istess individwi msemmija fil-paragrafu (iii) tal-istess subartikolu li jkun ġie meqjus biex jiġi stabbilit jekk iż-żewġ kumpanniji msemmija f'dan il-paragrafu ssodisfawx id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (9)(i) u (iii) fid-data tal-akkwist imsemmi fil-paragrafu (*a*) aktar qabel:

Iżda meta l-akkwist imsemmi fil-paragrafu (*a*) ikun sar qabel l-ewwel ta' Jannar 2010, is-subartikolu (9)(iii) m'għandux jitqies għall-finijiet ta' deċiżjoni jekk il-kumpannija ma tibqax membru ta' grupp.

(*ċ*) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-kliem "grupp oriġinali" għandu jfisser iż-żewġ kumpanniji msemmija fil-paragrafu (*b*), u l-proprjetarji benefiċjarji individwali diretti jew indiretti ta' dawn l-istess kumpanniji li ġew meqjusa biex jiġi stabbilit jekk id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (9)(i) u (iii) ġewx sodisfatti fid-data tal-akkwist imsemmi fil-pargrafu (*a*):

Iżda meta ż-żewġ kumpanniji msemmija f'dan il-paragrafu huma proprjetà diretta jew indiretta ta' kumpannija sa 80% jew iktar, li t-titoli tagħha huma elenkati f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, il-kliem "grupp oriġinali" għandu jfisser iż-żewġ kumpanniji msemmija iżjed 'il fuq u l-kumpannija li t-titoli tagħha huma elenkati fl-imsemmija borża kif eżistenti fid-data tal-akkwist imsemmi fil-paragrafu (*a*): Kap. 345.

Iżda wkoll meta individwu jakkwista ishma bħala donazzjoni eżenti mit-taxxa taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2)(*e*), jew trasferiment *causa mortis*, dak l-individwu għall-finijiet ta' dan is-subartikolu għandu jitqies li kellu dawk l-ishma minn dik id-data ta' qabel li fiha dawk l-ishma kienu ġew akkwistati qabel id-data tad-donazzjoni jew it-trasferiment *causa mortis*.

(*d*) Meta l-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp għandha titqies għal kull fini ta' dan l-artikolu daqs li kieku, minnufih wara l-akkwist tal-ishma msemmija fil-paragrafu (*a*), kienet ittrasferiet u minnufih reġgħet akkwistat l-ishma f'dak iż-żmien.

(*e*) Il-kost bażiku u d-data tal-akkwist tal-ishma li għandhom jiġu meqjusa għall-finijiet sabiex jiġi stabbilit kull qligħ jew telf, għandu jkun il-kost oriġinali u d-data meta l-ishma kienu ġew akkwistati l-aħħar minn kumpannija permezz ta' trasferiment li ma kienx jikkwalifika għall-eżenzjoni skont is-subartikolu (9) jew permezz ta' ħruġ ta' ishma minnhom, liema tiġi l-aktar tard.

(*f*) (i) Sabiex jiġu aċċertati l-qligħ jew il-profitti li jsiru taħt dan is-subartikolu, il-kost li kien intefaq għall-akkwist tal-ishma qabel il-25 ta' Novembru, 1992 għandu jiġi valutat jew skont il-metodu ta' ekwità ta' valutazzjoni ta' ishma (valur nett tal-attiv) bażat fuq l-aħħar kontijiet mibgħuta lill-Kummissarju sat-18 ta' Diċembru, 1992 jew fuq il-prezz tax-xiri attwali, skont liema jkun l-ogħla.

(ii) Ishma akkwistati fil-25 ta' Novembru, 1992 jew wara għandhom jiġu valutati fuq il-kost li jintefaq fl-akkwist tagħhom:

Iżda meta ammont li jkun qiegħed għall-kreditu ta' xi wieħed mill-kontijiet ta' riżerva ta' kumpannija ħlief il-fond ta' riżerva għall-fidi tal-kapital u profitti disponibbli għad-distribuzzjoni, jiġi applikat biex jiġu mħallsa sa kull limitu xi ishma maħruġa mill-kumpannija, il-kost li kien intefaq għall-akkwist ta' dawk l-ishma għandu jkun żero.

(*g*) Kull qligħ jew telf fuq it-trasferiment imsemmi fil-paragrafu (*d*) għandu jiġi meqjus li jkun dovut lill-kumpannija li għandha tiġi intaxxata minnufih qabel il-kumpannija ma tibqax membru tal-grupp skont il-paragrafu (*b*).

(*h*) Għall-finijiet tal-paragrafu (*a*) il-frażi "ishma f'kumpannija" għandha tfisser ishma f'kumpannija li, fid-data tal-akkwist imsemmi fl-imsemmi paragrafu kellha, direttament jew indirettament, xi proprjetà immobbli sitwata f'Malta u l-imsemmija proprjetà jew xi parti minnha tkun għadha, direttament jew indirettament, proprjetà ta' dik il-kumpannija fid-data li ma tibqax membru tal-grupp skont id-disposizzjonijet tal-paragrafu (*b*). Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu kumpannija titqies li għandha indirettament proprjetà immobbli jekk hija għandha, direttament jew indirettement, ishma jew interessi f'korp ta' persuni li għandhom proprjetà immobbli sitwata f'Malta.

(i) Meta skont il-paragrafu (*d*) il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata għandha titqies bħala li kienet ittrasferiet u minnufih reġgħet akkwistat l-ishma, u xi qligħ li għandu jiġi intaxxat jew telf kapitali jkun dovut lill-kumpannija li għandha tiġi intaxxata fuq l-imsemmi trasferiment, il-qligħ li għandu jiġi intaxxat jew it-telf

kapitali fuq l-imsemmi trasferiment għandu jiġi meqjus bħala dovut mhux lill-kumpannija li għandha tiġi intaxxata iżda lil kumpannija relatata ("kumpannija A") jekk -

(i) fi żmien meta jkun dovut il-qligħ li għandu jiġi ntaxxat jew it-telf kapitali fuq il-meqjus trasferiment, il-kumpannija A kienet inkorporata f'Malta, u

(ii) għażla konġunta taħt dan il-paragrafu ssir mill-kumpannija li għandha tiġi intaxxata u l-kumpannija A biex il-qligħ li għandu jiġi intaxxat jew it-telf kapitali jitqies bħala dovut lill-kumpannija A, u

(iii) dik l-għażla konġunta tkun saret permezz ta' avviż mogħti lill-Kummissarju mhux iktar minn tnax-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' kontjar tal-kumpannija li għandha tiġi intaxxata jew tal-kumpannija A (liema minnhom jiġi qabel) fiż-żmien meta kien dovut il-qligħ li għandu jiġi intaxxat jew it-telf kapitali fuq l-imsemmi trasferiment, u

(iv) it-taxxa proviżorja pagabbli skont l-artikolu 43 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, tiġi mħallsa mill-kumpannija A bir-rata ta' ħamsa u tletin fil-mija tal-valur fis-suq tal-ishma meqjusa bħala trasferiti fil-perjodu preskritt fl-imsemmi artikolu. Kap. 372.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-kumpannija A hija relatata mal-kumpannija li għandha tiġi intaxxata jekk iż-żewġ kumpanniji jiffurmaw grupp għall-finijiet tas-subartikolu (9) fiż-żmien meta jkun dovut il-qligħ li għandu jiġi intaxxat jew it-telf kapitali fuq l-imsemmi trasferiment u "iż-żmien meta jkun dovut il-qligħ li għandu jiġi ntaxxat jew it-telf kapitali fuq l-imsemmi trasferiment" tfisser iż-żmien li fih, permezz tal-paragrafu (*d*), il-qligħ jew it-telf ikun meqjus bħala dovut lill-kumpannija li għandha tiġi intaxxata.

(10) (*a*) Telf kapitali għandu jinħadem bl-istess mod bħala qligħ kapitali.

(*b*) Kull telf li jirriżulta mill-operazzjonijiet li jsiru skond is-subartikolu (1) ma għandhiex issir it-tpaċija tagħhom mal-qligħ kapitali ta' snin ta' stima ta' wara sakemm it-telfien sħiħ jiġi hekk assorbit.

(*ċ*) Djun li ma jistgħux jinġabru li jsiru dwar dawk l-operazzjonijiet li jiġu ppruvati għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju bħala li ma jistgħux jinġabru matul is-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima, minkejja li dawk id-djun li ma jistgħux jinġabru kienu dovuti u kellhom jitħallsu qabel il-bidu tas-sena msemmija, għandhom jitħallew jitnaqqsu mill-qligħ kapitali fis-sena li jkunu saru u jekk ma jkun hemm ebda qligħ

f'dik is-sena, dawn għandhom jitmexxew 'il quddiem u ssir it-tpaċija tagħhom ma' qligħ li jsir fil-futur:

Iżda kull ammont li jinġabar dwar ammonti li qabel ikunu indikati bħala djun li ma jistgħux jinġabru għandu jitqies bħala qligħ għall-finijiet ta' dan l-artikolu u jiġu ntaxxati kif dovut għas-sena li fiha dawn jiġu rikuperati.

(11) Kull qligħ jew profitt minn kull operazzjoni li hi taxxabbli skond l-artikolu 4(1)(*a*) ma għandux ikun taxxabbli bħala qligħ kapitali dwar l-istess operazzjoni skond dan l-artikolu.

(12) (*a*) Il-valur kummerċjali ta' attiv għandu jkun il-prezz li dak l-attiv iġib meta jinbiegħ f'suq ħieles filwaqt tat-trasferiment;

(*b*) meta l-valur kummerċjali ta' attiv jenħtieġ sabiex jiġi stabbilit mill-Kummissarju huwa jista' jieħu l-opinjoni jew l-għajnuna ta' stimatur, perit arkitett jew kull persuna li tagħmel xi valutazzjoni oħra; u

(*ċ*) min jagħmel l-istima jew il-valutazzjoni f'isem il-Kummissarju għandu jitqies, bil-għan li jwettaq ix-xogħol mogħti lilu, li jkun persuna impjegata fid-Dipartiment tal-Kummissarju u li jkollha kariga uffiċjali skond dan l-Att.

(13) (*a*) Meta persuna tittrasferixxi attiv li, fiż-żmien ta' l-akkwist tiegħu, kien jagħmel sehem indiviż minn attiv ikbar (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan il-paragrafu msejjaħ "l-attiv sħiħ"), kull tnaqqis permess sabiex wieħed jasal għall-qligħ magħmul minn dak it-trasferiment ikun daqs il-proporzjon tan-nefqa li tkun saret sabiex l-attiv sħiħ ikun ġie akkwistat u ta' kull tnaqqis ieħor li jkun dovut skond dan l-artikolu li kieku dik il-persuna tkun ittrasferiet l-attiv sħiħ, hekk kif il-konsiderazzjoni għat-trasferiment tkun relatata fi żmien it-trasferiment mal-valur kummerċjali ta' l-attiv sħiħ.

(*b*) (i) Tnaqqis tal-kapital tal-ishma ta' kumpannija għandu jitqies bħala trasferiment ta' dak il-proporzjon ta' kemm ikollu l-proprjetarju daqskemm hu l-proporzjon tat-tnaqqis tal-kapital tal-kumpannija u għandu jikkostitwixxi qligħ jew telf għall-għan ta' dan l-artikolu fis-sena meta jsir dak it-tnaqqis:

Iżda meta jkun hemm tnaqqis proporzjonat fiż-żamma ta' azzjonijiet tal-azzjonisti kollha, b'dan illi l-proporzjon taż-żamma ta' azzjonijiet ta' kull azzjonist fir-rigward tan-numru, tat-tip, ta' klassi, tad-drittijiet tal-vot u l-valur tal-ishma jkun l-istess qabel u wara li jsir it-tnaqqis, għandu jitqies illi ma jkun sar l-ebda telf jew qligħ minn dak it-trasferiment.

(ii) Meta l-valur fis-suq tal-ishma miżmuma minn persuna ("min jagħmel it-trasferiment")

f'kumpannija jitnaqqas bħala konsegwenza tal-bidla fil-kapital azzjonarju maħruġ ta' dik il-kumpannija, jew bidla f'xi drittijiet ta' vot marbuta ma' dawk l-ishma, u dak il-valur jgħaddi f'ishma oħra jew fid-drittijiet fuq il-kumpannija miżmuma minn persuna oħra ("min jakkwista"), min jagħmel it-trasferiment għandu jitqies li għamel it-trasferiment ta' dak il-valur hekk imnaqqas lil min jakkwista. Kull qligħ jew profitt għandu jiġi kkalkulat billi tiġi kkunsidrata d-differenza fil-valur fis-suq tal-ishma miżmuma minnufih qabel u wara l-imsemmija bidla:

Iżda dan il-paragrafu m'għandux japplika meta l-bidla fil-kapital azzjonarju maħruġ jew bidla fid-drittijiet tal-vot ma tipproduċix xi bidla fil-proprjetarji benefiċjarji individwali diretti jew indiretti tal-imsemmija kumpannija jew fil-proporzjon tal-valur tal-imsemmija kumpannija rappreżentata mill-ishma proprjetà ta' kull wieħed minn dawk l-individwi benefiċjarji direttament jew indirettament:

Iżda wkoll dan il-paragrafu m'għandux japplika meta l-bidla fil-kapital azzjonarju maħruġ tikkonsisti fi ħruġ ta' ishma f'kumpannija bħala konsegwenza tal-iskambju ta' ishma mar-ristrutturazzjoni tal-kumpanniji eżenti mit-taxxa taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (14):

Iżda wkoll dan il-paragrafu m'għandux japplika meta l-imsemmija kumpannija hija kumpannija li t-titoli tagħha huma elenkati f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji: Kap. 345.

Iżda wkoll dan il-paragrafu m'għandux japplika meta t-trasferiment tal-valur isir mill-persuna li tittrasferixxi għall-persuna imsemmija fis-subartikolu (2)(*e*)(i):

Iżda wkoll dan il-paragrafu m'għandux japplika meta l-imsemmija kumpannija mhijiex "kumpannija ta' proprjetà" u jkun jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju illi l-imsemmija bidla issir għal raġunijiet kummerċjali *bona fide* u ma tiffurmax parti minn skema jew arranġamenti li tagħhom l-għan ewlieni, jew wieħed mill-għanijiet ewlenin huwa li jiġi evitat il-ħlas tat-taxxa. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "kumpannija ta' proprjetà" tfisser kumpannija li għandha proprjetà immobbli sitwata f'Malta, jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà, jew kumpannija li għandha, direttament jew indirettament, ishma jew interessi f'korp ta' persuni li għandhom

proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà.

(*ċ*) Ma' kull trasferiment sussegwenti tal-ishma msemmija fil-paragrafu (*b*)(i), l-ammont minfuq fl-akkwist tagħhom għandu jitqies li jkun dik il-parti li jifdal ta' l-ammont minfuq fl-akkwist li ma jkunx tqies meta jkun sar it-tnaqqis tal-kapital.

(14) Meta jsir trasferiment li jkun jinvolvi l-iskambju ta' ishma mar-ristrutturazzjoni tal-kumpannija meta jsiru *mergers*, *demergers*, qsim, amalgamazzjonijiet u rijorganizzazzjonijiet, għandu jitqies li ma kien hemm ebda telf jew qligħ minn dak it-trasferiment u li l-ammont minfuq fl-akkwist meta jsir trasferiment sussegwenti ta' l-ishma oriġinali jew l-ishma l-ġodda għandu jitqies bħala l-ammont minfuq fl-akkwist ta' l-ishma oriġinali.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu -

"ishma oriġinali" tfisser ishma li wieħed ikollu qabel u involuti fir-ristrutturazzjoni, u

"ishma ġodda" tfisser, fir-rigward ta' xi ishma oriġinali, l-ishma fil-kumpannija li, bħala riżultat tar-ristrutturazzjoni, jirrappreżentaw l-ishma oriġinali:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw biss b'dak il-mod u f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Ministru jista' jippreskrivi:

Iżda wkoll l-ewwel proviso ta' dan is-subartikolu ma għandux japplika f'każ ta' qsim jew merger fejn il-pattijiet abbozzali tal-qsim jew tal-merger ikunu ntbagħtu lir-Reġistratur tal-kumpanniji għar-reġistrazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-
Kap. 386. Att dwar il-Kumpanniji fl-24 ta' Novembru, 2003 jew qabel dik id-data u r-Reġistratur ikun ippubblika l-avviż relevanti fil-Gazzetta tal-Gvern skond kif hemm provdut fl-imsemmi Att fil-31 ta' Diċembru, 2003 jew qabel dik id-data, sakemm kopja tal-pubblikazzjoni relattiva tiġi mehmuża ma' l-att relattiv.

(15) Meta negozju jew soċjetà f'isem kollettiv, li jkunu jirrendu u jiġu inkorporati f'kumpannija ta' responsabbilità limitata, li tkun proprjetà benefika sa limitu ta' mhux anqas minn ħamsa u sebgħin fil-mija ta' l-istess persuni li kienu proprjetarji tan-negozju jew tas-soċjetà f'isem kollettiv, u jkun hemm trasferiment ta' l-attiv, għandu jitqies li ma jkun sar ebda telf jew qligħ mit-trasferiment. Iżda meta dak l-attiv jiġi sussegwentement trasferit mill-kumpannija, l-ammont minfuq bażiku u d-data ta' l-akkwist ta' l-attiv li għandhom jitqiesu, kemm jekk l-ammont jiġi ntaxxat taħt dan l-artikolu jew taħt l-artikolu 4(1)(*a*), ikunu l-ammont minfuq oriġinali u d-data meta ġie akkwistat qabel ma jkun seħħ l-ewwel trasferiment:

Iżda wkoll dan l-artikolu għandu japplika biss meta individwu jew soċjetà *en nom collectif* jittrasferixxu lil kumpannija negozju bħala azjenda kummerċjali, flimkien ma' l-attiv kollu tan-negozju, jew flimkien ma' l-attiv kollu ħlief flus kontanti, u n-negozju jiġi hekk trasferit kompletament għal korrispettiv f'ishma maħruġin mill-kumpannija lill-persuna li

tittrasferixxi n-negozju:

Iżda wkoll sabiex jiġi stabbilit kull qligħ taxxabbli li jkun dovut fuq id-disponiment ta' dawk l-ishma, l-ammont minfuq għall-akkwist li jkun ġie meqjus għandu jitnaqqas b'kull qligħ taxxabbli li kien jirriżulta mit-trasferiment ta' l-imsemmi negozju li kieku ma ġewx applikati dan is-subartikolu u l-artikolu 5A.

(16) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-valur ta' użufrutt u tan-*nuda proprietas* għandu jinħadem skond id-disposizzjonijiet stipulati fl-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti. Kap. 364.

(17) Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jkunu jipprovdu dwar kif issir it-tneħħija ta' l-effett ta' xi skema magħmula bil-għan li tiġi evitata, mnaqqsa jew posposta xi taxxa dovuta taħt dan l-artikolu, u barra minn dan, il-Ministru jista' jagħmel regoli li jkunu jipprovdu li kull trasferiment ta' xi dritt li għalih jirreferi s-subartikolu (1) ikun validu biss jekk ikun magħmul bi ftehim bil-miktub u jekk il-ħlas ta' dik il-parti tat-taxxa provviżorja dovuta fuq il-qliegħ kapitali li jkun jirreferi għaliha jsir skond kif preskritt u jekk l-imsemmi ftehim ikun reġistrat b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt u taħt l-awtorità kif jista' jiġi preskritt.

Tqegħid ta' proprjetà fi *trust*.

(18) Mat-tqegħid ta' proprjetà fi *trust*, meta t-*trust* ikun stabbilit jew muri b'mezz ta' dokument bil-miktub għandu jitqies li, għall-finijiet ta' dan l-artikolu li -

(*a*) ebda trasferiment ma jkun sar meta l-uniku *settlor* ikun ukoll l-uniku benefiċjarju ta' dak it-*trust*;

(*b*) dik il-proprjetà tkun ingħatat b'donazzjoni direttament mis-*settlor* ta' dak it-*trust* lill-benefiċjarji li jkunu persuni differenti mis-*settlor* innifsu:

Iżda -

(i) id-dokument tat-*trust* rilevanti għandu jipprovdi speċifikament li l-benefiċjarji għandhom dritt vestit irrevokabbli li jirċievu l-proprjetà kollha mqiegħda fit-*trust* kif speċifikat fl-imsemmi dokument bil-miktub; u

(ii) id-dokument tat-*trust* rilevanti għandu jipprovdi speċifikament li l-benefiċjarji huma, relattivament għal kull *settlor*, persuni msemmija fis-subartikolu (2)(*e*)(i) kemm jekk huma eżistenti fi żmien it-tqegħid fit-*trust*, jew le, jew huma persuni msemmija fil-paragrafu (*e*)(ii) ta' l-imsemmi subartikolu f'kull każ, dawk il-persuni jkunu jew waħedhom jew mas-*settlor* innifsu; u

(iii) il-benefiċjarji jkunu jinkludu persuni eżistenti fiż-żmien li dik il-proprjetà titqiegħed fit-*trust*;

(*ċ*) ebda telf jew qligħ ma jkun sar:

Iżda -

(i) id-dokument tat-*trust* rilevanti għandu jipprovdi speċifikament li l-benefiċjarji ta' dak it-*trust* jinkludu biss persuni msemmija fis-subartikolu

(2)(*e*)(i), kemm jekk huma eżistenti fi żmien it-tqegħid fit-*trust*, jew le, fir-rigward ta' kull *settlor* u jistgħu ukoll jinkludu l-imsemmi *settlor* innifsu; u

(ii) il-benefiċjarji ta' dak it-*trust* għandhom jinkludu fi żmien it-tqegħid persuna li minħabba interdizzjoni, inkapaċità, jew minħabba nuqqas fiżiku jew mentali, jew minħabba li tkun tgħix b'mod irregolari jew dissolut tkun limitata b'mod sostanzjali fil-kapaċità tagħha li tamministra jew timmaniġġa l-proprjetà mqegħda fi *trust* jew jinkludu fiż-żmien li l-proprjetà titqiegħed fit-*trust* persuna li minħabba nuqqas fiiku jew mentali tkun jew tista' ssir inkapaċi li tipprovdi għall-manteniment tagħha stess, u meta t-*trustee* ta' dak it-*trust* jipprovdi lill-Kummissarju l-prova meħtieġa ta' dik l-interdizzjoni, inkapacità, nuqqas jew inabbiltà permezz ta' ċertifikati mediċi, ordnijiet tal-qorti jew xi dokumenti oħra rilevanti li l-Kummissarju jidhirlu xierqa; u

(iii) il-benefiċjarji ta' dak it-*trust* għandhom jinkludu persuni eżistenti fiż-żmien li l-proprjetà titqiegħed fit-*trust*.

Trasferiment ta' interess benefiċjarju.

(19) (*a*) Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(*a*)(iii), qligħ jew profitti għandhom jitqiesu li jinqalgħu fid-data ta' l-eżekuzzjoni tad-dokument miktub (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan is-subartikolu msejjaħ "dokument tattrasferiment") li bis-saħħa tiegħu jkun hemm trasferiment ta' interess benefiċjarju fi *trust* li jkun jinkludi proprjetà ta' *trust* taxxabli. Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "proprjetà ta' *trust* taxxabbli" tfisser proprjetà msemmija fis-subartikolu (1)(*a*)(i) u (ii):

Iżda din il-frażi tinkludi biss dik il-proprjetà, li t-trasferiment tagħha, kieku kien sar direttament mill-benefiċjarju rilevanti, kien joħloq qligħ jew profitti li jkunu taxxabbli skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(*b*) Il-qligħ jew profitt li jinqala' mit-trasferiment ta' l-interess benefiċjarju fi *trust* li jkollu proprjetà ta' *trust* taxxabli jkun daqs il-konsiderazzjoni għall-imsemmi interess benefiċjarju kif dikjarat fid-dokument tat-trasferiment rilevanti. Ebda tnaqqis ma jingħata kontra l-konsiderazzjoni li titħallas lil min jagħmel it-trasferiment.

(*ċ*) Il-qligħ jew profitt li jkun stabbilit skond il-paragrafu (*b*) ikun taxxabbli bir-rata speċifikata fl-artikolu 56(6). Ebda ħelsien, tnaqqis, kreditu jew tpaċija ta' liema xorta tkun ma għandhom jingħataw dwar dik it-taxxa.

(*d*) B'żieda mal-ħtiġiet stabbiliti fis-subtitlu VII tat-Titlu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, kull persuna li tittrasferixxi l-interess benefiċjarju fi *trust* li jkun jinkludi proprjetà ta' *trust* taxxabbli għandha, fi mien ħamsa u erbgħin jum mid-data li fiha jkun eegwit id-dokument tat-trasferiment, tipprovdi lit-*trustee* ta' dak it-*trust* b'kopja awtentikata ta' l-imsemmi dokument tat-trasferiment u għandha titlob lit-*trustee* biex jiġbor ammont ta' taxxa li jkun daqs it-taxxa stabblilita skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*ċ*) biex jitħallas lill-Kummissarju. Kap. 16.

(*e*) It-taxxa hekk miġbura mit-*trustee* mingħand min jagħmel it-trasferiment skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*d*) tkun dejn mit-*trustee* dovut lill-Kummissarju li jitħallas mhux iktar tard mill-erbatax-il jum wara l-aħħar tax-xahar li fih it-*trustee* ikun ġabar it-taxxa. Flimkien ma' dan il-ħlas, it-*trustee* għandu jipprovdi lill-Kummissarju -

(i) kont tal-qligħ jew profitt flimkien ma' lista ta' l-attiv kollu li jikkostitwixxi l-proprjetà tat-*trust* taxxabbli fid-data li fiha jkun eżegwit id-dokument tat-trasferiment f'dik il-forma li tista' tiġi preskritta;

(ii) kopja awtentikata tad-dokument tat-trasferiment rilevanti; u

(iii) kopja ta' l-aħħar kontijiet finanzjarji tat-*trust*.

(*f*) It-*trustee* tat-*trust* rilevanti għandu, mhux iktar tard minn ħmistax-il jum mid-data li fiha jirċievi rikonoxximent mingħand il-Kummissarju li jkun irċieva t-taxxa u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu (*e*), jagħti lill-partijiet imsemmija fid-dokument tat-trasferiment ċertifikat li jkun juri li t-taxxa tkun tħallset u li l-obbligi tiegħu taħt il-paragrafu (*e*) jkunu ġew mwettqa.

(*g*) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-Subtitlu VII tat-Titlu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, kull trasferiment ta' interess benefiċjarju fi *trust* li jinkludi proprjetà fi *trust* taxxabbli ma jsirx u ma jkollu ebda effett għall-finijiet ta' kull liġi kemm-il darba l-imsemmi trasferiment ma jsirx permezz ta' dokument ta' trasferiment u kemm-il darba min jagħmel it-trasferiment u t-*trustee* ma jkunux wettqu l-obbligi tagħhom skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*d*) u (*e*). Kap. 16.

(*h*) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10A ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-persuna li tittrasferixxi l-interess benefiċjarju fi *trust* li jinkludi proprjetà ta' *trust* taxxabli ma tkunx obbligata li tikxef l-eżistenza ta' dak il-qligħ jew profitti f'xi prospett magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u ma titħallas ebda aktar taxxa fuq Kap. 372.

dak il-qligħ jew profitti.

(*i*) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx -

(i) meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li *disclaimer* irrevokabbli ta' interess benefiċjarju ma jkunx sar bil-għan waħdieni jew ewlieni biex jevita, inaqqas jew jipposponi l-ħlas tat-taxxa li għandha titħallas u meta hu, fid-diskrezzjoni tiegħu, ikun ordna bil-miktub li d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jkunux applikabbli għal dak id-*disclaimer*;

(ii) għal xi trasferiment ta' interess benefiċjarju fi *trust* meta *trustee* iżomm proprjetà biss għall-fini ta' operazzjoni kummerċjali msemmija kif imfisser fis-subartikolu (24).

Trasferiment ta' proprjetà fl-amministrazzjoni ta' *trusts*.

(20) (*a*) Meta fl-amministrazzjoni ta' *trust* it-*trustee* jittrasferixxi proprjetà f'dak it-*trust*, il-qligħ għandu jiġi aċċertat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u l-kost ta' l-akkwist għandu jiġi stabbilit skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*b*) u (*ċ*).

(*b*) Fil-każ li dik il-proprjetà tkun tqiegħdet fi *trust* fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikoli (18) u (24), fejn *settlor* huwa wkoll benefiċjarju tat-*trust* kemm jiswa l-akkwist għandu jkun daqs il-kost ta' l-akkwist ta' dik il-proprjetà fiż-żmien meta tkun ġiet akkwistata oriġinarjament mis-*settlor* ta' dak it-*trust*. Meta l-proprjetà tkun tqiegħdet fit-*trust* fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikolu (18)(*a*) jew fis-subartikolu (24)(*a*), ikun meqjus għall-finijiet ta' dan l-artikolu li s-*settlor* ikun ittrasferixxa dik il-proprjetà direttament.

(*ċ*) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*b*), in-nefqa ta' l-akkwist għandha tkun in-nefqa ta' l-akkwist li bih tkun ġiet oriġinarjament akkwistata l-proprjetà bħala l-proprjetà tat-*trust*, sew jekk dik il-proprjetà tkun tqegħdet fit-*trust* jew b'xi mod ieħor.

Tqassim ta' proprjetà mqiegħda fi *trust*.

(21) (*a*) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, proprjetà titqassam lil benefiċjarji ta' *trust* meta t-*trustee* jittrasferixxi proprjetà ta' *trust* lil xi benefiċjarju ta' dak it-*trust* kemm-il darba dak it-trasferiment ma jikkostitwix reverżjoni ta' proprjetà mqiegħda fi *trust* kif imfisser fis-subartikolu (22)(*a*).

(*b*) Meta l-proprjetà li tkun tqiegħdet fi *trust* titqassam lil benefiċjarji għandu jkun meqjus li għall-fini ta' dan l-artikolu -

(i) ma jkun sar ebda trasferiment fil-każ li dik il-proprjetà tkun tqiegħdet fit-*trust* fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikolu (18)(*b*), kemm-il darba dik il-proprjetà kienet tqassmet lill-benefiċjarji li ma kienux *settlors* tat-*trust*;

(ii) proprjetà mqassma lil persuni msemmija fis-subartikolu (2)(*e*)(i) fir-rigward tas-*settlor*, tkun

ingħatat b'donazzjoni direttament mis-*settlor* lil dawk il-benefiċjarji meta dik il-proprjetà tkun tqiegħdet fi *trust* fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikolu (18)(*ċ*);

(iii) minkejja d-disposizzjonijiet rilevanti ta' x'għandu jitqies fis-subartikolu (18) din il-proprjetà kienet ingħatat b'donazzjoni direttament mis-*settlor* oriġinali ta' dik il-proprjetà lil dawk il-benefiċjarji meta dik il-proprjetà tkun tqiegħdet fi *trust* fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikolu (18)(*b*) u (*ċ*) u kienet sussegwentement imqassma lil benefiċjarju li kien *settlor* ta' dak it-*trust*:

Iżda l-imsemmi benefiċjarju għandha tkun persuna msemmija fis-subartikolu (2)(*e*)(i) fir-rigward ta' l-imsemmi *settlor* oriġinali li kien proprjetarju ta' dik il-proprjetà qabel ma tkun tqiegħdet fi *trust*.

(*ċ*) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (20) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fiċ-ċirkostanzi ta' tqassim ta' proprjetà kif japplikaw għat-trasferiment ta' proprjetà fl-amministrazzjoni ta' proprjetà ta' *trust*.

Reverżjoni ta' proprjetà lil *settlor*.

(22) (*a*) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, proprjetà mqiegħda fi *trust* tiġi rivertita meta jkun hemm trasferiment lil persuna li tkun *settlor* ta' *trust* (ukoll meta dik il-persuna tkun benefiċjarja ta' l-istess *trust*) ta' proprjetà li kienet minnufih qabel ma tqiegħdet f'dak it-*trust*, proprjetà ta' l-istess *settlor*.

(*b*) Meta proprjetà li tkun tqiegħdet fi *trust* fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikolu (18) tiġi rivertita lis-*settlor*, minkejja x'għandu jitqies fid-disposizzjonijiet rilevanti tas-subartikolu (18), ikun meqjus għall-finijiet ta' dan l-artikolu li dik il-proprjetà qatt ma tkun tqiegħdet f'dak it-*trust*.

(*ċ*) Meta proprjetà tkun tqiegħdet fi *trust* f'ċirkostanzi li ma jkunux dawk deskritti fil-paragrafu (*b*), u meta dik il-proprjetà tirreverti għand is-*settlor* għar-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 16 ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*, ikun meqjus għall-fini ta' dan l-artikolu li ma jkun sar ebda telf jew qligħ fil-każ ta' dik ir-reverjoni. Kap. 331.

(*d*) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (20) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fiċ-ċirkostanzi ta' reverżjoni ta' proprjetà li tqegħdet fi *trust* kif japplikaw għat-trasferiment ta' proprjetà fl-amministrazzjoni ta' proprjetà ta' *trust*.

Trasferimenti sussegwenti minn *settlor* jew benefiċjarji.

(23) Fil-każ ta' trasferiment sussegwenti ta' proprjetà minn *settlor* jew benefiċjarju, skond il-każ -

(*a*) meta dik il-proprjetà tkun ġiet rivertita lil dak is-*settlor*; jew

(*b*) meta dik il-proprjetà tkun tqassmet lill-benefiċjarju, u

meta -

(i) dak it-tqassim kien meqjus, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, li kien donazzjoni diretta mingħand is-*settlor* tat-*trust* lill-imsemmija benefiċjarji ta' dak it-*trust*; u

(ii) dik il-proprjetà kienet trasferita minn dawk il-benefiċjarji fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2)(*f*) mid-data ta' dik id-donazzjoni meqjusa;

il-qligħ kapitali jkun aċċertat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu billi jittieħed kont tal-kost ta' l-akkwist ta' dik il-proprjetà meta kienet oriġinarjament akkwistata mis-*settlor* tat-*trust* qabel it-tqegħid rilevanti fit-*trust*.

Trasferimenti li jinvolvu bdil ta' *trustees* u raġunijiet kummerċjali partikolari.

(24) (*a*) Ebda trasferiment ta' proprjetà ma għandu jitqies li jkun sar -

(i) mat-tqegħid fi *trust* ta' proprjetà li tikkonsisti f'azzjonijiet f'kumpannija waħda meta s-*settlor* li kien proprjetarju ta' l-imsemmija azzjonijiet qabel ma kienu tqegħdu fit-*trust* ikun ukoll l-uniku benefiċjarju tat-*trust*;

(ii) mat-tqegħid fi trust ta' proprjetà li tikkonsisti f'azzjonijiet f'kumpannija waħda meta t-tqegħid isir minn iktar minn *settlor* wieħed u l-imsemmija *settlors* huma l-uniċi benefiċjarji tat-*trust*, u l-benefiċjarji jkollhom jedd għall-benefiċċju skond il-kondizzjonijiet tat-*trust* bl-istess proporzjon daqs li kieku bħala *settlors*;

(iii) mar-reverjoni lis-*settlors* ta' l-azzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi (i) u (ii) bl-istess proporzjon li s-*settlors* kien ikollhom jedd għalih meta l-proprjetà kienet tagħhom bħala *settlors* minnufih qabel it-tqegħid fit-*trust*;

(iv) mat-trasferiment ta' azzjonijiet f'kumpannija waħda mixtrija minn *trustee* bi flus imqiegħda fi *trust* minn *settlor* bil-għan li jakkwista, jixtri jew jissottoskrivi għal dawk l-azzjonijiet, meta l-imsemmi trasferiment isir għall-uniku benefiċjarju tat-*trust* li jkun ukoll is-*settlor* oriġinali;

u f'kull każ, it-*trustee* tkun persuna awtorizzata jew li ma tkunx meħtieġa li tkun hekk awtorizzata biex taġixxi bħala *trustee* skond l-artikoli 43 u 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*.

Kap. 331.

(*b*) Ebda trasferiment tal-proprjetà ta' *trust* ma għandu jitqies li jkun sar fejn it-*trustee* ta' dik it-*trust* jittrasferixxi l-proprjetà kollha ta' dak it-*trust*, liema trasferiment jinvolvi biss tibdil ta' *trustee* ta' dak it-*trust* u fejn ma jkun hemm ebda tibdil fil-benefiċjarji jew fl-interess benefiċjarju.

(*ċ*) Ebda telf jew qligħ ma għandu jitqies li jkun sar meta l-proprjetà titqiegħed fi *trust* u meta t-*trustee* iżomm

dik il-proprjetà għall-fini ta' operazzjonijiet kummerċjali msemmija jew meta dik il-proprjetà hekk imqiegħda fi *trust* tirreverti għand is-*settlor*. Meta dik il-proprjetà tkun trasferita mit-*trustee* ta' dak it-*trust* lill-benefiċjarji tagħha (jew lil xi persuna permezz ta' bejgħ ġudizzjarju jew xort'oħra), in-nefqa ta' l-akkwist għandu jkun il-kost li bih is-*settlor* ta' dak it-*trust* ikun akkwista l-imsemmija proprjetà. F'każ bħal dan, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (10) jistgħu jkunu applikati mis-*settlor* bl-istess mod daqslikieku t-trasferiment tal-proprjetà mit-*trustee* ikun sar direttament mis-*settlor* innifsu. Meta l-imsemmija proprjetà ma tkunx hekk trasferita iżda tirreverti għand is-*settlor*, jew meta s-*settlor* iċedi l-jedd tiegħu għal reverżjoni tal-proprjetà, u wara jkun hemm trasferiment ta' dik il-proprjetà, in-nefqa ta' l-akkwist tkun in-nefqa li bih is-*settlor* ikun akkwista l-imsemmija proprjetà qabel ma tkun tqiegħdet fl-imsemmija *trust*. Fejn il-Kummissarju japprova, id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom ukoll japplikaw meta proprjetà titqiegħed fi *trust* għall-fini ta' operazzjoni kummerċjali li ma tkunx operazzjoni kummerċjali msemmija. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "operazzjonijiet kummerċjali msemmija" tfisser il-kustodja ta' dokumenti ta' investiment, l-istabbiliment jew iż-żamma ta' interessi ta' sigurtà reali jew personali (magħduda ipoteki, privileġġi, pleġġijiet u garanziji) u kull operazzjoni kummerċjali oħra li tista' tiġi preskritta, fil-waqt li "operazzjoni kummerċjali" għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*.

(25) (*a*) Meta persuna li tkun awtorizzata jew li ma tkunx meħtieġa li tkun hekk awtorizzata biex taġixxi bħala *trustee* skond l-artikoli 43 u 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees* iżżomm f'isimha stess azzjonijiet f'kumpannija għan-nom tas-sid benefiċjarju ta' dawk l-azzjonijiet, u meta dik il-persuna titrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi mill-proprjetà benefiċjarja ta' dawk l-azzjonijiet lil terzi, dik l-operazzjoni għandha titqies li tikkostitwixxi trasferiment ta' azzjonijiet għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Trasferiment ta' azzjonijiet li jinvolvu relazzjonijiet fiduċjarji. Kap. 331.

(*b*) Meta tibdil fid-detentur reġistrat ta' azzjonijiet f'kumpannija ma jkunx jinvolvi tibdil fil-proprjetà benefiċjarja tagħha, dak it-tibdil ma għandux jitqies li jikkostitwixxi trasferiment ta' azzjonijiet għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kemm-il darba d-detentur reġistrat ta' dawk l-azzjonijiet jibqa' persuna awtorizzata jew li ma tkunx meħtieġa li tkun hekk awtorizzata biex taġixxi bħala *trustee* skond l-artikoli 43 u 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*. Kap. 331.

(*ċ*) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "sid benefiċjarju" tfisser persuna li tkun is-sid reali ta', jew li xort'oħra jkollha dritt benefiċjarjament għal, l-azzjonijiet li jkunu sottoskritti jew mimuma għan-nom tiegħu u fl-interess tiegħu minn persuna awtorizzata jew li ma tkunx meħtieġa li tkun hekk awtorizzata biex taġixxi bħala *trustee* skond l-artikoli 43 u 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees* u "proprjetà benefiċċjarja" għandha tfisser fl-istess sens.

Kap. 331.

(*d*) Meta l-azzjonijiet imsemmija f'dan is-subartikolu jkunu trasferiti jew mit-*trustee* lil persuna li ma tkunx is-*settlor* jew mis-*settlor* lil terza persuna wara li l-azzjonijiet ikunu rivertiti għand is-*settlor*, in-nefqa ta' l-akkwist għandha titqies li tkun in-nefqa ta' l-akkwist ta' l-azzjonijiet mis-*settlor* meta l-azzjonijiet ikunu nxtraw jew kienu sottiskritti oriġinarjament mis-*settlor* qabel ma l-azzjonijiet ikunu tqegħdu fit-*trust*.

Setgħa għall-għemil ta' regoli.

(26) Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jiddeterminaw il-metodu ta' kalkolu ta' qligħ kapitali fir-rigward ta' trasferimenti li jinvolvu *trusts* u li jippreskrivu kull ħaġa li tista' tiġi preskritta fir-rigward ta' dawn it-trasferimenti.

Trasferimenti ta' proprjetà.
*Miżjud:*
*II. 2006.8.*
*Emendat:*
*II. 2007.4;*
*IV. 2007.8;*
*II. 2009.11;*
*I. 2010.13.*

**5A.** (1) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi, it-taxxa għandha titħallas fuq kull trasferiment li japplika għalih dan l-artikolu f'dak l-ammont, b'dik ir-rata u b'dak il-mod kif stabbilit f'dan l-artikolu.

(2) (*a*) F'dan l-artikolu, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"proġett" tfisser proprjetà li tkun ġiet żviluppata mis-sid f'iktar minn unità waħda trasferibbli jew maqsuma għal trasferiment f'iktar minn porzjoni waħda trasferibbli;

"proprjetà" tfisser kull proprjetà immobbli sitwata f'Malta u kull dritt fuq dik il-proprjetà;

"residenza tiegħu stess" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 5(5)(*ċ*);

"trasferiment" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 5(1)(*b*) u tinkludi kull assenjament jew ċessjoni ta' drittijiet fuq proprjetà, kull trasferiment ta' proprjetà minn kumpannija lis-soċji tagħha magħmul fil-kors ta' l-istralċ u kull ġrajja li titqies li hi trasferiment skond is-subartikolu (12A) ta' dan l-artikolu u xi disposizzjoni ta' l-artikolu 5. Ma tinkludix qsim ta' proprjetà fejn ebda kumpens ma jkun dovut. Meta l-proprjetà tiġi trasferita permezz ta' att ta' permuta, il-partijiet jitqiesu li jkunu għamlu żewġ atti ta' trasferiment separati.

(*b*) Mingħajr ħsara għas-subartikolu (7), proprjetà assenjata lil wieħed li jkun qed jaqsam proprjetà b'att ta'qsim titqies li tkun ġiet akkwistata minn dak li jkun qed jaqsam fiż-żmien meta jkun akkwista s-sehem

tiegħu indiviż qabel dak il-qsim u bis-saħħa ta' l-istess trasferiment *causa mortis* jew *inter vivos* li bihom kien akkwista dak is-sehem indiviż.

(*ċ*) Biex jiġi stabbilit jekk hux dovut kumpens fil-każ ta' kuntratt ta' qsim, għandhom jgħoddu d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5(2)(*d*) *mutatis mutandis*.

(*d*) Kull qligħ jew profitti derivati mill-assenjament ta' xi dritt li jkun inkiseb skond konvenju għall-bejgħ, inkluż konvenju għat-trasferiment ta' proprjetà immobbli bi kwalunkwe mod jew konvenju dwar enfitewsi, għandhom jitqiesu fil-każijiet kollha li jkunu qligħ jew profitti derivati minn sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni li jaqgħu taħt l-artikolu 4(1)(*a*): iżda biex jiġi stabbilit l-*income* totali li jkun ġej minn dak l-assenjament ma għandu jingħata ebda tnaqqis ħlief kif u safejn jista' jiġi preskritt.

(3) Dan l-artikolu japplika għal kull trasferiment ta' proprjetà magħmul fi jew wara l-1 ta' Novembru 2005, bl-esklużjoni ta':

(*a*) trasferiment li dwaru jseħħu dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikun ingħata avviż ta' konvenju ta' bejgħ jew ta' trasferiment dwar dak it-trasferiment lill-Kummissarju skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3(6) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti jew ta' regoli magħmula taħt dak l-Att sa mhux aktar tard mit-22 ta' Novembru, 2005, u Kap. 364.

(ii) it-trasferiment isir fi jew wara l-1 ta' Novembru, 2005 iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 2006 u jsir skond, u għall-prezz u skond l-istess pattijiet stabbiliti fil-konvenju ta' bejgħ jew ta' trasferiment; u

(iii) jingħata avviż ta' dak it-trasferiment lill-Kummissarju skond l-Att imsemmi mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju, 2006;

(iv) min qed jittrasferixxi jagħżel, permezz ta' dikjarazzjoni li għandha ssir lin-nutar fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' l-att tat-trasferiment u reġistrata fl-imsemmi att, li dan l-artikolu ma japplikax għal dak it-trasferiment;

(*b*) trasferiment ta' proprjetà li jsir mhux aktar tard minn seba' snin wara d-data ta' l-akkwist tagħha jekk min jittrasferixxi jagħżel, permezz ta' dikjarazzjoni li għandha ssir lin-nutar fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' l-att tat-trasferiment u reġistrata fl-imsemmi att, li dan l-artikolu ma għandux japplika għal dak it-trasferiment:

Iżda fil-każ ta' trasferiment li jsir fi jew wara l-1 ta' Marzu, 2006, ta' proprjetà li tagħmel parti minn proġett:

(i) għażla bħal dik tista' ssir biss jekk it-trasferiment ikun l-ewwel trasferiment magħmul mill-imsemmija persuna li tkun qed tittrasferixxi fi jew wara l-imsemmija data ta' proprjetà li tagħmel parti minn dak il-proġett; u

(ii) meta ssir għażla kif ingħad din għandha tapplika wkoll għat-trasferimenti kollha sussegwenti ta' proprjetà li tagħmel parti minn dak il-proġett li jsiru mill-imsemmija persuna li tkun qed tittrasferixxi mhux aktar tard minn seba' snin mid-data ta' l-akkwist tagħha, u dawk it-trasferimenti kollha jkunu għalhekk trasferimenti li ma japplikax għalihom dan l-artikolu:

Iżda wkoll illi, għal biex jiġi stabbilit jekk il-proprjetà ġietx trasferita mhux aktar tard minn seba' snin wara l-akkwist tagħha, meta min ikun qed jittrasferixxi tkun kumpannija li kienet akkwistat il-proprjetà permezz ta' trasferiment li kien ikkwalifika għal eżenzjoni skond is-subartikolu (4)(*f*) jew l-artikolu 5(9) ("eżenzjoni tal-grupp"), hija għandha titqies li kienet akkwistat il-proprjetà fid-data li fiha l-proprjetà kienet ġiet akkwistata qabel minn kumpannija permezz ta' l-aħħar trasferiment li ma kienx jikkwalifika għall-eżenzjoni tal-grupp;

Kap. 246.

(*ċ*) trasferiment ta' proprjetà li tkun sitwata f'area speċjali msemmija, kif imfissra fl-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, jekk isir minn persuna li kienet is-sid ta' dik il-proprjetà fid-data meta dik l-area saret għall-ewwel darba area speċjali msemmija u jekk min ikun qed jittrasferixxi jagħżel, permezz ta' dikjarazzjoni li għandha ssir lin-nutar fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' l-att tat-trasferiment u reġistrata fl-imsemmi att, li dan l-artikolu ma japplikax għal dak it-trasferiment:

Iżda -

(i) fi trasferiment li jsir fi jew wara l-1 ta' Marzu, 2006, għażla bħal dik tista' ssir biss jekk it-trasferiment ikun l-ewwel trasferiment ta' proprjetà li tkun sitwata f'dik l-area speċjali msemmija li jsir mill-imsemmija persuna li tkun qed tittrasferixxi fi jew wara l-imsemmija data; u

(ii) meta ssir għażla kif ingħad għandha tapplika għat-trasferimenti kollha sussegwenti ta' proprjetà li tkun sitwata f'dik l-area speċjali msemmija li jsiru f'kull żmien mill-imsemmija persuna li tkun qed tittrasferixxi, u dawk it-trasferimenti kollha jkunu għalhekk trasferimenti li ma japplikax għalihom dan l-artikolu;

(*d*) trasferiment li dwaru jseħħu dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-proprjetà kienet, minnufih qabel it-trasferiment, komproprjetà ta' żewġ individwi u t-trasferiment isir minn wieħed minn dawk il-komproprjetarji lill-ieħor;

(ii) fl-att ta' l-akkwist ta' dik il-proprjetà il-komproprjetarji kienu għamlu dikjarazzjoni għall-finijiet ta' l-artikolu 32(4)(*b*) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti li huma kienu akkwistawha biex jistabbilixxu fiha jew jibnu fuqha r-residenza ordinarja unika tagħhom; Kap. 364.

(iii) min qed jittrasferixxi jagħżel, permezz ta' dikjarazzjoni li għandha ssir lin-nutar fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' l-att tat-trasferiment u reġistrata fl-imsemmi att, li dan l-artikolu ma għandux japplika għal dak it-trasferiment;

(*e*) trasferiment li dwaru jseħħu dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikun trasferiment ta' proprjetà lill-Gvern Malti skond akkwist ta' dik il-proprjetà li jkun magħmul skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi; Kap. 88.

(ii) il-Gvern ikun ħa pussess ta' dik il-proprjetà jew Ordni tal-President tkun inħarġet dwarha qabel l-1 ta' Novembru, 2005 u jkun hemm evidenza ta' dan il-fatt f'ittra ffirmata mill-Kummissarju ta' l-Art li tiġi mehmuża ma' l-att tat-trasferiment. Min jittrasferixxi għandu jipproduċi l-imsemmija ittra lin-nutar li jippubblika l-att. In-nutar għandu jehmeż dik l-ittra ma' l-att tat-trasferiment u jagħti kopja awtentikata tagħha lill-Kummissarju b'dak il-mod li jista' jkun preskritt;

(iii) min qed jittrasferixxi jagħżel, permezz ta' dikjarazzjoni li għandha ssir lin-nutar fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' l-att tat-trasferiment u reġistrata fl-imsemmi att, li dan l-artikolu ma għandux japplika għal dak it-trasferiment;

(*f*) trasferiment magħmul permezz ta' bejgħ fl-irkant bil-qorti jew permezz ta' bejgħ fil-kors ta' stralċ mill-Qorti;

(*g*) trasferiment ta' proprjetà li tkun ġiet użata f'negozju għal żmien ta' mill-inqas tliet snin u li fi żmien sena titqiegħed flokha proprjetà ("il-proprjetà l-ġdida") li tiġi unikament użata għal għan simili fin-negozju:

Iżda -

(i) dan il-paragrafu japplika biss, u b'hekk għandu japplika l-artikolu 5(8), jekk min qed

jittrasferixxi jagħżel hekk permezz ta' dikjarazzjoni li għandha ssir lin-nutar fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' l-att tat-trasferiment u reġistrata fl-imsemmi att;

(ii) meta, wara trasferiment li jkun applika għalih l-artikolu 5(8), inkluż trasferiment magħmul qabel l-1 ta' Novembru, 2005, il-proprjeta' l-ġdida titneħħa u dik it-tneħħija ma tikkwalifikax għall-ħelsien mit-taxxa taħt l-artikolu 5(8), dik it-tneħħija tkun ukoll trasferiment li għalih ma japplikax dan l-artikolu 5A, u l-*income*, kemm jekk taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(*a*) kif ukoll taħt l-artikolu 5, li jirriżulta minnu għandu jkun stabbilit kif provdut fl-artikolu 5(8);

(iii) dan il-paragrafu ma japplikax, u għalhekk l-artikolu 5(8) ma għandux japplika, jekk isir disponiment mill-proprjetà li titqiegħed flok ta' qabel jew dik il-proprjetà ma tibqax tintuża f'dak in-negozju, fi żmien sentejn li jibdew mid-data meta tkun ġiet akkwistata l-proprjetà li titqiegħed flok ta' qabel jew għal dak il-perjodu iqsar kif il-Kummissarju jista' jiddetermina;

(*h*) trasferiment ta' proprjetà minn persuna li ma tkunx residenti f'Malta u li tkun residenti għall-finijiet ta' taxxa f'pajjiż ieħor jekk dik il-persuna tipproduċi lin-nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment dikjarazzjoni ffirmata mill-awtoritajiet tat-taxxa tal-pajjiż tar-residenza tagħha li tikkonferma r-residenza ta' dik il-persuna f'dak il-pajjiż u li tiċċertifika li dik il-persuna hija soġġetta għat-taxxa f'dak il-pajjiż fuq il-qligħ jew profitti derivati minn trasferimenti ta' proprjetà immobbli f'Malta. In-nutar għandu jehmeż ma' l-att l-imsemmi ċertifikat fl-oriġinal tiegħu u jagħti kopja awtentikata tiegħu lill-Kummissarju b'dak il-mod li jista' jkun preskritt:

Iżda dik il-persuna ma tkunx proprjetà ta' jew kontrollata minn, direttament jew indirettament, u lanqas ma tkun qed taġixxi għan-nom ta', individwu jew individwi li huwa jew huma residenti f'Malta;

(*i*) trasferiment ta' proprjetà b'mod konformi ma' ftehim ta' kera li kien jinkludi fih l-għażla għax-xiri tal-proprjetà bi prezz miftiehem, meta dawk l-arranġamenti jkunu saru qabel, iżda t-trasferiment isir wara, l-1 ta' Novembru 2005.

(4) Ma għandha titħallas ebda taxxa fuq trasferiment li japplika għalih dan l-artikolu meta t-trasferiment ikun:

(*a*) donazzjoni magħmula minn persuna:

(i) lill-konjuġi tagħha, lil dixxendent jew axxendent f'linja diretta tagħha, jew lill-konjuġi ta' xi dixxendent jew axxendent bħal dak, jew, fin-nuqqas ta' dixxendenti f'linja diretta, lil ħuha

jew oħtha jew lil dixxendent ta' ħuha jew oħtha;

(ii) lil istituzzjoni filantropika approvata għall-finijiet ta' l-artikolu 12(1)(*e*);

(*b*) donazzjoni meqjusa li tkun saret skond l-artikolu 5(18)(*b*) jew 5(21)(*b*)(ii) minn persuna lil persuna jew istituzzjoni msemmija fil-paragrafu (*a*);

(*ċ*) trasferiment ta' proprjetà li kienet proprjetà ta' min għamel it-trasferiment u okkupata minnu bħala r-residenza tiegħu stess għal perijodu ta' mill-inqas tliet snin konsekuttivi li jiġu minnufih qabel id-data ta' trasferiment u sakemm il-proprjetà titneħħa fi żmien tnax-il xahar minn meta jitbattal il-fond iżda wkoll illi dan il-paragrafu għandu japplika biss meta t-trasferiment ma kienx taxxabli taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(1)(*a*) kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:

Iżda:

(i) kull żmien li fih min qed jittrasferixxi okkupa l-proprjetà bħala r-residenza tiegħu stess bil-permess ta' l-Awtorità tad-Djar skond konvenju għall-bejgħ minn dik l-Awtorità għandu jitqies li jkun żmien li fih il-proprjetà kienet proprjetà ta' min qed jittrasferixxi;

(ii) meta l-proprjetà tkun intirtet minn min qed jittrasferixxi minn axxendent f'linja diretta, iż-żmien li fih l-imsemmi axxendent kien il-proprjetarju ta' dik ir-residenza u kien jokkupaha bħala r-residenza tiegħu stess għandu jitqies li jkun żmien li fih il-proprjetà kienet proprjetà ta' min qed jittrasferixxi;

(iii) meta min jittrasferixxi kien akkwista l-proprjetà taħt assenjament li japplika għalih il-paragrafu (*d*) jew (*e*) ta' dan is-subartikolu, iż-żmien li fih il-proprjetà kienet proprjetà tal-persuna li kienet għamlet l-assenjament u użata minnha bħala r-residenza tagħha stess għandu jitqies żmien li fih il-proprjetà kienet proprjetà ta' min qed jittrasferixxi;

(iv) meta xi kundizzjoni għall-eżenzjoni taħt dan il-paragrafu tkun sodisfatta biss dwar parti indiviża tal-proprjetà l-eżenzjoni għandha tiġi ristretta proporzjonalment;

(v) meta l-proprjetà tkun intirtet minn min qed jittrasferixxi mill-konjuġi tiegħu jew tagħha, il-perjodu li fih dik il-proprjetà kienet proprjetà ta' jew kienet okkupata bħala residenza tiegħu jew tagħha ta' dak jew dik il-konjuġi għandu jitqies bħala perjodu li fih il-proprjetà kienet proprjetà ta' min qed jittrasferixxi;

(*d*) l-assenjament ta' proprjetà bejn il-konjuġi wara li ssir separazzjoni bil-qorti jew bil-kunsens tat-tnejn:

Iżda d-disposizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu għandhom jgħoddu wkoll meta l-proprjetà li għandha tiġi assenjata tappartjeni lil kumpannija li hi kompletament il-proprjetà ta’ wieħed jew waħda mill-konjuġi jew tat-tnejn;

(*e*) l-assenjament ta’ proprjetà li kienet tagħmel sehem mill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konjuġi jew kienet mod ieħor proprjetà komuni bejniethom lil wieħed mill-konjuġi max-xoljiment tal-komunjoni, jew il-qsim ta’ dik il-proprjetà bejn il-konjuġi jew bejn il-konjuġi li jibqa’ ħaj u l-werrieta tal-konjuġi l-mejjet;

(*f*) trasferiment ta’ proprjetà minn kumpannija għal kumpannija oħra kien jikkwalifika għall-ħelsien mit-taxxa taħt l-artikolu 5(9) kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu:

Iżda d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 5(9)(ii) għandhom ukoll jgħoddu għal dak it-trasferiment:

Iżda wkoll jekk dak it-trasferiment ma jikkwalifikax għall-ħelsien mit-taxxa taħt l-artikolu 5(9) għar-raġuni biss li t-trasferiment mhuwiex wieħed ta’ attiv kapitali, dak it-trasferiment għandu jkun eżenti mit-taxxa taħt id-dispożizzjonjiet ta’ dan il-paragrafu jekk l-istess trasferiment ikun parti minn eserċizzju ta’ ristruturazzjoni, li jinvolvi t-trasferiment għal kollox jew f’parti tan-negozju ta’ kumpannija lil kumpannija oħra u l-istess proprjetà kienet tappartjeni lill-kumpannija li tittrasferixxi għal perjodu ta’ iktar minn seba’ snin:

Iżda wkoll fuq trasferiment sussegwenti tal-imsemmija proprjetà magħmul fil-perjodu ta’ seba’ snin wara d-data tal-akkwist tagħha kif stabbilit skont it-tieni proviso tas-subartikolu (3)(*b*), il-kost u d-data tal-akkwist tal-imsemmija proprjetà għandhom, fejn il-persuna li tittrasferixxi tagħżel li teskludi t-trasferiment mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan l-artikolu, ikunu l-kost oriġinali u d-data msemmija fl-artikolu 5(9)(i).

(*g*) it-trasferiment ta’ proprjetà meta negozju jew soċjetà f’isem kollettiv li jkunu jirrendu jiġu inkorporati f’kumpannija b’responsabbiltà limitata, liema trasferiment jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu 5(15):

Iżda dan il-paragrafu ma japplikax, u għalhekk l-artikolu 5(15) ma għandux japplika, jekk isir disponiment min-negozju jew ma jibqax jeżisti, fi żmien sentejn li jibdew mid-data li fiha n-negozju jiġi trasferit lil dik il-kumpannija jew għal dak il-perjodu iqsar kif il-Kummissarju jista’ jiddetermina:

Iżda wkoll, sabiex jiġi determinat jekk il-proprjetà ġietx trasferita mhux aktar tard minn seba’ snin minn meta

tkun ġiet akkwistata, taħt is-subartikolu (3)(*b*), meta min jittrasferixxi jkun kumpannija li kienet akkwistat il-proprjetà permezz ta' trasferiment li kien jikkwalifika għal eżenzjoni skond dan is-subartikolu jew l-artikolu 5(15), għandha titqies li akkwistat il-proprjetà fid-data li fiha l-proprjetà kienet preċedentement ġiet akkwistata mill-persuna li ttrasferiet il-proprjetà lil dik il-kumpannija;

(*h*) it-tqegħid ta' proprjetà fi *trust*, jew id-distribuzzjoni jew ir-reverżjoni ta' proprjetà mqiegħda fi *trust*, jew it-trasferiment tal-proprjetà kollha ta' *trust* li tinvolvi biss tibdil ta' *trustee* fi *trust* u fejn ma jkun hemm l-ebda tibdil fil-benefiċjarji jew fl-interess benefiċjarju:

Iżda għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5(18) sa (25), f'dawn il-każijiet jitqies li ma jkun sar l-ebda trasferiment, jew li ma jkun sar l-ebda telf jew qligħ;

(*i*) ħlief kif jista' jiġi preskritt mod ieħor, it-trasferiment minn persuna li d-dħul jew qligħ kapitali tagħha mit-trasferiment ta' dik il-proprjetà huwa eżentat mit-taxxa skond l-artikolu 12(1), jew skond ordni ta' eżenzjoni magħmula skond l-artikolu 12(2), jew xi disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi jew xi liġi oħra.

(5) (*a*) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan is-subartikolu, it-taxxa fuq trasferiment li għalih japplika dan l-artikolu tkun dovuta bir-rata ta' 12% tal-valur tat-trasferiment.

(*b*) Meta trasferiment li għalih japplika dan l-artikolu huwa trasferiment ta' proprjetà -

(i) li ġiet akkwistata minn min qed jittrasferixxi permezz ta' trasferiment *causa mortis* li ġrat wara l-24 ta' Novembru 1992; jew

(ii) li ġiet akkwistata minn min qed jittrasferixxi permezz ta' donazzjoni magħmula aktar minn ħames snin qabel id-data tat-trasferiment inkwistjoni,

it-taxxa fuq dak it-trasferiment tkun dovuta bir-rata ta' 12% fuq l-eċċess, jekk ikun hemm, tal-valur tat-trasferiment fuq il-valur ta' l-akkwist.

(*ċ*) Meta trasferiment li għalih japplika dan l-artikolu huwa trasferiment ta' proprjetà li ġiet akkwistata minn min qed jittrasferixxi permezz ta' trasferiment *causa mortis* li ġrat qabel il-25 ta' Novembru 1992, it-taxxa fuq dak it-trasferiment tkun dovuta bir-rata ta' 7% tal-valur tat-trasferiment.

(6) (*a*) Il-valur tat-trasferiment ta' proprjetà huwa l-ogħla mill-valur tas-suq ta' dik il-proprjetà u l-prezz imħallas jew li jitħallas għat-trasferiment. F'kuntratt ta' enfitewsi ċ-ċens li jitħallas jiġi intaxxat bħala *income* skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 u ma jiġix

inkluż fil-valur tat-trasferiment fil-każ ta’ trasferiment li għalih japplika dan l-artikolu.

(*b*) Il-valur ta’ l-akkwist ta’ proprjetà għandu jiġi stabbilit b’dak il-mod li jista’ jiġi preskritt.

(7) F’qasma ta’ proprjetà fejn ikun dovut kumpens -

(*a*) kull persuna li jkun dovut lilha kumpens titqies li biegħet parti mill-proprjetà assenjata lilha. Dak il-bejgħ jitqies li jsir fid-data tal-qsim għal prezz ekwivalenti għall-kumpens;

(*b*) kull persuna li jkollha tagħti kumpens titqies li xtrat parti mill-proprjetà assenjata lilha. Dak ix-xiri jitqies li jsir fid-data tal-qsim għal prezz ekwivalenti għall-kumpens.

(8) (*a*) Meta trasferiment huwa trasferiment ta’ proprjetà li kienet ġiet akkwistata permezz ta’ iżjed minn akkwist wieħed, u t-taxxa li għandha titħallas fuq it-trasferimenti tal-partijiet hekk akkwistati jew fuq il-qligħ jew pofitti derivati minnhom ikunu jridu jiġu stabbiliti, kieku dawk il-partijiet kellhom jiġu trasferiti separatament, skond disposizzjonijiet differenti ta’ l-Atti dwar it-Taxxi, dawk id-disposizzjonijiet għandhom japplikaw daqs li kieku sar iktar minn trasferiment wieħed u l-valur tat-trasferiment ta’ kull wieħed minn dawk it-trasferimenti għandu jiġi stabbilit separatament u b’dak il-mod li jista’ jkun preskritt.

(*b*) Meta tiġi trasferita parti minn proprjetà il-valur ta’ l-akkwist tal-parti li tiġi trasferita għandu jkun proporzjon tal-valur ta’ l-akkwist tal-proprjetà sħiħa li jiġi stabbilit b’dak il-mod li jista’ jkun preskritt.

(9) (*a*) Ħlief kif jista’ jkun preskritt, l-ammont li dwaru tkun dovuta taxxa skond dan l-artikolu ma għandu jitnaqqas b’ebda tnaqqis ikun x’ikun.

(*b*) L-ebda telf jew dejn li ma jistax jinġabar li jirriżultaw minn, jew spejjeż magħmula dwar, trasferiment li għalih japplika dan l-artikolu ma jitħallew jitnaqqsu minn xi *income* jew qligħ kapitali.

(10) (*a*) It-taxxa li għandha titħallas fuq trasferiment li għalih japplika dan l-artikolu tkun finali u tkun separata u distinta mit-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas taħt xi disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att jew ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Ma għandhiex tkun disponibbli bħala kreditu kontra t-taxxa li jkollha titħallas minn xi persuna jew titqies għall-finijiet li jiġi stabbilit l-ammont ta’ xi rifużjoni li għandha titħallas taħt l-Atti msemmija.

Kap. 372.

(*b*) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-artikolu, l-ebda taxxa ma tkun dovuta skond xi disposizzjoni ta’ l-Atti dwar it-Taxxi fuq qligħ jew profitti li jirriżultaw minn xi trasferiment li għalih

japplika dan l-artikolu sal-limitu li dak il-qligħ jew dawk il-profitti jkunu attribwibbli għal valur ta' trasferiment li jkun dikjarat korrettement fl-att tat-trasferiment jew trasferiment li kien ġie ddikjarat eżenti korrettement jew barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu, jew stabbilit permezz ta' ordni bil-miktub li jkun magħmul taħt is-subartikolu (12)(*ċ*) u li jkun sar finali u konklużiv.

(*ċ*) Kull persuna li tkun proprjetarja ta' proprjetà immobbli li tkun sitwata f'Malta għandha żżomm kont f'dak il-mod li jista' jkun preskritt tad-dħul kollu u ta' l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' trasferimenti li għalihom japplika dan l-artikolu b'żieda mar-*records* li għandha żżomm skond id-disposizzjonijiet l-oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

(*d*) Kull kumpannija residenti f'Malta għandha talloka l-profitti li jistgħu jitqassmu li jirriżultaw minn trasferimenti li għalihom japplika dan l-artikolu, u li fuqhom it-taxxa għandha titħallas skont dan l-artikolu, fil-kont tat-taxxa finali. L-imsemmija profitti li jistgħu jitqassmu għandhom jiġu stabbiliti b'dak il-mod li jista' jkun preskritt.

(*e*) Kull parti fi trasferiment li għalih japplika dan l-artikolu jew f'konvenju ta' bejgħ li għandu x'jaqsam ma' trasferiment bħal dak għandha tagħti lill-Kummissarju dawk il-partikolaritajiet li għandhom x'jaqsmu mat-trasferiment hekk kif il-Kummissarju jista' jeħtieġ jew kif jista' jkun preskritt.

(11) It-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-artikolu tkun dovuta minn min jittrasferixxi u għandha tintbagħat lill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol mit-trasferiment relattiv. Ħlief meta l-Kummissarju jordna mod ieħor, b'mod ġenerali jew dwar każijiet partikolari, dan il-ħlas għandu jsir min-nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment permezz ta' *bank draft* jew *cheque* miġbud fuq il-kont personali ta' dak in-nutar li jkun pagabbli lill-Kummissarju.

(12) (*a*) Il-partijiet f'kull trasferiment ta' proprjetà għandhom l-obbligu li jiddikjaraw lin-nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment il-fatti kollha li jiddeterminaw jekk it-trasferiment hux wieħed li japplika għalih dan l-artikolu u li jkunu rilevanti biex jiġi aċċertat l-ammont xieraq ta' taxxa li għandha titħallas jew xi eżenzjoni, inkluż il-valur li, fl-opinjoni tagħhom, juri raġonevolment il-valur fis-suq ta' l-imsemmija proprjetà, jekk dan il-valur ikun ogħla mill-prezz tat-trasferiment.

(*b*) In-nutar li jippubblika att ta' trasferiment għandu jwissi lill-partijiet bl-importanza tal-verità tad-dikjarazzjonijiet li jagħmlu fl-att u għandu jniżżel fl-att il-fatt li hu jkun ta l-imsemmija twissija.

(*ċ*) Meta l-Kummissarju jidhirlu li -

(i) għandha titħallas taxxa fuq trasferiment li jiġi

dikjarat fl-att li jkun trasferiment li fuqu ma għandhiex titħallas taxxa;

(ii) it-taxxa li għandha titħallas fuq trasferiment tkun, għal xi raġuni li tkun, iżjed minn dik li tiġi dikjarata fl-att li għandha titħallas,

huwa jista' joħroġ ordni bil-miktub lil min ikun għamel it-trasferiment li fih jiddikjara t-taxxa li fl-opinjoni tiegħu għandha sewsew titħallas fiċ-ċirkostanzi u t-taxxa addizzjonali kif speċifikat fil-paragrafu (*e*).

(*d*) Ordni taħt dan l-artikolu jista' jsir mhux iktar tard minn sitt snin minn tmiem is-sena li fiha jingħata avviż tat-trasferiment lill-Kummissarju:

Iżda ordni li jsir biss minħabba l-fatt li l-valur tas-suq tal-proprjetà in kwistjoni jkun ogħla mill-valur tat-trasferiment dikjarat fl-att -

(i) jista' jsir biss jekk il-valur tat-trasferiment dikjarat ikun inqas minn ħamsa u tmenin fil-mija tal-valur tas-suq; u

(ii) ma jistax isir iktar tard minn tnax-il xahar wara d-data li fiha jingħata avviż tat-trasferiment lill-Kummissarju.

(*e*) It-taxxa addizzjonali msemmija fil-paragrafu (ċ) tkun ekwivalenti għad-differenza bejn l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas kif dikjarat fl-att u l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas skond l-ordni msemmi fil-paragrafu (*ċ*).

(*f*) It-taxxa addizzjonali msemmija fil-paragrafi (*ċ*) u (*e*) għandha titħallas minn min jittrasferixxi b'żieda mat-taxxa li għandha titħallas fuq il-valur ta' trasferiment tal-proprjetà skond id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu.

(*g*) Jekk xi ammont ta' taxxa dovut skond dan l-artikolu ma jitħallasx lill-Kummissarju fiż-żmien mogħti fis-subartikolu (11), ikun dovut mgħax fuqu bir-rata ta' wieħed fil-mija għal kull xahar jew parti minn xahar għaż-żmien li jagħlaq fil-ġurnata li fiha dak l-ammont jitħallas:

Iżda, għal kull perjodu jew parti minnu li jibda fi jew wara l-1 ta' Jannar 2009, l-imgħax jiġi kalkolat bir-rata ta' żero punt sebgħa ħamsa fil-mija (0.75%) fix-xahar jew parti minnu u l-ammont totali ta' l-imgħax ma għandux jeċċedi dak l-ammont ta' taxxa.

(*h*) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi dwar il-ġbir u l-maħfra tat-taxxa, mgħax u taxxa addizzjonali għandhom jgħoddu għal kull taxxa, mgħax u taxxa addizzjonali li jkunu dovuti taħt dan l-artikolu bħallikieku t-taxxa, mgħax u taxxa addizzjonali msemmija f'dawk id-disposizzjonijiet

kienu jinkludu wkoll it-taxxa, mgħax u taxxa addizzjonali li huma dovuti u għandhom jitħallsu taħt dan l-artikolu.

(*i*) Persuna li tittrasferixxi li ma taqbilx ma' ordni maħruġ lilha taħt il-paragrafu (*ċ*) ikollha l-istess jeddijiet li toġġezzjona għal dak l-ordni u li tappella minn deċiżjoni tal-Kummissarju li biha jiċħad dik l-oġġezzjoni daqs li kieku dak l-ordni kien stima maħruga taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Att dwar oġġezzjonijiet u appelli għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Kap. 372.

(12A)(*a*) Jekk kumpannija ("il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata") jkollha proprjetà li tkun ġiet akkwistata mingħand kumpannija oħra u dak l-akkwist kien eżenti mit-taxxa taħt is-subartikolu (4)(*f*), dan is-subartikolu għandu japplika jekk il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp oriġinali qabel ma jgħaddu sitt snin mid-data ta' dak l-akkwist. Ir-referenzi f'dan is-subartikolu għal kumpannija li ma tibqax membru ta' grupp ma japplikawx għal każijiet meta kumpannija ma tibqax membru ta' grupp billi tiġi stralċjata jew xolta jew bħala riżultat tal-istralċ jew ix-xoljiment ta' membru ieħor tal-grupp:

Iżda meta kumpannija ma tibqax membru tal-grupp oriġinali billi tiġi stralċjata jew xolta, għall-finijiet sabiex jiġi stabbilit jekk il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp oriġinali taħt il-paragrafu (*b*), dik il-kumpannija għandha tibqa' titqies li kompliet teżisti.

(*b*) Il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata m'għandhiex tibqa' membru tal-grupp oriġinali, jekk dik il-kumpannija u l-kumpannija li mingħandha tkun akkwistat il-proprjetà msemmija fil-paragrafu (*a*) ma jibqgħux jissodisfaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(9)(i) u (iii) u dik id-deċiżjoni għandha ssir b'referenza għall-istess individwi msemmija fil-paragrafu (iii) tal-istess artikolu li ġie meqjus biex jiġi stabbilit jekk iż-żewġ kumpanniji msemmija f'dan il-paragrafu ssodisfawx id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(9)(i) u (iii) fid-data tal-akkwist imsemmi fil-paragrafu (*a*):

Iżda meta l-akkwist imsemmi fil-paragrafu (*a*) sar qabel l-ewwel ta' Jannar 2010, l-artikolu 5(9)(iii) m'għandux jitqies għall-finijiet ta' deċiżjoni jekk il-kumpannija ma tibqax membru ta' grupp.

(*ċ*) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-kliem "grupp oriġinali" għandu jfisser iż-żewġ kumpanniji msemmija fil-paragrafu (*b*), u l-proprjetarji benefiċjarji individwali diretti jew indiretti ta' dawn l-istess kumpanniji li ġew meqjusa biex jiġi stabbilit

jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(9)(i) u (iii) ġewx sodisfatti fid-data tal-akkwist imsemmi fil-paragrafu (*a*):

Kap. 345.

Iżda meta ż-żewġ kumpanniji msemmija fil-paragrafu (*b*) huma proprjetà diretta jew indiretta ta' kumpannija sa tmenin fil-mija jew iktar li t-titoli tagħha huma elenkati f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, il-kliem "grupp oriġinali" għandu jfisser iż-żewġ kumpanniji msemmija iżjed 'il fuq u l-kumpannija li t-titoli tagħha huma elenkati fl-imsemmija f'borża kif eżistenti fid-data tal-akkwist imsemmi fil-paragrafu (*a*):

Iżda wkoll meta individwu jakkwista ishma bħala donazzjoni eżenti mit-taxxa taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(2)(*e*), jew trasferiment *causa mortis* dak l-individwu għall-finijiet ta' dan is-subartikolu għandu jitqies li kellu dawk l-ishma minn dik id-data ta' qabel li fiha dawk l-ishma kienu ġew akkwistati qabel id-data tad-donazzjoni jew it-trasferiment *causa mortis*.

(*d*) Meta l-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp, hi għandha titqies, għall-finijiet kollha ta' dan l-artikolu bħallikieku, minnufih wara li tkun akkwistat il-proprjetà msemmi fil-paragrafu (*a*), kienet trasferiet u immedjatament reġgħet akkwistat il-proprjetà f'dak iż-żmien u l-valur tat-trasferiment li għandu jittieħed f'konsiderazzjoni huwa l-valur li fuqu l-kumpannija li għandha tiġi intaxxata kienet akkwistat dik il-proprjetà mill-*group company* f'akkwist li għalih japplika s-subartikolu (4)(*f*).

(*e*) It-taxxa fuq trasferiment li għalih japplika dan is-subartikolu għandha tiġi stabbilita bir-rata ta' tnax fil-mija (12%) tal-valur tat-trasferiment kif stabbilit fil-paragrafu (*ċ*).

(*f*) It-taxxa li għandha titħallas taħt dan is-subartikolu tkun dovuta mill-kumpannija li għandha tiġi intaxxata u għandha tintbagħat lill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha dik il-kumpannija ma tibqax membru tal-grupp kif previst fil-paragrafu (*b*).

(*g*) Meta skont il-paragrafu (*d*) il-kumpannija li għandha tiġi intaxxata titqies li kienet ittrasferiet u minnufih reġgħet akkwistat il-proprjetà, it-taxxa li għandha titħallas fuq l-imsemmi trasferiment skont il-paragrafu (*f*) għandha titqies li mhux dovuta mill-kumpannija li għandha tiġi intaxxata iżda mill-kumpannija relatata ("kumpannija A") jekk -

(i) il-kumpannija A tkun inkorporata f'Malta;

(ii) għażla konġunta taħt dan il-paragrafu ssir mill-kumpannija li għandha tiġi intaxxata u l-kumpannija A biex it-taxxa li għandha titħallas fuq l-imsemmi trasferiment titqies bħala dovuta

mill-kumpannija A;

(iii) dik l-għażla konġunta tkun saret permezz ta' avviż mogħti lill-Kummissarju mhux iktar tard minn ħmistax-il ġurnata tax-xogħol mid-data li fiha l-kumpannija li għandha tiġi intaxxata ma tibqax membru tal-grupp kif provdut fil-paragrafu (*b*); u

(iv) it-taxxa li għandha titħallas imsemmija fil-paragrafu (*f*) titħallas mill-kumpannija A fil-perjodu msemmi fl-imsemmi paragrafu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-kumpannija A hija relatata mal-kumpannija li għandha tiġi intaxxata jekk iż-żewġ kumpanniji jiffurmaw grupp għall-finijiet tal-artikolu 5(9) fiż-żmien li l-grupp oriġinali jieqaf jeżisti.

(13) Il-Ministru jista' jagħmel regoli għall-aħjar implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dawk ir-regoli jistgħu jipprovdu għal:

(*a*) il-mod li bih għandu jiġi stabbilit il-valur ta' kull proprjetà jew ta' kull sehem minn proprjetà li għalihom japplika dan l-artikolu;

(*b*) il-mod li bih għandha titħallas u tinġabar it-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-artikolu u l-obbligi ta' kull persuna rigward il-ħlas ta' dik it-taxxa;

(*ċ*) il-mod li bih għandu jsir kull tqassim ta' taxxa li għandha titħallas għall-finijiet ta' dan l-artikolu; u

(*d*) kull ħaġa li tista' tiġi preskritta taħt dan l-artikolu.

Barrani fis-servizzi ta' l-investiment u fl-assigurazzjoni.
*Miżjud: XVII. 1994.8.*
*Emendat: XVII.1998.70; A.L. 409 tal-2007; I. 2010.14.*
Kap. 370.

**6.** (1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "barrani fis-servizzi ta' l-investiment" tfisser kull individwu li jkun impjegat ta', jew jagħti servizzi lil kumpannija fis-servizzi ta' investiment li għandha liċenza għal servizzi ta' investiment taħt l-artikolu 6 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment jew kumpannija li hija rikonoxxuta mill-awtorità rilevanti kompetenti għall-finijiet tal-artikolu 9A tal-imsemmi Att, u li l-attivitajiet tagħha jinkludu biss l-għoti ta' pariri dwar maniġġjar, amministrazzjoni, żamma fis-sigurtà jew investiment għal skemi ta' investiment kollettiv kif imfissra fl-Att imsemmi iktar qabel, u "barrani fl-assigurazzjoni" tfisser kull individwu li jkun impjegat ta', jew jagħti servizzi lil, kumpannija ta' l-assigurazzjoni kif imfissra fis-subartikolu (4), u/jew:

(*a*) ma jkunx ordinarjament residenti u ma jkunx domiċiljat f'Malta; jew

(*b*) ma kienx residenti f'Malta għal perijodu minimu ta' tlett snin minnufih qabel is-sena ta' stima li fiha jibda dak l-impieg ma', jew jagħti servizzi lil, xi kumpannija fis-servizzi ta' investiment jew kumpannija ta' l-assigurazzjoni kif jintqal qabel u kemm-il darba matul l-imsemmija tlett snin dak l-individwu kien impjegat *full-time* f'kariga simili barra minn Malta.

(2) Barrani fis-servizzi ta' l-investiment jew barrani fl-assigurazzjoni, matul iż-żmien li jibda mis-sena li taħbat qabel l-ewwel sena ta' stima li fiha jkun għall-ewwel darba suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att sa u inkluża s-sena li taħbat qabel l-għaxar sena ta' stima, ma jkunx suġġett għal taxxa fuq l-*income* dwar l-ispejjeż li ġejjin li jkunu saru għall-benefiċċju tal-barrani fis-servizzi ta' l-investiment jew barrani fl-assigurazzjoni jew tal-familja immedjata tiegħu mill-kumpannija fis-servizzi ta' investiment jew kumpannija ta' l-assigurazzjoni li tagħha jkun impjegat jew li lilha jipprovdi servizzi ta' investiment jew ta' assigurazzjoni:

(*a*) spejjeż ta' ġarr biex joqgħod jew jitlaq minn Malta;

(*b*) spejjeż ta' akkommodazzjoni li jsiru f'Malta;

(*ċ*) spejjeż ta' vjaġġar dwar żjajjar minn barrani fis-servizzi ta' l-investiment jew barrani fl-assigurazzjoni u mill-familja immedjata tiegħu għal u minn Malta;

(*d*) provvediment ta' karrozza għall-użu f'Malta tal-barrani fis-servizzi ta' l-investiment;

(*e*) sussidju ta' mhux iktar minn sitt mitt euro (600) kull xahar kalendarju;

(*f*) spejjeż mediċi u assigurazzjoni medika; u

(*g*) drittijiet ta' l-iskola dwar it-tfal tal-barrani li jipprovdi servizzi ta' l-investiment jew ta' assigurazzjoni.

(3) Barrani fis-servizzi ta' l-investiment jew barrani fl-assigurazzjoni jitqies li m'huwiex residenti f'Malta għall-finijiet ta' l-artikolu 12(1)(*ċ*).

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kumpannija ta' l-asssigurazzjoni tfisser kumpannija awtorizzata skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, *manager* fl-assigurazzjoni awtorizzat skond l-artikolu 13 ta' l-imsemmi Att u kumpannija li tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni iskritta skond l-artikolu 13 ta' l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra.

Kap. 403.

Kap. 404.

Sena ta' stima 1973.
*Miżjud: XXXV. 1972.4.*
*Emendat: XXXI. 1988.3; XXXVI. 1990.3.*
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: XVII. 1994.9.*

**7.** (1) Ma għandha titħallas ebda taxxa fuq *income* ta' xi persuna li, kieku ma kienx għad-disposizzjoni ta' dan l-artikolu, dak l-*income* kien ikun taxxabbli għas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 1973.

(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), xorta tiġi imposta taxxa għas-sena ta' stima 1973 dwar kull azzjonijiet bil-*bonus* u dividend għoli ħafna iktar mis-soltu mqassmin minn xi kumpannija b'riżoluzzjoni meħuda bejn is-27 ta' Lulju, 1972 u l-31 ta' Diċembru, 1972, u dwar kull *income* kbir ħafna aktar mis-soltu li huma taxxabbli skond xi paragrafu ta' l-artikolu 4(1) meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li dak l-*income* inqala' jew inkiseb minn xi persuna bejn is-27 ta' Lulju, 1972 u l-31 ta' Diċembru, 1972 liema persuna setgħet tistabbilixxi l-ammont tagħhom.

(3) L-*income* li jibqa' taxxabbli għas-sena ta' stima 1973 skond

id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandu jitqies billi l-imsemmija azzjoni bil-*bonus* u l-parti eċċessiva tad-dividend u ta' l-*income* li jkunu ikbar mis-soltu jitqiesu bħala li huma l-ogħla parti ta' l-*income* taxxabbli li, kieku ma kienx għad-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu, kien ikun taxxabbli għas-sena ta' stima 1973.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) kull dividend dikjarat bejn is-27 ta' Lulju, 1972 u l-31 ta' Diċembru, 1972 li jkun iżjed minn għoxrin fil-mija ta' l-ogħla dividend dikjarat mill-imsemmija kumpannija bejn l-1 ta' Jannar, 1969 u s-26 ta' Lulju, 1972 għandu, sakemm ma jiġix pruvat kuntrarju, jitqies li hu ikbar mis-soltu.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet hawn qabel imsemmija ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jibqgħu japplikaw għas-sena ta' stima 1973.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' xi individwu li, f'xi sena ta' stima sas-sena ta' stima 1972, kellu dritt għal tnaqqis skond l-artikolu 53(4), (5) jew (6) kif kien fis-seħħ fiż-żmien relattiv:

Iżda t-tnaqqis personali għas-sena ta' stima 1973 għandu f'kull każ bħal dan jiżdied b'ammont li jkun daqs x'kien ikun l-*income* taxxabbli ta' l-individwu għall-imsemmija sena li kieku ma kienx għad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu.

(7) F'kull każ kif imsemmi fis-subartikolu (6), ma għandha titħallas ebda soprataxxa għas-sena ta' stima 1973.

(8) Meta, dwar is-sena ta' stima 1973 -

(i) kumpannija jkollha dritt li tnaqqas it-taxxa minn dividend imħallas lil xi persuna skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 59(1); jew

(ii) tkun ġiet imħallsa taxxa bit-tnaqqis mill-*income* ta' xi persuna skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 59(6), jew ta' l-artikolu 73,

dik it-taxxa għandha, bla ħsara għal xi disposizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, tiġi mpattija mat-taxxa ta' l-imsemmija persuna dwar dik is-sena ta' stima kif jagħżel il-Kummissarju.

(9) Meta jibqa' xi eċċess wara li t-taxxa tiġi mpattija kif provdut fis-subartikolu (8), dan għandu jitħallas lura skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap. 372.

(10) Id-disposizzjonijiet li jinsabu fis-subartikolu (1) ma għandhomx japplikaw għall-*income* ta' xi korp ta' persuni li jinqala' minn attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' jew li huma anċillari għat-tiftix ta' żejt, għal xogħol bankarju, xandir bis-smigħ jew bit-televiżjoni, kiri ta' films jew xogħol ta' assigurazzjoni (barra minn kummissjonijiet li jinqalgħu mill-bejgħ ta' assigurazzjoni minn korpijiet ta' persuni li jirrisjedu f'Malta).

Disposizzjonijiet speċjali dwar ċertu *income* li qabel ma kienx dikjarat.
*Miżjud:*
*XXXV. 1972.5.*
*Emendat:*
*XX. 1973.2;*
*XXVI. 1977.4;*
*IX. 1983.5;*
*XIII. 1983.4.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Emendat:*
*XVII. 1994.10;*
*A.L. 409 tal-2007.*
Kap. 239 - Revokat.

**8.** (1) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u fl-Ordinanza dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni, iktar 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "l-Ordinanza" jew fl-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għall-*income* ta' kull persuna li ma jkunx iddikjarat f'xi prospett mibgħut lill-Kummissarju qabel is-27 ta' Lulju, 1972 dwar xi sena ta' stima sas-sena ta' stima 1972, u għal kull *income* li ma jingħatax lill-Kummissarju sa l-imsemmija data minn xi persuna li ma tkunx bagħtet prospett għal ebda sena ta' stima sas-sena ta' stima 1972: kemm-il darba jiġi eskluż kull *income* bħal dak -

(*a*) li jkun sar suġġett għat-taxxa f'xi stima -

(i) li saret finali u konklużiva qabel is-27 ta' Lulju, 1972; jew

(ii) li tkun fissata mill-Kummissarju qabel is-27 ta' Lulju, 1972 dwar kull persuna li ma kenitx domiċiljata f'Malta matul l-1971; jew

(*b*) li kien imiss jew li kien inqala' minn xi persuna li ma kellhiex *income* taxxabbli għal xi sena ta' stima sas-sena ta' stima 1972.

(2) L-*income* li għalih japplika dan l-artikolu għandu jiġi stabbilit billi ssir riferenza għall-attiv kapitali li kien jeżisti fil-31 ta' Diċembru, 1971, li jkun kumulu tiegħu jew li minnu jinħoloq l-imsemmi *income*: u l-valur ta' dak l-attiv fl-imsemmija data għandu jittieħed li jkun il-prezz ta' l-akkwist, jew l-ammont jew il-valur attwali tiegħu, liema minnhom ikun l-anqas.

(3) L-*income* li għalih japplika dan l-artikolu għandu jitqies li hu *income* taxxabbli għas-sena ta' stima 1974, separat u distint minn kull *income* taxxabbli ieħor għall-imsemmija sena ta' stima.

(4) Ir-rata ta' taxxa li tapplika għal *income* taxxabbli skond dan l-artikolu tkun ta' tliet ċenteżmi (0.03) fl-euro.

Kap. 370.

(5) B'dak kollu li hemm f'kull disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi, barra dak li hemm fl-artikolu 31 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Kummissarju fi kwalunkwe żmien wara l-1 ta' Ottubru, 1972, jista' jiffissa stima fuq l-*income* taxxabbli msemmi fis-subartikolu (3) u jipproċedi għall-ġbir tat-taxxa dovuta.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għall-*income* speċifikat fis-subartikolu (1) kemm-il darba l-attiv kapitali msemmi fis-subartikolu (2)(*a*) ma jiġix dikjarat fuq il-formula preskritta li għandha tingħata lill-Kummissarju fi żmien disa' xhur li jibdew mill-1 ta' Ottubru, 1972.

(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) ma titqiesx li ġiet mogħtija lill-Kummissarju kemm-il darba l-formula preskritta ma tiġix mimlija għal kollox u b'eżattezza.

(8) Taxxa mposta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma titqiesx li hi parti minn xi taxxa mħallsa jew li għandha titħallas skond dan l-Att għall-finijiet ta' l-artikoli 59, 76 u 89.

(9) Ebda proċedimenti skond dan l-Att jew skond l-Ordinanza jew skond l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, ma għandhom jittieħdu kontra xi persuna dwar l-*income* imsemmi fis-subartikolu (1), lanqas ma għandha tapplika taħthom xi penali fiskali dwar l-imsemmi *income*, jekk dik il-persuna kienet suġġetta li jittieħdu proċedimenti kontriha jew li tiġi applikata għaliha xi penali fiskali minħabba xi għemil jew ġrajja li tiġri qabel is-27 ta' Lulju, 1972.

Kap. 239 - Revokat.

(10) Ebda taxxa ħlief it-taxxa speċifikata fis-subartikolu (4) ma għandha tinġabar skond dan l-Att jew skond l-Ordinanza jew skond l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, fuq *income* li dwaru qed tingħata immunità minn proċedimenti bis-subartikolu (9).

Kap. 239 - Revokat.

(11) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (9) u (10) għandhom japplikaw għat-taxxi, penalitajiet u proċedimenti stabbiliti fl-Ordinanza jew fl-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni biss safejn l-attiv imsemmi fis-subartikolu (2) -

Kap. 239 - Revokat.

(i) kien imħolli barra minn denunzja li fiha kellu jiġi dikjarat għall-finijiet ta' l-Ordinanza, jekk l-imsemmija denunzja kienet ippreżentata lill-Kummissarju qabel is-27 ta' Lulju, 1972, jew

(ii) ġie trasferit b'suċċessjoni miftuha mal-mewt ta' persuna jew meta persuna tkun għamlet il-voti reliġjużi barra minn Malta u ma tkun ġiet ippreżentata ebda denunzja dwar dan lill-Kummissarju qabel is-27 ta' Lulju, 1972, kemm-il darba ż-żmien stabbilit fl-artikolu 33(*a*)(iii) ta' l-Ordinanza għall-ippreżentar ta' l-imsemmija denunzja jkun skada qabel l-imsemmija data, jew

(iii) ġie trasferit b'disposizzjoni gratuwita *inter vivos* u ma tkun ġiet ippreżentata ebda denunzja dwar dan lill-Kummissarju qabel is-27 ta' Lulju, 1972, kemm-il darba ż-żmien stabbilit fl-artikolu 33(*ċ*) ta' l-Ordinanza għall-ippreżentar ta' l-imsemmija denunzja jkun skada qabel l-imsemmija data.

(12) Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-artikolu ma tapplika għat-taxxa mwaħħla skond l-Ordinanza dwar xi likwidazzjoni magħmula qabel is-27 ta' Lulju, 1972.

(13) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, meta l-attiv kapitali msemmi fis-subartikolu (2) jibqa' ma jiġix dikjarat minn xi persuna jew għal kollox jew f'parti fiż-żmien speċifikat fis-subartikolu (6) -

(*a*) ir-rata ta' taxxa msemmija fis-subartikolu (4) għandha tiġi sostitwita bir-rata ta' tletin ċenteżmu (0.30) fl-euro dwar dak l-*income* mhux dikjarat jew parti minnu; u

(*b*) jekk dik il-persuna tinsab ħatja ta' akkuża billi hi kienet xjentement naqset li tiddikjara l-imsemmi kapital attiv, teħel multa ta' mhux inqas minn mitejn u

tletin euro (230) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mitt euro (2,300), u priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn.

Kap. 219.

(14) L-ammont ta' kull imposta mħallas skond l-Att dwar Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur sal-31 ta' Diċembru, 1971 għandu jitnaqqas minn kull taxxa stabbilita skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu dwar kull depożitu fil-kont għall-portatur relattiv u dwar kull imgħax li jinqala' minnu, hekk iżda li dak it-tnaqqis ma jkunx iżjed mit-taxxa li għandha tiġi stabbilita skond dan l-artikolu dwar dak id-depożitu:

Iżda ebda ħaġa li tinsab f'dan l-artikolu ma għandha titqies li tagħti s-setgħa lill-Kummissarju li jintaxxa xi depożitu f'kont għall-portatur ma' xi bank ħlief permezz ta' stima li tiġi iffissata dwar il-persuna li jkollha t-titolu għal dak il-kont.

(15) Kull persuna tista', b'avviż bil-miktub ippreżentat lill-Kummissarju fiż-żmien speċifikat fis-subartikolu (6), tagħżel li d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għall-*income* imsemmi fis-subartikolu (1):

Iżda, f'każijiet bħal dawn, ebda ħaġa li tinsab f'dan l-Att ma ttellef lill-Kummissarju milli f'kull żmien jiffissa stima fuq dak l-*income* skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli l-oħra ta' dan l-Att.

Aktar disposizzjonijiet speċjali dwar ċertu *income* li qabel ma kienx dikjarat. *Miżjud: XX. 1973.3. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XVII. 1994.11.*

**9.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-artikolu 8 għandu japplika wkoll għall-*income* ta' kull persuna li dwaru ma jkunx intbagħat prospett lill-Kummissarju dwar is-sena li tiġi qabel kwalunkwe sena ta' stima sas-sena ta' stima 1972, jekk -

(*a*) il-Kummissarju jkun sodisfatt li l-imsemmija persuna tkun bagħtitlu qabel is-27 ta' Lulju, 1972, prospett għal xi sena oħra ta' stima iżda mhux għas-sena ta' stima in kwistjoni; u

(*b*) l-*income* kien dovut lil jew miksub minn xi persuna barra minn kumpannija.

(2) F'kull każ li jaqa' skond is-subartikolu (1), jew skond l-imsemmi subartikolu u skond l-artikolu 8(1), l-anqas ammont ta' taxxa li għandu jitħallas ikun l-ogħla minn dawn iż-żewġ ammonti li ġejjin:

(*a*) it-taxxa maħduma skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8(2), (3), (4) u (5), jew

(*b*) l-ammont totali ta' taxxa mwaħħla skond l-artikolu 56(1), (2), (3) u (10) għall-aħħar sena ta' stima li dwarha stima jew stimi ta' taxxa li kienu kollha finali u konklużivi fis-27 ta' Lulju, 1972, kienu saru sa l-imsemmija data, multiplikat bin-numru ta' snin li dwarhom ma jkun intbagħat ebda prospett kif intqal qabel.

(3) Kull persuna tista' tagħżel li ma tużax id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(4) Jekk persuna ma tagħmilx l-għażla kif provdut fis-subartikolu (3), il-ħtiġiet ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ma jiġux infurzati fil-każ tagħha dwar xi sena ta' stima li għaliha japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1). Kap. 372.

Dikjarazzjoni Spontanja ta' *Income* Mhux Dikjarat.
*Miżjud: XXII.1995.3. Emendat: XX. 1996.5; A.L. 409 tal-2007.*

**9A.** (1) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi, persuna, minbarra l-prospett għas-sena ta' stima 1995, tista' tippreżenta wkoll dikjarazzjoni spontanja fuq il-formola preskritta u l-*income* ta' dik il-persuna skond l-artikoli 4 u 5 għas-snin ta' stima li jiġu qabel is-sena ta' stima msemmija għandu jitqies bħala l-*income* kif maħdum skond id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) Id-dikjarazzjoni spontanja għandha turi bħala *income* skond l-artikolu 4(1) għas-snin ta' stima 1994, 1993, 1992 u 1991 ammont bażat fuq dikjarazzjoni vera ta' l-*income* dikjarat minn dik il-persuna skond l-imsemmi artikolu 4(1) (iżda eskluż kull *income* minn investiment kif imfisser fl-artikolu 41 u qligħ kapitali skond l-artikolu 5) għas-sena ta' stima 1995 kif ġej:

(*a*) għas-sena ta' stima 1994, ammont li jkun ekwivalenti għal 80% ta' l-*income* relattiv dikjarat fil-prospett għas-sena ta' stima 1995, bl-esklużjoni ta' kull *income* minn investiment kif imfisser fl-artikolu 41 u qligħ kapitali skond l-artikolu 5 kif imsemmi qabel;

(*b*) għas-sena ta' stima 1993, ammont ekwivalenti għal 90% ta' l-ammont dikjarat skond il-paragrafu (*a*);

(*ċ*) għas-sena ta' stima 1992, ammont ekwivalenti għal 90% ta' l-ammont dikjarat skond il-paragrafu (*b*); u

(*d*) għas-sena ta' stima 1991, ammont ekwivalenti għal 90% ta' l-ammont dikjarat skond il-paragrafu (*ċ*):

Iżda meta persuna matul xi waħda mis-snin ta' stima mill-1991 sa l-1994 ma kinetx reġistrata bħala persuna li tħallas it-taxxa u ma kellhiex *income* taxxabbli skond dan l-Att, hija għandha tiddikjara biss skond il-paragrafi (*a*) sa (*d*), li ma tkunx irċeviet *income* għas-snin ta' stima hemm imsemmija li jiġu qabel is-sena ta' stima meta l-ewwel kellha tħallas it-taxxa skond dan l-Att.

(3) Fid-dikjarazzjoni spontanja għandu wkoll ikun hemm dikjarazzjoni dwar kull qligħ kapitali mhux dikjarat skond l-artikolu 5 dwar kull sena ta' stima li fiha dak il-qligħ ma jkunx ġie hekk dikjarat.

(4) Meta tkun saret dikjarazzjoni spontanja skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:

(*a*) l-*income* tal-persuna li tkun qed tagħmel id-dikjarazzjoni u li tkun suġġetta għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att minbarra dan l-artikolu għandu jitqies li jkun l-*income* dikjarat minn dik il-persuna fil-prospett għas-sena ta' stima relattiva:

Iżda:

(i) meta għar-rigward ta' xi sena ta' stima l-*income*

ta’ dik il-persuna jkun inħadem fi stima li tkun finali u konklużiva l-*income* hekk maħdum għandu jitqies li jkun l-*income* hekk dikjarat; u

(ii) meta xi *income* skond l-artikolu 4(1) ikun ġie jew ikun rapportat minn prinċipal jew minn persuna oħra li tkun qed tħallas dak l-*income* lill-Kummissarju f’xi prospett meħtieġ għall-għanijiet tar-Regoli ta’ l-1972 dwar Tnaqqis ta’ Taxxa (P.A.Y.E.), jew skond dawk ir-regoli jkollu jiġi hekk rapportat, dak l-*income* għandu jitqies bħala dikjarat minn dik il-persuna;

(*b*) l-istima għas-sena ta’ stima relattiva għandha ssir fuq il-bażi ta’ l-*income* dikjarat jew li jitqies li jkun dikjarat skond il-paragrafu (*a*):

Iżda fil-każ meta l-prospett ma jkunx ġie preżentat lill-Kummissarju sal-31 ta’ Marzu, 1995, l-istima għas-sena ta’ stima relattiva għandu jsir fuq il-bażi li ġejja:

(i) Jekk il-prospett ikun għar-rigward ta’ xi waħda mis-snin ta’ stima 1991 sa 1994, l-*income* għas-sena ta’ stima relattiva għandu jitqies, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*)(ii), li jkun dak li jiġi hekk dikjarat minn dik il-persuna fil-prospett relattiv jew l-*income* stabbilit skond is-subartikolu (2), skond liema jkun l-ogħla;

(ii) Jekk il-prospett ikun għar-rigward ta’ sena ta’ stima li tiġi qabel is-sena ta’ stima 1991, l-*income* għas-sena ta’ stima relattiva għandu jitqies, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*)(ii), li jkun dak li jiġi hekk dikjarat minn dik il-persuna fil-prospett relattiv jew somma li tkun daqs l-*income* stabbilit skond is-subartikolu (2)(*d*), skond liema jkun l-ogħla; u

(*ċ*) kull taxxa addizjonali skond l-artikolu 56(12) għar-rigward ta’ xi sena ta’ stima li dwarha ma jkunx hemm stima finali u konklużiva, għandha titħassar.

(5) Għall-għanijiet tas-subartikoli (2), (4) u (7), *income* skond l-artikolu 4(1) u qligħ kapitali skond l-artikolu 5, ifisser l-*income* kif aġġustat skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att.

(6) L-*income* dikjarat f’dikjarazzjoni spontanja skond dan l-artikolu għandu jitqies li jkun *income* taxxabbli separat għas-sena ta’ stima 1995, u għandu, kif suġġett biss għat-tnaqqis kif hemm provdut fis-subartikolu (7), ikun suġġett għat-taxxa bir-rata ta’ ħamsa u għoxrin ċenteżmu (0.25) fl-euro.

(7) Għandu jitnaqqas biss mill-*income* dikjarat dwar kull sena ta’ stima skond is-subartikolu (2), l-*income* dikjarat jew meqjus bħala dikjarat skond is-subartikolu (4), minn min iħallas it-taxxa għas-sena ta’ stima rispettiva li jkun *income* skond l-artikolu 4(1) li ma jkunx *income* minn investiment kif imfisser fl-artikolu 41 jew qligħ kapitali skond l-artikolu 5:

Iżda:

(*a*) meta dwar xi sena ta' stima l-*income* skond l-artikolu 4(1)(*a*) kif dikjarat skond is-subartikolu (4) ikun wieħed ta' telf, dak l-*income* għandu jitqies għall-għanijiet ta' dan l-artikolu li ma jkun xejn; u

(*b*) meta dwar xi sena ta' stima l-*income* dikjarat skond is-subartikolu (4) skond l-artikolu 4(1) (eskluż *income* minn investiment kif imfisser fl-artikolu 41 jew qligħ kapitali skond l-artikolu 5) ikun iktar mill-*income* dikjarat skond is-subartikolu (2) dwar l-istess sena ta' stima, l-*income* dikjarat skond is-subartikolu (4) għandu jitqies li jkun daqs dak dikjarat skond is-subartikolu (2) dwar l-istess sena ta' stima.

(8) It-taxxa fuq l-*income* li titħallas skond dan l-artikolu għandha titħallas fi tlett pagamenti rateali kif ġej:

(*a*) 50 fil-mija sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru, 1995 flimkien mas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni spontanja lill-Kummissarju;

(*b*) 20 fil-mija sa mhux aktar tard mid-29 ta' Marzu, 1996; u

(*ċ*) 30 fil-mija sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru, 1996.

(9) Il-Kummissarju għandu jibgħat bil-posta reġistrata lil kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni spontanja valida skond dan l-artikolu, avviż li jkun fih l-ammont ta' l-*income* taxxabbli separat tiegħu għas-sena ta' stima 1995 u l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas fuqu minnu, u d-disposizzjonijiet tat-Taqsima VII u ta' l-artikolu 32 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandhom ikunu japplikaw għal dak l-avviż. Kap. 372.

(10) Id-dikjarazzjoni spontanja msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom jitqiesu li ma jkunux ġew preżentati għand il-Kummissarju kemm-il darba:

(*a*) il-formola preskritta ma tkunx ġiet mimlija kompletament u bl-eżatt u ppreżentata in duplikat lill-Kummissarju mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru, 1995;

(*b*) il-prospetti kollha għas-snin ta' stima sa u inkluża s-sena ta' stima 1995 ma jkunux ġew ippreżentati lill-Kummissarju sa meta ssir id-dikjarazzjoni; u

(*ċ*) il-ħlas ta' l-ewwel pagament rateali ta' taxxa isir kif stabbilit fis-subartikolu (8).

(11) Meta l-Kummissarju jirriżultalu li persuna li tkun ippreżentat dikjarazzjoni spontanja valida skond dan l-artikolu tkun iddikjarat bin-nieqes l-*income* tagħha għas-sena ta' stima 1995 jew tkun iddikjarat bin-nieqes xi *income* li kellu jiġi dikjarat skond is-subartikolu (3) jew tkun skond il-*proviso* għas-subartikolu (2) iddikjarat li ma tkun irċeviet ebda *income* għal ebda sena ta' stima li matulha kienet suġġetta għat-taxxa, il-Kummissarju għandu jerġa' jikkalkola l-*income* taxxabbli separat fuq il-bażi ta' l-*income*

kif stmat mill-ġdid għas-sena ta' stima 1995, u, jew kif kellu jiġi dikjarat skond is-subartikolu (3), u, jew bla ma jittieħed każ tad-disposizzjonijiet tal-*proviso* għas-subartikolu (2) skond kif ikun il-każ, u jagħmel taxxa fuqu bir-rata ta' bir-rata ta' ħamsa u sittin ċenteżmu (0.65) fl-euro. Il-Kummissarju għandu wara dan joħroġ avviż ta' stima ġdida u kull avviż ta' qabel maħruġ skond dan l-artikolu għandu jitħassar u kull taxxa diġa imħallsa dwar l-avviż ta' qabel jew flimkien mal-preżentata tad-dikjarazzjoni spontanja għandha ssir tpaċija dwarha ma' kull taxxa dovuta skond dan is-subartikolu.

Kap. 372.

(12) Id-disposizzjonijiet relevanti tat-Taqsima VII ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandhom japplikaw għat-taxxa dovuta skond is-subartikolu (11):

Kap. 372.

Iżda persuna jkollha jedd li tagħmel oġġezzjoni u appell kif stabbilit fl-artikoli 33, 35 u 37 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kontra avviż ta' stima maħruġ skond is-subartikolu (11).

(13) (*a*) It-taxxa li titħallas skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhiex titqies li tkun tagħmel sehem minn xi taxxa mħallsa jew li titħallas skond dan l-Att għall-għanijiet ta' l-artikoli 59, 76 u 89.

(*b*) Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-artikolu ma għandha tolqot id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 43, 44 u 45.

(14) Meta persuna tagħmel dikjarazzjoni spontanja skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju ma għandux jagħti każ tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14(1)(*g*) dwar il-kalkolu ta' kull telf li jkun sar matul xi sena li tiġi qabel is-sena ta' stima 1995 dwar is-sena ta' stima 1995 u snin ta' stima li jiġu wara.

(15) Il-Ministru jista' jagħmel regoli b'mod ġenerali għat-tħaddim tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u jista' b'mod partikolari jipprovdi b'dawk ir-regoli dwar kif għandha tkun il-formola ta' prospetti, talbiet, dikjarazzjonijiet u avviżi skond dan l-artikolu.

Assi reġistrati taħt l-Iskema ta' Reġistrazzjoni ta' Investiment.
*Miżjud:*
*II. 2002.43.*
*Emendat:*
*IX. 2005.7;*
*IX. 2007.3.*
Kap. 345.
Kap. 123 u 372.
Kap. 239.
Kap. 294.
Kap. 364.

**9B.** (1) F'dan l-artikolu:

"assi kwalifikattivi" tfisser assi reġistrati skond skema magħmula taħt l-artikolu 39 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju jew l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni;

"liġijiet relevanti" tfisser l-Atti dwar it-Taxxi, l-Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, Edizzjoni ta' l-1942), l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, u l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti;

"taxxa" tfisser kull taxxa jew imposta li tinġabar skond id-disposizzjonijiet tal-liġijiet relevanti.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), ikunu eżenti minn taxxa li kieku kienet titħallas taħt xi disposizzjoni tal-liġijiet relevanti:

(a) kull *income,* inkluż qligħ kapitali, miksub minn assi kwalifikattiv f'kull żmien qabel id-data meta l-assi

jiġu reġistrati bħala assi kwalifikattivi;

(*b*) kull *income*, inkluż qligħ kapitali, sal-limitu li assi kwalifikattivi jkunu jirrappreżentaw dak l-*income* jew parti mhux dikjarata minn dak l-*income* jew akkumulu ta' dak l-*income*, f'kull żmien qabel id-data meta l-assi jiġu reġistrati bħala assi kwalifikattivi, miksub minn xi persuna matul is-sena minnufih qabel xi sena ta' stima li dwarha dik il-persuna tkun ipprovdiet il-prospett tagħha ta' l-*income* lill-Kummissarju qabel 11-31 ta' Marzu, 2005, jew matul is-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 2005, jew qabel dik id-data li dwarha dik il-persuna ma kellhiex għalfejn tibgħat il-prospett tagħha ta' l-*income*;

(*ċ*) kull trasferiment *inter vivos* jew *causa mortis* ta' assi, kull dokument ta' trasferiment ta' dawk l-assi u kull trasferiment ta' dawk l-assi li jkun sar jew li jiġri fil-31 ta' Marzu, 2005, jew qabel dik id-data jew dwar il-parti mhux dikjarata jew il-korrispettiv ta' dak it-trasferiment jew dik it-trasmissjoni, sal-limitu li assi kwalifikattivi ikunu jirrappreżentaw dawk l-assi jew il-valur b'korrispettiv għal dak it-trasferiment jew dik it-trasmissjoni, f'kull żmien qabel id-data meta l-assi jiġu reġistrati bħala assi kwalifikattivi.

(3) L-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-*income* imsemmija fis-subartikolu(2)(*a*) u (*b*) għandha tkun tapplika sakemm dak l-*income* ma jkunx ġie dikjarat f'xi prospett tat-taxxa fuq l-*income* mogħti lill-Kummissarju, u l-ebda taxxa ma tkun ġiet stmata fir-rigward relattiv f'xi stima li ssir taħt l-Atti dwar it-Taxxi u li tiġi notifikata qabel il-31 ta' Marzu, 2005, u l-eżenzjoni mit-taxxa msemmija fil-paragrafu (*ċ*) ta' l-istess subartikolu tkun tapplika sakemm l-ebda prospett, dikjarazzjoni jew avviż tat-trasferiment relattiv, trasmissjoni jew assenjament ma jkun ġie mogħti lill-Kummissarju u l-ebda taxxa ma tkun tħallset jew ġiet stmata fir-rigward relattiv fi stima ta' taxxa li ssir u tiġi avżata qabel id-data msemmija taħt xi disposizzjoni tal-liġijiet relevanti jew sakemm il-valur jew il-korrispettiv jew it-trasferiment jew it-trasmissjoni ma jkunux ġew dikjarati u rappreżentati kif hawn qabel imsemmi mill-assi kwalifikattiv.

(4) Ħadd ma għandu jkun marbut li jagħmel jew jibgħat, jew jitqies li qatt kien marbut jagħmel jew jibgħat, xi prospett, dikjarazzjoni, att jew avviż li kieku kien ikun mitlub li jagħmel jew jibgħat skond xi dispożizzjoni tal-liġijiet rilevanti rigward *income*, trasferiment, trasmissjoni, assenjament jew dokument li jkun eżenti mit-taxxa skond is-subartikolu (2), u kull responsabbiltà li kieku kien ikollu taħt dawk il-liġijiet rilevanti għan-nuqqas li jagħmel jew jibgħat xi prospett, dikjarazzjoni, att jew avviż bħal dak titqies li qatt ma kienet teżisti, u kull persuna li taħt xi skema magħmula mill-Gvern jew xi enti pubblika jew taħt xi liġi, tkun xi tkun inkluż dan l-Att, qabel dik ir-reġistrazzjoni ġiet ikkonsidrata li tkun intitolata għal xi benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ ieħor minħabba li ma tkunx iddikjarat dawk l-assi eliġibbli (jew dħul minnhom) in konnessjoni ma' xi talba għal tali benefiċċju, eżenzjoni jew

vantaġġ, ma għandhiex titqies li għamlet xi reat minħabba li ma tkunx hekk iddikjarat dawk l-assi (jew dħul minnhom) u ma għandhiex tkun mitluba li tirrifondi dak il-benefiċċju, dik l-eżenzjoni jew dak il-vantaġġ ieħor miksub qabel dik id-dikjarazzjoni:

Iżda jekk persuna bħal dik, wara d-data tar-reġistrazzjoni ta' dawk l-assi eliġibbli (jew dħul minnhom) tkompli għal perjodu wara d-dikjarazzjoni tiegħu dak il-benefiċċju, dik l-eżenzjoni jew dak il-vantaġġ bla ma tkun intitolata għalihom, din għandha titqies li qatt ma ġiet meħlusa minn dik il-ħtija għar-reat, u titlef id-dritt li ma tiġix mitluba tirrifondi xi benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ hekk miksub qabel ir-reġistrazzjoni:

Iżda wkoll xejn f'dan l-artikolu ma għandu jitqies li jeżenta lil xi persuna milli tirrifondi xi benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ ieħor mitlub lura mill-awtorità kompetenti qabel ma tkun saret dik id-dikjarazzjoni:

L.S. 233.10
Kap. 233.

Iżda wkoll fil-każ ta' assi kwalifikattivi li jkunu reġistrati taħt ir-Regolamenti dwar Skema ta' Reġistrazzjoni Speċjali, magħmula taħt l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, ir-referenzi għad-dati "31 ta' Marzu, 2005" u "1 ta' Jannar, 2005" fis-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-dati "15 ta' Marzu, 2007" u "1 ta' Jannar, 2006", rispettivament.

Bażi ta' stima.
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*

**10.** It-taxxa għandha tkun imposta, imħallsa u miġbura għal kull sena ta' stima fuq *income* taxxabbli ta' persuna għas-sena minnufih qabel is-sena ta' stima.

Perijodi ta' kontjar.
*Emendat:*
*XXII. 1976.4.*
*Sostitwit:*
*XXVI. 1977.5.*
*Emendat:*
*IX. 1981.2.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*

**11.** (1) Kull persuna għandha kull sena tagħlaq il-kontijiet tas-sengħa jew tan-negozju tagħha li hi meħtieġa żżomm skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att sal-ġurnata li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima li taħbat minnufih wara.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-Kummissarju jista' jagħti permess lil kull persuna li għaliha japplika dan is-subartikolu biex tagħlaq l-imsemmija kontijiet sa data li ma tkunx il-ġurnata li tiġi minnufih qabel sena ta' stima u, meta jkun ingħata permess kif intqal qabel, il-qligħ jew profitti għal dik is-sena ta' stima u snin ta' stima ta' wara għandhom jiġu magħdudin fuq l-*income* tas-sena li tispiċċa fid-data fis-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima li fiha l-Kummissarju jkun ta l-permess li l-kontijiet jistgħu jingħalqu.

(3) Is-subartikolu (2) japplika għal kull -

(*a*) kumpannija;

(*b*) soċjetà kummerċjali *en nom collectif*, jew soċjetà kummerċjali *en commandite* li l-kapital tagħha ma jkunx maqsum f'azzjonijiet;

(*ċ*) enti morali imwaqqaf b'liġi;

(*d*) impriża li skond l-artikolu 30(7)(*d*) għandha tiġi trattata bħala korp ta' persuni separat.

(4) Fil-għoti tal-permess tiegħu għall-finijiet tas-subartikolu

(2), il-Kummissarju jista' jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu meħtieġa u xierqa, u meta l-persuna li tkun talbet il-permess għal tibdil fid-data tal-kontijiet taċċetta l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissarju u d-data tal-kontijiet tas-sengħa jew negozju tinbidel skond dan, dawk il-kondizzjonijiet għandhom japplikaw minkejja xi disposizzjonijiet oħra ta' dan l-Att.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regoli li jippreskrivu -

(*a*) il-metodu li bih tibdil fid-data tal-kontijiet jista' jiġi awtorizzat mill-Kummissarju għall-finijiet ta' dan l-artikolu; u

(*b*) il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu mposti jew meħtieġa mill-Kummissarju fl-awtorizzazzjoni tat-tibdil hawn fuq imsemmi.

## TAQSIMA III

## EŻENZJONIJIET

Eżenzjonijiet.
*Emendat:*
*XX. 1955.2;*
*XV. 1958.2;*
*XXV.1960.5;*
*XXIV.1961.2;*
*XXV. 1962.2, 4;*
*A.L. 4 ta' l-1963;*
*X. 1963.2;*
*XIV. 1963.2;*
*XXXI.1966.2;*
*XXVII. 1967.20;*
*VIII. 1969.4;*
*XLIX. 1974.3;*
*XLII.1975.3;*
*XXII. 1976.4;*
*XXXIX. 1976.8;*
*XXVIII. 1978.5;*
*XXI. 1980.3;*
*IX. 1981.3;*
*IX. 1983.6;*
*XIV. 1984.3;*
*VIII.1987.3;*
*XXXI.1988.4;*
*XIX. 1989.4;*
*XXXVI. 1990.4;*
*VIII. 1991.2;*
*XIII. 1992.2.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Emendat:*
*XVII. 1994.12;*
*XX. 1996.6;*
*XVII.1998.70;*
*IX. 2001.24;*
*II. 2002.44;*
*II. 2003.9;*
*II. 2004.9;*
*II. 2007.5;*
*IV. 2007.9;*
*XVII. 2009.45;*
*I. 2010.15.*
Kap. 318.
Kap. 370.

**12.** (1) Ikunu eżenti mit-taxxa -

(*a*) l-*income* ta' l-Università ta' Malta;

(*b*) l-*allowances* u l-benefiċċji li jistgħu jiġu speċifikati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi b'avviż ippubblikat fil-Gazzetta u li jitħallsu skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, jew bħala konsegwenza ta' xi miżura mħabbra fid-Diskors annwali tal-*Budget*;

(*ċ*) (i) imgħax, skonti, *premiums* jew *royalties* li jkunu dovuti lil jew derivati minn xi persuna mhux residenti f'Malta:

Iżda l-eżenzjoni skond dan is-sub-paragrafu ma tapplikax dwar xi sena li fiha l-imsemmija persuna tkun taħdem f'sengħa jew negozju f'Malta bil-mezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk u meta r-*royalties* jew it-talba għad-debitu li dwarha jitħallas l-imgħax, skont jew *premium*, ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti;

(ii) kull qligħ jew profitti li jkunu dovuti lil jew derivati minn xi persuna li ma tkunx residenti f'Malta mat-trasferiment ta' xi unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv kif imfissra fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, ta' xi unitajiet jew strumenti oħra bħalhom dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term* inklużi *surrender* jew *maturity* ta' poloz ta' l-assigurazzjoni *linked long term* u ta' xi azzjonijiet jew sigurtajiet f'kumpannija (li biex ikun evitat kull dubju jinkludi fidi, likwidazzjoni jew kanċellament) li mhijiex kumpannija li għandha proprjetà u għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-kelma "trasferiment" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-artikolu 5(1)(*b*):

Iżda s-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, *royalties*, qligħ, jew profitt, skond il-każ, tkun persuna mhix residenti f'Malta u din il-persuna ma tkunx il-proprjetà ta' u kkontrollata minn, direttament jew indirettament, jew taġixxi f'isem individwu jew individwi li huma ordinarjament residenti u domiċiljati f'Malta;

Kap. 450.

(*d*) l-*income* ta' xi fond għal min jirtira jew skema għal min jirtira li jkollha liċenza, tkun reġistrata jew xort'oħra awtorizzata taħt l-Att li Jirregola Fondi Speċjali, jew kull Att li jidħol minflok dak l-Att, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli li tkun tinsab f'Malta;

(*e*) l-*income* ta' kull istituzzjoni, *trust*, tħollija jew

fondazzjoni, ta' karattru pubbliku, u ta' kull organizzazzjoni jew korp ta' persuni oħra bħal dawn, ukoll ta' karattru pubbliku, li jkun jagħmel xogħol filantropiku u li jew jikkwalifika għal eżenzjoni skond dan il-paragrafu skond regoli magħmula għal hekk mill-Ministru responsabbli għall-finanzi skond l-artikolu 96 jew ikun imsemmi mill-Ministru bħala li jkun jagħmel xogħol filantropiku għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u ma jkunx hemm dwaru dikjarazzjoni mill-Ministru li ma għadux hekk imsemmi;

(*f*) l-*income* ta' xi partit politiku nkluż l-*income* ta' każini aderenti għal partiti politiċi;

(*g*) pensjonijiet għal feriti u diżabbilitajiet mogħtija dwar feriti jew diżabbilitajiet kaġunati bil-gwerra u kull pensjonijiet mogħtija lil qraba dipendenti ta' membri tal-forzi armati tal-*Commonwealth* maqtula waqt is-servizz fil-gwerra;

(*h*) kull somma kapitali mdaħħla bħala kommutazzjoni ta' pensjoni, gratifikazzjoni ta' rtir jew mewt, jew imdaħħla bħala kumpens konsolidat għal mewt jew korrimenti;

(*i*) l-*income* li jkun hemm minn *scholarship* li jkollha persuna li tkun qed tirċievi tagħlim *full-time* f'università, f'kulleġġ jew stabbiliment edukattiv bhal dawn:

Iżda dan il-paragrafu ma japplikax għal *income*, ikun kif ikun imsejjaħ, imħallas minn fondi maħruġa jew mod ieħor provduti minn min jħaddem lill-persuna li tirċevih u li dik il-persuna kienet tirċievi minħabba l-impieg tagħha kieku ma kellhiex dak l-i*scholarship*; u kull *income* li għalih dan il-paragrafu ma japplikax għandu jitqies li hu *income* suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(*b*);

(*j*) l-*income* ta' xi *trade union* reġistrata skond l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali safejn dak l-*income* ma jkunx ġej minn xi sengħa jew negozju immexxi minn dik it-*trade union*; Kap. 452.

(*k*) il-profitti ta' sid ta' bastiment mhux residenti kif imfisser fl-artikolu 28, kemm-il darba l-pajjiż li lilu jappartjeni s-sid ta' bastiment mhux residenti jestendi eżenzjoni simili lil sidien ta' bastimenti li ma jkunux residenti f'dak il-pajjiż imma li jkunu residenti f'Malta;

(*l*) l-*income* ta' każin jew istituzzjoni simili li l-Kummissarju jkun sodisfatt li jkunu organizzati u mmexxija esklużivament għal ġid soċjali, titjib ċiviku, divertiment jew rikreazzjoni, jew għal kull skop ieħor ħlief qligħ, li ebda parti ta' l-*income* tagħhom ma titħallas lil, jew xort'oħra disponibbli għall-benefiċċju personali ta', xi sid, membru jew azzjonista, sakemm dak il-każin jew istituzzjoni simili ma jitqisux li

jmexxu negozju skond il-artikolu 4(4);

(*m*) *Imħassar bl-Att XX.1996.6.*

(*n*) l-*income* ta' soċjetà filarmonika li l-Kummissarju jkun sodisfatt li tikkostitwixxi każin tal-banda *in bona fede*, kemm-il darba dik is-soċjetà jkollha fond regolari reġistrat mal-Pulizija bħala każin u illi dak il-fond ikun f'użu ta' kull jum bħala post ta' rikreazzjoni mill-membri tiegħu;

(*o*) l-*income* ta' każin jew istituzzjoni simili li l-Kummissarju jkun sodisfatt li jikkostitwixxi *sports club in bona fide*, kemm-il darba l-ebda parti ta' l-*income* tagħhom ma titħallasx lil, jew tkun xort'oħra disponibbli għal benefiċċju personali ta', xi sid, membru jew azzjonista u kemm-il darba wkoll max-xoljiment ta' dik il-każin jew istituzzjoni, ebda fondi ma jiġu distribwiti lil jew disponibbli favur dak is-sid, membru jew azzjonista;

(*p*) kull dividend imħallas jew li għandu jitħallas minn qligħ jew profitti taxxabbli bir-rata provduta fl-artikolu 56(11);

(*q*) l-*income* ta' għaqda koperativa;

(*r*) dak is-sussidju kif jista' jiġi ordnat u li jirrigwarda l-Politika Agrikola Komuni jew xi skema oħra simili introdotti skond kull ftehim internazzjonali jew sovranazzjonali;

(*s*) l-*income* ta' skema ta' investiment kollettiv barra minn *income* ġej minn proprjetà immobbli f'Malta u minn *income* ġej minn investiment imsemmi fl-artikolu 41A(*a*);

(*t*) kull assistenza finanzjarja, kif stabbilita mill-Qrati ta' Malta jew mill-Qrati ta' pajjiż ieħor kif il-Kummissarju jista' japprova jew kif miftiehem b'att pubbliku ta' separazzjoni personali taħt l-awtorità tal-Qrati ta' Malta jew tal-Qrati ta' pajjiż ieħor kif il-Kummissarju jista' japprova, riċevuta minn xi individwu mingħand il-konjuġi relattiv mifrud jew mifruda għar-rigward tal-manteniment ta' xi wild;

(*u*) kull *income* jew qligħ miksub minn kumpannija reġistrata f'Malta minn sehem parteċipanti jew minn trasferiment ta' dak is-sehem, meta t-*taxpayer* ma' weriex dak l-*income* jew qligħ bħala parti mill-*income* taxxabbli fil-prospett magħmul skond l-artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa:

Kap. 372.

Iżda, għar-rigward ta' dividend miksub minn sehem parteċipanti akkwistat fi jew wara l-1 ta' Jannar 2007, l-eżenzjoni maħsuba f'dan il-paragrafu għandha tapplika biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (i) jew (ii) ikunu sodisfatti:

(i) meta l-korp ta' persuni li fih ikun hemm sehem parteċipanti jissodisfa xi waħda minn dawn il-

kondizzjonijiet, jiġifieri:

(1) jkun residenti jew inkorporat f'pajjiż jew territorju li jifforma parti mill-Unjoni Ewropea;

(2) jkun soġġett għal xi taxxa barranija ta' mill-anqas ħmistax fil-mija (15%);

(3) ma jkollux iżjed minn ħamsin fil-mija (50%) ta' l-*income* tiegħu miksub minn imgħax passiv jew *royalties*;

(ii) jekk ebda waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (i) ma jkunu sodisfatti għandhom ikunu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(1) is-sehem b'ekwità tal-kumpannija reġistrata f'Malta fil-korp ta' persuni li mhux residenti f'Malta ma jkunx investiment ta' portafoll u għal dan il-għan il-pussess ta' azzjonijiet minn kumpannija residenti f'Malta f'korp ta' persuni li mhux residenti f'Malta li jikseb iktar minn ħamsin fil-mija (50%) ta' l-*income* tiegħu minn investimenti ta' portafoll għandu jitqies bħala investiment ta' portafoll; u

(2) il-korp ta' persuni li mhux residenti f'Malta jew l-imgħax jew *royalties* passivi tiegħu kienu soġġetti għal xi taxxa barranija b'rata ta' mhux inqas minn ħamsa fil-mija (5%):

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet tal-proviso immedjatament preċedenti għandhom, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2011, japplikaw ukoll għal dividendi riċevuti minn sehem parteċipanti akkwistat qabel l-1 ta' Jannar 2007:

Iżda wkoll fir-rigward ta' ishma parteċipanti f'kumpanniji residenti f'Malta, id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw biss għall-qligħ jew profitti li ġejjin mit-trasferiment ta' dawk il-kumpanniji:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-kelma "trasferiment" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-artikolu 5(1)(*b*).

(*v*) Royalties jew *income* simili miksub minn privattivi rigward invenzjonijiet, kemm jekk waqt sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni jew xort'oħra, soġġetti għat-twettiq ta' dawk it-termini u kondizzjonijiet (inklużi xi limiti fuq l-ammont massimu ta' *income* eżentat) u jikseb dawk id-determinazzjonijiet kif jista' jiġi preskritt:

Iżda meta xi *income* li huwa eżenti mit-taxxa skont dan il-paragrafu jinkiseb minn kumpannija, id-distribuzzjoni tal-profitti partikolari permezz ta'

dividend minn dik il-kumpannija għandha tkun ukoll eżenti mit-taxxa f'idejn l-azzjonisti, iżda meta l-persuna li tirċievi dak id-dividend hija kumpannija (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-tieni kumpannija"), kull dividend imħallas lill-membri tat-tieni kumpannija għandu, sal-limitu li dak id-dividend jitħallas mill-profitti li huma eżentati skont dan il-pararafu, ma jiġix intaxxat taħt dan l-Att, u meta membru tat-tieni kumpannija jkun ukoll kumpannija, id-disposizzjonijiet ta' dan il-proviso għandhom japplikaw *mutatis mutandis* daqs li kieku ir-referenzi għat-tieni kumpannija kienu riferenzi għal dak il-membru, u l-prinċipju stabbilit f'dan il-proviso għandu jibqa' japplika sakemm il-profitti eżentati msemmija f'dan il-paragrafu jiġu distribwiti permezz ta' dividend:

Iżda wkoll meta dawk ir-*royalties* jew *income* simili jinkisbu minn kumpannija, din l-eżenzjoni m'għandhiex tapplika meta l-kumpannija tkun uriet dak l-*income* bħala parti mill-*income* tagħha li għandu jiġi intaxxat fil-prospett magħmul skont l-artikolu 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li tagħti xi eżenzjoni milli jiġi ippreżentat prospett dwar xi *income* bħal dak, jew li teżenta f'idejn minn jirċevihom xi dividendi, imgħax, somom fis-sena, emolumenti, pensjonijiet jew qligħ jew profitti oħra mħallsa kollha kemm huma jew f'parti mill-*income* hekk eżentat.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeżenta kull persuna jew klassi ta' persuni b'effett retroattiv jew le mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kollha kemm huma jew x'uħud minnhom, fuq xi raġuni li huwa jidhirlu biżżejjed. Kull eżenzjoni bħal dik tista' ssir suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet jew għall-ħlas ta' dik ir-rata jew ta' dawk ir-rati oħra ta' taxxa, sew jekk ikollhom x'jaqsmu ma' *income* sew jekk le, jew kemm għal dawk il-kondizzjonijiet kif ukoll għall-ħlas, kif il-Ministru jidhirlu xieraq.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'ordni pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, jiddisponi illi l-imgħax li għandu jitħallas fuq xi self addebitat fuq il-flus li jidħlu fil-Fond Konsolidat ikun eżentat mit-taxxa, sew b'mod ġenerali jew biss dwar l-imgħax li għandu jitħallas lil persuni mhux residenti f'Malta, u dak l-imgħax għandu, mid-data u sa fejn huwa speċificat fl-ordni, ikun eżentat skond hekk.

(4) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'ordni pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern jiddisponi illi l-imgħax li jitħallas fuq kull obbligazzjonijiet, *stock* ta' obbligazzjonijiet jew titoli oħra

Kap. 202.

maħruġa mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta skond l-Att dwar il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, bħala garanzija għal xi self awtorizzat ta' l-imsemmija Korporazzjoni, jkun eżenti mit-taxxa, sew għal kollox jew f'parti u safejn jidhirlu xieraq, u dak l-

imgħax għandu, mid-data u safejn ikun speċifikat fl-ordni, ikun hekk eżenti.

Residenti temporanji.
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*

**13.** It-taxxa ma titħallasx dwar xi *income* li jkun ġej minn barra minn Malta għal xi persuna li tkun f'Malta għal xi skop temporanju biss u mhux b'xi ħsieb li tistabbilixxi r-residenza tagħha fiha u li ma tkunx attwalment irrisidiet f'Malta xi darba jew drabi għal perijodu li flimkien iġib b'kollox sitt xhur fis-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima.

## TAQSIMA IV

### TNAQQIS

Tnaqqis permess.
*Emendat: XX. 1955.3; V. 1958.3; XV. 1958.2; XXV. 1960.6; XXV. 1962.2,4; A.L. 4 ta' l-1963; X. 1973.2; XLII. 1975.4; XXVI.1977.6; XXVIII. l978.6; XXI. 1980.4; IX. 1981.4; XIII. 1983.4; XXXVI. 1990.5; XVIII. 1993.5. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XX. 1996.7; IV. 2001.35; IX. 2001.25; II. 2002.45; II. 2003.10; II. 2007.6; IV. 2007.10; IX. 2007.4; A.L. 409 tal-2007; I. 2010.16.*

**14.** (1) Bl-iskop li jkun aċċertat l-*income* kollu ta' persuna, għandhom jitnaqqsu l-flejjes kollha li jkunu ntefqu u l-ispejjeż kollha li jkunu saru minn dik il-persuna matul is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima safejn dak l-infiq u dawk l-ispejjeż ikunu servew kollha u biss fil-produzzjoni ta' l-*income*, inklużi -

(*a*) somom li jitħallsu minn dik il-persuna bħala imgħax fuq xi flejjes li hija tissellef, meta l-Kummissarju jkun sodisfatt illi l-imgħax kellu jitħallas fuq kapital impjegat biex akkwistat l-*income;*

(*b*) kera mħallas minn kerrej ta' art jew bini minnu okkupati bl-iskop li jakkwista l-*income*;

(*ċ*) kull somma minfuqa għal tiswijiet ta' fondi, impjanti jew makkinarju impjegat fl-akkwist ta' l-*income*, jew għat-tiġdid, tiswija jew alterazzjoni ta' xi għodda, utensili jew oġġett hekk impjegat;

(*d*) krediti ineżiġibbli li jkunu saru f'xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni, li jkunu pruvati b'sodisfazzjon tal-Kummissarju li saru mejta matul is-sena minnufih qabel is-sena ta' stima għalkemm l-imsemmijin krediti ineżiġibbli jkunu skadew u kellhom jitħallsu qabel il-bidu ta' l-imsemmija sena:

Iżda s-somom kollha miġburin matul l-imsemmija sena akkont ta' ammonti qabel imħassrin mill-kotba jew mgħoddija bħala krediti ineżiġibbli għandhom, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqiesu bħala ntrojti tas-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni għal dik is-sena;

(*e*) kull somma kontribwita minn prinċipal għal pensjoni, tifdil, soċjetà jew fond ta' previdenza jew soċjetà jew fond oħrajn li jkunu approvati mill-Kummissarju kif ikun preskritt;

(*f*) tnaqqis dwar tqagħbir ordinarju ta' xi impjant u makkinarju, u fondi li jkunu xi bini jew struttura industrjali, li jkun ġej mill-użu jew l-impieg ta' dik il-proprjetà fil-produzzjoni ta' l-*income*; u meta dik il-

proprjetà tkun użata b'pattijiet li l-piż tat-tqagħbir ordinarju tagħha jkun fuq il-persuna li tagħmel użu mill-proprjetà fil-produzzjoni ta' l-*income*, iżda dik il-proprjetà ma tkunx proprjetà tagħha, hija jkollha l-jedd għal kull tnaqqis li hija kien ikollha jedd għalih li kieku dik il-proprjetà kienet tagħha:

Iżda -

(i) l-ammont li għandu jitnaqqas dwar il-fondi li jkunu bini jew struttura industrjali ma għandux ikun iżjed minn tnejn fil-mija ta' kemm ikunu qamu, minbarra kemm tkun qamet l-art li fuqha jkun inbena l-bini jew l-istruttura;

(ii) meta t-tnaqqis kollu li jista' jingħata skond dan il-paragrafu u skond il-paragrafu (*j*) ma jkunx jista' jsir kollu f'xi sena minħabba li ma jkunx hemm profitti jew qligħ taxxabbli għal dik is-sena mill-għajn ta' *income* li dwaru jingħataw jew minħabba li l-profitti jew qligħ taxxabbli minn dik l-għajn ikun inqas mit-tnaqqis li ma jkunx sar, għandu jiżdied mat-tnaqqis għat-tqagħbir ordinarju dwar dik l-għajn għas-sena ta' wara u jitqies li hu parti minn dak it-tnaqqis, jew jekk ma jkunx hemm tnaqqis bħal dak dwar dik l-għajn għal dik is-sena, jitqies li hu t-tnaqqis għal dik is-sena u jibqa' sejjer hekk għas-snin ta' wara;

(iii) it-tnaqqis kollu magħmul skond dan il-paragrafu u skond il-paragrafu (*j*), miżjud mat-tqagħbir ordinarju, jekk ikun hemm, jew ma' dik il-parti minnu skond il-każ, li jkun ġara qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, ma għandux jeċċedi kemm ikunu qamu oriġinarjament, jew dik il-parti minnu skond il-każ, ta' dak l-impjant, makkinarju jew fondi, meta jitqies safejn ikunu ġew użati għal kollox u biss fil-produzzjoni ta' l-*income*, u

(*a*) it-tqagħbir ordinarju li jkun ġara qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jiġi ikkalkolat bir-rati preskritti, u

(*b*) kemm tkun qamet l-art li fuqha l-bini jew struttura tkun ġiet mibnija għandu fil-każijiet kollha jkun eskluż minn kemm ikun qam il-fond oriġinarjament;

(*g*) l-ammont ta' telf li xi persuna iġġarrab, waħidha jew bi sħab, f'xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni matul is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima illi, li kieku kien profitt, kien ikun taxxabbli skond dan l-Att; u fil-kalkolu ta' dak it-telf għandu jitqies it-tnaqqis kollu li setgħa jingħata skond il-paragrafi l-oħra ta' dan is-subartikolu, barra mill-

paragrafi (*f*) u (*j*), li kieku kien profitt; u meta l-ammont ta' telf li jiġġarrab u li jiġi ikkalkolat kif intqal qabel ikun hekk li ma jistax kollu kemm hu jitnaqqas mill-qligħ kapitali jew mill-*income* minn għejjun oħra għas-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima l-ammont għandu, safejn seta' jiġi mnaqqas għal kollox, mill-qligħ kapitali jew mill-*income* għall-imsemmija sena, jinġieb 'il quddiem u jitnaqqas minn dak illi kieku kien ikun l-*income* totali għas-snin sussegwenti li jiġu wara xulxin:

Iżda ebda ħaġa f'dan il-paragrafu ma għandha tiftiehem li tippermetti t-tnaqqis ta' xi telf, li jkun iġġarrab barra minn Malta, illi kieku kien profitt, u kien ġie miġmum barra minn Malta, ma kienx ikun taxxabbli skond dan l-Att:

Iżda wkoll li telf kif intqal qabel m'għandux jitnaqqas kontra *income* li jiġi allokat lill-kont tat-taxxa finali u kull telf li jirriżulta mill-attivitajiet jew minn għejun li l-profitti miksuba minnhom kienu jkunu allokati lill-kont tat-taxxa finali m'għandux jitqies bħala telf li għalih japplika dan il-paragrafu;

(*h*) kull spiża għal tiftix xjentifiku minfuqa minn persuna li tkun imqabbda f'sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni, u li l-Kummissarju jkun sodisfatt li hemm prova li ġiet minfuqa għall-użu u ġid tas-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni:

Iżda kull nefqa bħal dik li tirrappreżenta impieg ta' kapital, kemm-il darba ma tkunx nefqa li dwarha tnaqqis huwa permess skond il-paragrafi (*f*) u (*j*), tinfirex indaqs matul is-sena li fiha tkun intefqet u l-ħames snin li jaħbtu wara:

Iżda wkoll ebda tnaqqis ma jkun permess skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu fil-każ ta' spiża bħal dik fuq impjant jew makkinarju jew fondi, li dwarha xi tnaqqis huwa permess skond il-paragrafi (*f*) u (*j*):

Iżda wkoll it-tnaqqis dovut taħt dan il-paragrafu jista', jekk dik il-persuna hekk tagħżel, jkun permess li jsir b'mija u ħamsin fil-mija ta' l-ammont attwali tan-nefqa li ssir; u meta persuna teserċita l-għażla li jkollha kif hawn aktar qabel imsemmi, it-tnaqqis kollu miżjud ma għandux, għal xi sena ta' stima, jkun ta' iktar minn ħamsa fil-mija mid-dħul ta' dik il-persuna għal dik is-sena; u jekk dan it-tnaqqis miżjud totali jkun tali li l-ammont sħiħ tiegħu ma jkunx jista' jiġi permess bħala tnaqqis fis-sena li fiha kien ikun, ħlief għal-limitazzjoni msemmija ta' ħamsa fil-mija, jista' jitnaqqas, dak is-sehem li ma jkunx jista' jiġi hekk permess għandu jiżdied ma' kull tnaqqis dovut taħt il-provvedimenti ta' dan il-paragrafu għas-sena li tiġi wara u jitqies bħala sehem minn dak it-tnaqqis jew, jekk ma jkunx hemm tnaqqis bħal dak għal dik is-sena, jitqies bħala t-tnaqqis għal dik

is-sena, u jibqa' għaddej b'dan il-mod fil-perjodi li jiġu wara.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "riċerka xjentifika" għandha tinkludi:

(i) riċerka bażika li tikkomprendi attivitajiet li jsiru għall-avvanz ta' konoxxenza xjentifika jew tekonoloġika;

(ii) riċerka applikata meta tkun prevista xi applikazzjoni speċifika;

(iii) xogħol ta' żvilupp li jkun jinvolvi l-użu tar-riżultati ta' riċerka bażika u applikata kif hawn aktar qabel imsemmi għall-fini tal-ħolqien ta' materja, apparat, prodotti jew proċessi ġodda jew it-titjib ta' dawk eżistenti.

(*i*) kull spiża fuq *patents* jew *patent rights* minfuqa minn persuna mqabbda f'sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni u ippruvata b'sodisfazzjon tal-Kummissarju li ġiet minfuqa għall-użu u ġid tas-sengħa, negozju, professjoni, jew vokazzjoni:

Iżda kull nefqa bħal dik li tirrappreżenta impieg ta' kapital tinfirex sakemm il-patent jew *patent rights* jibqgħu iseħħu b'mod xieraq li jogħġob lill-Kummissarju:

Iżda wkoll kull somma riċevibbli minn xi bejgħ ta' dawk il-patents jew *patent rights* jew kull sehem minnhom u r-*royalties* kollha jew *income* ieħor riċevibbli dwar hekk għandhom ikunu nklużi bħala *income* totali għas-sena li fiha jkunu riċevibbli;

(*j*) dwar impjant u makkinarju l-ewwel użat u impjegat fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima, tnaqqis inizjali ta' kwint tan-nefqa kapitali fuqu, u dwar fondi li jkunu bini jew struttura industrjali l-ewwel użati u mpjegati fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima, tnaqqis inizjali ta' minn għaxra wieħed tan-nefqa kapitali fuqu:

Iżda t-tnaqqis magħmul skond dan il-paragrafu jkun ristrett, imnaqqas u miġjub 'il quddiem kif stabbilit fit-tieni u fit-tielet *proviso* tal-paragrafu (*f*):

Iżda t-tnaqqis maħsub b'dan il-paragrafu dwar l-impjant u l-makkinarju ma għandux jibqa' japplika b'seħħ minn dik is-sena ta' stima li tista' tiġi stabbilita mill-Ministru b'Ordni fil-Gazzetta.

(*k*) kull somma jew spejjeż li jiġu ippruvati għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li jkunu tħallsu jew li jkunu saru minn jew f'isem kandidat għall-elezzjoni bħala membru tal-Kamra tad-Deputati akkont ta' jew dwar it-tmexxija jew id-direzzjoni ta' dik l-elezzjoni:

Iżda dak it-tnaqqis jingħata biss fil-każ ta’ kandidat elett u ma għandux ikun iżjed mill-ogħla ammont ta’ spiża li tista’ ssir minn kandidat wieħed skond l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali jew mill-ammont li fil-fatt ikun intefaq minn dak il-kandidat, liema minnhom ikun l-inqas; Kap. 354.

(*l*) kull nefqa li ssir minn persuna li tkun taħdem f’xi kummerċ, negozju, professjoni jew vokazzjoni għall-fini tal-promozzjoni ta’ tali kummerċ, negozju, professjoni jew vokazzjoni, inkluża kull nefqa fuq riċerka dwar is-suq u l-ksib ta’ informazzjoni dwar is-suq, reklamar jew mezzi oħra ta’ prokurar ta’ kummerċ, għoti ta’ kampjuni, u parteċipazzjoni f’fieri u esibizzjonijiet;

(*m*) kull nefqa ta' natura kapitali fuq jeddijiet ta’ proprjetà intellettwali li tiġġarrab minn persuna li tkun f’xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni u li dwarha tinġieb prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li din tkun saret għall-użu u l-benefiċċju ta’ dik is-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni:

Iżda kull tali nefqa ta’ xorta kapitali għandha tinfirex fuq is-sena li matulha tkun saret u s-sentejn li jiġu minnufih wara;

(*n*) kull somma li dwarha tinġieb prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li tkun intnefqet minn min iħaddem lil ċentru liċenzjat jew reġistrat ta’ *childcare* rigward miżati mħallsa għal servizzi ta’ *childcare* għat-tfal ta’ l-impjegati tiegħu, sa massimu ta’ disa’ mija u ħamsa u tletin euro (935):

Iżda meta persuna mqabbda b’sengħa jew negozju tikseb qligħ jew profitti għal kollox jew f’parti -

(i) mill-bejgħ jew tneħħija ta’ pitrolju prodott f’Malta skond liċenza mogħtija qabel l-1 ta’ Jannar, 1981, skond l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Pitrolju jew skond dak l-Att u skond l-Att dwar il-Blata Kontinentali, l-*income* totali ta’ dik il-persuna jiġi aċċertat skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 23: Kap. 156. Kap. 194.

(ii) minn xogħlijiet f’Malta dwar il-produzzjoni ta’ pitrolju u l-bejgħ jew it-tneħħija ta’ dak il-pitrolju, sew jekk skond liċenza mogħtija kif intqal qabel wara l-1 ta’ Jannar, 1981, jew skond kuntratt dwar il-qsim tal-produzzjoni ta’ pitrolju jew xi arranġament ieħor l-*income* totali ta’ dik il-persuna għandu jiġi aċċertat b’dak il-mod li jista’ jiġi preskritt,

u d-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu u ta’ l-artikolu 24 m’għandhomx japplikaw.

(2) (*a*) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regoli li jippreskrivu l-metodu tal-kalkular jew stimar tat-tnaqqis permess skond dan l-artikolu, u jista'

b'dawk ir-regoli jistabbilixxi wkoll l-ammont tat-tnaqqis.

(*b*) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'dawk ir-regoli ukoll jippreskrivi dwar kull kreditu u tnaqqis ieħor li ma jkunx dak elenkat fis-subartikolu (1), u jista' wkoll b'dawk ir-regoli jistabbilixxi l-klassi ta' persuni li dawk il-krediti jew tnaqqis ta' taxxa jkunu japplikaw għalihom u l-metodu ta' kalkolu jew stima ta' dawk il-krediti jew tnaqqis ta' taxxa u l-ammonti tagħhom.

(3) Fejn issir nefqa minn persuna qabel ma din tibda topera s-sengħa jew negozju tagħha, u n-nefqa -

(*a*) issir mhux aktar minn tmintax-il xahar qabel dak iż-żmien; u

(*b*) ma għandux isir tnaqqis dwarha biex jiġi stabbilit l-*income* mis-sengħa jew min-negozju ta' dik il-persuna, iżda li kien jiġi mnaqqas skond is-subartikolu (1) li kieku saret wara dak iż-żmien,

dik in-nefqa kif jiġi preskritt għandha tigi meqjusa bħallikieku saret fil-ġurnata meta s-sengħa jew in-negozju ssir l-ewwel darba minn dik il-persuna.

(4) Meta persuna ddaħħal *income* minn xogħol magħmul fuq jew fir-rigward ta' proprjetà immobbli li tinsab ġewwa Malta, li jikkonsisti f'senserija jew servizzi professjonali, xogħol ta' kostruzzjoni, maniġġjar ta' proġetti ta' kostruzzjoni u xogħol ta' nies tas-sengħa, jew mill-għoti ta' self jew minn kull forma ta' kreditu għall-iffinanzjar tal-akkwist, żvilupp, kostruzzjoni, modernizzar, rinnovar ta' proprjetà immobbli jew kull dritt fuqha u kull materja oħra li żżid jew ittejjeb il-valur ta' dik il-proprjetà immobbli jew kull dritt fuqha, u dik il-proprjetà tappartjeni lil qarib, għandu jkollu effett dan li ġej:

(*a*) l-*income* miksub minn xogħol, self jew kreditu, jew mit-trasferiment ta' dik il-proprjetà immobbli jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà immobbli li magħhom dak ix-xogħol, self, jew kreditu huwa relatat, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu għandu jitqies bħala *income* li għandu jiġi intaxxat separatament;

(*b*) sabiex jiġi stabbilit l-*income* li għandu jiġi intaxxat mill-imsemmi xogħol, it-total ta' tnaqqis permess taħt dan l-artikolu kontra dak l-*income* m'għandux jeċċedi l-ammont tal-ħlas riċevut jew li għandu jiġi riċevut għall-imsemmi xogħol; u

(*ċ*) sabiex jiġi stabbilit l-*income* li għandu jiġi intaxxat miksub mit-trasferiment ta' dik il-proprjetà immobbli jew xi dritt fuq dik il-proprjetà immobbli, it-total ta' tnaqqis permess taħt dan l-artikolu kontra dak l-*income* m'għandux jeċċedi l-ammont tal-ħlas riċevut jew li għandu jiġi riċevut għal dik l-imsemmija proprjetà immobbli jew xi dritt fuq dik il-proprjetà immobbli, safejn dak l-eċċess ikun jikkonsisti f'dawk

l-ammonti mħallsa jew li għandhom jitħallsu rigward ix-xogħol, self, jew kreditu msemmi f'dan is-subartikolu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-ammonti kollha mħallsa jew li għandhom jitħallsu rigward l-imsemmi xogħol, self, jew kreditu għandhom, għall-finijiet biex jiġi stabbilit l-*income* li għandu jiġi ntaxxat, jiġu kkunsidrati biss wara li kull tnaqqis ieħor permess ikun ġie kkunsidrat:

Iżda l-paragrafu (*ċ*) m'għandux japplika fir-rigward ta' *income* miksub minn self jew kreditu, meta jista' jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li l-ammont imħallas jew li għandu jitħallas fir-rigward tas-self jew kreditu msemmi f'dan is-subartikolu jirrifletti l-ammont li kien tħallas jew li kellu jitħallas kieku l-persuni msemmija f'dan is-subartikolu ma kenux qraba.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu -

(i) individwu jitqies li huwa qarib ta' persuna oħra jekk dik il-persuna l-oħra tkun korp ta' persuni li fih l-individwu huwa, direttament jew indirettament, azzjonista, imsieħeb jew membru; u

(ii) żewġ korpi ta' persuni jitqiesu li huma qraba jekk ikunu direttament jew indirettament kontrollati minn jew ikunu jappartjenu b'mod benefiċjarju għal aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija mill-istess persuni.

Hlasijiet għall-manteniment. *Miżjud: XX. 1996.8. Emendat: II. 2002.46; I. 2010.17.*

**14A.** Minkejja kull ħaġa għall-kuntrarju li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jipprova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena qabel sena ta' stima jkun għamel ħlas għall-manteniment kif stabbilit mill-Qrati ta' Malta jew mill-Qrati ta' pajjiż ieħor kif il-Kummissarju jista' japprova jew kif miftiehem b'att pubbliku ta' separazzjoni personali taħt l-awtorità tal-Qrati ta' Malta jew tal-Qrati ta' pajjiż ieħor kif il-Kummissarju jista' japprova lill-parti miżżewġa lilu li ma tkunx baqgħet tgħix miegħu, dak l-individwu għandu jingħata bħala tnaqqis kontra l-*income* tiegħu l-iċken minn dawn l-ammonti -

(*a*) l-ammont attwalment imħallas skond l-ordni tal-qorti jew att pubbliku;

(*b*) l-*income* taxxabbli ta' l-individwu għas-sena.

Miżati ta' skejjel. *Miżjud: II. 2002.47. Emendat: II. 2005.7; IV. 2007.11; XXXII. 2007.33; A.L. 409 tal-2007.*

**14B.** (1) Minkejja kull ħaġa li tgħid xort'oħra li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, huwa jkun ħallas miżati ta' skejjel li jirrigwardaw it-tfal tiegħu li jkunu jattendu f'xi *kindergarten* privat reġistrat jew f'xi skola msemmija mill-Ministru, huwa għandu jingħata tnaqqis fir-rigward ta' l-*income* tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti -

(*a*) l-ammont attwalment imħallas kif jiġi ċertifikat mill-kap ta' l-iskola relattiva jew *kindergarten*;

(*b*) elf u erba' mitt euro (1,400) għar-rigward ta' kull tifel jew tifla li jkunu attendew dik l-iskola sekondarja jew

elf euro (1,000) għar-rigward ta' kull tifel jew tifla li jkunu attendew dik l-iskola primarja jew *kindergarten*.

(2) Kull individwu li jikkwalifika skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) li jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena msemmija jkun ħallas miżati lill-iskola msemmija li jirrigwardaw it-tifel jew tifla tiegħu bi bżonnijiet speċjali għas-servizzi ta' faċilitatur, għandu jingħata tnaqqis fir-rigward ta' l-*income* tiegħu għall-miżati hekk imħallsa sa massimu ta' disat elef, tliet mija u għoxrin euro (9,320), sakemm ikun ingħata parir minn bord imwaqqaf għal dak l-iskop mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni illi dak il-faċilitatur ikun meħtieġ għal dak it-tifel jew għal dik it-tifla.

(3) Fejn il-ġenituri ta' tifel li jattendi jew ta' tifla li tattendi skola msemmija kif imfisser fis-subartikoli (1) u (2) jgħixu separati u flimkien jikkontribwixxu għall-ħlas tal-miżati ta' l-iskola, it-tnaqqis permess rigward dak it-tifel jew tifla għandu jiġi mqassam bejn il-ġenituri fil-proporzjon ta' l-ammont tal-kontribuzzjoni tagħhom.

Miżati għal servizzi ta' *childcare*. *Miżjud: IV. 2007.12. Emendat: A.L. 409 tal-2007; II. 2009.12; I. 2010.18.*

**14Ċ.** Minkejja kull ħaġa li tgħid xort'oħra li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, huwa jkun ħallas, lil ċentru ta' *bona fide*, miżati li jirrigwardaw servizzi ta' *childcare* għat-tfal tiegħu li kienu taħt it-tnax-il sena, huwa għandu, miżati li jirrigwardaw servizzi ta' *childcare* għat-tfal tiegħu huwa għandu, għal kull wild, jingħata tnaqqis fir-rigward ta' l-*income* tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti -

(*a*) l-ammont attwalment imħallas kif jiġi ċertifikat minn riċevuti uffiċjali;

(*b*) elf euro (€1000):

Iżda l-Ministru jista' b'regoli jippreskrivi l-kondizzjonijiet li taħthom dan it-tnaqqis għandu jkun permess.

Miżati dwar residenza f'dar għall-anzjani. *Miżjud: XXXII. 2007.34.*

**14D.** Minkejja kull ħaġa li tgħid xort'oħra li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, huwa jkun ħallas miżati għalih innifsu jew f'isem membru tal-familja tiegħu rigward residenza f'dar privata għall-anzjani, huwa għandu jingħata tnaqqis fir-rigward ta' l-*income* tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti -

(*a*) l-ammont li jkun fil-fatt tħallas;

(*b*) elfejn euro:

Iżda, għal kull sena ta' stima, it-tnaqqis kollu mitlub rigward xi resident ma għandux jeċċedi l-ammont kif stipulat f'dan l-artikolu:

Iżda wkoll li t-tnaqqis jingħata biss jekk il-pagament u d-dettalji ta' l-individwu li jagħmel it-talba jiġu konfermati minn informazzjoni pprovduta, f'dak il-format u kontenut li jiddetermina l-Kummissarju, mill-persuna li tmexxi d-dar privata għall-anzjani.

**14E.** Minkejja kull ħaġa li tgħid xort'oħra li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima huwa jkun ħallas miżati rigward it-tfal tiegħu li ma jkunux għalqu s-sittax-il sena, li jattendu attivitajiet sportivi organizzati jew minn persuna reġistrata skond ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Persuni Sportivi jew mill-Kunsill Malti għall-Isport, huwa għandu, għal kull tifel jew tifla, jingħata tnaqqis fir-rigward ta' l-*income* tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti -

Miżati għal attivitajiet sportivi. *Miżjud: XXXII. 2007.35. Sostitwit: II. 2009.13.*

A.L. 63 ta' l-2008.

(*a*) l-ammont li jkun fil-fatt tħallas;

(*b*) mitt euro:

Iżda t-tnaqqis għandu biss jingħata jekk il-pagament u d-dettalji ta' l-individwu li jkun qed jagħmel it-talba jiġu konfermati minn informazzjoni provduta mill-persuna reġistrata, permezz tal-Kunsill Malti għall-Isport jew mill-Kunsill Malti għall-Isport kif ikun il-każ, f'dak il-format u l-kontenut li jiddetermina l-Kummissarju.

**14F.** Jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li huwa jkun ħallas miżati rigward studji tiegħu f'istituzzjoni rikonoxxuta ta' edukazzjoni terzjarja, kemm jekk lokalment kemm jekk barra minn Malta, għandu jingħata tnaqqis fir-rigward tal-*income* tiegħu rigward dawk il-miżati b'dak il-mod u soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu ordnati.

Prova ta' ħlas ta' miżati. *Miżjud: I. 2010.19.*

**15.** (1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu kumpannija fis-servizzi ta' investiment tfisser kumpannija li fl-1 ta' Ottubru, 2003 jkollha liċenza ghal servizzi ta' investiment maħruġa skond l-artikolu 6 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment jew kumpannija li fl-1 ta' Ottubru, 2003 kienet rikonoxxuta minn awtorità kompetenti rilevanti għall-finijiet ta' l-artikolu 9A ta' dak l-Att imsemmi, u li l-attivitajiet tagħha jkunu jikkonsistu biss fil-provvediment ta' treġija, amministrazzjoni, *safekeeping* jew konsulenza ta' investiment lil skemi ta' investiment kollettiv kif imfisser fl-imsemmi Att.

Kumpannija fis-servizzi ta' investimment. *Miżjud: XVII. 1994.13. Emendat: II. 2003.11; II. 2004.10.* Kap. 370.

(2) Sabiex jigi aċċertat l-*income* totali ta' kumpannija fis-servizzi ta' investiment għal xi sena sas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima li tibda f'dik id-data li l-Ministru jista', b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, l-ammonti speċifikati fil-paragrafi minn (*a*) sa (*e*) għandhom, fuq l-għażla tal-kumpannija, jingħataw bħala tnaqqis biż-żieda ma', jew minflok, skond il-każ, l-ammonti li jingħataw skond l-artikolu 14(1) u jkunu suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-artikolu. Għal dan l-għan:

(*a*) kera, spejjeż ta' enerġija, manutenzjoni ta' bini, assigurazzjoni ta' bini u spejjeż oħra li għandhom x'jaqsmu ma' okkupazzjoni ta' bini li jkunu saru matul iż-żmien li jibda mis-sena li taħbat qabel l-ewwel sena ta' stima li fiha l-kumpannija fis-servizzi ta' investiment tkun għall-ewwel darba suġġetta għat-taxxa skond dan l-Att sa u inkluża s-sena li taħbat qabel l-għaxar sena ta' stima jingħataw bħala addizzjonali ta' mija fil-mija ta' dik l-ispiża;

(*b*) tnaqqis ta’ mija fil-mija jissostitwixxi t-tnaqqis li hemm provdut għalih skond l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*) dwar spiża li tkun saret matul iż-żmien li jibda mis-sena li taħbat qabel l-ewwel sena ta’ stima li fiha l-kumpannija fis-servizzi ta’ investiment tkun għall-ewwel darba suġġetta għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att sa u inkluża s-sena li taħbat qabel il-ħames sena ta’ stima u, b’żieda, infieq dwar il-bini ta’ l-uffiċċju jikkwalifika għal dak it-tnaqqis daqslikieku l-bini kien bini industrijali;

(*ċ*) l-ammonti investiti minn kumpannija fis-servizzi ta’ investiment akkont tagħha stess fi skema ta’ investiment kollettiv amministrata minn dik il-kumpannija jingħataw bħala tnaqqis jekk dak l-investiment isir matul iż-żmien li jibda mis-sena li taħbat qabel l-ewwel sena ta’ stima li fiha il-kumpannija fis-servizzi ta’ investiment tkun għall-ewwel darba suġġetta għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att sa u inkluża s-sena li taħbat qabel il-ħames sena ta’ stima:

Iżda dawk il-fondi investiti ma jridux jitneħħew minn dak l-investiment fi skema ta’ investiment kollettiv sa sentejn minn meta jkun sar dak l-investiment:

Iżda wkoll dak it-tnaqqis addizzjonali ma jeffetwax l-ammont li għandu jittieħed bħala l-kost ta’ l-akkwist ta’ dak l-investiment għall-finijiet ta’ kull disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, iżda wkoll dak it-tnaqqis ma jinġiebx ’il quddiem bħala parti minn telf biex jitpatta mal-passiv tal-kumpannija dwar qligħ kapitali li jinqala’ mit-trasferiment ta’ l-investimenti tagħha fl-iskema ta’ investiment kollettiv;

(*d*) rimunerazzjoni mħallsa minn kumpannija fis-servizzi ta’ investiment lill-impjegati tagħha residenti f’Malta tingħata bħala addizzjonali ta’ mija fil-mija ta’ dik ir-rimunerazzjoni jekk dak l-infieq isir matul iż-żmien li jibda mis-sena li taħbat qabel l-ewwel sena ta’ stima li fiha l-kumpannija tkun għall-ewwel darba suġġetta għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att sa u inkluża s-sena li taħbat qabel l-għaxar sena ta’ stima;

(*e*) għandhom jingħataw bħala tnaqqis kull spejjeż oħra u nfieq ieħor li jsir mill-kumpannija fis-servizzi ta’ investiment għal kollox u esklużivament sabiex tmexxi n-negozju tagħha u li xort’oħra ma kienux jingħataw bħala tnaqqis skond id-disposizzjonijiet l-artikolu 14(1).

(3) Meta kumpannija fis-servizzi ta’ investiment tagħmel infieq qabel ma tibda tmexxi n-negozju tagħha, u l-infieq:

(*a*) ikun sar mhux qabel ħames snin minn dak iż-żmien; u

(*b*) ma jkunx jista’ jitnaqqas sabiex jiġi aċċertat l-*income* totali tal-kumpannija fis-servizzi ta’ investiment, iżda

kien ikun jista' hekk jitnaqqas skond l-artikolu 14(1) jew skond is-subartikolu (2)(*e*) li kieku sar wara dak iż-żmien,

dak l-infiq għandu jkun meqjus li sar fil-ġurnata li fiha dak in-negozju jkun għall-ewwel darba tmexxa mill-kumpannija fis-servizzi ta' investiment, u s-subartikolu (2)(*a*) sa (*d*) għandu japplika għal dak l-infieq.

(4) It-tnaqqis addizzjonali speċifikat fis-subartikolu (2) jirrappreżenta t-tnaqqis massimu li jista' jingħata għall-finijiet ta' dak is-subartikolu; u kumpannija fis-servizzi ta' investiment m'għandhiex għalfejn titlob l-ammont kollu ta' dak it-tnaqqis massimu dwar xi sena ta' stima.

(5) It-tnaqqis addizzjonali kif provdut f'dan l-artikolu ma jitteħidx kont tiegħu sabiex ikun stabbilit l-ammont ta' telf, jekk ikun hemm, li jkun disponibbli għal ċessjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli minn 16 sa 22 (disposizzjonijiet dwar eżenzjoni għal gruppi).

Kumpanniji awtorizzati biex jaġixxu ta' *managers* ta' l-assigurazzjoni. *Miżjud: XVII.1998.70. Emendat: II. 2004.11.* Kap.403.

**15A.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 15 dwar kumpanniji fis-servizzi ta' investiment għandhom, meta applikabbli, japplikaw *mutatis mutandis* għal kumpanniji li fl-1 ta' Ottubru, 2003 kienu awtorizzati li jaġixxu ta' *managers* ta' l-assigurazzjoni skond l-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni.

Tifsir ta' grupp. *Miżjud: XVII. 1994.13.*

**16.** Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli minn 17 sa 22, hawnhekk iżjed 'il quddiem kollettivament imsejħa (inkluż dan l-artikolu) "id-disposizzjonijiet dwar eżenzjoni għal gruppi", żewġ kumpanniji residenti f'Malta iżda li l-ebda waħda minnhom ma tkun residenti għal finijiet ta' taxxa f'xi pajjiż ieħor jitqiesu li huma membri ta' grupp ta' kumpanniji jekk waħda tkun sussidjarja ta' l-oħra b'wieħed u ħamsin fil-mija jew it-tnejn ikunu sussidjarji b'wieħed u ħamsin fil-mija ta' tielet kumpannija residenti f'Malta.

Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet dwar eżenzjoni għal gruppi, kumpannija titqies li hi sussidjarja ta' kumpannija oħra b'wieħed u ħamsin fil-mija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "kumpannija *parent*":

(*a*) jekk u sakemm iktar minn ħamsin fil-mija tal-kapital azzjonarju ordinarju tagħha u iktar minn ħamsin fil-mija tal-jedd tal-vot ikun il-proprjetà, direttament jew indirettament, tal-kumpannija *parent*; u

(*b*) il-kumpannija *parent* ikollha l-jedd li tibbenefika, direttament jew indirettament, minn iktar minn ħamsin fil-mija ta' l-attiv tal-profitti li jkunu disponibbli għal tqassim lill-azzjonisti ordinarji tal-kumpannija sussidjarja; u

(*ċ*) il-kumpannija *parent* ikollha l-jedd li tibbenefika, direttament jew indirettament, minn iktar minn ħamsin fil-mija ta' l-attiv tal-kumpannija sussidjarja li jkun disponibbli għal tqassim bejn l-azzjonisti ordinarji

f'każ ta' xoljiment.

Ċessjoni ta' eżenzjoni bejn membri ta' gruppi.
*Miżjud: XVII. 1994.13.*

**17.** (1) Bla ħsara għal, u skond, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli minn 18 sa 22, telf li jista' jingħata jista', fil-każ imsemmi fis-subartikolu (2), ikun ċedut minn kumpannija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni", u, meta ssir talba minn kumpannija oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-kumpannija li tagħmel it-talba", jingħata lill-kumpannija li tagħmel it-talba bħala tnaqqis imsejjaħ "eżenzjoni għal-gruppi". Talba magħmula bis-saħħa ta' dan is-subartikolu qed tissejjaħ hawnhekk iżjed 'il quddiem "talba bħala grupp".

(2) Eżenzjoni għal gruppi tista' tingħata meta l-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni u l-kumpannija li tagħmel it-talba jkunu t-tnejn membri ta' l-istess grupp matul is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima li għaliha tintalab l-eżenzjoni.

(3) Għal kull sena ta' stima, jista' jkun hemm żewġ kumpanniji jew iktar li jagħmlu t-talba bħala grupp dwar l-istess kumpannija li tagħmel ċessjoni.

(4) Ħlas ta' eżenzjoni għal grupp -

(*a*) ma jitteħidx kont tiegħu fil-kalkolu ta' profitti jew telf ta' xi waħda mill-kumpanniji għall-finijiet ta' taxxa imposta b'dan l-Att; u

(*b*) ma jitqiesx, għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, bħala tqassim.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "ħlas ta' eżenzjoni għal gruppi" tfisser ħlas li jsir minn kumpannija li tagħmel it-talba lill-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni skond ftehim bejniethom dwar ammont ċedut bħala eżenzjoni għal gruppi, li jkun ħlas li ma jkunx iktar minn dak l-ammont.

Telf li jista' jkun ċedut bħala eżenzjoni għal gruppi.
*Miżjud: XVII. 1994.13. Emendat: II. 2007.7; A.L. 409 tal-2007.*

**18.** (1) (*a*)Jekk f'xi sena li taħbat qabel sena ta' stima l-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni tkun għamlet telf li jista' jingħata, l-ammont tat-telf jista' jitpatta għall-finijiet tat-taxxa ma' l-*income* totali tal-kumpannija li tagħmel it-talba għas-sena ta' stima korrispondenti u, meta applikabbli, għal snin ta' stima sussegwenti kemm-il darba fis-sena li fiha l-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni tkun għamlet telf iż-żewġ kumpanniji jkollhom perijodi ta' kontijiet li jibdew u jispiċċaw fl-istess dati:

Iżda meta l-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni tagħmel il-kontijiet u tħallas it-taxxa f'munita differenti minn dik tal-kumpannia li tagħmel it-talba kull telf ċedut għandu jitpatta ma' l-*income* totali tal-kumpannija li tagħmel it-talba kif intqal qabel, wara li dak l-ammont jinqaleb fil-munita li fiha l-kumpannija li tagħmel it-talba tagħmel il-kontijiet tagħha u tħallas it-taxxa. Dak il-qlib tal-munita jsir b'referenza għall-medja tar-rata jew tar-rati ta' kambju bejn dik il-munita jew muniti u l-euro li tiġi fl-aħħar jum tal-perijodu ta' kontijiet li għaliha jirreferi t-telf kif maħruġ mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

(*b*) Kumpannija li tagħmel ċessjoni tista' ċċedi telf li jista'

jingħata bħala eżenzjoni għal gruppi li jkun iktar mill-*income* totali tal-kumpannija li tagħmel it-talba fis-sena li taħbat qabel sena ta' stima, f'liema każ il-kumpannija li tagħmel it-talba tista' ġġib 'il quddiem u tpatti dak it-telf skond id-disposizzjonijiet l-artikolu 14(1)(*g*) daqslikieku kien telf fil-kummerċ tagħha stess.

(*ċ*) Meta it-telf li jista' jingħata, li kieku kien profitt, kien ikun allokat lill-kont tal-proprjetà immobbli jew lill-kont intaxxat f'Malta tal-kumpannija li tagħmel ċessjoni, il-kumpannija li tagħmel it-talba tista' tnaqqas dak it-telf mill-*income* tagħha li għandu jiġi allokat lill-kont tal-proprjetà immobbli jew lill-kont intaxxat f'Malta, u dak it-telf jista' biss jinġieb 'il quddiem kontra l-*income* totali tal-kumpannija li tagħmel it-talba li jinqala' fi snin sussegwenti u li kieku ikun allokat għal kull wieħed minn dawn il-kontijiet intaxxati.

(*d*) Meta it-telf li jista' jingħata, li kieku kien profitt, kien ikun allokat lill-kont ta' *income* barrani tal-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni, il-kumpannija li tagħmel it-talba tista' tnaqqas biss dak it-telf li kien ikun allokat lill-kont tagħha ta' l-*income* barrani u dak it-telf jista' biss jinġieb 'il-quddiem kontra l-*income* totali tal-kumpannija li tagħmel it-talba li jinqala fi snin sussegwenti u li kieku kien ikun allokat lill-kont tagħha ta' l-*income* barrani.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), kumpannija li tkun jew -

(*a*) inkorporata ġdida u fiż-żminijiet kollha wara li tkun inkorporata tissodisfa il-kundizzjonijiet biex titqies membru ta' l-istess grupp ta' kumpanniji bħal kumpannija oħra fis-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima u jkollha l-perijodu tal-kontijiet tagħha jagħlqu fl-istess data bħal dik tal-kumpannija l-oħra f'dik is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima; jew

(*b*) tkun xoljiet matul il-perijodu tal-kontijiet tagħha u sakemm tkun hekk xoljiet tissodisfa l-kundizzjonijiet biex titqies membru ta' l-istess grupp bħal kumpannija oħra fis-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima u d-data tal-bidu tal-perijodu tal-kontijiet tagħha tkun l-istess bħal tal-kumpannija l-oħra f'dik is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima,

din titqies għall-finijiet tas-subartikolu (1)(*a*) li jkollha perijodu ta' kontijiet li jibda u jispiċċa fl-istess data bħal dik tal-kumpannija l-oħra u għal dik is-sena tingħata eżenzjoni għal gruppi sħiħa.

Eżenzjoni għal gruppi - kontra evitar ta' taxxa. *Miżjud: XVII. 1994.13.*

**19.** Jekk, barra minn dan l-artikolu, kumpannija tkun membru ta' grupp ta' kumpanniji u jkun hemm arranġamenti li l-għan waħdani jew ewlieni tagħhom ikun biex titnaqqas ir-responsabbilità għal ħlas ta' taxxa mill-kumpannija, u bis-saħħa ta' l-imsemmija arranġamenti dik il-kumpannija ma tibqax membru ta' dak il-grupp ta' kumpanniji, f'dak il-każ il-kumpannija titqies li m'hijiex membru ta' dak il-grupp ta' kumpanniji għal kull sena li taħbat qabel is-sena ta' stima li matulha dawk l-arranġamenti jkunu jeżistu.

Esklużjoni ta' eżenzjoni doppji.
*Miżjud:*
*XVII. 1994.13.*

**20.** (1) Eżenzjoni ma tingħatax iktar minn darba, sew billi tingħata eżenzjoni għal gruppi u billi tingħata xi xort'oħra ta' eżenzjoni (dwar kull sena ta' stima) lill-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni, jew billi tingħata eżenzjoni għal gruppi iktar minn darba, dwar l-istess ammont.

(2) Skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), żewġ kumpanniji jew iktar li jagħmlu talba, ma jistgħux dwar xi telf wieħed, jiksbu fit-total iktar eżenzjoni milli tkun tista' tinkiseb minn kumpannija waħda li tagħmel talba.

Talbiet u aġġustamenti.
*Miżjud:*
*XVII. 1994.13.*

**21.** Talba għal eżenzjoni għal gruppi:

(*a*) m'hemmx għalfejn tkun għall-ammont kollu li jkun hemm,

(*b*) għandha tinkludi l-kunsens tal-kumpannija li tagħmel iċ-ċessjoni mogħtija f'dik il-forma li tista' tkun meħtieġa mill-Kummissarju, u

(*ċ*) għandha ssir mhux iktar tard minn tnax-il xahar wara t-tmiem tal-perijodu tal-kontijiet tal-kumpannija liema data tkun matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima li għaliha ssir it-talba.

Tifsir.
*Miżjud:*
*XVII. 1994.13.*

**22.** Għall-fini tad-disposizzjonijiet dwar eżenzjoni għal gruppi:

(*a*) referenza għal "telf li jista' jingħata" għandha tiftiehem għat-telf imsemmi fl-artikolu 14(1)(*g*), sa fejn dan ikun sar fis-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima u ma jkunx telf li dwaru ma jkunx ingħata eżenzjoni miġjub'il quddiem minn snin ta' qabel; u

(*b*) referenzi għal "*income* totali" għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 2 iżda dak l-*income* jkun kalkolat qabel ma jsir xi tnaqqis dwar eżenzjoni għal gruppi.

Profitti mill-produzzjoni tal-pitrolju.
*Miżjud:*
*V. 1958.4.*
*Emendat:*
*XV. 1958.2;*
*XXV. 1962.2, 4;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*VIII. 1969.5;*
*X. 1973.3;*
*XXVIII. 1978.7;*
*XXXVI. 1990.6.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Emendat:*
*XX. 1996.9.*

**23.** (1) Meta persuna mqabbda f'sengħa jew negozju tikseb qligħ jew profitti għal kollox jew f'parti mill-bejgħ jew tneħħija ta' pitrolju prodott f'Malta jew ta' jeddijiet u interessi li jkollhom x'jaqsmu ma' dan il-pitrolju, f'dan il-każ, safejn jirrigwarda l-qligħ jew profitti miksuba minn din il-persuna mill-bejgħ jew tneħħija ta' dan il-pitrolju jew ta' jeddijiet u interessi li jkollhom x'jaqsmu miegħu, l-*income* totali ta' dik il-persuna għandu jkun aċċertat billi jitnaqqsu l-flejjes kollha li jkunu ntefqu u l-ispejjeż kollha li jkunu saru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima minn dik il-persuna u li jkunu servew kollha u biss għall-produzzjoni ta' l-*income* u attribwibbli kif jixraq għalih, kemm jekk isiru f'Malta jew band'oħra, inkluż, iżda mingħajr b'xi mod ma tirrestrinġi l-ġeneralità ta' 'l fuq imsemmi, dan li ġej:

(*a*) kirjiet ta' ċnus imħallsa jew li għandhom jitħallsu għat-tgawdija mill-persuna ta' kull jedd f'xi art jew fuq xi art f'Malta jew f'xi parti jew fuq xi parti tal-blata kontinentali, esklużi kull spiża li tirrappreżenta impieg ta' kapital li tkun saret għall-akkwist ta'

jeddijiet ta' proprjetà u servitù:

Iżda f'każijiet ta' akkwist ta' jeddijiet ta' proprjetà u servitù tkun permessa bħala tnaqqis renta xierqa fis-sena;

(*b*) *royalties* ta' flus jew ta' ħwejjeġ oħra u/jew eżazzjonijiet oħra ta' xorta bħal din;

(*ċ*) il-kost intanġibbli ta' l-esplorazzjoni, it-tħaffir u l-iżvilupp, inkluża l-ispiża kollha li ssir mill-persuna f'esplorazzjoni ġeoloġika għal pitrolju f'Malta, u l-preparazzjoni ta' l-area tal-bjar u t-tħaffir tagħhom, u l-kost tas-servizzi kollha meħtieġa għalhekk, iżda eskluża l-ispiża għall-akkwist ta' attiv fiżiku ta' ħajja utili li tkun minn ras għal ras iżjed minn sena. Jekk il-persuna tkun trid hekk, il-kost intanġibbli ta' l-esplorazzjoni, it-tħaffir u l-iżvilupp jew xi parti minnu li jsir f'xi sena għandu jiġi kapitalizzat u mifdi skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*f*);

(*d*) it-telf li jiġri minn bejgħ ta' oġġetti mixtrija mill-persuna għax-xogħlijiet tagħha f'Malta iżda li ma jkunux użati jew addebitati għal dawn ix-xogħlijiet (kull profitt li jiġi minn dan il-bejgħ għandu jitqies li huwa *income*) u l-kost lill-persuna għas-servizzi mogħtija mill-persuna għat-tmexxija tax-xogħlijiet tagħha f'Malta;

(*e*) spejjeż ta' amministrazzjoni u tat-tmexxija, l-*overhead charges* u l-kirjiet jew ħlasijiet oħra għall-użu ta' xi proprjetà;

(*f*) tnaqqis fis-sena dwar il-konsum, deprezzament u fidwa ta' attiv tanġibbli u intanġibbli wżat fil-produzzjoni ta' l-*income* matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima; it-tnaqqis jiġi kalkolat bir-rati li ġejjin fuq il-valur deprezzat ta' l-attiv:

(i) bini, toroq u pontijiet, mollijiet u xtut il-baħar u attiv ieħor ta' xorta bħal dawn.................... 4%;

(ii) oġġetti mobbli ta' l-uffiċċju........................ 5%;

(iii) impjant u makkinarju, tankijiet, *pipelines*, vetturi mħaddma b'muturi, tagħmir għat tħaffir, bċejjeċ tal-port u attiv ieħor ta' xorta bħal dawn..............................................................1 2.5%;

(iv) kost intanġibbli ta' esplorazzjoni, tħaffir u żvilupp.................................................... 25%:

Iżda ebda tnaqqis ma jsir skond dan il-paragrafu (*f*) dwar nefqa li l-persuna tkun trid taqta' skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*ċ*).

Il-valur deprezzat ta' attiv għas-sena ta' stima jkun in-nefqa totali lill-persuna ta' dak l-attiv li tkun saret matul is-snin kollha li jaħbtu qabel is-sena ta' stima barra t-tnaqqis fis-sena, jekk ikun hemm,

mogħtija fis-snin kollha ta' stima ta' qabel.

Meta f'xi sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima attiv li jikkwalifika għal tnaqqis skond il-paragrafu (*f*) jintilef, jinbiegħ, jew xort'oħra jitneħħa, ebda tnaqqis tas-sena ma għandu jingħata dwar dak l-attiv għal dik is-sena ta' stima, iżda minflok dan jingħata tnaqqis li jissejjaħ "tnaqqis tal-bilanċ", dwar dak l-attiv daqs l-eċċess tal-valur deprezzat ta' dan l-attiv fuq id-dħul, jekk ikun hemm, li jiġri fuq it-telf, bejgħ jew tneħħija tiegħu; iżda meta d-dħul li jiġri minħabba t-telf, bejgħ jew tneħħija ta' dan l-attiv ikun iżjed mill-valur deprezzat tiegħu, l-eċċess limitat għad-differenza bejn il-kost u l-valur deprezzat ta' dan l-attiv, għandu jiżdied mal-qligħ jew profitti tal-persuna għas-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima;

(*g*) kull somma ta' kontribuzzjoni maħruġa mill-persuna bħala prinċipal għal pensjoni, tifdil, soċjetà jew fond ta' prevvidenza jew soċjetà jew fondi oħra li jkunu approvati mill-Kummissarju kif ikun preskritt;

(*h*) krediti ineżiġibbli pruvati għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li jkunu saru ineżiġibbli matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima, minkejja li dawn il-krediti ineżiġibbli kienu dovuti u kellhom jitħallsu qabel il-bidu ta' dik is-sena:

Iżda s-somom kollha miġbura matul dik is-sena akkont ta' ammonti qabel imħassra mill-kotba jew mgħoddija bħala krediti ineżiġibbli għandhom għall-finijiet ta' dan l-Att jitqiesu bħala introjti tas-sengħa għal dik is-sena;

(*i*) in-nefqa għal stħarriġ ta' ċittadini ta' Malta sabiex jitmexxew ix-xogħlijiet tal-persuna f'Malta:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kull raġuni li jidhirlu biżżejjed, jippermetti tnaqqis ta' ħlasijiet ta' natura volontarja li jkunu servew kollha u biss fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima mill-persuna għall-produzzjoni ta' l-*income* u attribwibbli kif jixraq lill-istess *income.*

(2) Kull spiża li tkun saret fil jew wara l-1 ta' April, 1969, kollha u biss għall-finijiet ta' sengħa jew negozju li għalihom dan l-artikolu 23 igħodd u attribwibbli kif jixraq lill-istess minn persuna li tkun sejra tmexxi din is-sengħa jew negozju għandha titqies għall-finijiet ta' dan l-artikolu 23 bħallikieku tkun saret minn dik il-persuna fl-ewwel ġurnata li fiha hija fil-fatt tkun mexxietha.

(3) Ebda ħaġa li hemm imsemmi qabel dan ma għandha tifiehem li tawtorizza l-inklużjoni ta' imgħax fuq kapital fil-flejjes kollha li jkunu ntefqu u fl-ispejjeż.

(4) Meta f'xi sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima l-flejjes kollha li jkunu ntefqu u l-ispejjeż imsemmija fis-subartikolu

(1) li jkunu servew kollha u biss għall-produzzjoni ta' l-*income* tas-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima u attribwibbli kif jixraq għalih ikun iżjed minn dak l-*income*, l-eċċess għandu jinġieb 'il quddiem u jitnaqqas meta wieħed jasal għall-*income* kollu tas-sena jew snin ta' wara ta' stima sa l-aktar għaxar snin.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-Att -

(*a*) kull liċenza mogħtija skond l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Pitrolju, jew skond dak l-Att u skond l-Att dwar il-Blata Kontinentali għandha titqies li toħloq kummerċ jew negozju separat u distint minn kull kummerċ jew negozju ieħor; Kap. 156. Kap. 194.

(*b*) kull persuna li tingħata aktar minn liċenza waħda li hi imsemmija fil-paragrafu (*a*) għandha titqies li tikkostitwixxi numru ta' persuni separati suġġetti għat-taxxa skond dan l-Att li jkun daqs in-numru ta' dawk il-liċenzi mogħtija lilha;

(*ċ*) meta jsiru nfiq u spejjeż in komuni dwar kummerċ jew negozji separati hekk kif imsemmija fil-paragrafu (*a*) jew bejn persuni separati hekk kif imsemmija fil-paragrafu (*b*), dawk l-infiq u l-ispejjeż għandhom jinqasmu bi proporzjon hekk kif ikun meħtieġ minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att.

Dikjarazzjoni ta' bilanċ, *balancing allowance* u *balancing charge*. *Miżjud: XXV. 1960.7. Emendat: XLII. 1975.5; XXVI. 1977.7; XXVIII. 1978.8. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XVII. 1994.14.*

**24.** (1) Meta, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*), ikun ġie permess xi tnaqqis f'xi sena ta' stima biex jiġi aċċertat l-*income* totali ta' xi persuna u xi wieħed mill-każijiet li ġejjin jiġri fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima fil-każ ta' xi proprjetà li dwarha jkun ġie permess xi tnaqqis kif intqal, jiġifieri, jew il-proprjetà jew xi parti minnha -

(*a*) tinbiegħ jew xort'oħra tiġi trasferita b'titolu oneruż, kemm jekk tkun għadha fl-użu kemm jekk le; jew

(*b*) tiġi distrutta; jew

(*ċ*) titneħħa mill-użu bħala mqagħbra jew qadima jew xort'oħra inutili jew mhux aktar meħtieġa,

u l-każ fil-kwistjoni jiġri qabel ma l-għajn ta' l-*income* li dwaru jkun ingħata t-tnaqqis ma jibqax jeżisti jew jappartjeni lill-imsemmija persuna, hija għandha, fis-sena ta' stima, tagħti lill-Kummissarju, fl-istess ħin li tagħti l-prospett tagħha ta' l-*income* skond l-artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, dikjarazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "dikjarazzjoni ta' bilanċ"), dwar dik il-proprjetà li juri l-partiti li ġejjin, jiġifieri: Kap. 372.

(i) l-ammont ta' nefqa ta' kapital dwar il-ksib tagħha; u

(ii) id-deprezzament totali li jkun sar minħabba t-tqagħbir ordinarju mid-data ta' l-akkwist ta' dik il-proprjetà meta jitqies l-ammont totali tat-tnaqqis kollu permess qabel skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*) u ta' kull tnaqqis jew ħlasijiet permessi jew magħmula qabel skond is-subartikolu (2)(*a*) jew

(*b*); u

(iii) l-ammont ta’ flejjes dwarha għal kull bejgħ, assigurazzjoni, salvataġġ jew kumpens u, meta l-proprjetà tkun ġiet trasferita bi bdil, il-valur tagħha, jew, jekk tneħħiet mill-użu, il-valur tat tneħħija tagħha.

(2) Biex jiġi aċċertat l-*income* totali ta’ persuna li tinħtieġ skond is-subartikolu (1) li tagħti dikjarazzjoni ta’ bilanċ lill-Kummissarju, ikun permess tnaqqis (hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejjaħ *balancing allowance*) jew, skond il-każ, għandha ssir żieda (hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejħa *balancing charge*) u dak il-*balancing allowance* jew *balancing charge* għandu jiġi kalkulat b’riferenza għad-dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet ta’ bilanċ mogħtija minn dik il-persuna dwar is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta’ stima, kif ġej:

(*a*) l-ammont ta’ *balancing allowance* ikun l-ammont li bih l-ammont tal-partita (i) tad-dikjarazzjoni ta’ bilanċ ikun iżjed mis-somma ta’ l-ammonti tal-partita (ii) u tal-partita (iii) ta’ dik id-dikjarazzjoni; jew

(*b*) l-ammont tal-*balancing charge* ikun l-ammont li bih is-somma ta’ l-ammonti tal-partita (ii) u tal-partita (iii) tad-dikjarazzjoni ta’ bilanċ tkun iżjed mill-ammont tal-partita (i) ta’ dik id-dikjarazzjoni:

Iżda:

(i) il-*balancing charge* ma għandu f’ebda każ ikun iżjed mill-ammont totali ta’ kull tnaqqis mogħti qabel skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*) u magħdud fil-partita (ii) tad-dikjarazzjoni ta’ bilanċ;

(ii) meta l-proprjetà li dwarha jkun dovut *balancing allowance* jew ikun imissu jsir *balancing charge* kienet użata biss f’parti għal-produzzjoni ta’ l-*income*, dik il-parti biss tal-*balancing allowance* li xort’oħra kienet tkun mogħtija, jew tal-*balancing charge* li xort’oħra kien imissu jsir għandha tkun mogħtija jew għandu jsir, skond il-każ, meta jitqies safejn tkun intużat għall-imsemmi għan.

(3) Meta proprjetà, li dwarha jkun ġara xi wieħed mill-każijiet imsemmija fis-subartikolu (1), tkun rimpjazzata minn sidha u *balancing charge* għandu jsir minnu minħabba f’dak il-każ jew, li ma kienx għad-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu, kien ikollu jsir minnu minħabba f’hekk, f’dak il-każ, jekk huwa b’avviż bil-miktub lill-Kummissarju jagħżel hekk, id-disposizzjonijiet li ġejjin ikollhom seħħ, jiġifieri:

(*a*) jekk l-ammont tal-*balancing charge* li kieku kien isir ikun akbar min-nefqa ta’ kapital għall-ksib tal-proprjetà l-ġdida -

(i) il-*balancing charge* ikun ammont daqs id-differenza; u

(ii) ebda *balancing allowance* skond is-subartikolu (2) u ebda tnaqqis skond l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*) ma jkunu permessi dwar dik il-proprjetà ġdida jew nefqa ta' kapital għall-ksib tagħha; u

(iii) biex jiġi kunsidrat jekk xi *balancing charge* u, f'każ affermattiv, kemm jinħtieġ li jsir dwar in-nefqa ta' kapital għall-ksib ta' dik il-proprjetà ġdida, l-ammont aggregat tat-tnaqqis kollu, permess qabel dwar dik il-proprjetà skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*), għandu jitqies li jkun daqs l-ammont kollu ta' dik in-nefqa;

(*b*) jekk in-nefqa ta' kapital għall-ksib tal-proprjetà ġdida tkun daqs, jew akbar mill-ammont tal-*balancing charge* li kieku kien isir -

(i) il-*balancing charge* ma għandux isir; u

(ii) l-ammont ta' kull tnaqqis dwar in-nefqa msemmija skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*) għandu jiġi kalkulat bħallikieku n-nefqa ta' kapital għall-ksib ta' dik il-proprjetà ġdida kienet tnaqqset bl-ammont tal-*balancing charge* li kieku kien isir; u

(iii) biex jiġi kunsidrat jekk xi *balancing allowance* jew xi *balancing charge* u, f'każ affermattiv, kemm, għandux isir dwar in-nefqa ta' kapital għall-ksib ta' dik il-proprjetà ġdida, l-ammont totali tat-tnaqqis kollu, permess qabel dwar dik il-proprjetà skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u skond l-artikolu 14(1)(*f*) u (*j*), għandu jitqies li kien ġie miżjud b'ammont daqs l-ammont tal-*balancing charge* li kieku kien isir:

Iżda meta l-proprjetà l-ġdida tkun f'parti biss użata għall-produzzjoni ta' l-*income*, dik il-parti biss minn nefqa kapitali li tkun saret biex tinkiseb il-proprjetà għandha tiġi kalkolata għall-finijiet ta' dan is-subartikolu skond kif ikun xieraq meta jitqies safejn dik il-proprjetà tkun użata għal kollox u esklusivament għall-produzzjoni ta' l-*income.*

(4) Meta xi persuna tkun ikkunsinnat dikjarazzjoni ta' bilanċ, il-Kummissarju jista' -

(*a*) jaċċetta d-dikjarazzjoni u jagħmel *balancing allowance* jew *balancing charge* għal hekk; jew

(*b*) jirrofta li jaċċetta d-dikjarazzjoni u, skond l-aħjar dehen tiegħu, jistabbilixxi l-ammont tal-*balancing allowance* jew tal-*balancing charge* u jagħmel *balancing allowance* jew *balancing charge* għalhekk.

(5) Meta persuna ma tkunx ikkunsinnat dikjarazzjoni ta' bilanċ u l-Kummissarju jkun tal-fehma illi l-*balancing charge* kien ikollu jsir fuq dik il-persuna dwar kull proprjetà bħal dik, f'dak il-każ il-Kummissarju jista' skond l-aħjar dehen tiegħu, jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-*balancing charge* u jistmah skond hekk.

(6) Ebda ħaġa fis-subartikoli (4) u (5) ma għandha tostakola li d-deċiżjoni tal-Kummissarju fl-eżerċizzju tas setgħa mogħtija lilu b'dawk is-subartikoli tiġi attakkata f'appell skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 35 u 37 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

(7) Għall-fini ta' dan l-artikolu -

(*a*) l-espressjoni "proprjetà" tfisser impjant u makkinarju, u fondi li jkunu bini jew struttura ndustrjali li jkunu proprjetà ta', u mpjegati minn, xi persuna fil-produzzjoni ta' l-*income* tagħha;

(*b*) in-nefqa ta' kapital għall-ksib ta' xi proprjetà tkun l-ammont li, fil-fehma tal-Kummissarju, dik il-proprjetà kienet tqum kieku mixtrija fis-suq fiż-żmien tal-ksib tagħha;

(*ċ*) il-prezz dwar kull proprjetà mibjugħa jew l-valur ta' kull proprjetà xort'oħra trasferita b'titolu oneruż ikun l-ammont li, fil-fehma tal-Kummissarju, dik il-proprjetà kienet iġġib kieku mibjugħa jew xort'oħra trasferita b'titolu oneruż fis-suq fiż-żmien li ġiet mibjugħa jew trasferita;

(*d*) il-valur tat-tneħħija ta' proprjetà li titneħħa mill-użu jkun l-ammont li, fil-fehma tal-Kummissarju, dik il-proprjetà kienet iġġib kieku mibjugħa jew xort'oħra trasferita b'titolu oneruż fis-suq fiż-żmien li titneħħa mill-użu.

(8) Meta f'xi sena ta' stima ma jistax jingħata effett sħiħ għal xi *balancing allowance* billi ma jkun hemm ebda profitti jew qligħ taxxabbli għal dik is-sena mill-għajn ta' l-*income* li dwaru jintalab dak it-tnaqqis jew għaliex il-profitti jew qligħ taxxabbli minn dik il-għajn ikunu anqas mit-tnaqqis, f'dak il-każ sakemm l-għajn ta' l-*income* li dwaru għandu jsir it-tnaqqis ikompli jeżisti u jibqa' proprjetà tal-persuna li jkollha l-jedd għall-imsemmi tnaqqis, il-bilanċ ta' dak it-tnaqqis għandu jiżdied mat-tnaqqis u jitqies li jagħmel parti mit-tnaqqis, jekk ikun hemm, għas-sena ta' stima li taħbat sew sew wara, u jekk ebda tnaqqis bħal dak ma għandu jsir għal dik is-sena, għandu jitqies li jikkostitwixxi t-tnaqqis għal dik is-sena, u hekk għas-snin ta' stima ta' wara.

Applikabbiltà ta' l-artikoli minn 14 sa 24.
*Miżjud: XVII. 1994.15.*
*Sostitwit: II. 2007.8.*

**25.** Għall-finijiet ta' l-artikoli 14 sa 24 it-tnejn inklużi, l-ispejjeż li jsiru fil-produzzjoni ta', u t-tnaqqis li jista' jingħata dwar, *income* miksub minn profitti li huma allokati lil xi kont intaxxat għandhom l-ewwel jitnaqqsu kontra dan l-*income*.

**26.** Għall-iskop li jkun aċċertat l-*income* kollu ta' persuna, ebda tnaqqis ma jkun permess dwar -

Tnaqqis li ma jkunx permess. *Emendat: V. 1958.5; XXII. 1976.4; XXIV.1976.3; XXVI. 1977.8; XXVIII. 1978.9. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XX. 1996.10; II. 2002.48.*

(*a*) spejjeż domestiċi jew privati minbarra ħlasijiet għall-manteniment kif hemm provdut għalihom fl-artikolu 14A u miżati ta' l-iskola kif hemm provdut għalihom fl-artikolu 14B;

(*b*) kull infiq u spejjeż safejn ma jkunux saru għal kollox u biss għall-produzzjoni ta' l-*income* u, fil-każ ta' qligħ jew profitti taxxabbli skond l-artikolu 4(1)(*b*), li lanqas ma jkunu saru neċessarjament fil-qadi tad-dmirijiet ta' l-impieg relattiv jew tal-kariga relattiva;

(*ċ*) kull telf, diminuzzjoni, eżawriment jew irtir ta' kapital, kull somma mpjegata jew bil-ħsieb li tkun impjegata bħala kapital, jew kull nefqa, għal skop ta' kapital, jew bħala impieg ta' kapital ħlief kif hu provdut fl-artikoli 14 u 23;

(*d*) il-kost ta' miljoramenti;

(*e*) kull telf jew nefqa li tkun tista' tinġabar taħt xi sigurtà jew kuntratt ta' indennizz;

(*f*) kera ta' fondi jew sehem minn fondi mhux imħallas għall-iskop tal-produzzjoni ta' l-*income*;

(*g*) ħlasijiet ta' natura volontarja.

---

## TAQSIMA V

### DISPOSIZZJONIJIET SPEĊJALI

**27.** (1) Meta xi persuna tikseb qligħ jew profitti għal kollox jew f'parti mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni bħala assiguratur, għaldaqshekk, safejn dak il-qligħ jew dawk il-profitti jinkisbu minn dik il-persuna mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni, l-*income* totali ta' dik il-persuna għandu, mis-sena ta' stima 2000, jiġi aċċertat kif ġej -

Kummerċ ta' l-assigurazzjoni. *Emendat: XXII.1976.4. Sostitwit: XXI. 1980.5. Rinumerat: XVII. 1994.2. Sostitwit: XVII.1998.70. Emendat: II. 2003.12.*

(*a*) fil-każ ta' persuna li tmexxi kummerċ ġenerali, barra minn persuna li tmexxi kummerċ fit-tul, l-*income* totali għandu jiġi aċċertat billi jittieħdu għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima -

(i) il-proviżjonijiet tekniċi fil-bidu tas-sena;

(ii) ir-riżerva ta' ekwalizzazzjoni fil-bidu tas-sena;

(iii) il-*premiums* gross miktuba;

(iv) ħlas lura riċevut minn rijassigurazzjoni;

(v) *income* minn investimenti riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti u *income* ta' imgħax maqlugħ;

(vi) profitti jew qligħ mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti;

(vii) qligħ kapitali suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(viii) differenzi realizzati fuq il-kambju;

(ix) *income* tekniku ieħor inklużi kummissjonijiet, *allowances* u drittijiet riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti;

(x) profitti jew qligħ li ma jaqgħux skond xi wieħed mis-sub-paragrafi ta' qabel,

u wara li jingħaddu flimkien dawn ta' hawn fuq jitnaqqsu minnhom it-total ta' dawn li ġejjin:

(xi) il-proviżjonijiet tekniċi fl-aħħar tas-sena;

(xii) ir-riżerva ta' ekwalizzazzjoni fl-aħħar tas-sena;

(xiii) tnaqqis permess skond it-Taqsima IV ta' dan l-Att, inklużi -

(1) *claims* imħallsa;

(2) *premiums* tar-rijassigurazzjoni mħallsa;

(3) telf mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti;

(*b*) fil-każ ta' persuna li tmexxi kummerċ fit-tul, jew esklużivament jew b'żieda ma' kummerċ ġenerali, l-*income* totali li jinkiseb mill-kummerċ ġenerali għandu jiġi aċċertat kif provdut fil-paragrafu (*a*) u l-*income* totali li jinkiseb minn kummerċ fit-tul għandu jiġi aċċertat billi jittieħdu għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima -

(i) l-*income* minn investimenti riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti u *income* ta' imgħax maqlugħ, barra minn dawk ta' xi fond fit-tul;

(ii) qligħ kapitali suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li ma jkunx qligħ li jinkiseb minn xi fond fit-tul;

(iii) kummissjonijiet, *allowances* u drittijiet riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti li ma jkunux akkreditati lil xi fond fit-tul;

(iv) qligħ jew profitti mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti li ma jkunux relatati ma' xi fond fit-tul;

(v) differenzi realizzati fuq il-kambju li ma jkunux relatati ma' xi fond fit-tul;

(vi) is-*surplus* f'xi fond fit-tul li jiġi aċċertat billi jittieħdu:

(1) il-proviżjonijiet tekniċi fil-bidu tas-sena;

(2) il-*premiums* gross miktuba;

(3) ħlas lura riċevut minn rijassigurazzjoni;

(4) *income* minn investimenti riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti u *income* minn

imgħax maqlugħ, relatat mal-fond fit-tul;

(5) profitti jew qligħ mill-bejgħ jew disponiment ta' investimenti, qligħ kapitali suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u differenzi realizzati fuq il-kambju relatati mal-fond fit-tul;

(6) *income* tekniku ieħor inklużi kummissjonijiet, *allowances* u drittijiet riċevuti u li għandhom jiġu riċevuti,

u wara li jingħaddu flimkien dawn ta' hawn fuq jitnaqqas minnhom it-total ta' dawn li ġejjin:

(7) it-tnaqqis permess skond it-Taqsima IV relatat ma' l-*income* tal-fond fit-tul, inklużi -

(i) *claims*, *maturities* u *surrenders* imħallsa;

(ii) *premiums* ta' rijassigurazzjoni mħallsa;

(iii) drittijiet tekniċi oħra inklużi kummissjonijiet u *allowances* imħallsa jew li għandhom jitħallsu;

(8) telf mill-bejgħ jew disponiment ta' investmenti ta' fond fit-tul akkont ta' detenturi ta' polza; u

(9) il-proviżjonijiet tekniċi fl-aħħar tas-sena;

(vii) qligħ jew profitti li ma jaqgħux skond xi wieħed mill-paragrafi ta' hawn fuq li ma jkunux qligħ jew profitti li jinkisbu minn xi fond fit-tul,

u jitnaqqsu mit-total ta' dawn ta' hawn fuq -

(viii) it-tnaqqis permess skond it-Taqsima IV ta' dan l-Att u li ma jkunux ġew kalkolati meta ġie stabbilit is-*surplus* fil-fond fit-tul; u

(ix) kull *deficit* li jirriżulta mill-komputazzjoni tas-subartikolu (1)(*b*)(vi):

Iżda meta l-persuna ma tkunx residenti f'Malta u l-qligħ jew profitti jinqalgħu f'parti minn Malta u f'parti minn barra minn Malta, l-*income* totali li fuqu għandha titħallas it-taxxa għandha -

(*a*) fil-każ ta' persuna li tkun qed tmexxi kummerċ ġenerali jkun aċċertat kif provdut fis-subartikolu (1)(*a*)(i) sa (xiii) fuq il-kummerċ li jitmexxa fi jew minn Malta;

(*b*) fil-każ ta' persuna li tkun qed tmexxi kummerċ fit-tul ikun aċċertat billi jittieħed is-*surplus* fil-fond fit-tul maħdum skond is-subartikolu (1)(*b*)(vi) tal-kummerċ li jinqala' fi jew minn Malta;

(*ċ*) sabiex jiġi stabbilit l-*income* totali kif intqal qabel kull

*income* minn investimenti barra minn Malta bħala sustenn tal-kummerċ f'Malta, meta dak l-*income* ma jkunx jista' jiġi aċċertat malajr, għandu jinħadem billi jittieħed proporzjon ta' l-*income* minn investimenti globali tal-persuna fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima li jkun daqs il-proporzjon li l-imsemmija investimenti kellhom ma' l-investimenti globali ta' dik il-persuna.

(2) (*a*) Meta, dwar kuntratt ta' kummerċ fit-tul, ikun dovut ammont determinabbli minn assiguratur fl-ewwel jew wara l-ewwel ta' Jannar 1999 u d-detentur tal-polza jkun persuna residenti f'Malta, l-assiguratur għandu jħallas taxxa bir-rata ta' ħmistax fil-mija (15%) tal-profitt attribwibbli għal dak il-kuntratt liema profitt għandu jitqies li jkun inqala' matul il-perijodu mill-ewwel ta' Jannar 1999 jew id-data tal-bidu tal-kuntratt, liema tkun l-aħħar data, sad-data li fiha l-ammont ikun dovut.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "ammont determinabbli" tfisser ammont li jitħallas minn assiguratur fil-każ ta' *maturity*, *surrender* jew f'xi ċirkostanza oħra, barra minn *claim* f'każ ta' mewt, speċifikata fil-kuntratt, skond il-każ, meta l-ammont totali li għandu jitħallas jista' jiġi stabbilit għal kollox jew f'parti fid-data li fiha jkun dovut sew jekk il-ħlas isir f'somma f'daqqa jew xort'oħra.

(*b*) (i) Il-profitt imsemmi fil-paragrafu (*a*) għandu jiġi kalkolat billi jittieħed it-total ta' l-ammont determinabbli li għandu jitħallas mill-assiguratur u jitnaqqas minnu l-ammont totali ta' *premiums* imħallsa fil-perijodu msemmi fil-paragrafu (*a*), u f'dawk il-każijiet fejn il-kuntratt beda qabel l-ewwel ta' Jannar 1999, jitnaqqas ukoll l-ammont li jkun daqs il-valutazzjoni tal-kuntratt mill-attwarju f'dik id-data. Il-profitt hekk kalkolat ma għandux ikun milqut b'xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att u ebda persuna ma għandha teħel aktar taxxa fuq dawk il-profitti.

(ii) L-assiguratur għandu, mhux aktar tard mill-wieħed-u-tletin jum ta' Marzu ta' l-1999 jibgħat bil-miktub lill-Kummissarju lista ta' kuntratti ta' l-assigurazzjoni relatati ma' kummerċ fit-tul, minbarra kuntratti ta' *term insurance*, li jkunu għadhom fis-seħħ fl-ewwel jum ta' Jannar ta' l-1999 li turi, dwar kull wieħed minn dawk il-kuntratti, il-valutazzjoni ta' l-attwarju f'dik id-data. Il-lista ma għandhiex tispeċifika l-identità tad-detentur ta' polza jew tal-benefiċċjarji bis-saħħa tagħha.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "*term insurance*" tfisser kuntratt ta' l-assigurazzjoni li jkun jipprovdi biss għall-ħlas mill-assiguratur ta' somma ta'

flus jew ħlas ieħor meta tiġri mewt matul żmien li jkun speċiflkat fil-kuntratt, u li ma jkunx jista' jiġi mtawwal minn xi parti fil-kuntratt.

(*ċ*) L-assiguratur għandu jagħti kont lill-Kummissarju skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, iżda ma għandux jispeċifika l-identità tad-detenturi tal-polza jew tal-benefiċjarji. Kull ammont ta' taxxa dovut li għandu hekk jitħallas ikun dejn dovut mill-assiguratur lill-Kummissarju li għandu jitħallas mhux iktar tard mill-erbatax-il jum wara l-aħħar tax-xahar li matulu l-ammont ikun dovut kif intqal qabel u jista' hekk jinġabar. Meta l-assiguratur jonqos li jħallas it-taxxa hawn fuq imsemmija, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 73(4) u ta' l-artikolu 40(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Kap. 372.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2), persuna li ma tkunx residenti li tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni fit-tul li tikseb qligħ jew profitti li jinqalgħu f'parti minn Malta u f'parti minn barra minn Malta u li tkun temmet milli toħroġ kuntratti ġodda ta' l-assigurazzjoni fit-tul qabel l-ewwel ta' Jannar, 1999 tista' tagħżel li jkollha l-*income* taxxabbli mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni fit-tul kalkolat billi jittieħed, għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima, l-*income* minn investimenti li għandu x'jaqsam ma' dak il-kummerċ nieqsa kull nefqa amministrattiva inkluża kull kummissjoni li jsiru għar-rigward ta' dak il-kummerċ fil-proporzjon li l-*premiums* riċevuti f'Malta kellhom għall-*premiums* totali riċevuti minn dik il-persuna f'Malta u band'oħra:

Iżda dik l-għażla tkun waħda irrevokabbli u għandha tiġi avżata bil-miktub lill-Kummissarju sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 1999:

Iżda wkoll, meta dik il-persuna toħroġ kuntratti ġodda ta' l-assigurazzjoni fit-tul fl-1 ta' Jannar, 1999 jew wara dik id-data, l-għażla għandha ttemm milli tibqa' sseħħ għar-rigward tas-sena ta' stima li tiġi wara s-sena li fiha l-ewwel kuntratt ġdid ikun maħruġ u għar-rigward ta' snin ta' stima sussegwenti.

(4) (*a*) Għall-finijiet tal-kalkolu tas-*surplus* jew tad-*deficit* li joħroġ mill-kalkolu msemmi fis-subartikolu (1)(*b*)(vi), ma għandhom jitqiesu ebda *income* u tnaqqis li jkollu x'jaqsam ma' kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term* sakemm dawn ikollhom x'jaqsmu mas-sehem *linked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni.

(*b*) Kull taxxa li titħallas skond is-subartikolu (2) għandha tiġi kalkolata, fil-każ ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni *linked long term*, b'referenza għall-profitt attribwibbli għas-sehem *unlinked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni u kull referenza għal "ammont determinabbli" u "*premiums*" għandha tiftiehem bħala referenza għall-ammont dovut u għal *premiums* imħallsa fuq is-sehem *unlinked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni.

(5) (a) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*b*), id-disposizzjonijiet li hemm fit-Taqsima IV għandhom japplikaw għal persuni msemmija fis-subartikolu (1) iżda meta jkun qed jiġi stabbilit xi tnaqqis ikun permess taħt dan l-artikolu għandu jkun hemm eskluż kull tnaqqis li jkun permess taħt kull Taqsima oħra ta' dan l-Att.

(*b*) Persuni msemmija fis-subartikolu (1) ma jistgħu la jitolbu ħelsien bħala grupp u lanqas iċedu ebda telf taħt id-disposizzjonijiet ta' ħelsien bħala grupp ta' dan l-Att.

(6) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 41, il-frażi "sehem *linked* ta' kuntratt ta' l -assigurazzjoni" tfisser is-sehem ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni li jkun *linked long term* li l-benefiċċji tiegħu jkunu stabbiliti b'referenza għall-valur ta', jew id-dħul minn, proprjetà ta' kull deskrizzjoni (kemm jekk tkun speċifikata fil-kuntratt kemm jekk le) jew b'referenza għal kambjamenti fi, jew f'indiċi ta', il-valur ta' proprjetà ta' kull deskrizzjoni (kemm jekk hekk speċifikati kemm jekk le) u "sehem *unlinked* ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni" tfisser is-sehem ta' kuntratt ta' l-assigurazzjoni *linked long term* li l-benefiċċji tiegħu ma jkunux hekk stabbiliti.

Kap. 403.
Kap. 404.

(7) Kliem u espressjonijiet użati f'dan l-artikolu u f'taqsimiet oħra ta' dan l-Att li jirreferu għal kummerċ ta' l-assigurazzjoni, għandu jkollhom, safejn ma humiex imfissrin b'dan l-Att, l-istess tifsir mogħti lilhom bl-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, bl-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra, u b'kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tagħhom.

Kif tiġi ttrattata t-taxxa meta ikun hemm amalgamazzjoni-jiet, diviżjonijiet fil-kumpanniji, eċċ.
*Miżjud: II. 2003.13.*

**27A.** Minkejja d-disposizzjonijiet li hemm fl-Atti dwar it-Taxxi, il-Ministru jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw kif għandha tiġi ttratta t-taxxa ta' kumpanniji u tal-membri tagħhom u ta' korpi jew persuni simili oħra għar-rigward ta' amalgamazzjonijiet u diviżjonijiet ta' kumpanniji, trasferiment ta' attiv bejn il-kumpanniji u skambju ta' azzjonijiet li jirrigwardaw kumpanniji u għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(*a*) "amalgamazzjoni" tfisser ħidma li permezz tagħha:

- xi kumpannija waħda jew iktar, li max-xoljiment tagħha mingħajr ma jsir stralċ, tittrasferixxi kull attiv u passiv li jkollha lil xi kumpannija oħra li tkun teżisti bi skambju għall-ħruġ lill-azzjonisti tagħha ta' titoli li jkun jirrappreżentaw il-kapital ta' din il-kumpannija l-oħra, jekk dan ikun japplika, ħlas bi flus likwidi li jkun jeċċedi dak il-perċentwali li jista' jiġi preskritt tal-valur nominali, jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-valur ta' l-ikkuntjar *par* ta' dawk it-titoli,
- żewġ kumpanniji jew aktar, li meta jsir ix-xoljiment tagħhom mingħajr ma jsir stralċ, jittrasferixxu kull attiv u passiv li jkollhom lil xi kumpannija oħra eżistenti li jkunu jiffurmaw, bi skambju għall-ħruġ lill-azzjonisti tagħhom ta'

titoli li jirrappreżentaw il-kapital ta' dik il-kumpannija ġdida, u, jekk dan ikun japplika, ħlas bi flus likwidi li ma jkunx jeċċedi dak il-perċentwali li jista' jiġi preskritt tal-valur nominali, jew fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-valur ta' ikkuntjar *par* ta' dawk it-titoli,

- kumpannija, li meta jsir ix-xoljiment tagħha mingħajr ma jsir ebda stralċ, tittrasferixxi kull attiv u passiv li jkollha lill-kumpannija li jkollha t-titoli kollha li jirrappreżentaw il-kapital tagħha;

(*b*) "diviżjoni" tfisser ħidma li permezz tagħha kumpannija, meta jsir ix-xoljiment tagħha mingħajr ebda stralċ, tittrasferixxi kull attiv u passiv li jkollha lil xi żewġ kumpanniji jew iktar li jeżistu jew ġodda, bi skambju għall-ħruġ pro rata lill-azzjonisti tagħha ta' titoli li jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpanniji li jkunu qed jirċievu l-attiv u l-passiv u, jekk dan ikun japplika, ħlas bi flus likwidi li ma jkunx jeċċedi dak il-perċenteali li jista' jiġi ordnat mill-valur nominali jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-valur ta' ikkontjar *par* ta' dawk it-titoli;

(*ċ*) "trasferiment ta' attiv" tfisser ħidma li permezz tagħha kumpannija tittrasferixxi mingħajr ma jsir l-istralċ tagħha fergħat jew fergħa waħda jew aktar ta' l-attività tagħha lil xi kumpannija oħra bi skambju għat-trasferiment ta' titoli li jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpannija li tkun qed tirċievi it-trasferiment;

(*d*) "skambju ta' azzjonijiet" tfisser ħidma li permezz tagħha kumpannija tikseb *holding* fil-kapital ta' kumpannija oħra hekk illi tikseb maġġoranza tad-drittijiet ta' votazzjoni f'dik il-kumpannija bi skambju għall-ħruġ lill-azzjonisti tal-kumpannija hawn l-aħħar imsemmija, bi skambju għat-titoli tagħhom, ta' titoli li jkunu jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpannija preċedenti, u, jekk ikun japplika, ħlas bi flus likwidi li ma jkunx jeċċedi dak il-perċentwali li jista' jiġi preskritt tal-valur nominali jew, fin-nuqqas tal-valur nominali, tal-valur ta' ikkuntjar *par* tat-titoli li jinħarġu bi skambju;

(*e*) "kumpannija li tittrasferixxi" għandha tkun tfisser il-kumpannija li tkun qed tittrasferixxi kull attiv u passiv li jkollha jew li tkun qed tittrasferixxi xi fergħa waħda jew iktar fergħat ta' l-attività tagħha;

(*f*) "kumpannija riceventi" għandha tkun tfisser il-kumpannija li tkun qed tirċievi kull attiv u passiv jew kull fergħa jew fergħa waħda jew iktar ta' l-attività tal-kumpannija li tittrasferixxi;

(*g*) "kumpannija akkwiżita" għandha tfisser il-kumpannija fejn jinkiseb *holding* minn kumpannija oħra permezz ta' skambju ta' titoli;

(*h*) "kumpannija li tikseb" għandha tfisser il-kumpannija li tikseb *holding* permezz ta' skambju ta' titoli;

(*i*) "fergħa ta' attività" għandha tkun tfisser l-attiv u l-passiv kollu ta' diviżjoni ta' kumpannija li minn perspettiva organizzattiva jikkostitwixxu negozju indipendenti, jiġifieri enti li tkun kapaċi tiffunzjona bil-mezzi tagħha nnifisha.

Tassazzjoni ta' *trusts*. *Miżjud: XIII. 2004.52.*

**27B.** (1) Meta mill-inqas wieħed mit-*trustees* ta' *trust* ikun persuna residenti f'Malta, għandha titħallas taxxa fuq kull *income* attribwibbli lil *trust* li jkun dovut jew derivat fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima li tibda f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabilixxi b'avviż fil-Gazzetta u għal kull sena sussegwenti.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "*income* attribwibbli lil *trust*" tfisser it-total ta' kull *income* rilevanti msemmi fl-artikolu 4 ta' dan l-Att li jkun dovut lil jew derivat minn *trustee* jew *trustees* ta' *trust* minn proprjetà li tkun tqiegħdet f'dak it-*trust* u minn proprjetà li tkun ġiet akkwistata fl-amministrazzjoni ta' dak it-*trust* magħdud kull *income* mit-tħaddim ta' dik il-proprjetà.

*Trustees*. *Miżjud: XIII. 2004.52.*

**27Ċ.** It-*trustee* ta' *trust* ikun responsabbli biex jagħmel il-ħwejjeġ u l-oġġetti kollha li għandhom isiru taħt l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* biex tkun stabbilita, stmata u mħallsa taxxa dwar l-*income* attribwibbli lil *trust*. Meta żewġ persuni jew iżjed jaġixxu fil-kapaċità ta' *trustees* ta' l-istess *trust*, dawn ikunu solidament responsabbli.

*Trusts* meqjusa bħala kumpanniji. *Miżjud: XIII. 2004.52.* Kap. 331.

**27D.**(1)(*a*)*Trustee* ta' *trust* li jkun ingħata awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 43(3) ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*, meta dak it-*trustee* ikun persuna residenti f'Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ *trustee* residenti), jista' jagħżel, skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, li jkollu l-*income* attribwibbli lil *trust* meqjus bil-mod provdut fil-paragrafu (*ċ*). Dik l-għażla, li tkun irrevokabbli, għandha ssir fid-data li fiha jkun stabbilit dak it-*trust* jew fid-data li l-imsemmi *trustee* residenti jiġi maħtur, liema data tiġi l-aħħar, u għandha ssir fuq dik il-formula u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti. L-imsemmi *trustee* għandu jissottometti dik il-formula lill-Kummissarju mhux iktar tard minn tletin jum mid-data li fiha jkun stabbilit it-*trust* jew mill-ħatra ta' *trustee* residenti, skond liema tkun l-aħħar data.

(*b*) Għażla kif provdut f'dan is-subartikolu tista' ssir biss meta t-*trust* ikun stabbilit b'dokument bil-miktub li b'mod speċifiku jipprovdi li l-*income* attribwibbli għal dak it-*trust* ikun jinkudi biss *income* fil-forma ta' *royalties*, dividendi, qligħ kapitali, mgħax, kera jew xi *income* ieħor minn investimenti. Għall-finijiet tal-paragrafu (*ċ*), dak l-*income* ma jikkostitwix *income* minn xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni.

(*ċ*) Meta tkun saret għala skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, it-*trustee* ta' dak it-*trust* għandu jikkalkula l-*income* taxxabbli fir-rigward ta' *income* attribwibbli lil *trust* għas-sena ta' stima rilevanti bħallikieku dak l-*income* kien miksub minn kumpannija ordinarjament residenti u domiċiljata f'Malta. It-taxxa fuqu tkun bir-rata speċifikata fl-artikolu 56(6) u titħallas bl-istess mod applikabbli għal dawk il-kumpanniji. Profitti li jistgħu jitqassmu għandhom ikunu allokati bl-istess mod applikabbli għal dawk il-kumpanniji u t-tqassim ta' dawk il-profitti hekk allokati lil benefiċjarji ta' dak it-*trust* għandhom jitqiesu bħallikieku kienu dividendi mqassma lil azzjonisti ta' dik il-kumpannija. Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, profitti li jistgħu jitqassmu ta' *trust* tfisser il-profitti totali li jkunu disponibbli għal tqassim lill-benefiċjarji li jirriżultaw mill-*income* attribwibbli għal *trust*. It-*trustee* għandu jżomm ir-*records* kollha u għandu jippreenta l-prospetti u d-dokumenti kollha lill-Kummissarju kif meħtieġ fil-kża ta' dawk il-kumpanniji. Meta l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* jeħtieġu dokumenti li jkunu jħarsu l-Att dwar il-Kumpanniji, it-*trustee* għandu jissottometti dokumenti simili, ċertifikati minn uditur pubbliku ċertifikat, u li jkunu, jew provdut għalihom taħt l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*, jew, fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet bħal dawk, ikunu jħarsu kemm jista' jkun l-Att dwar il-Kumpanniji.

Kap. 386.
Kap. 331.

*Trusts* ta' xorta temporanja.
Kap. 371.
Kap. 376.

(2) It-*trustee* ta' *trust* meta dak it-*trustee* ikun persuna li jkollha fil-pussess tagħha liċenza valida maħruġa skond l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, jista' japplika għand il-Kummissarju għal determinazzjoni li proprjetà tkun tqiegħdet f'dak it-*trust* bħala riżultat jew konsegwenza ta' operazzjoni jew sensiela ta' operazzjonijiet, u li l-ħajja ta' dak it-*trust* tkun ta' xorta temporanja li ddum biss għal dak iż-żmien li hu meħtieġ biex l-imsemmija operazzjoni jew operazzjonijiet jistgħu jkunu effettivament mitmuma. Dik l-applikazzjoni tista' ssir fuq dik il-formula u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu preskritti. Meta l-Kummissarju, fid-deskrizzjoni tiegħu, jagħmel dik id-determinazzjoni -

(i) ebda tnaqqis jew eżenzjoni maħsuba b'dan l-Att ma jkunu permessi jew mogħtija dwar l-*income* attribwibbli lil *trust*; u

(ii) l-imsemmi *income* ikun taxxabli bir-rata speċifikata fl-artikolu 56(6); u

(iii) it-taxxa li għandha titħallas kif provdut f'dan is-subartikolu ma għandhiex titnaqqas jew bħala ħelsien minn taxxa doppja jew xort'oħra, u ebda tpaċija jew kreditu ma jingħata jew ikun permess dwar dik it-taxxa. It-taxxa riżultanti jkollha titħallas sa dak iż-żmien kif jista' jiġi preskritt; u

(iv) it-*trustee* ta' dak it-*trust* għandu jiddikjara dak l-

*income* u proprjetà li titqiegħed fit-*trust* fuq dik il-formula kif jista' jiġi preskritt u ebda dikjarazzjoni oħra ta' dak l-*income* ma tkun meħtieġa li ssir mill-benefiċjarji tat-*trust*; u

(v) ebda taxxa oħra ma għandha titħallas dwar dak l-*income*.

*Trusts* oħra.

(3) (*a*) Meta ma la tkun saret għala skond is-subartikolu (1) u lanqas determinazzjoni skond is-subartikolu (2) għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*).

(*b*) Fil-każ li -

(i) l-*income* kollu attribwibbli lil *trust* jikkonsisti jew f'*income* li jinqala' barra minn Malta jew *income* imsemmi fl-artikolu 12(1)(*ċ*); u

(ii) il-benefiċjarji kollha tat-*trust* ikunu persuni li jew ma jkunux ordinarjament residenti f'Malta jew mhux domiċiljati f'Malta, jew ikunu persuni li l-*income* tagħhom ikun totalment eżentat mit-taxxa taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12;

għandu jitqies li dak l-*income* ma jkunx *income* attribwibbli lil *trust* iżda jkun *income* derivat direttament minn dawk il-benefiċjarji, u meta l-*income* li jinqala' barra minn Malta jkun riċevut f'Malta mit-*trustee* tat-*trust*, jitqies li jkun riċevut f'Malta minn dawk il-benefiċjarji. It-*trustee* għandu jinnotifika lill-benefiċjarju b'dan l-*income* u jinfurmah bid-dmirijiet tiegħu taħt l-Atti dwar it-Taxxi fuq l-*Income*.

(*ċ*) Fil-każ li l-*income* attribwibbli lil *trust* ikun jinkludi biss *income* imsemmi fil-paragrafu (*b*)(i) jew dividendi li jitqassmu minn profitti allokati lil kont ta' *income* barrani jew mill-profitti ta' kumpannija ta' negozju b'kummerċ internazzjonali li jkunu nkisbu minn dik il-kumpannija waqt li kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali, jew kemm dak l-*income* u kemm dawk id-dividendi t-tnejn li huma, u l-benefiċjarji kollha ta' dak it-*trust* ikunu persuni mhux residenti f'Malta, u t-*trustee* ta' dak it-*trust* jipprovdi lill-Kummissarju ċertifikat skond ma hemm imsemmi fl-artikolu 5(3) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għandu jitqies li dak l-*income* ma jikkostitwix *income* attribwibbli lil *trust* u li dak l-*income* ikun derivat direttament minn dawk il-benefiċjarji:

Kap. 372.

Iżda l-*income* imsemmi f'dan il-paragrafu għandu jinkludi wkoll dividendi mħallsa mill-profitti allokati lil xi wieħed mill-kontijiet intaxxati.

(*d*) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*b*) u (*ċ*), qligħ kapitali li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 mit-trasferiment ta' proprjetà li titqiegħed fi *trust* fl-amministrazzjoni ta' dak it-*trust* jew fit-tqassim jew riverżjoni ta' dik il-

proprjetà għandu jagħmel parti mill-*income* attribwibbli lil *trust*.

(*e*) L-*income* taxxabbli dwar l-*income* attribwibbli lil *trust* għandu jkun kalkolat bħallikieku t-*trust* kienet persuna li hi ordinarjament residenti u domiċiljata f'Malta iżda jeskludi ammonti ta' *income* attribwibbli lil *trust* allokati lil benefiċjarji kif stabbilit skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4).

(4) Għall-fini tas-subartikolu (3)(*e*) - *Income attribwibbli għal trust allokat lil benefiċjarji.*

(*a*) ammonti ta' *income* attribwibbli lil *trust* allokati lil benefiċjarji għandhom ikunu jikkonsistu -

(i) f'ammonti li fuqhom il-benefiċjarji kellhom dritt vestit fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima; u

(ii) ammonti li fuqhom ikun ingħata jedd lill-benefiċjarji barra milli bil-mod imsemmi fis-subparagrafu (i), u meta dak il-jedd ikun ingħata sa l-aħħar tas-sena, minnufih qabel is-sena ta' stima; u

(iii) ammonti li jirrappreentaw *income* attriwibbli lil *trust* għas-sena ta' stima li jkunu ġew distribwiti lill-benefiċjarji sa l-aħħar tas-sena minnufih qabel is-sena ta' stima, u liema ammonti ma jkunux parti mill-ammonti msemmija fis-subparagrafi (i) u (ii).

(*b*) Sabiex l-ammonti msemmija fil-paragrafu (*a*) jkunu jistgħu jiġu esklużi skond is-subartikolu (3)(*e*), it-*trustee* għandu jiżgura li -

(i) il-prospett imsemmi fl-artikolu 24A ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, jkun ġie ippreżentat skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess artikolu; u Kap. 372.

(ii) ikun ta lill-benefiċjarji relevanti ċertifikat li juri, għas-sena ta' stima relattiva u meta applikabbli, l-ammonti rilevanti msemmija fil-paragrafu (*a*) fuq dik il-formula u li jagħti dawk id-dettalji kif jista' jkun preskritt; u

(iii) meta l-ammonti msemmija fil-paragrafu (*a*)(i) u (ii) ma jkunux tqassmu lill-benefiċjarji sal-31 ta' Marzu li jiġi wara l-aħħar tas-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima rilevanti, ikun sar ħlas ta' taxxa għan-nom tal-benefiċjarji li tkun daqs it-taxxa li tirriżulta li kieku l-imsemmija ammonti kienu intaxxati bir-rata speċifikata fl-artikolu 56(6). Meta dak it-tqassim ma jsirx sa l-imsemmija data, din it-taxxa ssir dejn dovut mit-*trustee* rilevanti lill-Kummissarju u jkollha titħallas sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju li jiġi wara l-aħħar ta' s-sena imsemmija. It-taxxa hekk imħallsa tkun disponibbli bħala

kreditu kontra t-taxxa li jkollha titħallas mill-benefiċjarju, jew bħala ħlas lura skond il-każ, għas-sena ta’ stima rilevanti.

Rata ta’ tassassjoni

(5) Ħlief kif provdut fl-artikolu 56(4), it-taxxa għandha titħallas fuq l-*income* taxxabbli dwar l-*income* attribwibbli lil *trust* bir-rata speċifikata fl-artikolu 56(6).

Taxxa barranija titqies li titħallas mit-*trust*.

(6) (*a*) Meta taxxa barranija tkun tħallset fuq l-*income* attribwibbli għal *trust*, dik it-taxxa għandha titqies li tkun tħallset minn *trustee* ta’ dak it-*trust*, sew jekk tkun tħallset minn *trustee* sew jekk minn benefiċjarju ta’ dak it-*trust*.

(*b*) Talba għal ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxa msemmija fil-paragrafu (*a*), tista’ ssir biss bil-mezz tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli minn 79 sa 88 ta’ dan l-Att. Kull riferenza f’dawn l-artikoli għal persuna għandha, għall-finijiet ta’ dan is-subartikolu, titqies li hi riferenza għal *trustee* ta’ *trust* filwaqt li kull riferenza għal *income* jew *income* ta’ persuna, għandha titqies bħala riferenza għall-*income* attribwibbli għal *trust*.

Taxxa fuq l-*income* attribwibbli għal *trust* tkun finali.

(7) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort’oħra f’dan l-artikolu, ebda persuna ma titwaħħal iktar taxxa taħt dan l-Att dwar *income* attribwibbli lil *trust* li dwaru tkun ħallset taxxa skond id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3).

Tassazzjoni ta’ benefiċjarji.

(8) (*a*) Ammonti allokati lil benefiċjarji msemmija fis-subartikolu (4)(*a*) għandhom ikunu aggregati ma’ *income* ieħor ta’ l-imsemmija benefiċjarji għall-finijiet ta’ l-artikolu 4 u t-taxxa għandha hekk titħallas għas-sena ta’ stima li tibda f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista’ jistabilixxi b’avviż fil-Gazzetta u għal kull sena ta’ stima sussegwenti.

(*b*) Ammonti allokati lil benefiċjarji msemmija fis-subartikolu (4)(*a*) għandhom jitqiesu bħala *income* derivat mill-benefiċjarju fiż-żmien li jkun vestit fih, jew li l-benefiċjarju jingħata l-jedd għalih, jew meta jkun imqassam, skond il-każ.

(*ċ*) *Income* mqassam lill-benefiċjarji għandu jżomm il-karattru tiegħu dwar xorta u pajjiż ta’ oriġini. Talba għal ħelsien minn taxxa doppja dwar dak l-*income* tista’ ssir skond id-disposizzjonijiet msemmija fl-artikolu 74 minkejja li taxxa barranija setgħet tħallset mit-*trustee* jew mill-benefiċjarju nnifsu.

Tifsir.

(9) (*a*) Għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, il-frażijiet "benefiċjarju", "*settlor*", "*trust*" u "*trustee*" għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom bl-artikolu 2 ta’ l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*.

Kap. 331.

(*b*) Kliem u frażijiet użati f'dan l-artikolu u f'partijiet oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* li jirreferu għal *income* attribwibbli għal *trust*, għandu jkollhom safejn dawn ma jkunux mogħtija tifsir bl-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, l-istess tifsir mogħti lilhom bl-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees* u kull regoli u regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu. Kap. 331.

(10) (*a*) Meta fil-fehma tal-Kummissarju, operazzjonijiet li jinvolvu *trust* isiru bl-għan waħdieni jew ewlieni li jitnaqqas l-ammont tat-taxxa li jkollu jitħallas minn persuna, il-Kummissarju għandu jinjora dak it-*trust* u l-*income* ta' dik il-persuna jkun stabbilit daqslikieku jkun miksub mingħajr l-involviment ta' dak it-*trust*.

Biex ma tkunx evitata taxxa.

(*b*) L-artikolu 57 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandu japplika *mutatis mutandis* fiċ-ċirkostanzi li jirrelataw għal *trustees*. Riferenza f'dak l-artikolu għal - Kap. 372.

(i) "detentur ta' *warrant*" għandha tiftiehem bħala riferenza għal kull persuna li taġixxi bħala *trustee* kif provdut taħt l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*; Kap. 331.

(ii) "Bord" għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Awtorità għas- Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

(iii) "artikolu 14(1)(*a*)(i) ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*" għandha tiftiehem bħala riferenza għall-artikolu 51 ta' l-Att dwar it-*Trusts* u t-*Trustees*; Kap. 331.

(iv) "dokumenti" għandha tiftiehem bħala riferenza għal kull dokument meħtieġ li jkun prodott minn *trustee* dwar *trust* taħt il-liġi ta' Malta;

(v) "1 ta' Jannar 1998" għandha tiftiehem bħala riferenza għad-data li fiha jiġi fis-seħħ l-Att dwar *Trusts* u *Trustees*. Kap. 331.

Regolamenti dwar kif għandha tiġi ttrattata t-taxxa ta' fondazzjoni.
*Miżjud: XIII. 2007.15.*

**27E.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti dwar kif għandha tiġi ttrattata t-taxxa ta' fondazzjoni, inkluża l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att rigward *trusts*, *settlors* u benefiċjarji għal fondazzjonijiet, il-fundaturi tagħhom u l-benefiċjarji ta' dawk il-fondazzjonijiet, kif ukoll għal kull persuna li tkun donatur ta' proprjetà lil fondazzjonijiet, u b'mod ġenerali għall-aħjar applikazzjoni ta' dan l-Att għal fondazzjonijiet.

Regolamenti dwar kif għandha tiġi ttrattata t-taxxa meta persuna ġuridika tiġi konvertita f'forma legali oħra.
*Miżjud: XIII. 2007.15.*
Kap. 16.

**27F.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti dwar kif għandha tiġi ttrattata t-taxxa meta persuna ġuridika tiġi konvertita f'forma legali oħra jew fi *trust* kif imsemmi fl-artikolu 21 tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili.

Sidien ta' bastimenti mhux residenti.
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: XX. 1996.11.*

**28.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12(1)(*k*) meta persuna mhux residenti f'Malta jkollha n-negozju ta' sid il-bastimenti jew noleġġatur u xi bastiment li jappartjeni lilu jew noleġġat minnu jidħol f'port ta' Malta, il-profitti kollha tiegħu li jkollu mill-ġarr tal-passiġġieri, valiġġa, bhejjem ħajjin jew merkanzija mbarkata f'Malta għandhom jitqiesu li jipprovjenu minn Malta:

Iżda dan l-artikolu ma jkunx igħodd għal merkanzija li tinġieb f'Malta biss għal trasbord.

(2) Meta għal xi perijodu ta' kontjar dik il-persuna tipproduċi ċ-ċertifikat imsemmi fis-subartikolu (3), il-profitti li jkun hemm f'Malta min-negozju tagħha merkantili għal dak il-perijodu, qabel ma jitnaqqsu xi *allowances* għad-deprezzament, ikunu somma li għandha l-istess proporzjon għas-somom riċevibbli dwar il-ġarr ta' passiġġieri, valiġġa, bhejjem ħajjin, u merkanzija mbarkati f'Malta daqs il-proporzjon għall-istess perijodu kif jidher f'dak iċ-ċertifikat tal-profitti totali għas-somma totali riċevibbli minnu dwar il-ġarr ta' passiġġieri, valiġġa, bhejjem ħajjin u merkanzija.

(3) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ minn jew f'isem awtorità tat-taxxa ta' l-*income* li dwarha l-Kummissarju jkun sodisfatt illi tgħodd u tintaxxa l-profitti kollha tal-persuna mhux residenti li jkollu min-negozju merkantili, fuq bażi materjalment mhux differenti minn dik preskritta b'dan l-Att, u għandu jiċċertifika għal kull perijodu ta' kontjar dwar dak in-negozju -

(*a*) il-proporzjon tal-profitti jew, meta ma jkunx hemm profitti, tat-telf, kif magħdudin għall-iskop tat-taxxa ta' l-*income* minn dik l-awtorità, mingħajr ma ssir ebda *allowance* permezz ta' deprezzament, għas-somom totali riċevibbli dwar il-ġarr ta' passiġġieri, valiġġa, bhejjem ħajjin jew merkanzija; u

(*b*) il-proporzjon ta' l-*allowance* għal deprezzament kif magħduda minn dik l-awtorità għall-imsemmijin somom totali riċevibbli dwar il-ġarr ta' passiġġieri, valiġġa, bhejjem ħajjin u merkanzija.

(4) Meta fiż-żmien ta' l-istima d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ma jistgħux, għal xi raġuni, jkunu applikati b'mod sodisfaċenti, il-profitti li jsiru f'Malta jistgħu jingħaddu fuq perċentaġġ xieraq tas-somma kollha riċevibbli minħabba l-ġarr ta' passiġġieri, valiġġa, bhejjem u merkanzija mbarkati f'Malta:

Iżda meta xi persuna tkun ġiet intaxxata għal xi sena ta' stima b'riferenza għal dak il-perċentaġġ, hija jkollha l-jedd li titlob f'kull żmien fi żmien sitt snin wara li tagħlaq dik is-sena ta' stima illi r-responsabbiltà tagħha għat-taxxa għal dik is-sena terġa' tiġi ikkalkulata fuq il-bażi maħsub għaliha fis-subartikolu (2).

(5) Meta l-Kummissarju jiddeċidi illi l-miġja, f'port ta' Malta, ta' bastiment li jkun jappartjeni lil xi sid ta' bastiment jew noleġġatur partikolari mhux residenti hija każwali u illi miġjiet oħra ta' dak il-bastiment jew bastimenti oħrajn ta' l-istess sid huma improbabbli, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jkunux igħoddu għall-profitti ta' dak il-bastiment u ebda taxxa ma għandha

titħallas fuqhom.

Impriżi ta' trasport bl-ajru, tat-telegrafija bil-fili u mingħajr fili.
*Sostitwit: XLIX. 1974.4. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: I. 2010.20.*

**29.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar persuni mhux residenti f'Malta li jkollhom in-negozju ta' sid il-bastiment jew noleġġatur, magħduda d-disposizzjonijiet dwar l-aġenti tagħhom, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull persuna mhux residenti f'Malta li jkollha negozju tat-trasmissjoni ta' messaġġi bit-telegrafija bil-fili jew mingħajr fili, u għal kull aġent ta' dik il-persuna.

(2) Meta persuna jkollha, tikri jew topera xi wieħed jew iktar inġenji tal-ajru jew magni tal-inġenji tal-ajru (irrispettivament mill-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-imsemmi inġenju tal-ajru jew magna tal-inġenju tal-ajru) li jiġu użati jew imħaddma fit-trasport internazzjonali ta' passiġġieri jew oġġetti, kull *income* ta' dik il-persuna li jkun miksub jew inkella li jinqala' mill-proprjetà ta', kirja, jew operazzjoni ta' dak l-inġenju tal-ajru jew magna tal-inġenju tal-ajru, għandu għall-finijet tal-Atti dwar it-Taxxi, jitqies li nqala' minn barra minn Malta minkejja li l-inġenju tal-ajru jasal, jew jopera minn xi ajruport f'Malta.

*Income* ekklesjastiku u *income* li għandu x'jaqsam miegħu.
*Miżjud: XLII. 1975.6. Emendat: XXII. 1976.4; XXVI. 1977.9; XXVIII. 1978.10; XXI. 1980.6; IX. 1981.5; XL. 1981.2; XIII. 1983.4; XIV. 1984.4; VIII. 1987.4; XXXVI. 1990.4. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XX. 1996.12; IX.1999.14; XIII. 2004.53; A.L. 409 tal-2007.*

**30.** (1) Minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw fil-każ ta' kull waħda minn dawn li ġejjin:

(*a*) djoċesi, magħdud, dwar kull *income* li hu dovut lilu jew vestit fih minħabba l-kariga tiegħu, l-isqof tad-djoċesi;

(*b*) parroċċa;

(*ċ*) knisja li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' parroċċa u li ma għandhiex titqies li taqa' skond il-paragrafu (*d*);

(*d*) kommunità ekklesjastika kif imfissra fis-subartikolu (9);

(*e*) provinċja jew taqsima simili ta' xi ordni reliġjuż;

u kull ħaġa msemmija qabel qed tissejjaħ "entità" f'dan l-artikolu:

Iżda l-Kummissarju jista' f'dawk iċ-ċirkostanzi u taħt dawk il-kondizzjonijiet li huwa jidhirlu xierqa, iqis bħala entità waħda, kull tnejn jew aktar mill-entitajiet imsemmija qabel.

(2) Għandu jitqies bħala taxxabbli f'idejn kull entità li għaliha japplika dan l-artikolu l-*income* dovut lil jew derivat minn dik l-entità kif ukoll l-*income* dovut lil jew derivat minn kull istituzzjoni, fondazzjoni, tħollija jew organizzazzjoni jew korp ta' persuni oħra bħal dawn li tkun assoċjata, marbuta jew tagħmel magħha.

(3) Id-dħul gross totali fuq il-kont tad-dħul ta' kull entità li għaliha japplika dan l-artikolu, aċċertat skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), għandu jitqies li huwa dħul minn sengħa jew negozju u l-entità tkun taxxabbli skond hekk:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14(1)(*g*) ma għandhomx japplikaw dwar kull entità bħal dik.

(4) Fil-każ ta' kommunità ekklesjastika, għandu jiżdied mad-dħul gross totali fuq il-kont tad-dħul kull *income* riċevut minn kull

membru individwali tagħha li għalih kellu l-jedd fid-dritt tiegħu matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima:

Iżda kull parti minn dak l-*income* li jkun iżjed minn elfejn, tliet mija u tletin euro (2,330) għandu jiġi eskluż.

(5) Entità tkun suġġetta għat-taxxa dwar l-*income* tagħha għas-sena li taħbat minnufih qabel xi sena ta' stima fuq l-ikbar minn dawn iż-żewġ ammonti li ġejjin:

(*a*) l-*income* minn kull għejjun aċċertat skond id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4);

(*b*) dik il-parti ta' l-*income* tagħha suġġetta għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(*d*), (*e*) u (*f*) li magħha jingħadd, fil-każ ta' kommunità ekklesjastika, l-*income* li membru individwali tagħha jirċievi b'jedd fid-dritt tiegħu; sabiex jiġi aċċertat l-ammont totali ta' l-*income* kif intqal qabel -

(i) id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom jiġu meqjusa;

(ii) ma jingħata ebda tnaqqis dwar spejjeż jew ħlasijiet oħra jekk mhux għal ċens ta' l-art u piżijiet oħra fuq il-proprjetà immobiljari;

(iii) tiġi eskluża dik il-parti ta' l-*income* li membru individwali ta' kommunità ekklesjastika jirċievi b'jedd fid-dritt tiegħu li tkun iżjed minn elfejn, tliet mija u tletin euro (2,330).

(5A) Kommunità ekklesjastika tkun intitolata għal tnaqqis ieħor kontra l-*income* tagħha kif stabbilit fis-subartikolu (5) li jkun ekwivalenti għal elfejn, tliet mija u tletin euro (2,330) dwar kull individwu li kien membru tagħha matul is-sena, minnufih qabel is-sena ta' stima:

Iżda ebda tnaqqis bħal dan ma jingħata skond dan is-subartikolu dwar xi membru individwali li jirċievi rimunerazzjoni jew *income* ieħor mill-kommunità ekklesjastika li tagħha jkun membru individwali.

(6) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (5A) ma jolqtux ir-responsabbiltà għat-taxxa ta' xi membru individwali ta' kommunità ekklesjastika fuq kull *income* li hu jirċievi b'jedd fid-dritt tiegħu.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

(*a*) parroċċa li tkun f'idejn kommunità ekklesjastika titqies li hi entità separata mill-imsemmija kommunità;

(*b*) meta jkun hemm iktar minn kommunità ekklesjastika waħda ta' l-istess ordni reliġjuż, kull waħda minn dawk il-kommunitajiet titqies bħala entità separata għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk tkun hekk meqjusa bl-istatut ta' l-ordni;

(*ċ*) il-provinċja jew taqsima simili ta' ordni reliġjuż għandha titqies li hi entità separata minn kull waħda mill-kommunitajiet li jaqgħu taħt dak l-ordni;

(*d*) meta entità li għaliha japplika dan l-artikolu tkun tħaddem għal kont tagħha impriża kummerċjali jew ta' negozju, kif ukoll skola, stamperija, sptar jew *cinema*, l-entità u l-impriża għandhom iħallsu t-taxxa separatament u l-entità biss tiġi trattata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u l-impriża titqies u tiġi trattata bħala korp ta' persuni separat għall-finijiet kollha ta' dan l-Att:

Iżda -

(i) ebda profitti jew *income* ieħor li jkun ġej mill-imsemmija mpriża favur l-entità ma għandhom jiġu magħduda mad-dħul gross ta' l-entità għall-għan ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(ii) ma jkun permess ebda tnaqqis meta jinħadem l-*income* totali ta' l-impriża dwar xi ħlasijiet li jsiru lill-entità akkont ta' xi spejjeż jew drittijet ikunu li jkunu;

(*e*) id-dħul gross totali fuq il-kont ta' dħul fil-każijiet kollha għandhom jinkludu *income* suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4.

(8) Meta xi *income* dovut lil, jew li jkun b'xi mod vestit fi, il-kap ta' djoċesi minħabba l-kariga tiegħu u ma jkunx fil-fatt qligħ jew profitti personali ta' dak il-kap, dak l-*income* flimkien ma' l-*income* dovut lil, jew vestit fi, id-djoċesi, għandu, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jitqies li jkun *income* ta' entità separata waħda taħt l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-kap tad-djoċesi; u l-*income* dovut lill-Arċisqof ta' Malta u lill-Isqof ta' Għawdex, minħabba il-kariga tagħhom għandu, minkejja kull disposizzjoni oħra tal-liġi, jitqies li hu sitt elef, ħames mija u ħamsin euro (6,550) u tliet elef u ħames mitt euro (3,500) fis-sena rispettivament, jew dik is-somma akbar li l-Ministru responsabbli għall-finanzi, minn tagħrif mogħti jew b'mod ieħor miksub, jiddetermina li jkun l-*income* riċevut minnhom minħabba l-kariga tagħhom, u l-imsemmi *income* għandu jiżdied għall-finijiet tal-likwidazzjoni ma' l-*income* personali tagħhom:

Iżda l-Kummissarju għandu jagħti lil kull persuna jew entità oħra dak il-ħelsien mit-taxxa li, fil-fehma tiegħu, ma jħallix l-ammonti msemmija ta' sitt elef, ħames mija u ħamsin euro (6,550) u tliet elef u ħames mitt euro (3,500) (jew xi somom akbar determinati kif intqal qabel) milli jiġu ntaxxati sew f'idejn l-imsemmija isqfijiet kemm f'idejn persuna jew entità oħra fl-istess sena ta' stima.

(9) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 56(4) -

"kommunità ekklesjastika" tfisser numru ta' individwi li jgħixu flimkien f'kommunità skond ir-regoli ta' ordni reliġjuż rikonoxxut bħala hekk mill-Kummissarju;

"membru individwali", dwar kommunità ekklesjas-tika, tfisser kull individwu, lajk jew reliġjuż, li kien

jagħmel parti minn dik il-kommunità fil-wieħed u tletin ta' Diċembru matul is-sena minnufih qabel is-sena ta' stima.

*Income* minn xi dividendi jinkludi t-taxxa fuqhom.
*Emendat:*
*XXII. 1976.4;*
*XXVI. 1977.10.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*

**31.** L-*income* ta' persuna li jkun hemm minn dividend imħallas minn kumpannija suġġetta għat-taxxa skond dan l-Att għandu, meta dik it-taxxa tkun ġiet imnaqqsa minnu, ikun l-ammont gross qabel ma jsir dak it-tnaqqis; meta ma jkunx sar dak it-tnaqqis, l-*income* li jkun hemm ikun l-ammont tad-dividend miżjud b'ammont akkont ta' dawk it-taxxi li jikkorrispondi sal-punt li għalih il-profitti, li minnhom l-imsemmi dividend ikun ġie mħallas, ikunu ġew milquta b'dawk it-taxxi.

Tassazzjoni ta' *income* minn kirjiet riċevuti mill-Awtorità tad-Djar.
*Miżjud:*
*IV. 2007.13.*

**31A.** (1) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi jew ta' xi regolamenti maħruġa taħt dawk l-Atti, dan l-artikolu għandu japplika meta persuna tikri proprjetà immobbli lill-Awtorità tad-Djar għal perjodu ta' mhux inqas minn għaxar snin.

(2) It-taxxa li għandha titħallas fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (1) tkun bir-rata ta' 5% ta' l-*income* gross tal-kera riċevut. Din it-taxxa tkun finali u ma tkunx, bl-ebda mod, disponibbli bħala kreditu kontra t-taxxa li jkollha titħallas minn dik il-persuna jew titħallas lura bħala rifużjoni lil dik il-persuna.

(3) L-Awtorità tad-Djar għandha tnaqqas it-taxxa msemmija fis-subartikolu (2) meta tagħmel ħlasijiet għall-kera li għandhom x'jaqsmu ma' dan l-artikolu, u għandha tagħti rendikont lill-Kummissarju dwar kull ammont hekk imnaqqas waqt li tispeċifika l-ammonti u l-partikolaritajiet tal-persuna li rċeviet il-kera.

(4) L-Awtorità tad-Djar għandha tibgħat it-taxxa imnaqqsa skond is-subartikolu (3), flimkien mar-rendikont imsemmi f'dak is-subartikolu, lill-Kummissarju sa l-erbatax-il ġurnata wara t-tmiem tax-xahar li fih kien tħallas il-kera.

Tassazzjoni bi tnaqqis dwar ċertu *income* minn investiment.
*Miżjud:*
*XVII. 1994.16.*
*Emendat:*
*II. 2003.14.*

**32.** Minkejja kull ħaġa kuntrarja f'dan l-Att, l-artikoli 32A sa 42, it-tnejn inklużi, u li flimkien ma' dan l-artikolu qed jissejħu "disposizzjonijiet dwar *income* minn investiment", għandhom japplikaw meta r-rabta tal-kliem hekk teħtieġ.

Min jagħmel ħlas għandu jirreġistra.
*Miżjud:*
*II. 2003.15.*

**32A.** Min jagħmel ħlas għandu jirreġistra bħala tali mal-Kummissarju b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt.

Min jagħmel ħlas obbligat li jnaqqas it-taxxa minn *income* minn investiment.
*Miżjud:*
*XVII. 1994.16.*
*Emendat:*
*II. 2005.8;*
*II. 2007.10;*
*IV. 2007.14;*
*A.L. 409 tal-2007;*
*I. 2010.21.*

**33.** (1) Min jagħmel ħlas għandu jnaqqas minn kull ħlas ta' riċevitur ta' *income* minn investiment, isir kif isir il-ħlas, rata ta' ħmistax-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro ta' dak il-ħlas:

Iżda meta r-riċevitur jikseb *income* ta' investiment imsemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii), it-taxxa għandha tiġi mnaqqsa bir-rata speċifikata fl-artikolu 56(6) jew dik ir-rata oħra li tista' tiġi preskritta u regoli jistgħu jiġu preskritti dwar kif id-dispożizzjonijiet dwar *income* ta' investiment għandhom jiġu applikati f'ċirkostanzi partikolari.

(2) Kull min hekk jagħmel ħlas għandu jagħti kont lill-

Kummissarju ta' l-ammonti kollha hekk imnaqqsa, iżda m'għandux jispeċifika l-identità tar-riċevitur u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), kull ammont imnaqqas ikun dejn dovut minn dik il-persuna li tagħmel il-ħlas lill-Kummissarju li jitħallas mhux iktar tard mill-erbatax-il jum wara t-tmiem tax-xahar li matulu jkun sar il-ħlas u għandu hekk jinġabar.

(3) Min jagħmel il-ħlas għandu mal-ħlas ta' *income* minn investiment jagħti lir-riċevitur ċertifikat fil-forma aċċettabbli mill-Kummissarju li juri l-ammont gross imħallas minn min jagħmel il-ħlas, u t-taxxa mnaqqsa.

(4) Meta min jagħmel il-ħlas ta' *income* fuq investiment lil persuna mhux residenti Malta (u allura mhux riċevitur kif imfisser fl-artikolu 41(*ċ*)), min jagħmel il-ħlas ikun obbligat li jikseb ċertifikat li l-persuna ma tkunx residenti mingħand il-persuna li tirċievi l-ħlas f'dik il-forma li tkun meħtieġa mill-Kummissarju.

(5) Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet dwar *income* ta' investiment, it-taxxa għandha titnaqqas fuq l-ammont ta' l-*income* ta' investiment qabel ma tiġi mnaqqsa xi taxxa barranija, intaxxata direttament jew minn ras il-għajn.

(6) Meta t-taxxa li għandha titnaqqas skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma tintbagħatx lill-Kummissarju fiż-żmien stipulat fis-subartikolu (2), jew ma jingħatax kont ta' l-ammonti imnaqqsin lill-Kummissarju kif meħtieġ skond dan l-artikolu, min jagħmel il-ħlas jista' jeħel penali ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf euro (23,000) kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru.

**34.** (1) Min jagħmel il-ħlas m'għandux inaqqas taxxa skond l-artikolu 33 meta r-riċevitur jagħżel skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35, li jitħallas *income* minn investiment mingħajr ma jsir dak it-tnaqqis.

Meta r-riċevitur jagħżel li jitħallas gross, min jagħmel il-ħlas ma jnaqqasx taxxa.
*Miżjud: XVII. 1994.16. Emendat: II. 2003.16; I. 2010.22.*

(2) Min jagħmel il-ħlas għandu jagħti rendikont lill-Kummissarju tal-ħlasijiet kollha ta' *income* minn investiment li jkunu saru matul xi sena li dwarha tkun saret l-għażla. Ir-rendikont għandu jingħata lill-Kummissarju sal-31 ta' Jannar li jiġi wara s-sena li fiha saret l-għażla, jew fi żmien tletin jum minn dik it-talba, skond liema tkun l-aħħar data. Dak ir-rendikont għandu jinkludi d-dettalji ta' l-isem, l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa tar-reċivitur kif ukoll l-ammont ta' *income* ta' investiment imħallas gross minn min jagħmel il-ħlas lir-riċevitur matul dik is-sena:

Iżda l-Kummissarju jista' biss jitlob dak ir-rendikont għal sena sħiħa li tkun għalqet li dwarha tkun saret għażla skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35:

Iżda wkoll min jagħmel il-ħlas ma jkunx meħtieġ jagħti rendikont lill-Kummissarju wara li jgħaddu disa snin wara t-tmiem tas-sena li fiha l-*income* mill-investiment ikollu jitħallas.

(3) Meta ma jingħatax rendikont lill-Kummissarju bil-mod mitlub taħt dan l-artikolu, tkun dovuta penali ta' mhux iktar minn tlieta u għoxrin elf euro (€23,000) minn min jagħmel il-ħlas kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru.

Għażla tar-riċevitur li jitħallas mingħajr tnaqqis ta' taxxa.
*Miżjud: XVII. 1994.16. Emendat: II. 2003.17; II. 2007.11.*

**35.** (1) Ħlief għall-*income* minn investiment msemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii)(2), (3) u (4) riċevitur jista' jagħżel li jitħallas *income* minn investiment mingħajr ma jsir tnaqqis ta' taxxa u dik l-għażla għandha ssir bil-miktub u tintbagħat lil min jagħmel il-ħlas.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), l-għażla tibda sseħħ fi żmien erbatax-il jum minn meta min jagħmel il-ħlas ikun irċieva l-avviż. Dik l-għażla tista' tkun revokata jekk ikun irid ir-riċevitur b'avviż bil-miktub u dik ir-revoka tibda sseħħ fi żmien erbatax-il jum minn meta min jagħmel il-ħlas ikun irċieva l-avviż.

(3) Għażla li ssir mal-ftuħ ta' kont il-bank li fuqu jitħallas *income* minn investiment, jew max-xiri ta' *bonds*, stokk ta' self, *debentures*, jew xi strument ieħor li dwaru jitħallas *income* ta' investiment, ma' xi operazzjoni li tkun toriġina għal qligħ kapitali fil-kuntest tat-tifsira ta' l-artikolu 41(*a*)(v), tibda sseħħ immedjatament.

Obbligu tar-riċevitur li jiddikjara meta jagħmel l-għażla.
*Miżjud: XVII. 1994.16. Emendat: IX.1999.14.* Kap. 372.

**36.** Meta tkun saret għażla skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35, riċevitur għandu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, jiddikjara l-*income* minn investiment li dwaru tkun saret l-għażla fuq il-prospett tat-taxxa tiegħu għas-sena ta' stima rilevanti u meta ssir l-imsemmija dikjarazzjoni kull taxxa dovuta tkun stabbilita daqslikieku d-disposizzjonijiet dwar *income* minn investiment ma sarux.

Taxxa miżmuma taħt l-artikolu 33(1).
*Miżjud: XVII. 1994.16. Sostitwit: II. 2002.49.*

**37.** Meta tkun inżammet xi taxxa taħt l-artikolu 33(1), dik it-taxxa m'għandhiex tkun disponibbli bħala kreditu għar-rigward tal-passiv tat-taxxa tal-persuna li tirċievi jew bħala rifużjoni, skond il-każ, għas-sena ta' stima rilevanti.

Preżunzjoni ta' tnaqqis.
*Miżjud: XVII. 1994.16.*

**38.** Ħlief dwar sena ta' stima li dwarha tkun saret għażla li għaliha japplika l-artikolu 35, ikun preżunt, safejn jolqot ir-responsabbilità għat-taxxa ta' riċevitur, li jkunu saru t-tnaqqis u l-ħlas li kellhom isiru skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 33.

Fejn tapplika l-preżunzjoni ma jkunx hemm ħtieġa ta' dikjarazzjoni.
*Miżjud: XVII. 1994.16. Emendat: II. 2002.50.*

**39.** Meta tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikolu 38:

(*a*) riċevitur li jkun individwu ma jkunx obbligat li jikxef l-eżistenza ta' l-*income* minn investiment f'xi prospett magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; u

(*b*) ebda persuna ma titwaħħal iktar taxxa dwar l-*income* minn investiment skond dan l-Att.

Sa fejn tasal ir-responsabbiltà ta' min iħallas.
*Miżjud: XVII. 1994.16. Sostitwit: II. 2003.18. Emendat: II. 2005.9; II. 2007.12.* Kap. 372.

**40.** (1) Meta min iħallas jonqos milli jnaqqas u jħallas xi taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-*income* fuq l-investment, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 73(4) ta' dan l-Att u ta' l-artikolu 40(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39 ta' dan l-Att u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ma għandhomx ikunu japplikaw, u min iħallas ma jkun obbligat b'ebda dmir ta' segretezza professjonali dwar talba għal

informazzjoni mill-Kummissarju meta l-*income* fuq l-investiment imsemmi fl-artikoli 41(*a*)(iv), 41(*a*)(vii) u 41(*a*)(viii)(1) jinkiseb mingħand persuna li ma tkunx persuna fiżika u li ma tkunx residenti f'Malta jitħallas lil min jirċevih iżda:

(*a*) l-attiv li minnu l-*income* fuq l-investiment jinkiseb ma jkunx attiv kwalifikanti kif imfisser fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9B; u

(*b*) min jirċevih ma jkunx iddikjara, skond id-disposizzjonijiet tal-liġijiet rilevanti kif imfissra fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9B, *income* u trasferimenti msemmija fl-artikolu 9B(2)(*a*) sa (*ċ*) għar-rigward ta' l-attiv li minnu jinkiseb l-*income* fuq l-investiment.

(3) Kull persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan is-subartikolu msejħa "l-ewwel persuna") li tkun f'posizzjoni li tirċievi jew li titqies li tkun irċeviet l-*income* imsemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii)(2), (3) u (4):

(*a*) għandha tinforma bil-miktub lill-persuna li tagħmel il-ħlas ta' dak l-*income* jekk l-ewwel persuna kellha tirċievi jew titqies li rċeviet dak l-*income*, li f'dak il-każ l-ewwel persuna tkun ir-riċevitur ta' dak l-*income*; u

(*b*) meta l-ewwel persuna tkun irċeviet jew tkun tqieset li rċeviet dak l-*income*, hija għandha, ħlief meta min jagħmel il-ħlas ikun ħallas it-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-*income* minn investiment, iħallas dik it-taxxa hu stess fi żmien sebat ijiem mid-data meta min jagħmel il-ħlas kellu jħallas it-taxxa; u

(*ċ*) mingħajr ħsara għal xi disposizzjonijiet oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi, kull persuna li ma tkunx għamlet il-ħlas imsemmi fil-paragrafu (*b*) meta kellha tagħmlu, tkun, b'żieda mal-ħlas tat-taxxa dovuta, suġġetta għat-taxxa addizzjonali ta' sebgħa fil-mija (7%) ta' l-ammont ta' dik it-taxxa għal kull xahar jew parti minnu li t-taxxa tibqa' ma titħallasx, liema żmien jibda għaddej mix-xahar li fih it-taxxa kellha titħallas, u kull ħlas li jsir mill-imsemmija persuna dwar it-taxxa li għandha titħallas skond dan is-subartikolu għandu l-ewwel jiġi applikat kontra kull taxxa addizzjonali dovuta fuq dak il-ħlas.

(4) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ma japplikawx meta l-persuna imsemmija f'dak is-subartikolu tipprova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li ma kenitx taf u ma setgħetx raġonevolment tkun taf li kienet riċevitur u għal dan il-għan ikun preżunt li dik il-persuna kienet taf bid-disposizzjonijiet u l-implikazzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

(5) Meta min jagħmel il-ħlas ma jkunx naqqas jew ħallas it-taxxa mill-*income* imsemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii)(2), (3) u (4), id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 38 u 39 m'għandhomx japplikaw.

Tifsir tad-disposizzjonijiet dwar *income* minn investiment.
*Miżjud: XVII. 1994.16. Emendat: XVII. 1998.70; XI. 2000.5; IX. 2001.26; II. 2003.19; II. 2004.12; II. 2005.10; II. 2007.13; I. 2010.23.*

**41.** Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet dwar l-*income* minn investiment, il-frażijiet li ġejjin għandu jkollhom it-tifsir mogħti lilhom hawn taħt:

(*a*) "*income* minn investiment" tfisser biss il-kategorija ta' l-*income* li ġejjin:

(i) imgħax li jitħallas minn persuna li tmexxi kummerċ bankarju skond l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, dwar somma ta' flus, li tkun depożitata magħha f'liema munita tkun li tkun u f'liema kont ikun li jkun (ħlief imgħax li jitħallas dwar xi kont għall-portatur);

Kap. 371.

(ii) imgħax, skonti u *premiums* li jitħallsu mill-Gvern ta' Malta jew minn xi aġenzija tiegħu;

(iii) imgħax, skonti u *premiums* li jitħallsu minn korporazzjoni jew awtorità stabbilita b'liġi;

(iv) imgħax, skonti jew premiums li jitħallsu dwar:

(1) ħruġ għall-pubbliku minn kumpannija, enti jew persuna ġuridika oħra tkun kif tkun kostitwita u sew jekk residenti f'Malta sew xort'oħra; u

(2) ħruġ magħmul b'mod privat minn kumpannija, enti jew persuna ġuridika oħra tkun kif tkun kostitwita u li tkun residenti f'Malta u li jkun imħallas lil skema ta' investiment kollettiv;

(v) (1) qliegħ kapitali li jinqala' mit-trasferiment ta' azzjonijiet jew unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv meta l-iskema ta' investiment kollettiv tifdi, tillikwida jew tikkanċella dawk l-azzjonijiet jew unitajiet, liema qliegħ kapitali għandu jiġi kalkolat b'referenza għall-prezz li bih l-azzjonijiet jew l-unitajiet kienu nħarġu jew ingħataw mill-iskema ta' investiment kollettiv jew għal valur stabbilit b'dak il-mod u fuq il-bażi ta' dawk il-kriterji li jistgħu jiġu preskritti:

Iżda din il-partita ma għandhiex tapplika għal:

(i) qliegħ kapitali li jinqala' mit-trasferiment ta' azzjonijiet jew unitajiet miżmuma f'fond preskritt ta' skema ta' investiment kollettiv; u

(ii) qliegħ kapitali li jinqala' mit-trasferiment ta' azzjonijiet u unitajiet miżmuma f'fond ta' skema ta' investiment kollettiv li mhix residenti f'Malta jekk dak il-fond mhux fond preskritt u t-trasferiment ma jsirx permezz tas-servizzi ta' *financial intermediary* awtorizzat;

(2) qliegħ kapitali li jinqala' minn *surrender* jew *maturity* ta' unitajiet u strumenti oħra bħalhom relatati ma' kummerċ ta' l-assigurazzjoni *linked long term* meta l-benefiċċji huma mill-inqas ħamsa u tmenin fil-mija stabbiliti b'referenza għall-valur ta' unitajiet jew azzjonijiet fi, jew *income* minn, skemi ta' investiment kollettiv:

Iżda fil-kalkolazzjoni ta' dak il-qliegħ kapitali -

(i) ma għandux jingħata kont ta' dik il-parti mill-benefiċċji msemmija li tkun stabbilita b'referenza għall-valur ta' unitajiet jew azzjonijiet fi skema ta' investiment kollettiv li kienu miżmuma f'fond preskritt għal perijodu kontinwu li jtul għall-ħajja kollha tal-kuntratt ta' assigurazzjoni *linked* għal żmien twil rilevanti jew tliet snin mid-data tal-maturità jew ċessjoni relattiva skond liema perijodu jkun l-inqas;

(ii) l-ispiża għall-akkwist għandha tiġi kkalkolata b'referenza għat-total kollu ta' *premiums* imħallsa għar-rigward tas-sehem *linked* tal-kuntratt ta' l-assigurazzjoni jew għal valur stabbilit b'dak il-mod u fuq il-bażi ta' dawk il-kriterji li jistgħu jiġu preskritti;

(3) qliegħ kapitali li jinqala' minn fidi, likwidazzjoni jew kanċellament ta' azzjonijiet mhux imsemmija fl-inċiżi (1) u (2) ta' dan is-subparagrafu u li ma jkunux ishma f'kumpannija;

(vi) profitti mqassma minn skema ta' investiment kollettiv li mhix residenti f'Malta li jitħallsu permezz tas-servizzi ta' *financial intermediary* awtorizzat minn profitti li jkunu ġew allokati f'dik l-iskema għal investiment kollettiv għal fond li mhux fond preskritt;

(vii) imgħax li jitħallas minn persuna li tmexxi kummerċ bankarju skond il-liġi barra minn Malta, dwar somma ta' flus, li tkun depożitata magħha f'liema munita tkun li tkun u f'liema kont ikun li jkun u l-pagament ta' *income* minn investiment isir permezz ta' *financial intermediary* awtorizzat skond kif provdut fl-artikolu 41A(*ċ*)(i), (ii) jew (iii);

(viii) (1) profitti imqassmin minn kumpannija li mhix residenti f'Malta (u li mhix skema ta' investiment kollettiv) u fejn dawn il-

profitti jitħallsu permezz tas-servizzi ta' intermedjarju finanzjarju awtorizzat lil xi individwu li jkun residenti f'Malta sakemm dawk il-profitti mqassmin ikunu jikkonstitwixxu *income* f'idejn individwu bħal dak li jkun miksub minn ishma f'dik il-kumpannija, hekk li kull sehem ikun assi kwalifikattiv kif imfisser fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9B;

(2) l-ammont tad-dividend nett li jitħallas minn kumpannija reġistrata f'Malta li dwaru l-azzjonist riċeventi ikun reġistrat għall-finijiet ta' l-artikolu 48(4) jew l-artikolu 48(4A) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

Kap. 372.

(3) l-ammont li tħallas skond l-artikolu 48(4) jew l-artikolu 48(4A) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

Kap. 372.

(4) id-dividend imsemmi fl-artikolu 43(6)(*a*) u l-artikolu 43(6)(*ċ*);

(*b*) "min jagħmel ħlas" tfisser il-persuna li tkun responsabbli jew, jekk mhux il-każ, il-persuna li tagħmel ħlas ta' *income* minn investiment u għall-*income* minn investiment imsemmi fil-paragrafu (*a*)(viii) (4) għandha tfisser il-kumpannija li qalgħet il-profitti li ġew meqjusa imqassma skond l-artikolu 43(6)(*a*) u l-artikolu 43(6)(*ċ*);

(*ċ*) "riċevitur" tfisser:

(i) persuna li hija residenti f'Malta waqt is-sena li fiha income ta' investiment ikun pagabbli lilu jew ikun pagabbli lil persuna taħt is-subparagrafi (ii) jew (iii) (ħlief persuna li waqt dik is-sena wettqet negozju bankarju taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew persuna li wettqet negozju ta' assigurazzjoni jew xi kumpannija oħra (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "kumpannija proprjetà ta' u kkontrollata") li hija proprjetà ta' u kkontrollata, direttament jew indirettament, minn dawk il-persuni, esklużi kumpannija proprjetà ta' u kkontrollata li ma twettaqx negozju bankarju jew ta' assigurazzjoni li hija elenkata f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji u rigward liema l-Kummissarju, fid-diskrezzjoni tiegħu, kien ħareġ deċiżjoni li dik il-kumpannija taqa' taħt il-limiti ta' din it-tifsira, jew kumpannija li hija reġistrata taħt l-artikolu 24 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; jew

Kap. 371.

Kap. 345.

Kap. 330.

(ii) riċevitur, gwardjan, tutur, kuratur, sekwestratur ġudizzjarju jew kumitat li jaġixxi f'isem persuna

msemmija fis-subparagrafu (i); jew

(iii) fiduċjarju jew fondazzjoni li skond jew bis-saħħa tagħha xi flus jew proprjetà hi x'inhi tkun għal dak iż-żmien titħallas jew tkun applikata lil jew għall-benefiċċju ta' persuna msemmija fis-subparagrafu (i):

Iżda fir-rigward ta' l-*income* imsemmi fil-paragrafu (viii)(2), (3) u (4) riċevitur għandu jkun individwu residenti f'Malta u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 43(6)(*e*) dak l-individwu għandu jkun ordinarjament residenti u domiċiljat f'Malta.

*Income* ta'investiment ta' skema ta' investiment kollettiv. *Miżjud: IX. 2001.27. Emendat: II. 2003.20; A.L. 409 tal-2007.*

**41A.** Għall-għanijiet tad-disposizzjonijiet dwar *income* minn investiment u minkejja kull ħaġa għall-kuntrarju fi tinsab fihom:

(*a*) fejn xi *income* imsemmi fl-artikolu 41(*a*) jitħallas lil skema ta' investiment kollettiv għandu jitqies bħala *income* minn investiment sakemm biss -

(i) ikun imiss li jsir rendikont dwaru minn dik l-iskema għal investiment kollettiv bħala profitti ta' fond preskritt; u

(ii) ma jitħallasx minn skema ta' investiment kollettiv oħra;

(*b*) "fond preskritt" tfisser skema ta' investiment kollettiv jew, f'każ ta' skema ta' investiment kollettiv li tkun maqsuma f'*sub-funds*, *sub-fund* ta' dik l-iskema, li tissodisfa dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti għall-għan ta' din it-tifsira;

(*ċ*) "min jagħmel ħlas" tinkludi *financial intermediary* awtorizzat u l-obbligi kollha ta' min jagħmel ħlas għandhom japplikaw għal dak l-intermedjarju għar-rigward tal-ħlasijiet kollha ta' *income* minn investiment li jsiru permezz tas-servizzi tiegħu. Pagament ta' *income* minn investiment isir permezz ta' *financial intermediary* awtorizzat meta pagament bħal dan:

(i) isir lill-*intermediary* li f'ismu jkun reġistrat l-investiment għall-benefiċċju ta' riċevitur;

(ii) isir direttament lir-riċevitur li jitlob li *financial intermediary* awtorizzat jiġbor ammont ta' taxxa li tkun daqs ħmistax fil-mija ta' l-*income* imsemmi biex jitħallas lill-Kummissarju;

(iii) isir permezz ta' arranġament approvat mill-Kummissarju li jagħmilha possibbli li tinġabar it-taxxa fuq id-dħul imsemmi permezz ta' *financial intermediary* awtorizzat;

(*d*) "*financial intermediary* awtorizzat" tfisser persuna li jkollha liċenza għal servizzi ta' investiment maħruġa taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment li huwa reġistrat mal-Kummissarju u li jissodisfa dawk il-kondizzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti;

(*e*) "riċevitur" tinkludi skema ta' investiment kollettiv residenti f'Malta;

(*f*) min jagħmel ħlas għandu jnaqqas taxxa minn kull ħlas ta' *income* minn investiment imsemmi fil-paragafu (*a*) ta' dan l-artikolu b'rata ta' ħmistax-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro ta' dak il-ħlas jew b'rata jew rati oħra, ta' mhux iktar mir-rata msemmija u mhux inqas minn għaxar ċenteżmi (0.10) fuq kull euro ta' dak il-ħlas, kif jista' jiġi preskritt;

(*ġ*) skema ta' investiment kollettiv ma għandhiex jedd li tagħżel li titħallas *income* minn investiment mingħajr ma jsir tnaqqis ta' taxxa;

(*ħ*) fl-ebda każ ma għandha ssir rifużjoni lil skema ta' investiment kollettiv għar-rigward ta' taxxa mnaqqsa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu minn *income* minn investiment imħallas lil dik l-iskema ta' investiment kollettiv.

Setgħat tal-Ministru.
*Miżjud:*
*IX. 2001.27.*

**41B.** Il-Ministru jista' b'regolamenti jistabbilixxi kif id-disposizzjonijiet dwar l-*income* minn investiment għandhom japplikaw għal titoli ta' tip jew kategorija partikolari, jagħmel dawk il-modifiki għat-tħaddim tagħhom kif jidhirlu li jkun meħtieġ għar-tigward ta' titoli ta' tip jew kategorija partikolari, u jippreskrivi kull ħaġa li tista' tiġi preskritta skond kull waħda minn dawk id-disposizzjonijiet..

Disposizzjonijiet kontra l-evitar ta' taxxa.
*Miżjud:*
*XVII. 1994.16.*

**42.** Meta, fil-fehma tal-Kummissarju, isiru sensiela ta' operazzjonijiet bil-għan waħdieni jew ewlieni li jitnaqqas l-ammont tat-taxxa li għandu jitħallas minn persuna bit-tħaddim tad-disposizzjonijiet dwar *income* minn investiment, dik il-persuna tkun taxxabbli daqslikieku l-imsemmija disposizzjonijiet ma kienux japplikaw, u kull taxxa miżmuma dwar *income* riċevut taħt waħda jew iżjed mill-imsemmija operazzjonijiet tista' tittieħed bħala kreditu kontra r-responsabbiltà għat-taxxa tal-persuna li tirċievi dak l-*income*, jew tingħata bħala ħlas lura, skond il-każ, għas-sena ta' stima rilevanti.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "sensiela ta' operazzjonijiet" tfisser żewġ operazzjonijiet jew iżjed korrispondenti jew ċirkolari, li jsiru mill-istess persuna, jew direttament jew indirettament, skond il-każ.

Xi profitti mhux imqassmin jitqiesu li ġew imqassmin.
*Emendat:*
*VI. 1953.2;*
*XXVIII. 1978.11;*
*VIII. 1987.5.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Emendat:*
*II. 2007.14;*
*I. 2010.24.*

**43.** (1) Meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li xi kumpannija (barra minn kumpannija inkorporata jew reġistrata barra minn Malta u mhux residenti hemmhekk) ma tkunx qassmet bħala dividendi l-profitti tagħha jew xi parti mill-profitti tagħha, u li l-effett li ma jkunx sar dak it-tqassim ikun li tiġi evitata jew imnaqqsa taxxa li xort'oħra kienet titħallas mill-azzjonisti, hu jista' jordna b'avviż bil-miktub li dawk il-profitti jew parti minnhom li ma jkunux ġew imqassma, jitqiesu għall-finijiet ta' dan l-Att, li ġew imqassma bħala dividend mill-kumpannija f'dak l-ammont, u f'dik id-data jew f'dawk id-dati, kif jidhirlu xieraq, u li l-azzjonisti jiġu ntaxxati fuqhom skond hekk:

Iżda -

(*a*) ebda ordni ma jinħareġ kif intqal qabel jekk il-kumpannija tipprova li l-għan ewlieni jew li wieħed mill-għanijiet ewlenija għaliex ma kienx hemm tqassim kien -

(i) biex jiġi provdut għall-iżvilupp jew għall-espansjoni tas-sengħa jew tan-negozju tagħha minn għejjun interni, sew waħedhom jew flimkien ma' għejjun oħra; jew

(ii) biex jitħallas lura xi self, *overdraft* jew kapital ieħor li jissellef minn għejjun esterni (li ma jkunux direttament jew indirettament marbutin ma' l-azzjonisti tal-kumpannija) u wżati fl-espansjoni tas-sengħa jew negozju tal-kumpannija;

(*b*) ebda ordni maħruġ skond dan is-subartikolu ma għandu jkollu effett -

(i) meta jkun magħmul dwar xi profitti taxxabbli f'idejn il-kumpannija dwar xi sena ta' stima qabel dik li tibda fl-1 ta' Jannar, 1976, jekk tkun saret likwidazzjoni għal dik is-sena jew, meta ma tkun saret ebda likwidazzjoni kif intqal qabel, jekk l-ordni jsir wara l-31 ta' Diċembru, 1979;

(ii) meta jkun magħmul dwar xi profitti hekk taxxabbli f'idejn il-kumpannija dwar xi sena ta' stima qabel dik li tibda fl-1 ta' Jannar, 1984, jekk dan isir wara l-31 ta' Diċembru, 1986; u

(iii) meta jkun magħmul dwar xi profitti hekk taxxabbli għal xi sena oħra ta' stima, jekk isir wara li jgħaddu tmien snin minn meta tispiċċa s-sena ta' stima li fiha l-profitti li għalihom jirreferi l-ordni kienu suġġetti għat-taxxa;

(*ċ*) meta, skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu xi dividend ikun meħtieġ li jiġi meqjus bħala riċevut minn xi azzjonist ta' kumpannija (f'dan il-*proviso* msemmija "l-ewwel kumpannija") u l-azzjonist f'dan il-każ ikun ukoll kumpannija (f'dan il-*proviso* msemmija "it-tieni kumpannija") dak id-dividend ma jkunx suġġett għat-taxxa bħala *income* tat-tieni kumpannija, iżda għandu jitqies bħala mqassam mit-tieni kumpannija, bħala dividend fid-data stabbilita mill-Kummissarju kif intqal qabel, u l-azzjonisti tat-tieni kumpannija jiġu ntaxxati fuqu skond hekk; u meta xi azzjonist tat-tieni kumpannija jkun ukoll kumpannija, f'dak il-każ dwar is-somma li għandha titqies bħala mqassma lil dak l-azzjonist, id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-*proviso* għandhom japplikaw *mutatis mutandis* daqslikieku riferenzi fihom għall-ewwel kumpannija kienu riferenzi fihom għat-tieni kumpannija u daqslikieku riferenzi fihom għat-tieni kumpannija kienu riferenzi fihom għal dak

l-azzjonist, u jibqa’ sejjer hekk sakemm bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ dan il-*proviso*, ma jibqa’ ebda parti tal-profitti mhux imqassma li għaliha l-ordnijiet tal-Kummissarju jirreferu bħala parti li għandha tiġi meqjusa li ġiet imqassma lil kumpannija.

(2) Meta dwar xi persuna jkun ġie stabbilit l-ammont tat-taxxa, jew meta l-persuna ikollha l-istima tagħha riveduta, skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) u dik il-persuna tonqos milli tħallas, fid-data li jmiss, it-taxxa, jew sehem mit-taxxa, attribwibbli għas-sehem tagħha ta’ xi profitti mhux imqassmin li jitqiesu bħala mqassmin, dik it-taxxa, jew is-sehem minnha, minnufih issir dejn dovut lill-Gvern mill-kumpannija li minħabba n-nuqqas tagħha li tqassam il-profitti l-ordnijiet tal-Kummissarju skond is-subartikolu (1) kienu ġew mogħtija, u tkun tista’ tinġabar bħala dejn.

(3) Meta xi profitti mhux imqassmin taxxabbli bis-saħħa tas-subartikolu (1) jiġu mbagħad imqassmin, ma għandhomx jitqiesu bħala *income* taxxabbli f’idejn ir-riċeventi tagħhom.

(4) Meta xi porzjon mhux imqassma tal-profitti taxxabbli bis-saħħa tas-subartikolu (1) tkun tqieset, b’avviż mogħti skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, li ġiet imqassma bħala dividend lill-azzjonisti ta’ dik il-kumpannija, il-kumpannija għandha, fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmi avviż tagħti lil kull azzjonista ċertifikat li jsemmi l-ammont tad-dividend li jkun tqies li ġie mqassam lil dak l-azzjonista u l-ammont tat-taxxa illi l-kumpannija kien ikollha l-jedd li tnaqqas minn dak id-dividend skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 59 kieku dak id-dividend kien ġie mħallas.

(5) Ebda ħaġa f’dan l-artikolu ma żżomm illi id-deċiżjoni tal-Kummissarju, fl-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lilu bis-subartikolu (1), jsir appell minnha skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 35 u
Kap. 372. 37 ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372. (6) (*a*) Meta individwu residenti f’Malta ikun reġistrat għall-finijiet ta’ l-artikolu 48(4) u l-artikolu 48(4A) ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, jew ikollu l-jedd li jibbenefika, direttament jew indirettament, mill-profitti ta’ kumpannija li hija hekk reġistrata, dak l-individwu għandu jitqies li rċieva dividend jew dividendi li jikkorrispondu għall-ammont tal-profitti (jiġifieri, il-profitti netti mit-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas mill-kumpannija u li dwarhom l-individwu jew il-kumpannija msemmija huma hekk irreġistrati) li huwa jkollu l-jedd li benefiċjarjament jirċievi mill-kumpannija jew kumpanniji, fl-ewwel jum tal-perjodu ta’ kontjar minnufih wara dak meta dawk il-profitti kienu inqalgħu mill-imsemmija kumpannija jew kumpanniji: iżda dawk il-profitti ma jkunux ġew distribwiti qabel dik id-data.

(*b*) Individwu li għandu l-jedd li jibbenefika, direttament jew indirettament, mill-profitti ta’ entità li rċeviet jew li għandha l-jedd li tirċievi, direttament jew indirettament, l-*income* imsemmi fl-artikolu

41(*a*)(viii)(2) u (3) jitqies li rċieva fl-istess ħin li l-entità tkun rċeviet dak l-*income*, dik il-parti ta' l-*income* li tikkorrispondi għal jedd li jirċievi, direttament jew indirettament, dak l-*income* permezz ta' dividend jew b'mod ieħor permezz ta' jew mingħand kull persuna jew entità bi kwalunkwe mod:

Iżda fil-każ ta' l-*income* msemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii)(2) dik il-persuna m'għandhiex titqies li rċiviet dak l-*income* jekk u sakemm il-profitti li jistgħu jitqassmu u li jirriżultaw f'dak l-*income* ikun tqies li huwa l-*income* imsemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii)(4) imħallas lil riċevitur kif imfisser fid-disposizzjonijiet dwar l-*income* minn investiment.

(*ċ*) Meta individwu residenti f'Malta jkollu jedd jibbenefika, direttament jew indirettament, mill-profitti (kemm jekk distribwiti u kemm jekk mhux distribwiti) ta' kumpannija li tkun applikat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(1)(*u*) għal xi *income* jew qligħ tagħha, dak l-individwu għandu jitqies li jkun irċieva, f'dak iż-żmien li l-imsemmija kumpannija kienet bagħtet il-prospett ta' taxxa li fiha l-imsemmi *income* jew qligħ li kieku ġew intaxxati iżda minħabba fil-fatt li applikat l-imsemmija eżenzjoni jew l-aħħar data li fiha dak il-prospett ta' taxxa jkun dovut biex jiġi sottomess, liema minnhom tiġi qabel, tant minn dak l-*income* li jikkorrispondi għall-jedd tiegħu, dirett jew indirett, li jirċievi dak l-*income* bħala dividend jew b'mod ieħor permezz ta' jew minn xi persuna jew entità bi kwalunkwe mod u għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jekk il-kumpannija tkun diġà ddistribwiet dak l-*income* jew qligħ jew parti minnu għandu jitqies illi dik id-distribuzzjoni ma saritx.

(*d*) Meta individwu jikseb l-jedd li jibbenefika, direttament jew indirettament, mill-profitti ta' entità jew kull jedd bħal dan jiżdied b'kull mod u dik l-entità tkun irċeviet iżda ma tkunx għadha qassmet, jew jkollu l-jedd li jirċievi (fiż-żmien li dak l-individwu kiseb dak il-jedd jew li kellu l-jedd tiegħu hekk miżjud) direttament jew indirettament, l-*income* imsemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii)(2) u (3), dak l-individwu għandu jitqies li jkun irċieva dividend taxxabbli skond dan l-Att fiż-żmien li kiseb dak il-jedd jew li kellu l-jedd tiegħu hekk miżjud li jikkorrispondi għall-jedd, dirett jew indirett, tiegħu jew għall-jedd miżjud tiegħu li jirċievi dak l-*income* permezz ta' dividend jew mezzi oħra permezz ta' jew minn kull persuna jew entità bi kwalunkwe mod u dak l-individwu għandu l-obbligu li jiddikjara l-imsemmi dividend fil-prospett ta' l-*income* tiegħu:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu m'għandhomx japplikaw meta l-Kummissarju jkun

sodisfatt li l-ġrajjiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma kienux riżultat ta' xi arranġament jew skema li l-għan waħdieni jew ewlieni tagħhom kien l-evitar jew il-posponiment tal-ħlas tat-taxxa.

(*e*) Meta l-azzjonist dirett tal-kumpannija msemmija fil-paragrafu (*a*) ma jkunx individwu u ma jkunx residenti f'Malta jew meta l-entità msemmija fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*) li tkun fil-fatt irċeviet, jew li tkun fil-fatt intitolata li tirċievi, l-*income* imsemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii)(2) u (3) mhijiex residenti f'Malta, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw biss meta l-individwu msemmi jkun ordinarjament residenti u domiċiljat f'Malta.

(*f*) Meta l-imsemmi jedd benefiċjarju, dirett jew indirett, huwa jedd għall-profitti ta' kumpannija pubblika jew entità oħra, u meta wieħed jew aktar individwi, li huma ordinarjament residenti u domiċiljati f'Malta, m'għandhomx il-proprjetà jew il-kontroll ta' parti sostanzjali tal-kumpannija jew entità, jew m'humiex benefiċjalment intitolati għal parti sostanzjali tal-profitti jew *income* ta' din il-kumpannija jew entità, u l-ishma jew titoli oħra bħal dawn marbuta ma' l-imsemmija kumpannija jew entità -

(i) huma elenkati f'borża stabbiliti mill-Kummissarju għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni u l-Kummissarju jkun sodisfatt li dawn l-ishma jew titoli oħra bħal dawn huma miżmuma minn ħafna persuni u negozjati ta' spiss; jew

(ii) li għalkemm mhumiex elenkati f'borża rikonoxxuta u li ma jkunux negozjati ta' spiss, huma miżmuma minn ħafna persuni,

il-Kummissariju jista', fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, jiddetermina li d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx.

(*g*) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, il-kelma "entità" tfisser persuna minbarra individwu u għandha tinkludi kull *trust* jew korp ta' persuni.

Disposizzjonijiet speċjali dwar xi profitti meqjusin li ġew imqassmin.
*Miżjud: XXXVI. 1990.8.*
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: A.L. 409 tal-2007.*

**44.** (1) Kumpannija (barra minn kumpannija inkorporata jew reġistrata barra minn Malta u mhux residenti hemmhekk) tista' titlob lill-Kummissarju bil-miktub biex kull profitti li l-Kummissarju jkun ordna biex jitqiesu li ġew imqassmin skond l-artikolu 43 jitqiesu li ġew imqassmin kif ġej:

(*a*) għoxrin fil-mija ta' l-imsemmija profitti f'dik id-data jew f'dawk id-dati li l-Kummissarju jkun ordna;

(*b*) tmenin fil-mija ta' l-imsemmija profitti fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima 1991:

Iżda meta likwidazzjoni magħmula fuq azzjonist bħala konsegwenza ta' l-imsemmija profitti meqjusin bħala mqassmin tkun saret finali u konklużiva, il-likwidazzjoni ma terġax tinfetaħ

permezz tad-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu:

Iżda wkoll applikazzjoni magħmula minn kumpannija għall-finijiet ta’ dan is-subartikolu ma tkunx valida jekk issir wara t-30 ta’ Ġunju, 1991.

(2) Fil-każ ta’ meta kumpannija tiġi notifikata mill-Kummissarju b’ordni li profitti jkunu tqiesu li ġew imqassmin skond l-artikolu 43 dwar xi sena minnufih qabel xi waħda mis-snin ta’ stima 1984 sa 1989 u wara t-23 ta’ Novembru, 1990, il-kumpannija tista’ titlob lill-Kummissarju bil-miktub biex il-profitti mhux imqassmin għas-snin imsemmija jitqiesu mill-Kummissarju li ġew imqassmin kif ġej:

(*a*) għoxrin fil-mija ta’ l-imsemmija profitti f’dik id-data jew f’dawk id-dati li l-Kummissarju jordna;

(*b*) tmenin fil-mija ta’ l-imsemmija profitti fis-sena minnufih qabel is-sena ta’ stima 1991:

Iżda applikazzjoni magħmula minn kumpannija għall-finijiet ta’ dan is-subartikolu ma tkunx valida jekk issir wara li jkunu għaddew tletin ġurnata mid-data tan-notifika ta’ l-ordni biex il-profitti jitqiesu li ġew imqassmin jew it-30 ta’ Ġunju 1991, liema tiġi l-aktar tard.

(3) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, meta applikazzjoni ssir skond dan l-artikolu, il-profitti meqjusin mill-Kummissarju bħala li ġew imqassmin jiġu ntaxxati fuq il-kumpannija bir-rata addizzjonali ta’ taxxa li ġejja:

(*a*) 0.25ċ fuq kull euro ta’ profitti meqjusin li ġew imqassmin għal xi sena li taħbat qabel is-sena ta’ stima 1990;

(*b*) 0.025ċ fuq kull euro ta’ profitti meqjusin li ġew imqassmin għas-sena ta’ stima 1991.

(4) (*a*) Għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, meta l-profitti meqjusin li ġew imqassmin jiġu sussegwentement imqassmin lill-azzjonisti mill-kumpannija, id-dividend ikun l-ammont gross kif imfisser fl-artikolu 31 mingħajr ma tittieħed in konsiderazzjoni t-taxxa li tiġi ntaxxata addizzjonalment fuq il-kumpannija skond is-subartikolu (3).

(*b*) It-taxxa pagabbli mill-kumpannija skond is-subartikolu (3) ma għandhiex tittieħed għal tpattija skond l-artikolu 60 meta l-profitti meqjusin li ġew imqassmin jiġu sussegwentement imqassmin lill-azzjonisti.

Disposizzjonijiet speċjali oħra dwar profitti meqjusin li ġew imqassmin.
*Miżjud: XXXVI. 1990.8.*
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*

**45.** Kull tqassim magħmul minn kumpannija wara l-1 ta’ Jannar, 1990 dwar il-profitti tagħha għal xi sena li taħbat qabel is-sena ta’ stima 1989 jiġi kkunsidrat li ma jkunx ġie mqassam meta jkun qed jiġi stabbilit l-ammont ta’ profitti mhux imqassmin għall-finijiet ta’ l-artikolu 43.

Meta Kumpannijia tiġi konvertita f'soċjetà.
*Miżjud: IX.1999.14.*
Kap. 386.

**45A.** Meta, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, kumpannija tiġi konvertita f'soċjetà, minbarra soċjetà in akkomandita li jkollha l-kapital tagħha diviż f'ishma, il-Kummissarju għandujqis kull bilanċ fil-kont mhux intaxxat li jkun hemm eżistenti fil-jum meta l-kumpannija tkun temmet milli tibqa' kumpannija, bħala li jkun ġie mqassam bħala dividend f'dak il-jum u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 61 sa 66 għandhom ikunu japplikaw skond hekk għal dawk il-profitti.

Self lill-azzjonisti.
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*

**46.** (1) Jekk xi ammonti jiġu avanzati jew xi attivi mqassmin minn kumpannija lil xi azzjonisti tagħha permezz ta' akkont jew self, jew xi ħlas isir mill-kumpannija f'isem jew għall-ġid individwali ta', xi azzjonisti minn tagħha, daqshekk, jekk ikun hemm, minn dawk l-akkontijiet, self jew ħlas, illi, fil-fehma tal-Kummissarju, jirrappreżenta tqassim ta' *income* għandu, għall-finijiet kollha ta' dan l-Att, jitqies li hu dividend imħallas mill-kumpannija lil dawk l-azzjonisti mill-profitti li hija ddaħħal.

(2) Meta l-ammont ta' xi akkont, self jew ħlas jitqies, skond l-aħħar subartikolu qabel dan, li hu dividend imħallas minn kumpannija lill-azzjonisti tagħha, u f'xi sena wara dik li fiha d-dividend hekk jitqies li hu mħallas, il-kumpannija tikkumpensa xi dividend imqassam minnha f'dik is-sena ta' wara, b'saldu ta' l-ammont kollu kemm hu jew f'sehem dak l-akkont, self jew ħlas, dak id-dividend għandu, sa l-ammont li bih jiġi hekk kumpensat, jitqies li mhux dividend għall-finijiet ta' dan l-Att.

Xi tqassim lil azzjonisti jew lil soċji li jitqiesu li huma dividendi jew profitti.
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: I. 2010.25.*

**47.** Tqassim lil azzjonisti ta' kumpannija jew lil soċji f'soċjetà minn likwidatur fil-kors tal-likwidazzjoni tal-kumpannija jew tas-soċjetà, sal-punt li fih huwa jirrappreżenta *income* derivat mill-kumpannija jew minn soċjetà (sew jekk qabel kemm matul il-likwidazzjoni) u xi tqassim mill-kontijiet mhux intaxxati għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li huwa dividend imħallas lill-azzjonisti mill-kumpannija mill-profitti derivati minnha, jew profitti mqassma lis-soċji, skond il-każ.

Disposizzjonijiet speċjali għall-għadd ta' l-*income* derivat mill-bejgħ jew disponiment ieħor tal-merkanzija tan-negozju.
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: XVII. 1994.18.*

**48.** (1) Meta xi merkanzija tan-negozju tinbiegħ flimkien ma' attivi oħra ta' negozju, is-sehem mill-ħlas attribwibbli għall-merkanzija tan-negozju għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, ikun deċiż mill-Kummissarju u s-sehem mill-ħlas hekk deċiż għandu jitqies li huwa l-prezz imħallas għall-merkanzija tan-negozju mix-xerrej.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu kull merkanzija tan-negozju li tkun ġiet disposta xort'oħra milli f'bejgħ titqies li tkun ġiet mibjugħa, u kull merkanzija tan-negozju hekk disposta u kull merkanzija li tkun imbiegħet bi ħlas li ma jkunx flus għandha titqies li tkun ġiebet il-prezz tas-suq tal-ġurnata li fiha tkun ġiet hekk disposta jew mibjugħa, imma, meta ma jkunx hemm prezz tas-suq, il-merkanzija tan-negozju għandha titqies li irrendiet il-prezz illi l-Kummissarju jiddeċidi.

Kap. 372.

(3) Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-artikolu ma għandha titqies li ittiefes il-jedd ta' persuna intaxxata li tappella kontra stima ta' taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 35 u 37 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

**48A.** (1) Meta persuna li tkun reġistrata għall-finijiet tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud tqabbad lil xi ħadd sabiex dan jagħmel xi ħdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xogħol tal-ganċ u rakkmu ġewwa d-dar b'rimunerazzjoni għal xi sena li tiġi qabel sena ta' stima li ma tkunx ta' aktar minn ħames mitt euro (500) it-taxxa dovuta dwar l-*income* imħallas lil dak l-artiġjan fid-dar u t-tnaqqis li jista' jsir dwar dan mill-persuna li tkun qegħda tħaddem għandhom ikunu regolati skond dawk ir-regoli li jistgħu isiru skond dan l-artikolu:

Disposizzjonijiet speċjali dwar ċertu *income* miksub minn arċinjani fid-dar fuq bażi *part-time.*
*Miżjud: XXII. 1995.4.*
*Emendat: A.L. 409 tal-2007.*

Iżda x-xogħol magħmul minn dawk l-artiġjani fid-dar għandu f'kull każ ikun magħmul bl-idejn u mhux bil-makna.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel ordni li biha jestendi d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għar-rimunerazzjoni ta' dawk il-ħaddiema li jistgħu jiġu hekk preskritti fl-ordni skond dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti f'dak l-ordni.

**48B.** Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jippreskrivu l-mod kif l-*income* taxxabbli, li jaqa' taħt l-artikolu 4(1)(*a*), ta' dawk il-persuni kif jista' jiġi preskritt għandu jiġi kalkolat jew stmat taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fir-regolamenti msemmija.

Disposizzjonijiet speċjali dwar *income* derivat skond l-artikolu 4(1)(*a*) ta' l-Att.
*Miżjud: II. 2002.51.*

**49.** (1) L-*income* ta' koppja miżżewġa, meta ż-żewġ konjuġi jkunu jgħixu flimkien, għandu jkun ikkuntjat f'isem il-konjuġi responsabbli hekk magħżul jew magħżula mill-konjuġi nfushom għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u kull prospett u kull dikjarazzjoni li tirrigwarda sena ta' stima li għaliha l-*income* ikun hekk taxxabbli, għandhom jiġu ffirmati miż-żewġ konjuġi:

Koppji miżżewġa.
*Emendat: XLIX. 1974.5.*
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Sostitwit: XX. 1996.13.*
*Emendat: IX. 1999.14.*

Iżda jekk il-prospett jew id-dikjarazzjoni jkunu ffirmati mill-konjuġi responsabbli biss, jew mill-konjuġi l-ieħor f'isem il-konjuġi responsabbli, dawn għandhom fil-każijiet kollha jkunu presunti *juris et de jure* li jkunu saru bil-kunsens taż-żewġ konjuġi:

Iżda wkoll, jekk iż-żewġ konjuġi jonqsu milli jaħtru l-konjuġi responsabbli, il-Kummissarju għandu fid-diskrezzjoni tiegħu jiddeċiedi liema mill-konjuġi għandu jkun il-konjuġi responsabbli.

(2) Fejn koppja miżżewġa tkun meħtieġa li tissottometti prospett komuni skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), iż-żewġ konjuġi jkunu responsabbli *in solidum* għall-qadi ta' kull obbligazzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, u f'nuqqas ta' dan il-Kummissarju jkollu d-dritt, fid-diskrezzjoni tiegħu, li jieħu azzjoni għat-twettiq tal-qadi ta' dawk l-obbligazzjonijiet kontra l-wieħed jew l-ieħor miż-żewġ konjuġi jew kontra ż-żewġ konjuġi:

Iżda f'ebda każ ma tista' tittieħed xi azzjoni kriminali kontra konjuġi għal xi att jew nuqqas li għalih huwa jew hija jista' ma jkunx jew tista' ma tkunx direttament responsabbli.

(3) Meta koppja miżżewġa tagħżel li r-raġel jew il-mara għandu jkun jew għandha tkun il-konjuġi responsabbli, dik l-għażla għandha tibqa' effettiva għal perijodu minimu ta' ħames snin konsekuttivi kemm-il darba l-Kummissarju, fid-diskrezzjoni esklużiva tiegħu u għal raġuni xierqa, ma jawtorizzax bidla wara

petizzjoni ffirmata mir-raġel jew mill-mara u sottomessa lill-Kummissarju mhux aktar tard minn sitt xhur qabel l-ewwel jum tas-sena ta' stima li dwarha tintalab dik il-bidla.

Kalkolu ta' taxxa separat fuq ċertu *income* derivat minn koppji miżżewġa.
*Miżjud: XXXVI.1990.9*
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: XVII. 1994.19.*
*Sostitwit: XX. 1996.13.*
*Emendat: V. 1998.8; XI. 2000.6; II. 2002.52.*

**50.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49, meta f'xi sena minnufih qabel is-sena ta' stima l-konjuġi li ma jkunx jew ma tkunx il-konjuġi responsabbli jikseb jew tikseb *income* suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(*a*) jew tal-paragrafu (*b*) ta' l-imsemmi subartikolu sakemm dan ma jirreferix għal xi drittijiet li jinkisbu mill-kariga ta' direttur jew tal-paragrafu (*d*) ta' l-imsemmi subartikolu safejn dan jirreferi għal pensjoni li wieħed jirċievi mill-impieg ta' qabel, il-konjuġi responsabbli jista' jagħżel jew tagħżel bil-miktub li t-taxxa fuq l-*income* taxxabbli dwar *income* bħal dak derivat mill-konjuġi l-ieħor tiġi kkalkolata separatament. F'każ bħal dan l-*income* tal-konjuġi ma jiġix magħdud flimkien ma' l-*income* totali tal-konjuġi responsabbli għal dik is-sena ta' stima:

Iżda meta ssir dik l-għażla, għaldaqshekk, minkejja kull ħaġ'oħra li tinsab f'dan l-Att, kull *income* tal-konjuġi, minbarra l-*income* imsemmi f'dan is-subartikolu u suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(*a*), (*b*) u (*d*), għandu jiġi magħdud flimkien ma' l-*income* totali tal-konjuġi li jkollu l-ogħla *income* suġġett għat-taxxa skond dawk id-disposizzjonijiet jew meta dak l-*income* totali tal-konjuġi jkun indaqs, dan għandu jiġi magħdud flimkien ma' l-*income* totali tal-konjuġi responsabbli, u, t-taxxa dovuta għandha tiġi kalkolata skond hekk.

(2) It-taxxa kkalkolata separatament għal kull sena ta' stima dwar l-*income* imsemmi fis-subartikolu (1) tiġi addebitata f'isem il-konjuġi responsabbli.

(3) L-ebda għażla msemmija fis-subartikolu (1) ma tista' ssir dwar *income* li hu suġġett għat-taxxa skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(*b*) jew (*d*) meta dak l-*income* jkun jikkonsisti biss minn *income* li hu meqjus li jikkostitwixxi benefiċċju li jiġi minn impieg jew negozju skond ir-regolamenti msemmija fl-artikolu 4(1)(*b*)(ii).

Meta għandha titħallas it-taxxa fuq arretrati ta' pensjoni.
*Miżjud: II. 2003.21.*

**50A.** Minkejja kull ħaġa kuntrarja li hemm f'dan l-Att, meta matul is-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima 2004 jew matul snin ta' stima sussegwenti persuna tirċievi *income* li fuqu titħallas it-taxxa taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(*d*), sakemm dan ikun jirreferi għal *income* miġbur matul xi sena ta' stima aktar kmieni, dak l-*income* għandha titħallas fuqu t-taxxa fis-sena li jkun jirreferi għaliha:

Iżda kull tali *income* li jirriferi għal xi sena ta' stima qabel is-sena ta' stima 1999 għandha titħallas it-taxxa fuqu fis-sena ta' stima 1999.

Evitar ta' taxxa. *Sostitwit: XXVIII. 1978.12. Emendat: XXXVI. 1990.10. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XX. 1996.14; I. 2010.26.*

**51.** (1) Meta xi skema li tnaqqas l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas minn xi persuna tkun artifiċjali jew fittizja jew li fil-fatt ma ngħatalhiex effett, il-Kummissarju għandu jinjora l-iskema u l-persuni konċernati jiġu intaxxati skond hekk.

(2) Meta xi persuna, bħala riżultat dirett jew indirett ta' xi skema li l-uniku għan tagħha jew l-għan ewlieni tagħha jkun li jinkiseb xi vantaġġ li għandu effett li jevita, inaqqas jew jipproponi l-ħlas tat-taxxa li għandha titħallas, jew li jinkiseb xi ħlas lura jew tpattija ta' taxxa, tkun kisbet jew tkun f'qagħda li tikseb dak il-vantaġġ, il-Kummissarju għandu, b'ordni bil-miktub, jistabbilixxi t-taxxa li għandha titħallas jew il-jedd għal ħlas lura jew għal tpattija ta' taxxa ta' l-imsemmija persuna, jew ta' xi persuna oħra, għas-sena ta' stima hekk stabbilita, b'dak il-mod u għal dak l-ammont li jkun meħtieġ, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, biex tiġi annullata jew modifikata l-imsemmija skema u l-vantaġġ li joħroġ minnha. Persuna li ma taqbilx ma' ordni notifikata lilha kif intqal qabel għandu jkollha l-istess drittijiet li toġġezzjona għal dik l-ordni u li tappella minn deċiżjoni tal-Kummissarju li jirrifjuta dik l-oġġezzjojni daqs li kieku dik l-ordni kienet stima maħruġa taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Taxxa u d-dispożizzjonijiet relevanti ta' dak l-Att rigward l-oġġezzjonijiet u l-appelli għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Kap. 372.

(3) Meta, bħala riżultat dirett jew indirett ta' xi disposizzjoni magħmula fil-ħajja tad-disponent, xi *income* għandu jitħallas lil wild jew għall-ġid tiegħu fis-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima, l-*income* għandu, jekk fil-bidu ta' dik is-sena l-wild ma jkunx miżżewweġ jew ikun għadu ma għalaqx l-età ta' tmintax-il sena, jitqies għall-finijiet ta' dan l-Att bħala l-*income* tad-disponent għal dik is-sena u mhux bħala l-*income* ta' l-imsemmi wild.

(4) Meta, bħala riżultat dirett jew indirett ta' xi skema jew ta' xi tibdil fix-*shareholding* ta' kumpannija, ikun ġie riċevut jew akkumulat mill-kumpannija *income* fis-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima f'dak il-każ, kemm-il darba ma jiġix ippruvat li l-imsemmija skema ma tkunx saret, jew li l-imsemmi tibdil ma jkunx sar, biss jew prinċipalment għall-għan li jinkiseb il-benefiċċju ta' xi telf, jew il-bilanċ ta' xi telf li jkun iġġarrab mill-kumpannija f'xi sena qabel is-sena ta' stima, jew ta' xi tqagħbir ordinarju jew tnaqqis inizjali, jew tal-bilanċ ta' xi tnaqqis bħal dak li jkun dovut dwar xi sena kif intqal qabel, sabiex jiġi evitat li titħallas taxxa mill-kumpannija jew minn xi persuna oħra -

(*a*) id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 5(10)(*b*) u 14(1)(*g*) ma għandhomx japplikaw dwar xi telf li jiġġarrab mill-kumpannija matul is-sena li fiha dik l-iskema tkun saret jew dak it-tibdil ikun sar, jew dwar xi telf jew bilanċ ta' telf li xort'oħra kien ikun miġjub 'il quddiem f'dik is-sena jew minn dik is-sena għal snin ta' wara;

(*b*) id-disposizzjonijiet tat-tieni *proviso* għall-artikolu 14(1)(*f*) ma għandhomx japplikaw hekk li jingħata xi tnaqqis li l-kumpannija xort'oħra jista' jkollha jedd għalih matul is-sena li fiha dik l-iskema kienet saret jew dak it-tibdil ikun sar, dwar it-tnaqqis maħsub

skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(*f*) u (*j*) ta' dak l-artikolu, jew dwar dak it-tnaqqis jew il-bilanċ ta' dak it-tnaqqis li xort'oħra jista' jiġi miġjub 'il quddiem minn dik is-sena għas-snin ta' wara;

(*ċ*) id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24 għandhom jiġu applikati bħallikieku d-disposizzjonijiet tal-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu ma jkunux ingħataw effett.

(5) F'dan l-artikolu:

"skema" tinkludi kull disposizzjoni, ftehim, arranġament, *trust*, għoti, patt, trasferiment ta' attiv, żjieda fil-kapital azzjonarju ta' kumpannija u trasferiment ta' proprjetà, ikunu li jkunu irrispettivament mid-data li fiha dik l-iskema tkun saret, ittieħed sehem fiha jew inbdiet;

"wild" tinkludi:

(*a*) bin jew bint ir-raġel jew il-mara, jew tifel jew tifla adottati, jew tifel jew tifla illeġittimi ta' l-individwu jew tar-raġel jew ta' mart l-individwu;

(*b*) tifel jew tifla ltiema minn jew abbandunati mill-missier jew l-omm u jgħixu ma' l-individwu jew mar-raġel jew mara ta' l-individwu.

Deċiżjonijiet bil-quddiem dwar taxxa.
*Miżjud: XVII. 1994.20.*
*Emendat: II. 2007.15.*

**52.** (1) Il-Kummissarju għandu, fuq l-applikazzjoni ta' kumpannija li tkun parti f'xi operazzjoni, javża d-deċiżjoni tiegħu li l-artikolu 51 ma japplikax għal dik l-operazzjoni kemm-il darba l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-operazzjoni tkun ser ssir għal raġunijiet kummerċjali *bona fide.*

(2) Il-Kummissarju għandu, fuq l-applikazzjoni ta' xi persuna, javża d-deċiżjoni tiegħu li d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*f*) tat-tifsira ta' "sehem parteċipanti" kif imfisser fl-artikolu 2 dwar sehem parteċipanti jkun japplika għal sehem azzjonarju partikolari jew għal sehem azzjonarju li jkun se jiġi akkwistat mill-applikant.

(3) Il-Kummissarju għandu, fuq l-applikazzjoni ta' xi persuna li tkun kumpannija, javża d-deċiżjoni tiegħu dwar kif xi operazzjoni li tolqot xi att finanzjarju jew sigurtajiet oħra tkun se tiġi trattata dwar taxxa.

(4) Il-Kummissarju għandu, fuq l-applikazzjoni ta' xi persuna, javża d-deċiżjoni tiegħu dwar kif xi operazzjoni li tinvolvi kummerċ internazzjonali tkun se tiġi trattata dwar taxxa, iżda jkun il-Kummissarju fid-diskrezzjoni tiegħu li jiddeċiedi x'inhu kummerċ internazzjonali għall-finijiet ta' dan is-subartikolu.

(5) Il-Kummissarju għandu, fuq l-applikazzjoni ta' xi persuna, javża d-deċizjoni tiegħu dwar jekk kumpannija tikkwalifikax bħala kumpannija b'kummerċ internazzjonali:

Iżda l-ebda deċiżjoni ta' dan it-tip ma għandha tiġi notifikata dwar kumpannija li kienet reġistrata f'Malta fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2007 iżda li ma kenitx residenti f'Malta qabel din id-data:

Iżda wkoll kumpanniji reġistrati f'Malta bejn it-18 ta' April

2006 u l-31 ta’ Diċembru 2006 għandu jkollhom biss il-jedd li japplikaw għal deċiżjoni taħt id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu sa mhux iktar tard mit-30 ta’ Ġunju, 2007.

(5A) Il-Kummissarju għandu, wara l-applikazzjoni minn xi persuna, jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu li kumpannija ma tkunx prekluża milli tkun kumpannija hekk kif msemmija fl-artikolu 48(4A)(*b*) ta’ Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa bħala konsegwenza tal-paragrafu (ii) tiegħu: Kap. 372.

Iżda meta l-Kummisarju jkun innotifika d-deċiżjoni tiegħu hekk kif għadu kif intqal, dik id-deċiżjoni għandha tibqa’ torbot u tibqa’ valida biss jekk dik il-kumpannija flimkien mad-denunzja tal-prospett tat-taxxa fuq l-*income* tagħha, tagħti wkoll id-dokumenti li ġejjin:

(*a*) dikjarazzjoni, ffirmata mid-diretturi kollha tal-kumpannija jew mis-segretarju tal-kumpannija meta din id-dikjarazzjoni tkun approvata mill-bord tad-diretturi tal-kumpannija, u li tikkonferma li matul il-perjodu ta’ kontjar rilevanti l-attivitajiet tal-kumpannija kienu jikkonsistu biss f’attivitajiet msemmija fl-applikazzjoni tal-kumpannija li għaliha ingħatat id-deċiżjoni. Fejn id-dikjarazjoni tkun iffirmata mis-segratarju tal-kumpannija, din għandha tgħid ukoll:

(i) jekk id-diretturi kollha tal-kumpannija kienux preżenti għall-laqgħa li fiha kienet approvata id-dikjarazzjoni u, jekk id-diretturi ma kienux kollha preżenti, jekk il- laqgħa kienitx msejħa kif inhu mitlub mill-memorandum u l-istatut ta’ assoċjazzjoni tal-kumpannija;

(ii) jekk id-dikjarazzjoni kienitx waħda approvata unanimament mid-diretturi kollha preżenti waqt il-laqgħa u, jekk ma kienitx approvata unanimament, in-numru ta’ voti kontra u n-numru ta’ voti favur il-mozzjoni; u

(*b*) dikjarazzjoni, ffirmata mill-awditur tal-kumpannija għall-perjodu ta’ kontjar inkwistjoni, li tikkonferma li, safejn jaf u mill-aħjar li jaf, id-dikjarazjoni msemmijja fil-paragrafu (*a*) hija korretta.

(6) L-avviż ta’ deċiżjoni speċifikat f’dan l-artikolu jista’ jingħata qabel ma ssir xi operazzjoni li dwarha ssir applikazzjoni għal deċiżjoni.

(7) (*a*) L-applikazzjonijiet kollha skond dan l-artikolu għandhom isiru bil-miktub u għandu jkollhom it-tagħrif materjali kollu dwar l-operazzjonijiet li jkunu se jsiru.

(*b*) Meta l-Kummissarju jkun jeħtieġ aktar tagħrif sabiex ikun jista’ jiddeċiedi fuq applikazzjoni skond dan l-artikolu, il-Kummissarju għandu, fi żmien tletin jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni, jew minn meta jirċievi iktar tagħrif li jkun talab qabel skond dan il-

paragrafu, b'avviż bil-miktub, jeħtieġ lill-applikant li jagħti dak it-tagħrif l-ieħor, u jekk dak l-avviż ma jitħarisx fi żmien tletin jum, jew f'dak iż-żmien itwal li l-Kummissarju jista' jagħti, il-Kummissarju m'għandux ikompli jipproċedi b'dik l-applikazzjoni.

(*ċ*) Il-Kummissarju għandu javża d-deċiżjoni tiegħu lill-applikant fi żmien tletin jum li jirċievi l-applikazzjoni jew, jekk jagħti avviż skond il-paragrafu (*b*), fi żmien tletin jum wara li jkun tħares l-avviż.

(*d*) Jekk xi tagħrif mogħti skond dan l-artikolu ma jkunx juri b'mod komplet u preċiż il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet kollha materjali għad-deċiżjoni tal-Kummissarju, kull deċiżjoni li tingħata b'riżultat tkun bla effett.

(8) (*a*) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7)(*d*), deċiżjoni tal-Kummissarju torbot lill-Kummissarju u tibqa' torbtu għal perijodu ta' sentejn minn meta jkun hemm xi tibdil rilevanti fid-disposizzjonijiet tal-liġi wara dik id-deċiżjoni, jew għal perijodu ta' ħames snin minn meta tingħata dik id-deċiżjoni, skond liema jkun l-iqsar żmien.

(*b*) Deċiżjoni tal-Kummissarju tista', jekk l-applikant hekk jagħżel, tiġġedded għal perijodu ieħor ta' ħames snin. Applikazzjoni għal tiġdid għandha tingħata bil-miktub lill-Kummissarju, fejn tgħid jekk kienx hemm jew le xi tibdil materjali fil-fatti u kunsiderazzjoni li kienu jinsabu fl-applikazzjoni oriġinali u x-xorta ta' dak it-tibdil. Dak it-tiġdid m'għandux bla raġuni jinżamm mill-Kummissarju.

(*ċ*) Minkejja id-diposizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti ta' dan is-subartikolu ebda deċiżjoni skond is-subartikolu (5), inkluż kull tiġdid ta'dik id-deċiżjoni ma għandu jkollhom effett fi jew wara l-1 ta' Jannar 2011.

Regoli dwar *finance leasing.*
*Miżjud: XI. 2000.7.*

**52A.** Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regoli sabiex ikunu jistgħu jitħaddmu disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi għar-rigward ta' arranġamenti ta' *finance leasing* b'mod ġenerali u jista' in partikolari b'dawk ir-regoli jipprovdi dwar kif tnaqqis li jsiru fil-produzzjoni ta' l-*income* għandhom jingħataw fir-rigward il-*lessor* u l-*lessee*, kif ukoll jipprovdi kif u sakemm, jekk ikun hemm, telf in rigward arranġamenti ta' *finance leasing* jistgħu jitpaċew ma' qligħ li jsir minn xi għajn oħra ta' *income.*

Direttivi u Regolamenti ta' l-U.E.
*Miżjud: II. 2004.13.*

**52B.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'regolamenti taħt dan l-artikolu jagħmel disposizzjonijiet biex jimplimentaw u jagħtu seħħ lil xi Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa f'dan l-artikolu bħala "Direttiva ta' l-U.E.") dwar kull ħaġa li tolqot it-tħaddim ta' l-Atti dwar it-Taxxi, jew sabiex ikun jista' jsir it-tħaddim aħjar ta' xi regolament ta' l-Unjoni Ewropea (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ f'dan l-artikolu bħala "Regolament ta' l-U.E.") u jista' b'dawk ir-

regolamenti jipprovdi dwar kull ħaġa li tista' tkun meħtieġa li jiġi provdut dwarha b'dik id-Direttiva ta' l-U.E. jew b'dak ir-Regolament ta' l-U.E.

(2) Regolamenti li jsiru taħt dan l-artikolu għandhom jagħmlu referenza għad-Direttiva ta' l-U.E. jew Regolament ta' l-U.E. relevanti u jkollhom effett b'konformità magħhom minkejja kull ħaġa kuntrarja li hemm fl-Atti dwar it-Taxxi jew kull liġi oħra li għandha x'taqsam ma' din il-ħaġa.

---

## TAQSIMA VI

### TNAQQIS PERSUNALI

**53.** *Imħassar bl-Att XX.1996.15.*

Individwu residenti.
*Emendat:*
*VI. 1953.3;*
*V. 1964.2;*
*VIII. 1969.6;*
*XXXV. 1972.6;*
*X. 1973.4;*
*XLIX. 1974.6;*
*XLII. 1975.7;*
*XXII. 1976.4;*
*XXIV.1976.4;*
*XXVI. 1977.11;*
*XXVIII. 1978.13;*
*XXI. 1980.7;*
*IX. 1981.6;*
*XL. 1981.3;*
*IX. 1983.7;*
*XIV. 1984.5;*
*VIII. 1987.6;*
*XXXI. 1988.5;*
*XIX. 1989.5.*
*Sostitwit:*
*XXXVI. 1990.11.*
*Emendat:*
*XVIII. 1993.6.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Emendat:*
*XVII. 1994.21.*

Dipendenti.

**54.** *Imħassar bl-Att XX.1996.15.*

*Allowances* lil persuni mhux residenti.
*Emendat:*
*XV. 1958.2;*
*XXV. 1960.8;*
*XXV. 1962.2, 4;*
*A.L. 4 ta' l-1963;*
*A.L. 46 ta' l-1965.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*

Talbiet taħt din it-Taqsima.
*Emendat: VIII. 1969.7.*
*Sostitwit: XXVI. 1977.12.*
*Emendat: XXXVI. 1990.12.*
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: XVII. 1994.22.*

**55.** *Imħassar bl-Att XX.1996.15.*

---

## TAQSIMA VII

### RATA TAT-TAXXA

Rati normali ta' taxxa fuq individwi u ċerti korpi ta' persuni.
*Emendat: V. 1958.6; XVI. 1959.2; XXIV. 1961.3; XXV. 1962.5; XIV. 1963.3; V. 1964.3; VIII. 1969.8; XXVIII. 1972.2; X. 1973.5; XLII. 1975.8; XXII. 1976.4; XXIV. 1976.5; XXVI. 1977.13; XXVIII. 1978.14; IX. 1981.7; XL. 1981.4; XIII. 1983.4; XIV. 1984.6; VIII.1987.7; XXXI. 1988.6; XIX. 1989.6.*
*Sostitwit: XXXVI. 1990.13.*
*Rinumerat: XVII. 1994.2.*
*Emendat: XVII.1994.23; XXII.1995.5; XX. 1996.16; V. 1998.8; IX.1999.14; XI. 2000.8; IV. 2001.35; II. 2002.53; II. 2003.22; III. 2004.160 XIII. 2004.54; II. 2005.11; II. 2006.9; II. 2007.26; IV. 2007.15; XXXII. 2007.36; A.L. 409 tal-2007; II. 2009.14; I. 2010.27.*

**56.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu it-taxxa fuq l-*income* taxxabbli ta' kull persuna tkun intaxxata bir-rati li ġejjin:

(*a*) fil-każ ta' koppja miżżewġa residenti f'Malta fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima u li għaliha japplika l-artikolu 49 ħlief meta l-konjuġi responsabbli jkun għażel komputazzjoni separata għall-finijiet ta' l-artikolu 50 -

Għal kull euro fuq l-ewwel €11,900 .................................. 0ċ
Għal kull euro fuq id-€9,300 ta' wara .............................. 15ċ
Għal kull euro fuq is-€7,500 ta' wara .............................. 25ċ
Għal kull euro mill-bqija ................................................ 35ċ;

(*b*) fil-każ ta' kull individwu ieħor residenti f'Malta, inkluż ir-raġel u l-mara meta l-konjuġi responsabbli jkun għażel komputazzjoni separata għall-finijiet ta' l-artikolu 50 -

Għal kull euro fuq l-ewwel €8,500 ..................................... 0ċ
Għal kull euro fuq il-€6,000 ta' wara............................... 15ċ
Għal kull euro fuq il-€5,000 ta' wara............................... 25ċ
Għal kull euro mill-bqija ................................................. 35ċ:

Iżda:

(*a*) minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, meta individwu ma kienx miżżewweġ jew kien armel jew kienet armla, jew kien konjuġi separat jew separata *de jure* jew *de facto*, ir-rati li japplikaw għall-*income* taxxabbli ta' individwu bħal dak għas-sena ta' stima 2000 u għal kull sena ta' stima li tiġi wara dik is-sena ta' stima għandhom ikunu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*b*) ta' dan il-proviso, dawk stipulati fil-paragrafu (*a*);

(*b*) il-paragrafu (*a*) ta' dan il-proviso japplika meta dak l-individwu, fis-sena li tiġi qabel is-sena ta' stima:

(i) irid ikun mantna taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha tifel jew tifla li ma jkunux għalqu s-

sittax-il sena jew, jekk kienu għalqu dik l-età, kienu qed jirċievu tagħlim *full-time* f'xi università, kulleġġ jew stabbiliment edukattiv ieħor, jew kienu apprendist f'xi sengħa jew professjoni, jew kienu inkapaċitati b'mard li ma jħallihomx jieħdu ħsieb tagħhom infushom, u li, f'kull każ, ma kienux qed jirċievu *income*, b'jedd tagħhom infushom, li jeċċedi €2,400;

(ii) meta titħallas l-*allowance* tat-tfal għar-rigward ta' dak it-tifel jew tifla skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, kien rikonoxxut mid-Direttur (Sigurtà Soċjali) bħala l-benefiċjarju ta' l-*allowance* tat-tfal li titħallas għar-rigward ta' dak it-tifel; Kap. 318.

(iii) ma kienx qiegħed jirċievi xi għajnuna finanzjarja għar-rigward tal-manteniment ta' dak it-tifel mill-genitur l-ieħor ta' dak it-tifel;

(iv) ma kienx jgħix jew joqgħod fl-istess dar mal-ġenitur l-ieħor ta' dak it-tifel.

(*ċ*) fil-każ ta' kull individwu li ma jkunx residenti f'Malta matul is-sena minnufih qabel is-sena ta' stima -

Għal kull euro fuq l-ewwel €700 ........................................ 0ċ

Għal kull euro fuq l-€2,400 ta' wara ................................ 20ċ

Għal kull euro fuq l-€4,700 ta' wara ............................... 30ċ

Għal kull euro mill-bqija ................................................. 35ċ;

(*d*) fil-każ ta' kull persuna oħra -

Għal kull euro fuq l-ewwel €2,400 .................................. 15ċ

Għal kull euro fuq l-€2,400 ta' wara ................................ 20ċ

Għal kull euro fuq it-€3,500 ta' wara .............................. 30ċ

Għal kull euro mill-bqija ................................................. 35ċ.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), it-taxxa fuq l-*income* taxxabbli ta' l-individwi msemmija fl-imsemmi subartikolu tkun intaxxata bir-rati speċjali li ġejjin:

(*a*) Fil-każ ta' individwu mwieled barra minn Malta li kien residenti f'Malta fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima u li jipprova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li rċieva f'Malta fi żmien wieħed jew iżjed matul is-sena minnufih qabel is-sena ta' stima ammont ta' *income* ta' mhux anqas minn elf, tmien mija u sebgħin euro (1,870) li jiġi minn barra minn Malta u taxxabbli skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att -

(i) li jkun individwu miżżewweġ li għalih japplika l-artikolu 49 -

Għal kull euro fuq l-ewwel €5,900 ................ 0ċ

Għal kull euro mill-bqija ............................ 15ċ

(ii) li jkun individwu ieħor bħal dak -

Għal kull euro fuq l-ewwel €4,200 ................ 0ċ

Għal kull euro mill-bqija ............................. 15ċ

Iżda, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu li jaħbat sewwa sew wara dan, ir-rati mniżżlin fis-sub-paragrafi (i) u (ii) ma jkunux japplikaw jekk l-individwu kien domiċiljat f'Malta jew ordinarjament residenti f'Malta qabel l-ewwel ġurnata ta' Jannar, 1958.

(*b*) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jawtorizza l-applikazzjoni tal-paragrafu (*a*) għal kull individwu mwieled barra minn Malta, għalkemm kien domiċiljat u/ordinarjament residenti f'Malta qabel l-ewwel ġurnata ta' Jannar, 1958, jekk il-Ministru jkun sodisfatt li l-imsemmi individwu kien assenti minn Malta fil-perijodu bejn dik id-data u l-wieħed u tletin ta' Diċembru, 1963, salvi viżiti okkażjonali.

(*ċ*) Fil-każ ta' individwu mwieled f'Malta li kien residenti f'Malta fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima u li jipprova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li kien attwalment irrisjeda barra minn Malta għal perijodu totali ta' mhux anqas minn għoxrin sena wara l-ewwel ġurnata ta' Jannar, 1938 u li rċieva f'Malta fi żmien wieħed jew iżjed matul is-sena minnufih qabel is-sena ta' stima ammont ta' *income* ta' mhux anqas minn elf u mitejn euro (1,200) li jiġi minn barra minn Malta u taxxabbli skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ir-rati mniżżlin skond il-paragrafu (*a*)(i) jew (ii), skond il-każ, għandhom japplikaw:

Iżda -

(i) ebda rati bħal dawn ma jkunu japplikaw kemm-il darba l-Kummissarju ma jkunx sodisfatt li l-individwu kien ordinarjament residenti u domiċiljat f'Malta fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima;

(ii) fl-ikkalkolar ta' l-imsemmi perijodu totali ta' għoxrin sena għandhom ikunu esklużi s-snin kalendarji kollha li matulhom l-individwu kien ordinarjament residenti f'Malta, u l-perijodi kollha qabel data li tkun qabel bi tletin sena l-ewwel ġurnata tas-sena ta' stima li fiha l-individwu jissodisfa għall-ewwel darba l-kondizzjonijiet l-oħra kollha stipulati f'dan is-subartikolu.

(*d*) Fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) -

"individwu mwieled barra minn Malta" tfisser individwu mhux imwieled f'Malta li l-ġenituri tiegħu ma kenux domiċiljati f'Malta jew ma kenux ordinarjament residenti f'Malta fid-data tat-twelid tiegħu jew f'xi żmien matul l-għaxar snin qabel din id-data;

"riċevut f'Malta" tfisser l-eċċess ta' l-ammont ta'

*income* li jiġi minn barra minn Malta u riċevut f'Malta fuq kull somma trasferita barra minn Malta.

(*e*) Ir-rati msemmijin fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) japplikaw biss għal kull individwu li kien intitolat għal tnaqqis personali ieħor ta' elf, mija u sittin euro (1,160) f'xi sena ta' stima sas-sena ta' stima 1972, u, fil-każ tal-mewt tiegħu, japplikaw għall-konjuġi li jibqa' ħaj.

(*f*) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49, il-konjuġi responsabbli għandu, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun il-konjuġi li f'ismu jkun inħareġ il-permess għal residenza.

(3) Ebda ħaġa fis-subartikolu (2) ma għandha b'xi mod titqies li tħassar id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (13).

(4) It-taxxa għandha tiġi ntaxxata bir-rata ta' 20ċ fuq kull euro ta' l-*income* taxxabbli ta' -

(*a*) kull entità li għaliha japplika l-artikolu 30; u

(*b*) kull fondazzjoni, tħollija, *trust*, istituzzjoni, jew organizzazzjoni oħra jew korp ta' persuni ieħor li l-*income* tiegħu għandu speċifikatament jiġi applikat għal kollox biex jipprovdi *income* għall-membri tal-kleru:

Iżda meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li xi parti minn dak l-*income* ġie fil-fatt applikat għal membri tal-kleru residenti f'Malta jew għal kommunitajiet ekklesjastiċi hekk residenti, dik il-parti ta' l-*income* għandha tkun eżenti mit-taxxa f'idejn il-fondazzjoni, tħollija, *trust*, istituzzjoni, jew organizzazzjoni oħra jew korp ta' persuni ieħor kif intqal qabel, ukoll meta l-artikolu 30(2) ikun japplika għal dik il-fondazzjoni, tħollija, *trust*, istituzzjoni, jew organizzazzjoni oħra jew korp ta' persuni ieħor.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), ebda taxxa ntaxxata skond id-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu ma għandha titqies li hi parti minn xi taxxa li tista' tittieħed bi tpattija għall-fini ta' ġbir skond l-artikolu 60.

(6) It-taxxa għandha tiġi ntaxxata bir-rata ta' 35ċ fuq kull euro ta' l-*income* taxxabbli ta' kull -

(*a*) kumpannija;

(*b*) enti morali imwaqqaf b'liġi; u

(*ċ*) impriża li skond l-artikolu 30(7)(*d*) għandha tiġi meqjusa bħala korp ta' persuni separat.

(7) *Imħassar bl-Att II.2002.53.*

(8) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qed tirċievi dividend imqassam minn kumpannija b'kummerċ internazzjonali minn profitti miksubin mill-kumpannija filwaqt li din kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali, tiġi ntaxxata taxxa dwar dak id-dividend bir-rata ta' sebgħa u għoxrin u nofs fil-mija (27.5%) ta' dak l-ammont daqslikieku dak id-dividend jikkostitwixxi *income* taxxabbli separat, meta dik il-persuna jew:

(*a*) ma tkunx residenti f'Malta u li, fejn applikabbli, ma tkunx proprjetà ta', u kontrollata minn, direttament jew indirettament, lanqas ma taġixxi f'isem, individwu jew individwi li ordinarjament jirrisjedu u domiċiljati f'Malta; jew

(*b*) tkun kumpannija residenti f'Malta u tkun kollha kemm hi proprjetà ta' persuna jew persuni li ma jkunux residenti f'Malta, kemm-il darba dik il-persuna jew dawk il-persuni ma jkunux proprjetà ta' u kontrollati minn, direttament jew indirettament, lanqas ma taġixxi f'isem, individwu jew individwi li ordinarjament jirrisjedu u domiċiljati f'Malta:

Iżda b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 u sal-31 ta' Diċembru 2014, fir-rigward ta' dividendi mħallsa minn kumpannija li kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali fil-31 ta' Diċembru 2010, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom ikomplu japplikaw wara l-31 ta' Diċembru 2010 fir-rigward tat-tqassim ta' profitti maqlugħa minn dik il-kumpannija meta kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali.

L-ogħla rata ta' taxxa f'ċerti każijiet.

(9) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (12), it-taxxa li għandha tiġi ntaxxata skond id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu m'għandha f'ebda każ tkun iżjed mir-rata ta' -

(*a*) 10ċ fuq kull euro ta' l-*income* taxxabbli ta' kull *trade union*; u

(*b*) 30ċ fuq kull euro ta' l-*income* taxxabbli ta' kull każin jew istituzzjoni oħra simili li ma tkun proprjetà ta' ħadd jekk il-Kummissarju jkun sodisfatt li ebda parti mill-*income* ma jkun jista' jitqassam lil, jew xort'oħra jkun disponibbli għall-benefiċċju personali ta' xi sid jew membru bħala tali.

Rati ta' taxxa speċjali ta' l-inqas ammont ta' taxxa li jista' jitħallas.
Kap. 217.

(10) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) -

(*a*) fil-każ ta' individwu li jkun ingħata permess ta' residenza taħt l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni qabel l-ewwel jum ta' Mejju, 2004 jew li jissodisfa l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti mill-Ministru, it-taxxa fuq l-*income* li jsir ħlas fuqu, li ma jkunx *income* imsemmi fil-paragrafu (*b*), għandha titħallas -

(i) fil-każ ta' individwu li jkun ingħata dak il-permess ta' residenza fi jew wara l-erbatax-il jum ta' Novembru, 1972, imma qabel l-ewwel jum ta' Jannar, 1988, bir-rati stipulati fis-subparagrafu (i) jew (ii), skond il-każ, tas-subartikolu (2):

Iżda l-inqas taxxa li titħallas minn dak l-individwu dwar xi sena ta' stima tkun ta' elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (2,325);

(ii) fil-każ ta' individwu li jkun ingħata dak il-permess ta' residenza fi jew wara l-ewwel jum

ta’ Jannar, 1988 imma qabel l-ewwel jum ta’ Mejju, 2004 jew li jissodisfa l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti mill-Ministru, bi 15-il ċenteżmu għal kull euro:

Iżda l-inqas ammont ta’ *income* li fuqu għandha titħallas it-taxxa dwar xi sena ta’ stima għandu jitqies li jkun sebgħa u għoxrin elf, disa’ mija u ħamsin euro (27,950) u t-taxxa li tirriżulta fuq dak l-ammont, wara li jitqies kull ħelsien minn taxxa doppja li dak l-individwu jista’ jkollu jedd għalih, ma għandux ikun inqas mit-taxxa li kieku kienet tirriżulta billi tiġi applikata dik ir-rata fuq dak l-*income* li jitqies bħala l-inqas li għandha titħallas fuqu;

(*b*) *income* li jinkiseb minn Malta u li t-taxxa tkun titħallas fuqu taħt l-artikolu 4(1)(*a*) u (*b*), għandu jitqies li jkun jikkostitwixxi *income* li titħallas taxxa fuqu li għandu jiġi intaxxat separatament bir-rati stipulati fis-subartikolu (1)(*a*) jew (*b*) li jibdew bir-rata ta’ 15-il ċenteżmu fuq kull euro;

(*ċ*) meta *income* jitqies li jkun miksub direttament taħt id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 27D(3)(*b*) minn individwu li jkun ingħata permess ta’ residenza taħt l-artikolu 7 ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni, dak l-*income* għandu jitwaħħal taxxa bir-rata ta’ 15-il ċenteżmu fuq kull euro daqslikieku dak l-*income* jikkostitwixxi *income* taxabbli separat. Kap. 217.

(11) (*a*)(i)It-taxxa fuq l-*income* taxxabbli minbarra l-*income* imsemmi fis-sub-paragrafu (ii), ta’ kull individwu mwieled f’Malta li, wara li jkun emigra jkun irritorna bħala residenti f’Malta wara l-ewwel ta’ Jannar, 1988, għandha tiġi ntaxxata bir-rati mniżżlin fis-subartikolu (1), jew, jekk hekk jagħżel, u sakemm dik l-għażla ma tiġix rinunzjata minnu, bir-rati mniżżlin fis-subartikolu (2)(i) jew (ii). L-għażla msemmija ma tistax terġa’ tintuża ġaladarba tkun ġiet rinunzjata:

Iżda d-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu għandhom japplikaw biss meta individwu bħal dak jipprova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju illi jew:

(*a*) kien attwalment jirrisjedi barra minn Malta għal perijodu totali ta’ għoxrin sena li jaqgħu f’perijodu ta’ ħamsa u għoxrin sena li jiġu qabel l-ewwel jum tas-sena ta’ stima li fiha l-individwu jirritorna bħala residenti f’Malta wara l-ewwel jum ta’ Jannar, 1988, u li jkun irċieva f’Malta fi żmien wieħed jew iżjed matul is-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta’ stima ammont ta’ *income* ta’ mhux anqas minn erbatax-il elf euro (14,000) li jiġi minn barra mill-gżira u taxxabbli skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att b’dan illi fil-każ ta’ persuna miżżewġa l-ammont ta’ *income* imsemmi ta’ erbatax-il elf euro (14,000) għandu jiżdied b’elfejn u erba’ mitt euro (2,400) dwar kull qarib dipendenti

inkluż konjuġi; jew

(*b*) ma jkunx ta' nazzjonalità Maltija u ma jkunx jissodisfa l-perijodu ta' residenza barra minn Malta msemmi fil-paragrafu (*a*) ta' dan il-*proviso*, u illi jkun jissodisfa kondizzjonijiet simili għal dawk stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, għall-ħruġ ta' permess għal residenza kif eżistenti fiż-żmien tar-ritorn ta' dak l-individwu f'Malta:

Kap. 217.

Iżda wkoll l-inqas taxxa li għandha titħallas minn kull individwu bħal dak għal kull sena ta' stima li fiha l-individwu jagħżel li jħallas bir-rati mniżżlin fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew (ii) għandha, wara li jiġi kkunsidrat xi ħelsien minn taxxa doppja li dak l-individwu jista' jkun intitolat għalih, tkun ta' elfejn, tliet mija u ħams a u għoxrin euro (2,325).

(ii) Fil-każ ta' *income* derivat minn Malta u taxxabbli skond l-artikolu 4(1)(*a*) u (*b*), dak l-*income* jitqies li jikkostitwixxi *income* taxxabbli li għandu jiġi ntaxxat separatament bir-rati mniżżlin fis-subartikolu (1)(*a*) li jibdew bir-rata ta' 15ċ fuq kull euro.

(*b*) Fil-każ tal-mewt ta' xi individwu li għalih japplika l-paragrafu (*a*) u li jkun intaxxat bir-rati mniżżlin fis-subartikolu (2)(*a*)(i), l-konjuġi li jibqa' ħaj ikun intitolat li jagħżel li jiġi intaxxat bl-istess mod u taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-individwu li miet u intaxxat bir-rati mniżżlin fis-subartikolu (2)(*a*)(ii), u sakemm dik l-għażla ma tiġix rinunzjata, il-konjuġi li jibqa' ħaj jiġi ikkunsidrat li ssodisfa hu stess il-perijodu ta' assenza minn Malta li jikkwalifika hemm stipulat.

(12) Kull min -

(*a*) jagħmel xi nuqqas meta jippreżenta prospett dwar xi sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 1999 jiġi ntaxxat għal dik is-sena ta' stima b'taxxa ta' tliet darbiet l-ammont tat-taxxa li għaliha huwa suġġett għal dik is-sena skond is-subartikoli l-oħra ta' dan l-artikolu jew b'dak l-ammont iżgħar ta' taxxa li jista' jiġi stabbilit mill-Kummissarju iżda li f'ebda każ ma jkun inqas minn tlieta u għoxrin euro (23) jew nofs wieħed fil-mija ta' l-imsemmi ammont ta' taxxa li għaliha huwa suġġett, skond liema minnhom tkun l-akbar; jew

(*b*) jommetti mill-prospett tiegħu għal xi sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 1999 xi ammont li jkun imissu ġie inkluż fil-prospett, ikun suġġett għal ammont ta' taxxa li jkun daqs darbtejn id-differenza bejn it-taxxa kif ikkalkulata dwar l-*income* imniżżel minnu u t-taxxa li sewwa sew għandha tkun intaxxata kif iffissata wara li jidħlu l-ammonti ommessi;

u jkollu jħallas dak l-ammont ta' taxxa minbarra t-taxxa li sew sew għandha tkun intaxxata dwar l-*income* tiegħu veru; jew

(*ċ*) jagħmel xi nuqqas meta jippreżenta prospett għar-

rigward tas-sena ta' stima 1999 jew xi sena ta' stima sussegwenti jew jommetti mill-prospett tiegħu għas-sena ta' stima 1999 jew xi sena ta' stima sussegwenti xi ammont li jkun imissu ġie inkluż fil-prospett, ikun għal dik is-sena ta' stima suġġett għal taxxa addizzjonali b'ammont jew ammonti speċifikati fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, u jkollu jħallas dak l-ammont ta' taxxa minbarra t-taxxa li sew sew għandha tkun intaxxata fuq l-*income* totali għal dik is-sena.

(*d*) Meta persuna tkun ħadet azzjoni taħt Proċedura għall-Ftehim Reċiproku skont ftehim imsemmi fl-artikolu 76 inkluża l-Konvenzjoni 90/436/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 fuq l-eliminazzjoni tal-ħlas għal taxxa doppja f'konnessjoni mat-tiswija ta' profitti ta' intrapriżi assoċjati, kull taxxa addizzjonali li għandha tiġi ntaxxata skont il-paragrafu (*ċ*) m'għandhiex tapplika għall-perjodu bejn id-data meta l-imsemmija azzjoni taħt il-Proċedura għall-Ftehim Reċiproku jibda u d-data meta l-kwistjoni tiġi konkluża taħt l-imsemmija proċedura:

Iżda jekk il-Kummissarju jkun sodisfatt illi n-nuqqas tal-konsenja tal-prospett jew xi ommissjoni bħal din kif hemm imsemmi fil-paragrafi (*a*) u (*b*) ma kienux dovuti għal xi frodi, qerq, tidwir jew negliġenza kbira jew bir-rieda, huwa jaħfer kollha kemm hi t-taxxa tripla jew addizzjonali speċifikata fil-paragrafi msemmija u, f'kull każ ieħor, jista' jaħfer xi sehem minn jew kollha hemm hi t-taxxa tripla jew addizzjonali kif huwa jidhirlu xieraq:

Iżda wkoll fil-każ ta' korp ta' persuni il-Kummissarju ma għandhux inaqqas xi taxxa li għandha tiġi ntaxxata skond il-paragrafu (*a*) għal inqas minn żewġ euro (2) jew għal inqas minn għaxra fil-mija tat-taxxa totali li għandha tiġi ntaxxata skond is-subartikoli l-oħra ta' dan l-artikolu għas-sena ta' stima relattiva, skond liema jkun l-ikbar:

Il-Kummissarju jkun bagħat lil xi persuna avviż imsemmi fl-artikolu 12(3) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, dik il-persuna jkollha tħallas, għal kull avviż bħal dak, taxxa addizzjonali skond kif ikun speċifikat f'dak l-avviż għas-sena ta' stima li dwarha jkun sar in-nuqqas iżda li f'ebda każ ma għandha tkun iżjed minn tlieta u għoxrin euro (23). Il-Kummissarju jista' biss jaħfer din it-taxxa addizzjonali meta huwa jkun sodisfatt li minħabba assenza minn Malta, mard jew raġuni xierqa oħra dik il-persuna ma setgħetx tagħti prospett skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 10 jew 11 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa: Kap. 372.

Iżda wkoll:

(i) is-setgħat mogħtija lill-Kummissarju b'dan is-subartikolu jkunu minbarra kull jedd mogħti lilu sabiex jibda provvedimenti dwar reat skond it-Taqsima IX ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; Kap. 372.

(ii) persuna li meta tkun qed tistabbilixxi l-*income*

totali tiegħu u kemm għandu jħallas taxxa fuqu, skond ma juri fil-prospett tiegħu, tnaqqas jew tpaċi xi ammont, liema tnaqqis jew tpaċija ma jkunx permess taħt id-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi, jew juri bħala nefqa jew telf xi ammont li huwa ma jkunx fil-fatt nefaq jew tilef, jew jipprovdi jew iżomm informazzjoni li r-riżultat tagħha ikun tnaqqis ta’ l-ammont ta’ taxxa li titħallas minnu jew żieda fl-ammont ta’ taxxa li titħallas lura lilu, titqies għall-finijiet ta’ dan is-subartikolu bħala li tkun għamlet ommissjoni mill-prospett tagħha;

(iii) kull taxxa ntaxxata skond id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu m’għandhiex titqies li hi parti minn xi taxxa mħallsa jew li għandha titħallas għall-finijiet tas-subartikoli ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, jew ta’ l-artikoli 59, 76 u 89, jew ta’ l-artikoli 51 u 52 ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

Kap. 372.

(iv) meta n-nuqqas jew ommissjoni jkunu saru dwar prospett meħtieġ bid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxa li għandu jingħata minn persuna oħra f’isem kumpannija, dik il-kumpannija tkun suġġetta għat-taxxa addizzjonali li għandha tiġi ntaxxata skond id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu.

(13) It-taxxa fuq l-*income* taxxabbli ta’ xi persuna li tkun imqabbda fil-produzzjoni tal-pitrolju prodott f’Malta għandha tkun -

(*a*) meta l-qligħ jew il-profitti jiġu aċċertati kif provdut fil-paragrafu (i) tal-*proviso* għall-artikolu 14(1), bir-rata ta’ ħamsin ċenteżmu (0.50) fuq kull euro fuq dik il-parti ta’ l-*income* taxxabbli tagħha li hekk jinkiseb, u bir-rati xierqa murija fis-subartikoli l-oħra ta’ dan l-artikolu fuq dik il-parti li mhux hekk tinkiseb; jew

(*b*) meta l-qligħ jew il-profitti jiġu aċċertati kif provdut fil-paragrafu (ii) tal-*proviso* għall-artikolu 14(1), bir-rata ta’ ħamsin ċenteżmu (0.50) fuq kull euro fuq dik il-parti ta’ l-*income* taxxabbli tagħha li hekk jinkiseb, u bir-rati xierqa murija fis-subartikoli l-oħra ta’ dan l-artikolu fuq dik il-parti li mhux hekk tinkiseb:

Iżda f’każ ta’ kuntratt ta’ *production sharing* iffirmat wara l-1 ta’ Jannar, 1996, it-taxxa titħallas bir-rata stipulata fis-subartikolu (6).

(14) Kull persuna msemmija fis-subartikolu (11) għandha -

(*a*) fil-każ ta' persuna msemmija fil-paragrafu (*a*) tiegħu, ikollha u għandha żżomm uffiċċju permanenti f'Malta fejn għandhom isiru l-kuntratti kollha għall-bejgħ jew tneħħija ta' pitrolju prodott f'Malta jew ta' drittijiet u interessi li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-pitrolju, u l-prezzijiet tal-bejgħ jew tat-tneħħija ta' dak il-pitrolju jew tad-drittijiet u l-interessi li għandhom jintużaw fid-dokumenti tal-kontijiet kollha u fil-prospetti kollha li jingħataw għall-finijiet ta' dan l-Att ma għandhomx ikunu inqas mill-valuri mogħtija lilhom għall-finijiet tar-*royalties* skond il-pattijiet tal-liċenza mogħtija lil dik il-persuna skond l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Pitrolju jew skond dak l-Att u skond l-Att dwar il-Blata Kontinentali; Kap. 156. Kap. 194.

(*b*) fil-każ ta' persuna msemmija fil-paragrafu (*b*) tiegħu, ikollha u għandha żżomm uffiċċju permanenti f'Malta għat-tmexxija ta' xogħol skond il-liċenza, il-kuntratt jew arranġament ieħor, skond il-każ, u l-valuri li għandhom jintużaw minn dik il-persuna fid-dokumenti tal-kontijiet kollha għandhom, għall-finijiet ta' dan l-Att, jiġu aċċertati bil-mod provdut skond il-paragrafu (ii) tal-*proviso* ta' l-artikolu 14(1).

(15) Kull persuna mqabbda f'sengħa jew negozju li jkollha qligħ jew profitti f'parti mill-bejgħ jew tneħħija tal-pitrolju prodott f'Malta jew ta' jeddijiet jew interessi li għandhom x'jaqsmu ma' dak il-pitrolju u f'parti minn xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni oħra, għandha, dwar l-ewwel parti msemmija tas-sengħa jew negozju tagħha, tqiegħed kapital separat u żżomm kotba u *records* u kontijiet oħra separati u ma għandhiex iżżomm il-kontijiet ta' dik il-parti tas-sengħa jew negozju tagħha flimkien ma' dawk tas-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni oħra tagħha. Il-kontijiet tas-sengħa jew negozju ta' persuna li l-qligħ jew profitti tagħhom jiġu miksuba mill-bejgħ jew tneħħija ta' pitrolju prodott f'Malta jew ta' jeddijiet u nteressi li għandhom x'jaqsmu ma' dak il-pitrolju għandhom isiru skond il-prattika konsistenti u aċċettata b'mod ġenerali dwar kif jinżammu l-kontijiet.

(16) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (15) japplikaw *mutatis mutandis* għal kull persuna li tkun qed taħdem f'Malta taħt liċenza, kuntratt jew arranġament ieħor kif imsemmi fil-paragrafu (ii) tal-*proviso* għall-artikolu 14(1).

(17) Meta, matul is-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, xi individwu jikseb *income* suġġett għat-taxxa skond l-artikolu 4(1)(*b*), li jkunu emolumenti li jitħallsu taħt kuntratt ta' impieg li jkun jeħtieġ li jsir xogħol jew dmirijiet prinċipalment barra minn Malta, iżda minbarra kull servizz abbord bastiment, inġenju ta' l-ajru jew vettura tat-triq li jkunu proprjetà ta', noleġġati jew mikrija minn kumpannija Maltija u kull servizz għall-Gvern ta' Malta, u li jiġu riċevuti dwar xogħol jew dmirijiet li jsiru barra minn Malta, jew dwar xi perijodu f'Malta in konnessjoni ma' dak ix-xogħol jew ma dawk id-dmirijiet, jew waqt *leave* matul il-qadi ta' dak ix-xogħol jew dmirijiet, minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att, u sakemm dak l-individwu ma jagħżilx li dak l-*income* jiġi

intaxxat skond ir-rati stabbiliti fis-subartikolu (1)(*a*) jew (1)(*b*), dak l-*income* għandu jitqies li jikkostitwixxi l-ewwel parti ta' l-*income* totali ta' dak l-individwu għal dik is-sena u għandu jiġi intaxxat 15-il ċenteżmu (0.15) għal kull euro.

(18) It-taxxa fuq l-*income* imsemmi fl-artikolu 4(6) għandha tkun bir-rata ta' għaxar ċenteżmi (0.10) fuq kull euro ta' dak l-*income*, u minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att, ma jingħata ebda tnaqqis jew rifużjoni lil xi persuna dwar it-taxxa hekk intaxxata.

(18A)Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-artikolu, meta persuna mhux residenti tikseb xi *income* minn attivitajiet ta' spettaklu li jsiru f'Malta għal żmien mhux iktar minn ħmistax-il ġurnata fis-sena li tiġi qabel xi sena ta' stima, it-taxxa għandha titħallas bir-rata ta' għaxar ċenteżmi (0.10) fuq kull euro mill-ħlas gross li jiġi riċevut għar-rigward ta' dawk l-attivitajiet, u ma jingħata ebda tnaqqis jew rifużjoni lil xi persuna dwar it-taxxa hekk intaxxata:

Iżda meta dawk l-attivitajiet isiru f'Malta għal żmien li jeċċedi l-ħmistax-il ġurnata, il-persuna mhux residenti għandha tiddikjara l-*income* tagħha minn attivitajiet ta' spettaklu fi prospett li jsir skond l-Atti dwar it-Taxxi u jkollha tħallas fuq dak l-*income* bir-rati stabbiliti fis-subartikolu (1)(*ċ*), u f'każ bħal dak kull taxxa mħallsa fuq dak l-*income* skond dan l-artikolu għandu jkun disponibbli bħala kreditu għal xi passiv fit-taxxa li dik il-persuna jista' jkollha u meta xi taxxa hekk imħallsa tkun iktar minn dak il-passiv din għandu jsir rifużjoni tagħha.

(19) Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, iżda bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (12), il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jordna b'avviż ippubblikat fil-Gazzetta, li għal prattiċità u ekonomija:

(*a*) fil-każ ta' likwidazzjonijiet żgħar għal taxxa li ma tkunx iżjed mill-ammont speċifikat fl-imsemmi avviż, ma ssirx il-likwidazzjoni; u

(*b*) biex jiffissa l-*income* taxxabbli ta' kull persuna u l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas u anke biex ipaċi xi ammonti ta' taxxa diġà imħallsa, il-Kummissarju jista' jżid jew inaqqas kull ammont għad-dritt lejn l-eqreb euro.

(20) (*a*) Meta xi membru ta' kumpannija residenti f'Malta jkun residenti ta' xi Stat jew territorju li miegħu Malta tkun għamlet arranġament taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għall-għoti ta' ħelsien minn tassazzjoni doppja, u taħt dak l-arranġament xi dividend, jew parti minnu, distribwit minn dik il-kumpannija jkun suġġett għat-taxxa fuq l-*income* f'Malta b'rata inqas minn dik li għandha titħallas fuq l-*income* li minnu jitqassam id-dividend, dik il-kumpannija jkollha jedd li teħtieġ li l-qligħ jew il-profitti, jew parti minnhom, miksuba minnha għas-sena ta' stima 2001 u għal snin ta' stima sussegwenti u li jitqassmu bħala dividend suġġetti għal taxxa b'rata inqas kif hawn aktar qabel imsemmi għandhom, minkejja li d-dividend jew parti minnu ma jkunx ġie mqassam, jiġu intaxxati bir-rata mnaqqsa msemmija u mhux bir-rata li għandha sewsew titħallas taħt dan l-Att

fuq il-qligħ jew profitti tal-kumpannija:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu biss japplikaw għar-rigward ta' kumpanniji li ma jbiegħux bl-imnut u persuna għandha titqies li ma tkunx tbiegħ bl-imnut jekk il-bejgħ tagħha ta' oġġetti w servizzi jsir lil:

(i) persuna li tmexxi kummerċ, negozju, professjoni jew vokazzjoni u li l-oġġetti jew servizzi hekk mibjugħin lil dik il-persuna jew jerġgħu jinbiegħu minn dik il-persuna jew inkella jintużaw minn dik il-persuna għall-fini tal-kummerċ, negozju, professjoni jew vokazzjoni tagħha; jew

(ii) persuna, li ma tkunx individwu, li tuża dawk l-oġġetti għall-fini ta' xi intrapriża li titmexxa minn dik il-persuna:

Iżda wkoll meta kumpannija tkun għażlet li tiġi intaxxata b'rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-*income* kif provdut b'dan il-paragrafu, ebda persuna li tkun qegħda tirċievi xi dividend imħallas minn dik il-kumpannija minn profitti li jkunu suġġetti għat-taxxa b'dik ir-rata mnaqqsa ta' taxxa, ma għandu jkollha jedd titlob ħlas lura taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi għar-rigward ta' dak id-dividend.

(*b*) Meta d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*) jkunu ġew applikati u sussegwentement ikun hemm bidla fil-parteċipazzjoni azzjonarja tal-kumpannija hekk li l-azzjonarji l-ġodda ma ikollhomx jedd għal rata mnaqqsa ta' taxxa taħt xi arranġament bħal dak imsemmi qabel jew jekk ikollhom dak il-jedd, ir-rata applikabbli f'dak l-arranġament tkun iktar mir-rata applikabbli għall-azzjonarju li qed jispiċċa, għaldaqstant il-profitti kollha li ma jkunux ġew imqassmin fi tmiem l-aħħar sena finanzjarja tal-kumpannija li tiġi qabel id-data tal-bidla fil-parteċipazzjoni azzjonarja nieqes kull distribuzzjoni ta' profitti li jsiru lill-azzjonarju li qed jispiċċa fis-sena finanzjarja kurrenti għandhom jiġu intaxxatib'rata li tkun id-differenza bejn ir-rata ta' taxxa li tkun tapplika kieku l-azzjonarju l-ġdid jkun żamm l-ishma meta kienu inqalgħu dawk il-profitti, u r-rata attwalment applikata, u dik it-taxxa għandha tkun taxxa li titħallas mill-kumpannija fis-sena ta' stima li fiha jitqassmu dawk il-profitti:

Iżda meta membru ta' xi kumpannija jkun ukoll kumpannija inkorporata taħt il-liġi ta' Malta, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw sa l-istess limitu bħallikieku l-membri ta' dik l-aħħar kumpannija kellhom l-ishma direttament fil-kumpannija.

(21) Meta, matul is-sena minnufih qabel is-sena ta' stima 2011, jew kull sena ta' stima sussegwenti, individwu li, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, ma jitqiesx li huwa resident ordinarju f'Malta jikseb *income* suġġett għat-taxxa taħt l-artikolu 4(1)(*b*), li jkunu emolumenti li jitħallsu taħt kuntratt kwalifikat ta' impjieg, u li jiġu riċevuti dwar xogħol jew dmirijiet li jsiru f'Malta, jew dwar xi perjodu barra minn Malta f'konnessjoni ma' dak ix-xogħol jew ma' dawk id-dmirijiet, jew waqt *leave* matul il-qadi ta' dak ix-xogħol jew dmirijiet, minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att, dak l-individwu jista' jagħżel li dak l-*income* jiġi intaxxat bir-rata ta'

15-il ċenteżmu (€0.15) għal kull euro:

Iżda:

(*a*) meta l-imsemmija għażla tkun saret, l-*income* li huwa intaxxat bl-imsemmija rata għandu jitqies li jikkostitwixxi l-ewwel parti tal-*income* totali ta' dak l-individwu għas-sena ta' stima inkwistjoni u t-taxxa fuq il-bqija tal-*income* għandha tiġi kkalkulata bir-rata jew rati li jkunu applikabbli għal dak il-bqija tal-*income* li kieku l-għażla ma saritx;

(*b*) meta l-imsemmija għażla ssir, l-ammont minimu ta' *income* li għandu jkun intaxxat bl-imsemmija rata rigward is-sena ta' stima inkwistjoni għandu jitqies li jkun dak l-ammont kif jista' jkun preskritt u t-taxxa fuqu m'għandhiex tkun inqas mit-taxxa li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-imsemmija rata fuq l-ammont minimu meqjus;

(*ċ*) l-applikabbiltà ta' dan is-subartikolu għandha tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet u restrizzjonijiet kif jista' jiġi preskritt, inklużi:

(i) il-kondizzjonijiet li taħthom individwu għandu jitqies li mhuwiex resident ordinarju f'Malta u li taħthom l-kuntratt ta' impjieg għandu jitqies bħala kuntratt kwalifikat ta' impjieg għall-finijiet ta' dan is-subartikolu;

(ii) il-perjodu massimu jew in-numru ta' snin li dwarhom l-imsemmija għażla tista' ssir;

(iii) il-proċedura li għandha tintuża biex issir l-imsemmija għażla;

(iv) dawk il-kondizzjonijiet u restrizzjonijiet oħra li l-Ministru jista' jqis xierqa.

Kap. 345.

(22) F'każ ta' qligħ kapitali miksub minn persuna mit-trasferiment ta' ishma elenkati f'borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji li mhumiex titoli fi skema ta' investiment kollettiv, u mhumiex eżenti minn taxxa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(6)(*b*), dak l-*income* għandu jitqies li jikkostitwixxi *income* li għandu jiġi intaxxat separatament bir-rata ta' 15-il ċenteżmu (€0.15) għal kull euro.

---

*Miżjuda: XXXVI. 1990.14.*

## TAQSIMA VIII

### *REBATE* TA' TAXXA

*Rebate* ta' taxxa. *Miżjud: XXXVI. 1990.14. Emendat: XVIII. 1993.7. .inumerat: XVII. 1994.2.*

**57.** *Imħassar bl-Att XX.1996.17.*

**58.** *Imħassar bl-Att XX.1996.17.*

Iktar *rebate.*
*Miżjud: VIII. 1991.3. Emendat: XVIII. 1993.8. Sostitwit: I. 1994.2. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XXII.1995.6.*

---

TAQSIMA IX

PERSUNI TAXXABBLI

Tnaqqis ta' taxxa.
*Emendat: XLI. 1961.2; VIII. 1969.9; XXVIII. 1972.3; XXIV. 1976.6; XXVI. 1977.14; XXXVI. 1990.15. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XVII. 1994.24; V. 1998.8; IX. 1999.14; II. 2007.16; A.L. 409 tal-2007; I. 2010.28.*

**59.**(1)(*a*) Kull kumpannija reġistrata f'Malta, li ma tkunx kumpannija msemmija fil-paragrafu (*b*), tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont ta' kull dividend minbarra dividend imħallas minn profitti li jistgħu jitqassmu allokati lill-kont mhux intaxxat u minbarra dividend imsemmi fl-artikolu 12(1)(*p*), imħallas lil xi azzjonista, taxxa bir-rata mħallsa jew li għandha titħallas mill-kumpannija, bla ma jittieħed kont tal-ħelsien tat-taxxa doppja, fuq l-*income* li minnu dak id-dividend jitħallas:

Iżda meta t-taxxa ma titħallasx jew ma għandhiex titħallas mill-kumpannija fuq l-*income* kollu li minnu d-dividend jitħallas, it-tnaqqis ikun ristrett għal dik il-porzjon mid-dividend li jitħallas mill-*income* li fuqu t-taxxa titħallas jew għandha titħallas mill-kumpannija.

(*b*) (i) Kull skema ta' investiment kollettiv tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont ta' kull dividend, minbarra dividend imħallas minn profitti li jistgħu jitqassmu allokati lill-kont mhux intaxxat, imħallas lil xi azzjonista, taxxa bir-rata mħallsa, b'dik li għandha titħallas jew b'dik imġarrba mill-iskema ta' investiment kollettiv, skond liema rata tkun l-ogħla, bla ma jittieħed kont tal-ħelsien tat-taxxa doppja, fuq l-*income* li minnu dak id-dividend jitħallas:

Iżda meta t-taxxa ma titħallasx, ma għandhiex titħallas jew ma tkunx imġarrba mill-iskema ta' investiment kollettiv fuq l-*income* kollu li minnu d-dividend jitħallas, it-tnaqqis ikun ristrett għal dik il-porzjon mid-dividend li jitħallas mill-*income* li fuqu t-taxxa titħallas, għandha titħallas jew tkun imġarrba mill-iskema ta' investiment kollettiv.

(ii) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31 għandhom ikunu japplikaw għall-*income* ta' persuna li jitnissel minn dividend imsemmi fis-sub-paragrafu (i).

(2) Meta dwar xi sena ta' stima r-rata ta' taxxa li għandha titħallas skond l-artikolu 56 fuq l-*income* taxxabbli ta' kumpannija

tiżdied u xi kumpannija kostitwita skond il-liġi fis-seħħ f'Malta jew residenti f'Malta tkun, qabel id-data tal-bidu tal-liġi li timponi r-rata miżjuda ta' taxxa, naqqset minn dividend imħallas lill-azzjonista (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan is-subartikolu msemmi bħala "id-dividend oriġinali") taxxa b'rata iżgħar minn dik imħallsa jew li għandha titħallas mill-kumpannija għal dik is-sena dwar l-*income* li minnu dak id-dividend jitħallas, il-kumpannija jkollha l-jedd -

(*a*) fl-okkażjoni tal-ħlas ta' wara ta' dividend mill-kumpannija (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan is-subartikolu msejjaħ bħala "id-dividend ta' wara"), sabiex ikun sodisfatt minn dak id-dividend l-ammont ta' dak it-tnaqqis nieqes minbarra li jkun sodisfatt kull tnaqqis ieħor illi l-kumpanija hija ntitolata li tagħmel minn dak id-dividend, irrispettivament jekk il-persuna li tkun intitolata għad-dividend ta' wara hix jew mhix il-persuna li kienet intitolata għad-dividend oriġinali; jew

(*b*) bil-permess miktub tal-Kummissarju, li tiġbor mingħand il-persuna, li lilha d-dividend oriġinali kien tħallas, l-ammont ta' dak it-tnaqqis nieqes (li jkun speċifikat f'dak il-permess miktub) daqslikieku dak l-ammont kien dejn dovut lill-kumpannija; u fil-proċedimenti għall-ġbir ta' dak l-ammont, dak il-permess miktub ikun xiehda ta' dak id-dejn, u prova tal-firma tal-Kummissarju fuq dak il-permess miktub ma tkunx meħtieġa kemm-il darba l-qorti għal xi raġuni speċjali ma tordnax xort'oħra.

(3) Meta dwar xi sena ta' stima xi kumpannija kostitiwita skond il-liġi fis-seħħ f'Malta jew residenti f'Malta, li ma tkunx kumpannija minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1)(*b*), tkun naqqset minn dividend imħallas lil azzjonista (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan is-subartikolu imsejjaħ bħala "id-dividend oriġinali") taxxa b'rata ogħla minn dik imħallsa jew li għandha titħallas mill-kumpannija għal dik is-sena dwar l-*income* li minnu dak id-dividend jitħallas, f'dak il-każ, kemm-il darba l-kumpannija ma tkunx ħallset l-ammont ta' dak it-tnaqqis żejjed skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-kumpannija għandha, fl-okkażjoni tal-ħlas ta' wara ta' dividend mill-kumpannija (hawn iżjed 'il quddiem f'dan is-subartikolu msejjaħ bħala "id-dividend ta' wara") tħallas dak l-ammont billi tnaqqas mill-ammont tat-taxxa mnaqqsa mill-kumpannija minn dak id-dividend irrespettivament jekk il-persuna li tkun intitolata għad-dividend ta' wara tkunx jew ma tkunx il-persuna li kienet intitolata għad-dividend oriġinali.

(4) Meta xi kumpannija bħal dik tkun, meta ħallset dividend lil azzjonista, għamlet tnaqqis żejjed bħal dak imsemmi fis-subartikolu (3), il-kumpannija għandha, fi żmien erbatax-il jum mid-data tal-prospett ta' taxxa rilevanti għall-*income* li minnu dak id-dividend kien tħallas, tagħti rendikont lill-Kummissarju ta' l-ammont ta' dak it-tnaqqis żejjed u l-Kummissarju jkun jista' f'kull żmien wara li jkun wasallu dak il-kont, kif intqal hawn qabel imma qabel ma' dak it-tnaqqis żejjed ikun tħallas skond id-

disposizjonijiet tas-subartikolu (3), b'avviż bil-miktub notifikat lill-kumpannija jordna lill-kumpannija sabiex tħallas dak l-ammont lilu u dak l-ammont għandu minnufih isir dejn dovut lill-Gvern, li għandu jitħallas fi żmien xahar mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, u għandu jinġabar bħala hekk.

(5) (*a*) Kull kumpannija għandha mal-ħlas ta' dividend, sew jekk taxxa titnaqqas minnu jew le, tagħti lil kull azzjonista ċertifikat tad-dividend:

Iżda ċ-ċertifikat tad-dividend għar-rigward ta' dividend li jitħallas minn profitti maqlugħin fil-perjodu ta' kontjar li fih id-dividend ikun tħallas ma għandux jiġi ppreżentat fiż-żmien tal-ħlas ta' dividend iżda għandu jiġi hekk ippreżentat mill-aktar fis wara t-tmiem tal-perjodu ta' kontjar li fih id-dividend ikun tħallas u f'kull każ bħal dan għandu jiġi ppreżentat mhux iktar tard mid-data tal-prospett ta' taxxa tas-sena ta' stima relattiva għal dak il-perjodu ta' kontjar.

(*b*) Iċ-ċertifikat tad-dividend ikun f'dik il-forma li l-Kummissarju jeħtieġ u għandu jkun fih, għar-rigward tad-dividend imqassam lil dak l-azzjonista partikolari, it-tagħrif li ġej:

(i) l-ammont gross tal-profitti mqassma, dwar kull kont intaxxat, qabel ma titnaqqas xi taxxa li għandha tkun intaxxata lill-kumpannija dwar dawk il-profitti mqassma;

(ii) it-taxxa totali li għandha tiġi ntaxxata lill-kumpannija dwar il-profitti mqassma fejn jintwerew separatament:

(1) it-taxxa ta' Malta li għandha titħallas wara li jingħata l-ħelsien kollu minn taxxa doppja; u

(2) it-taxxa barranija li dwarha jkun ingħata ħelsien minn taxxa doppja skond id-disposizzjonijiet tal-ħelsien ta' taxxa doppja, tal-ħelsien dwar it-taxxa tal-*Commonwealth* u tal-ħelsien unilaterali; u

(3) l-ammont li jkun ikkumpensat mit-taxxa ta' Malta wara talba għal ħelsien minn taxxa doppja skond id-disposizzjonijiet ta' kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda;

(iii) l-ammont tal-profitti mqassma minn kull kont intaxxat, wara li titnaqqas it-taxxa msemmija skond is-sub-paragrafu (ii) ta' dan il-paragrafu;

(iv) it-taxxa li għandha titħallas mat-tqassim skond l-artikoli 62, 67 u 67A li għandha tintwera separatament mit-taxxa msemmija fis-sub-paragrafu (ii);

(v) l-ammont nett ta' dividend imħallas lill-

azzjonista;

(vi) meta t-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas mill-kumpannija fuq il-profitti jkunu hekk qed jitqassmu tkun effettwata mill-ħelsien ta' taxxa doppja, ir-rata, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejħa "ir-rata nett ta' Malta", tat-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas mill-kumpannija wara li jittieħed kont tal-ħelsien mit-taxxa doppja;

(vii) meta l-profitti li jkunu qed jitqassmu ikunu ġew eżentati mit-taxxa u t-tqassim ta' dawk il-profitti mill-kumpannija jkunu eżentati mit-taxxa f'idejn l-azzjonista, nota li tikkwota l-liġi rilevanti li tagħti dak il-ħelsien;

(viii) meta l-profitti li jkunu qed jitqassmu minn kumpannija (l-ewwel kumpannija) jinkludu dividend riċevut minn kumpannija oħra (it-tieni kumpannija), li dwarhom l-ewwel kumpannija jkollha jedd tagħmel talba għal ħlas lura skond l-artikolu 48(4) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, dwar it-taxxa mħallsa fuqhom mit-tieni kumpannija, dikjarazzjoni li tgħid li l-ewwel kumpannija jkollha jedd tagħmel talba dwar dawk il-profitti mqassma;

Kap. 372.

(ix) analiżi tal-profitti li minnhom id-dividend ikun tħallas li tiddistingwi bejn:

(1) profitti taxxabbli fis-sena ta' stima 2007 u s-snin ta' stima ta' qabel; u

(2) profitti taxxabbli fis-sena ta' stima 2008 u fis-snin ta' stima sussegwenti li juru b'mod separat l-ammonti ta' profitt attribwibbli għal kull waħda minn dawk is-snin ta' stima.

(x) kull tagħrif ieħor li jkun meħtieġ mill-Kummissarju.

(6) Kull kumpannija kostitwita skond il-liġi fis-seħħ f'Malta jew residenti f'Malta għandha, mal-ħlas ta' l-imgħax fuq l-obligazzjonijiet jew ta' l-imgħax fuq xi self ieħor magħmul lil kumpannija għal skop ta' kapital (minbarra imgħax fuq depożiti u kontijiet kurrenti tal-klienti) tnaqqas minn dak l-imgħax taxxa bir-rata ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu (0.25) fuq kull euro minn dak l-imgħax meta dak il-ħlas isir lil persuna li ma tkunx kumpannija, u bir-rata taxxabbli skond l-artikolu 56(6), minn dak l-imgħax meta l-ħlas isir lil kumpannija u għandha minnufih tagħti rendikont lill-Kummissarju ta' l-ammont hekk imnaqqas u kull ammont bħal dak ikun dejn dovut minn dik il-kumpannija lill-Gvern li jkollu jitħallas fi żmien xahar mid-data tal-ħlas ta' dak l-imgħax u għandu jinġabar bħala hekk:

Iżda meta l-Kummissarju jagħti ċertifikat bil-miktub illi mill-aħjar li jaf l-*income* kollu ta' riċevent ikun inqas mill-*minimum* suġġett għat taxxa ta' l-*income* jew fil-każ ta' persuna li

ma tkunx kumpannija, dak l-*income* ikun suġġett għal rata tat-taxxa fuq l-*income* inqas minn ħamsa u għoxrin fil-mija, il-kumpannija għandha, sakemm dak iċ-ċertifikat ma jitħassarx mill-Kummissarju, tħallas l-imgħax fuq l-obbligazzjonijiet jew imgħax fuq xi self ieħor mingħajr tnaqqis jew tnaqqas taxxa b'dik ir-rata inqas skond il-każ.

(7) Kull kumpannija bħal din għandha mal-ħlas ta' dak l-imgħax tagħti lil kull persuna, li lilha jsir dak il-ħlas, ċertifikat fejn ikun hemm imsemmi l-ammont ta' l-imgħax imħallas lilha u l-ammont tat-taxxa illi l-kumpannija tkun naqqset minn dak l-imgħax.

(8) Kull rendikont meħtieġ li jsir jew kull ċertifikat meħtieġ li jingħata skond dan l-artikolu għandu jsir jew jingħata, skond il-każ, mill-*manager* jew funzjonarju prinċipali ieħor tal-kumpannija.

(9) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 60 -

"azzjonista" tinkludi kull persuna li jkollha pussess ta' *units* fi skema ta' investiment kollettiv;

"dividend" tinkludi kull tqassim li jsir minn skema ta' investiment kollettiv;

"ħelsien tat-taxxa doppja" tfisser kull kreditu jew ħelsien ieħor għal taxxa barranija li jingħataw bis-saħħa ta' kull ħelsien stipulat fl-artikolu 74;

"kumpannija" tinkludi skema ta' investiment kollettiv; u

"taxxa li għandha tkun intaxxata lill-kumpannija" tinkludi taxxa mġarrba minn skema ta' investiment kollettiv, sew bi tnaqqis sew xort'oħra.

Tpattija tat-taxxa f'xi każijiet.
*Emendat:*
*XLII. 1975.9;*
*XXIV. 1976.7;*
*XXVIII. 1978.15;*
*XIV. 1984.7.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Emendat:*
*XVII. 1994.25;*
*II. 2003.23.*

**60.** Kull taxxa illi l-kumpannija tkun naqqset jew li jkollha l-jedd tnaqqas skond l-artikolu 59 minn dividend imħallas lil azzjonista, minn imgħax fuq obbligazzjonijiet li għandu jitħallas lil detentur ta' obbligazzjoni jew minn imgħax fuq xi self ieħor li għandu jitħallas lil kreditur, u kull taxxa applikabbli għas-sehem li għalih xi persuna tkun intitulata mill-*income* ta' korp ta' persuni intaxxat skond dan l-Att, għandha, meta dak id-dividend jew imgħax jew sehem ikun imdaħħal fl-*income* taxxabbli ta' dak l-azzjonista jew persuna, tiġi mpattija sabiex tinġabar għat-taxxa li għandha titħallas fuq dak l-*income* taxxabbli:

Iżda, b'dak kollu li jinsab f'dan l-artikolu, jew fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda suġġett għall-*proviso* li ġej, meta kumpannija tkun naqqset taxxa, l-ammont tat-taxxa mnaqqsa minn kumpannija minn xi dividend imħallas mill-kumpannija lil xi azzjonista għandu jitpatta mat-taxxa dovuta mir-riċevent ta' dak id-dividend, irrispettivament jekk fil-ħlas tad-dividend il-kumpannija għamletx tnaqqis nieqes jew tnaqqis żejjed jew xi tiswija ta' tnaqqis nieqes jew tnaqqis żejjed ta' taxxa li jkun sar qabel, ħlief meta kumpannija tkun ġabret l-ammont ta' xi tnaqqis nieqes skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 59(2)(*b*) li f'dak il-każ tpattija għandha tkun permessa ta' l-ammont tat-taxxa effettivament imnaqqas mill-kumpannija u ta' l-ammont tat-taxxa miġbur mill-kumpannija skond dawk id-disposizzjonijiet:

Iżda wkoll ma għandha ssir ebda tpattija kif intqal qabel kemm-il darba ċ-ċertifikat imsemmi fl-artikolu 59(5) jew (7) ma jiġix prodott lill-Kummissarju u kemm-il darba t-taxxa ma tkunx fil-fatt tħallset:

Iżda wkoll f'ebda każ ma għandha ssir xi tpattija dwar:

(*a*) xi taxxa li kumpannija tkun naqqset, jew li għandha jedd li tnaqqas minn xi dividend imħallas lil xi persuna li, bis-saħħa ta' xi eżenzjoni mogħtija b'xi liġi jew taħtha, ma għandhiex tiġi ntaxxata fuqu; u

(*b*) xi taxxa li tiġi ntaxxata lil xi korp ta' persuni skond l-artikolu 56(4), jew skond l-artikolu 27(3) u (4) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

Tifsir.
*Miżjud: XVII. 1994.26. Emendat: XIII. 2004.55; II. 2007.27.*

**61.** Għall-finijiet ta' l-artikoli minn 62 sa 69:

(*a*) "riċevitur" tfisser:

(i) persuna, minbarra kumpannija, residenti f'Malta fis-sena li fiha hi jew persuna oħra f'isimha tkun irċeviet dividend; jew

(ii) persuna mhux residenti (magħduda kumpannija mhux residenti) li tkun proprjetà ta', u kontrollata minn, direttament jew indirettament, jew li taġixxi f'isem, individwu li ordinarjament jirresjedi u domiċiljat f'Malta; jew

(iii) *trustee* ta' *trust* meta l-benefiċjarji ta' dak it-*trust* ikunu persuni msemmija fis-subparagrafi (i) u (ii);

(*b*) "dividend mhux intaxxat" tfisser dividend imħallas minn kumpannija residenti f'Malta sal-limitu li jitħallas minn profitti li jistgħu jitqassmu allokati għall-kont tagħha mhux intaxxat.

Taxxa fuq dividend minn kont mhux intaxxat.
*Miżjud: XVII. 1994.26.*

**62.** (1) Kull kumpannija għandha, mal-ħlas ta' dividend mhux intaxxat lil riċevitur, tnaqqas minnu taxxa bir-rata ta' ħmistax fil-mija.

(2) Kull ammont imnaqqas skond is-subartikolu (1) ikun dejn dovut minn dik il-kumpannija lill-Kummissarju li għandu jitħallas mhux iktar tard mill-erbatax-il jum li jaħbat wara l-aħħar tax-xahar li fih id-dividend ikun tħallas u għandu hekk jinġabar:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx dwar ħlasijiet ta' dividendi mhux intaxxati lil persuni li huma eżentati mit-taxxa.

Preżunzjoni ta' tnaqqis.
*Miżjud: XVII. 1994.26.*

**63.** Ikun preżunt, safejn għandha x'taqsam ir-responsabbilità għat-taxxa tar-riċevitur ta' dividend, li t-tnaqqis u l-ħlas li jkollhom isiru skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 62 ikunu saru.

Meta tapplika l-preżunzjoni.
*Miżjud: XVII. 1994.26.*

**64.** Meta tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikolu 63:

(*a*) riċevitur ta' dividend ma jkunx obbligat li jiddikjara d-dividend f'xi prospett magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; u

(*b*) bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 65, ebda persuna ma tkun intaxxata aktar taxxa skond dan l-Att dwar dak id-dividend.

Għażla tar-riċevituri li jiddikjaraw.
*Miżjud: XVII. 1994.26.*

**65.** Riċevitur ta' dividend mhux intaxxat jista' jiddikjara dak id-dividend fil-prospett tat-taxxa tiegħu u meta tkun saret dikjarazzjoni kif intqal qabel kull taxxa (jew ħlas ieħor) dovuta għandha tkun stabbilita daqslikieku l-artikolu 64 ma kienx japplika, u kull taxxa miżmuma skond l-artikolu 62 tkun kreditata kontra r-responsabbilità tat-taxxa tar-riċevitur u, fejn applikabbli, tkun tista' tittieħed bħala ħlas lura li jista' jkun dovut dwar dik it-taxxa għas-sena ta' stima rilevanti.

Dividend mhux intaxxat imħallas lil min mhux riċevitur.
*Miżjud: XVII. 1994.26.*

**66.** Meta dividend mhux intaxxat jitħallas lil persuna, li ma tkunx riċevitur kif imfisser skond l-artikolu 61, dak id-dividend ma jkunx suġġett għat-taxxa skond dan l-Att f'idejn dik il-persuna u meta dik il-persuna ma tkunx residenti f'Malta dik il-persuna ma tkunx obbligata li tiddikjara l-eżistenza tad-dividend f'xi prospett magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

Ħlas ta' dividend minn kont intaxxat jew minn kont ta' *income* barrani.
*Miżjud: XVII. 1994.26.*
*Emendat: II. 2007.17.*

**67.** (1) Meta kumpannija tħallas dividend lil persuna residenti f'Malta minn profitti allokati lill-kont ta' proprjetà immobbli, lill-kont intaxxat f'Malta jew lill-kont ta' *income* barrani u liema profitti jkunu ġew intaxxati b'rata li hi inqas mir-rata ta' taxxa li għandha tiġi ntaxxata fiż-żmien tat-tqassim, skond l-artikolu 56(6), minħabba biss il-fatt li kienet tapplika rata ta' taxxa differenti fiż-żmien li fihom il-profitti li jkunu qed jitqassmu kienu suġġetti għat-taxxa, il-kumpannija għandha tnaqqas taxxa bir-rata li tkun daqs id-differenza bejn ir-rata kurrenti u dik attwalment intaxxata kif intqal qabel fuq l-ammont ta' dividend qabel ma titnaqqas xi taxxa li tkun ħallset fuq il-profitti li hekk ikunu qed jitqassmu:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx dwar dawk il-ħlasijiet ta' dividendi lil persuni li huma eżentati mit-taxxa.

(2) Kull ammont imnaqqas skond is-subartikolu (1) ikun dejn dovut minn dik il-kumpannija lill-Kummissarju li għandu jitħallas mhux iktar tard mill-erbatax-il jum li jaħbat wara l-aħħar tax-xahar li matulu tħallas dak id-dividend u għandu hekk jinġabar.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli mit-63 sal-65 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* kif japplikaw għal tqassim mill-kont mhux intaxxat u riferenzi f'dawk l-artikoli għall-artikolu 62 għandhom jitqiesu bħala riferenzi għas-subartikolu (1).

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna residenti f'Malta għandha tinkludi persuna mhux residenti (magħduda kumpannija mhux residenti) li tkun proprjetà ta', u kontrollata minn, direttament jew indirettament, jew li taġixxi fl-isem ta', individwu li ordinarjament jirrisjedi u domiċiljat f'Malta.

Profitti mqassma minn skema ta' investiment kollettiv.
*Miżjud: XVII. 1994.26. Sostitwit: II. 2004.14. Emendat: II. 2005.12; II. 2007.18.*

**67A.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet li hemm fit-tifsira ta' "kont ta' *income* barrani" fl-artikolu 2, iżda mingħajr preġudizzju għal xi obbligu li jkunu allokati profitti lill-kont tat-taxxa finali u l-kont ta' proprjetà immobbli, fil-każ ta' skema ta' investiment kollettiv:

(*a*) l-ebda profitt ma għandu jiġi allokat lill-kont ta' *income* barrani; u

(*b*) profitti li jirriżultaw minn dividendi mqassma mill-kont ta' *income* barrani ta' kumpannija oħra għandhom jiġu allokati lill-kont intaxxat f'Malta.

(2) Meta skema ta' investiment kollettiv, li ma tkunx kostitwita bħala kumpannija, tqassam profitti lil persuni residenti f'Malta, għandha titnaqqas taxxa daqslikieku, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dik l-iskema ta' investiment kollettiv kienet kostitwita bħala kumpannija. F'dan ir-rigward it-taxxa għandha titnaqqas minn kull tqassim ta' profitti li, kieku dik l-iskema ta' investiment kollettiv tkun kostitwita bħala kumpannija, kienu jkunu allokati lill-kont mhux intaxxat:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw għal dawk il-ħlasijiet li jsiru lil persuni li jkunu eżentati mit-taxxa.

(3) Kull ammont imnaqqas taħt is-subartikolu (2) ikun dejn dovut minn dik l-iskema ta' investiment kollettiv lill-Kummissarju li jkollu jitħallas mhux iktar tard mill-erbatax-il jum li jiġi wara l-aħħar tax-xahar li matulu jkun sar it-tqassim u għandu hekk jinġabar.

(4) L-artikoli 63 sa 65 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fiċ-ċirkostanzi murija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu bħalma japplikaw għal tqassim mill-kont mhux intaxxat. Riferenzi f'dawk l-artikoli għall-artikolu 62 għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, u riferenzi għal dividend jew dividend mhux intaxxat għandhom, meta r-rabta tal-kliem tkun hekk teħtieġ, jiftiehmu bħala riferenzi għal profitti mqassma minn skema ta' investiment kollettiv.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "persuna residenti f'Malta" għandha tinkludi persuna mhix residenti (inkluża kumpannija mhix residenti) li hija ta' proprjetà u kontrollata minn, direttament jew indirettament, jew li taġixxi f'isem individwu li huwa ordinarjament residenti u domiċiljat f'Malta.

(6) Fond ta' ekwalizzazzjoni jifforma parti mill-profitti li jistgħu jitqassmu ta' skema ta' investiment kollettiv.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-Att, fil-każ ta' skema ta' investiment kollettiv:

"fond ta' ekwalizzazzjoni" tfisser allokazzjoni ta' *income*, sew annwali sew *interim*, magħmula dwar unitajiet maħluqa jew maħruġa jew mibjugħa matul perjodu ta' kontjar, sew annwali sew *interim*, li tirrappreżenta l-aħjar estimu tal-kumpannija li timmaniġġa rilevanti jew ta' l-iskema, ta' l-ammont ta' *income* inkluż fil-prezz b'riferenza għal liema l-prezz tal-ħruġ jew tal-

bejgħ ta' dawk l-unitajiet kienu ġew determinati;

"dividend" tinkludi ammonti mqassma minn fond ta' ekwalizzazzjoni.

Ebda obbligu ta' dikjarazzjoni.
*Miżjud: XVII. 1994.26.*
*Emendat: II. 2007.19; IX. 2007.5.*

**68.** (1) (*a*) Kull persuna li ma tkunx residenti f'Malta jew kull individwu li jkun residenti f'Malta u li jirċievi dividend li jkun imħallas minn profitti allokati lil xi wieħed mill-kontijiet intaxxati barra mill-kont tat-taxxa finali ma jkunx obbligat li jiddikjara l-eżistenza ta' dak id-dividend f'xi prospett magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

(*b*) L-ebda persuna ma għandha tkun intaxxata iktar taxxa skond dan l-Att dwar l-*income* msemmi fil-paragrafu (*a*).

(*ċ*) Kull dividend imħallas minn profitti allokati lill-kont tat-taxxa finali ma għandux jkun intaxxat iżjed u ma għandux jifforma parti mid-dħul taxxabbli ta' xi persuna u l-ebda persuna ma tista' titlob kreditu jew rifużjoni dwar xi taxxa diretta jew indiretta li tkun tħallset fuq dawn il-profitti u għall-finijiet ta' dan il-paragrafu dividendi li jkunu riċevuti minn kumpannija mhux reġistrata f'Malta minn profitti li kienu jkunu allokati lill-kont tat-taxxa finali kieku kellha dik il-kumpannija tkun reġistrata f'Malta għandhom jitqiesu li jkunu dividendi mħallsa minn profitti allokati lill-kont tat-taxxa finali.

(2) (*a*)Kull persuna, li ma tkunx kumpannija residenti f'Malta, ma tkunx obbligata li tiddikjara f'xi prospett magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi dwar il-profitti mqassmin minn skema ta' investiment kollettiv li ma tkunx kostitwita bħala kumpannija, meta dawk il-profitti kienu jkunu allokati lill-kont ta' *income* barrani jew lill-kont intaxxat f'Malta li kieku dik l-iskema ta' investiment kollettiv kienet kostitwita bħala kumpannija.

(*b*) L-ebda persuna ma għandha tkun intaxxata iktar taxxa skond dan l-Att dwar il-profitti msemmija fil-paragrafu (*a*).

(3) Dividend imħallas minn kumpannija għandu jkun imħallas minn profitti allokati lil xi wieħed mill-kontijiet tat-taxxa li ġejjin, jiġifieri l-kont tat-taxxa finali u l-kont tal-proprjetà immobbli (inkluż l-ammont ta' profitti allokati lil dawn il-kontijiet intaxxati fil-perjodu ta' kontjar li fih id-dividend tħallas) qabel il-profitti allokati lill-kont intaxxat f'Malta ikunu mqassma.

(4) Dividend imħallas minn kumpannija li kienet kumpannija residenti f'Malta qabel l-1 ta' Jannar 2007 mill-profitti allokati lill-kont intaxxat f'Malta għandu jitqies li tħallas mill-profitti maqlugħin fil-perjodi ta' kontjar li jibdew mill-1 ta' Jannar 2011, u biss meta dawk il-profitti jkunu tqassmu kollha l-profitti maqlugħin fil-perjodi ta' kontjar sussegwenti għandhom jitqiesu li tqassmu għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi; u għal dan l-għan kull dividend imħallas fi jew wara l-1 ta' Jannar 2007 li fil-fatt ma' jinvolvix il-ħlas ta' dividend fi flus kontanti għandu jiġi injorat u meqjus bħallikieku qatt ma sar.

(5) Meta kumpannija tħallas xi dividendi li huma *income* minn investiment imsemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii) (2), (3) u (4) lil riċevitur jew meta dan l-*income* ikun meqjus li tħallas lil riċevitur

mill-profitti allokati lil iktar minn kont intaxxat wieħed, kull persuna li tirċievi dawk id-dividendi għandha titqies li rċeviet dividend minn kull wieħed minn dawk il-kontijiet f'ammont li jikkorrispondi għas-sehem tagħha tad-dividendi totali hekk imħallsin. Kull disposizzjoni fil-memorandum u l-istatut ta' assoċazzjoni tal-kumpannija jew f'kull ftehim li jipprovdi li azzjonist jkollu l-jedd li jitħallas dividendi biss jew prinċipalment minn kont intaxxat wieħed jew iktar bi preferenza għal kont intaxxat ieħor jew iktar għandhom ikunu injorati għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu *income* minn investiment imsemmi fl-artikolu 41(*a*)(viii)(4) għandu jitqies li kien dividend li fil-fatt tħallas mill-kumpannija li l-profitti tagħha kienu meqjusa li ġew mqassma permezz ta' l-artikolu 43(6)(*a*) jew l-artikolu 43(6)(*ċ*):

Kap. 325.

Iżda meta l-profitti jkunu ġew intaxxati b'rata skond l-artikolu 15 ta' l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju jew l-artikolu 56(20) ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw għal dawn il-profitti u sakemm l-azzjonijiet (li jinkludu azzjonijiet li jissostitwixxu l-azzjonijiet oriġinali li jirriżultaw minn kull skambju ta' azzjonijiet jew rijorganizzazzjoni) li jkunu taw dritt għal dawn il-profitti ma jkunux għadhom jeżistu, dawk il-profitti għandhom jitqassmu biss lill-persuna li bis-saħħa tagħha dawn l-artikoli msemmija qabel kienu japplikaw jew lil xi persuna oħra li akkwistat l-azzjonijiet mingħand din il-persuna.

Limitu tar-responsabbilità.
*Miżjud:*
*XVII. 1994.26.*
Kap. 372.

**69.** Meta xi persuna tonqos li tnaqqas u tħallas it-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 62, 67 u 67A, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 73(4) u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 40(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Intaxxar tal-fiduċjarji, eċċ.
*Emendat:*
*XLII. 1975.10.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Emendat:*
*IX. 1999.14;*
*XIII. 2004.56.*

**70.** (1) *Receiver*, amministratur, gwardjan, tutur, kuratur, sekwestratarju ġudiżjarju jew kumitat, li jkollu f'idejh id-direzzjoni, kontroll jew tmexxija ta' xi proprjetà jew azjenda f'isem xi persuna jkun suġġett għat-taxxa dwar *income* derivat minn dik il-proprjetà jew azjenda bl-istess manjera u bl-istess ammont bħal ma dik il-persuna kienet tkun suġġetta li kieku kienet daħħlet dak l-*income*, u dak ir-*receiver*, amministratur, gwardjan, tutur, kuratur, sekwestratarju ġudizjarju jew kumitat ikun responsabbli għall-egħmil tal-materji u ħwejjeġ kollha li għandhom isiru skond dan l-Att għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar, stima u ħlas tat-taxxa:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma ttiefes ir-responsabbiltà ta' xi persuna rappreżentata minn dak ir-*receiver*, amministratur, gwardjan, tutur, kuratur, sekwestratarju ġudizjarju jew kumitat li tiġi hija stess intaxxata f'isimha stess.

(2) Kull persuna li lilha tiġi fdata t-tmexxija jew l-amministrazzjoni ta' xi proprjetà msemmija fl-artikolu 30, jew ta' xi fondazzjoni, tħollija, istituzzjoni, jew xi organizzazzjoni jew korp ta' persuni, imsemmija fl-artikolu 56(4)(*b*), jew li tirċievi *income* għan-nom tagħhom, għandha, għall-finijiet tas-subartikolu (1), titqies li hija amministratur dwar dik il-proprjetà jew *income.*

**71.** Meta xi individwu jmut matul is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima u kieku ma mietx dak l-individwu kien ikun suġġett għat taxxa għas-sena ta' stima, jew meta xi individwu jmut matul is-sena ta' stima jew fi żmien ħames snin wara l-egħluq ta' dik is-sena u ebda stima ta' taxxa ma tkun saret għalih jew tkun saret stima ta' taxxa b'ammont aktar baxx minn dak li kellu jiġi stmat għal dik is-sena ta' stima, l-werrieta jew ir-rappreżentant legali ta' dak l-individwu jkunu suġġetti għall-ħlas tat-taxxa u jkollhom iħallsu dik it-taxxa li għaliha dak l-individwu kien ikun suġġett u jkunu responsabbli solidalment għal-egħmil ta' dawk l-atti, affarijiet u ħwejjeġ kollha bħal ma dak l-individwu, li kieku baqa' ħaj, kien ikun suġġett li jagħmel skond dan l-Att. Fil-każ ta' individwu li jmut matul is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima, jekk l-assi tiegħu jitqassmu qabel il-bidu tas-sena ta' stima, il-werrieta jew dak ir-rappreżentant legali għandhom iħallsu t-taxxa bir-rata jew rati fis-seħħ fid-data tal-mewt tiegħu.

Persuni mejta. *Emendat: XXV. 1960.10. Sostitwit: XLIX. 1974.7. Rinumerat: XVII. 1994.2.*

**72.** (*Mħassar bl-Att XIII. 2004.57*).

Fiduċjarji li jaġixxu flimkien. *Rinumerat: XVII. 1994.2.*

**73.** (1) Meta xi persuna tħallas lil persuna mhux residenti f'Malta, jew lil persuna residenti f'Malta f'isem persuna mhux residenti f'Malta, xi *income* taxxabbli skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, hija għandha meta tħallas dak l-*income*, kemm-il darba ma tkunx hija nnifisha suġġetta li tħallas fuqu taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, tnaqqas minn dak l-*income* taxxa:

*Income* li jitħallas lil persuni mhux residenti. *Emendat: XXIV. 1961.4; XXVIII. 1972.4; XXIV. 1976.8. Sostitwit: XXVI. 1977.15. Emendat: XVIII. 1993.9. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XVII. 1994.27; IX.1999.14; XI.2000.9; A.L. 409 tal-2007.* Kap. 372.

(*a*) bir-rata ta' 25 ċenteżmu (0.25) fuq kull euro meta l-ħlas isir lil jew f'isem xi persuna mhux residenti li ma tkunx kumpannija jew lil persuna li għaliha jkun japplika l-artikolu 56(18A);

(*b*) bir-rata taxxabbli taħtl-artikolu 56(6) meta l-ħlas isir lil jew f'isem kumpannija mhux residenti f'Malta; u

(*ċ*) bir-rata taxxabbli taht l-artikolu 56(18A):

Iżda l-Kummissarju jista', b'avviż bil-miktub mogħti lil kull persuna li hi meħtieġa li tagħmel tnaqqis ta' taxxa skond il-paragrafi (*a*) u (*b*), jawtorizza lil dik il-persuna li tnaqqas taxxa b'rata inqas minn dik hawnhekk qabel imsemmija, jew li tħallas dak l-*income* mingħajr ebda tnaqqis ta' taxxa:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx għal *income* li minnu tkun tnaqqset it-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 59 jew skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap. 372.

(2) Kull ammont ta' taxxa mnaqqas mill-*income* skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jkun dejn dovut lill-Gvern mill-persuna li tagħmel it-tnaqqis kif intqal qabel, li jkollu jitħallas fi żmien tletin jum minn meta jsir it-tnaqqis, u dak l-ammont għandu jsir rendikont dwaru u jintbagħat lill-Kummissarju matul l-imsemmi żmien.

(3) Tnaqqis ta' taxxa magħmul skond is-subartikolu (1)(*a*) u (*b*) għandu, meta jitħallas lill-Kummissarju kif provdut fis-subartikolu (2), jiġi kumpensat għall-finijiet ta' ġbir mat-taxxa stabbilita fuq il-persuna mhux residenti f'Malta dwar l-*income* relattiv. Kull eċċess jitħallas lura skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

(4) Jekk xi persuna ma tnaqqasx it-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew, wara li tnaqqas dik it-taxxa tonqos li tħallasha lill-Kummissarju fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) -

(*a*) dik il-persuna tkun taxxabbli b'dik it-taxxa li kellha titnaqqas jew titħallas kif intqal qabel u, b'żieda, bid-doppju ta' l-ammont ta' dik it-taxxa;

(*b*) it-taxxa u t-taxxa addizzjonali jinġabru mingħand l-imsemmija persuna bl-istess mod bħal taxxa oħra ntaxxata fuqha skond dan l-Att;

(*ċ*) avviż mogħti mill-Kummissarju lil xi persuna u li juri t-taxxa li kellha titnaqqas jew titħallas minnha kif intqal qabel u kull taxxa addizzjonali li tkun weħlet għax tkun naqset li tnaqqas jew tħallas it-taxxa jkun, sakemm ma jiġix ippruvat kuntrarju, prova biżżejjed li l-ammont muri fl-imsemmi avviż ikun l-ammont li għandu jitħallas lill-Kummissarju mill-imsemmija persuna;

(*d*) il-Kummissarju jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jaħfer għal kollox jew f'parti kull taxxa addizzjonali li tkun taxxabbli skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu;

(*e*) taxxa addizzjonali stabbilita skond dan is-subartikolu tkun ir-responsabbiltà tal-persuna li jkollha tnaqqas jew tħallas it-taxxa u ma tkunx tista' tinġabar lura minn dik il-persuna, sew għal kollox jew f'parti, mingħand il-persuna li tirċievi l-*income*;

(*f*) taxxa addizzjonali stabbilita skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhiex titqies li hi parti ta' xi taxxa mħallsa jew li għandha titħallas għall-finijiet ta' l-artikoli 59, 76 u 89 u ta' l-artikoli 42, 51 u 52 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

## TAQSIMA X

### HELSIEN MINN TAXXA DOPPJA

Erba' tipi ta' ħelsien minn taxxa doppja.
*Miżjud: XVII. 1994.28.*

**74.** Għandu jkun hemm erba' tipi ta' ħelsien minn taxxa doppja, jiġifieri:

(*a*) ħelsien minn taxxa doppja, kif provdut fl-artikoli minn 76 sa 78, it-tnejn inklużi, ta' dan l-Att;

(*b*) ħelsien unilaterali, kif provdut fl-artikoli minn 79 sa

88, it-tnejn inklużi, ta’ dan l-Att;

(*ċ*) ħelsien dwar it-taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income*, kif provdut fl-artikolu 89; u

(*d*) kreditu ta’ taxxa barranija b’rata waħda, kif provdut fl-artikoli minn 92 sa 95, it-tnejn inklużi, ta’ dan l-Att.

Kif jaħdmu it-tipi ta’ ħelsien. *Miżjud: XVII. 1994.28. Emendat: II. 2002.54.*

**75.** Dwar kull talba għal ħelsien minn taxxa doppja:

(*a*) id-disposizzjonijiet li jolqtu l-ħelsien unilaterali għandhom ikunu applikati fil-kalkolu tat-taxxa li għandha tħallas persuna meta ħelsien minn taxxa doppja u ħelsien dwar it-taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income* ma jkunux jistgħu jittieħdu mill-persuna li tagħmel it-talba; u

(*b*) id-disposizzjonijiet dwar kreditu ta’ taxxa barranija b’rata waħda għandhom ikunu applikati fil-kalkoli tat-taxxa li għandha tħallas persuna biss f’dawk il-każijiet meta ħelsien minn taxxa doppja, ħelsien dwar it-taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income* u ħelsien unilaterali, kif regolati bl-artikoli minn 79 sa 88, ma jkunux jistgħu jittieħdu mill-persuna li tagħmel it-talba.

Arranġamenti dwar taxxa doppja. *Miżjud: XLI. 1961.3. Emendat: A.L. 4 ta’ l-1963; VIII. 1969.10; XXVI. 1977.33; XXXVI. 1990.18. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XVII. 1994.29; II. 2002.55; II. 2004.15.*

**76.** (1) Jekk il-Ministru responsabbli għall-finanzi b’ordni jiddikjara illi l-arranġamenti speċifikati fl-ordni jkunu saru mal-Gvern ta’ xi territorju barra minn Malta sabiex jingħata ħelsien mit-taxxa doppja dwar it-taxxa fuq l-*income* u kull taxxa ta’ għamla bħal din imposta bil-liġijiet ta’ dak it-territorju, u illi jkun xieraq li dawk l-arranġamenti jkollhom seħħ, l-arranġamenti għandu jkollhom seħħ dwar it-taxxa fuq l-*income* minkejja kull ħaġa f’din il-liġi jew f’xi liġi oħra:

Iżda ebda arranġament kif imsemmi qabel magħmul wara l-1 ta’ Ottubru, 1968 ma għandu jkollu effett safejn japplika għal taxxa mħallsa jew li għandha titħallas dwar qligħ jew profitti li jkunu taxxabbli bir-rata provduta fl-artikolu 56(13).

(2) Fl-egħmil ta’ ordni skond dan l-artikolu dwar arranġamenti li jirreferixxu għal xi territorju li jagħmel parti mill-*Commonwealth* l-artikolu 89 għandu jtemm milli jkollu seħħ relattivament għal dak it-territorju ħlief safejn l-arranġamenti jaħsbu xort’oħra.

(3) Ordni magħmul skond dan l-artikolu jista’ jiġi mħassar b’ordni ieħor.

(4) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista’ jagħmel regoli għat-tmexxija tad-disposizzjonijiet ta’ kull arranġamenti li jkollhom seħħ skond dan l-artikolu.

Krediti ta’ taxxa.
*Miżjud:*
*XLI. 1961.4.*
*Emendat:*
*V. 1964.5;*
*XXVIII. 1972.6;*
*XLII. 1975.13;*
*XXVIII.1978.28;*
*XXXVI. 1990.19.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Emendat:*
*XVII. 1994.30;*
*XX. 1996.18;*
*IX.1999.14.*

**77.** (1) Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu għandu jkollhom seħħ meta, skond l-arranġamenti li jkollhom seħħ bis-saħħa ta’ l-artikolu 76, it-taxxa li għandha titħallas dwar xi *income* fit-territorju li mal-Gvern tiegħu jkunu saru l-arranġamenti għandha tiġi mħollija bħala kreditu kontra t-taxxa li għandha titħallas dwar l-*income* f’Malta; u f’dan l-artikolu l-frażi "taxxa stranġiera" tfisser kull taxxa li għandha titħallas f’dak it-territorju li skond dawk l-arranġamenti għandha tkun hekk imħollija u l-frażi "taxxa fuq l-*income*" tfisser taxxa ntaxxata fuq l-*income* taxxabbli bir-rati mniżżlin fit-Taqsima VII ta’ dan l-Att.

(2) L-ammont tat-taxxa fuq l-*income* taxxabbli dwar l-*income* għandu jiġi mnaqqas bl-ammont tal-kreditu:

Iżda ma għandux jingħata kreditu kontra t-taxxa fuq l-*income* għal xi sena ta’ stima jekk il-persuna intitolata għall-*income* ma tkunx residenti f’Malta fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta’ stima.

(3) Il-kreditu m’għandux ikun iżjed mill-ammont li kien ikun jirriżulta bil-kalkolar ta’ l-ammont ta’ l-*income* skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att u wara bl-addebitar tiegħu lit-taxxa fuq l-*income* b’rata aċċertata billi tiġi diviża t-taxxa fuq l-*income* taxxabbli (qabel l-għoti ta’ kreditu skond kull arranġamenti li jkollhom seħħ bis-saħħa ta’ l-artikolu 76) fuq l-*income* totali tal-persuna intitolata għall-*income* bl-ammont ta’ l-*income* tiegħu totali.

(4) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu ta’ qabel, il-kreditu totali li għandu jingħata lil persuna għal xi sena ta’ stima għal taxxa stranġiera skond l-arranġamenti kollha li jkollhom seħħ bis-saħħa ta’ l-artikolu 76 ma għandux ikun iżjed mit-taxxa fuq l-*income* totali li għandha titħallas minnha għal dik is-sena ta’ stima, wara li titnaqqas kull taxxa li għandha titħallas minnha skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 40, 69 u 73.

(5) Fil-kalkolu ta’ l-ammont ta’ l-*income* -

(*a*) ebda tnaqqis ma jkun permess dwar taxxa stranġiera (sew dwar l-istess *income* jew dwar xi *income* ieħor);

(*b*) meta t-taxxa fuq l-*income* taxxabbli tiddependi mill-ammont riċevut f’Malta l-ammont imsemmi għandu jiżdied bl-ammont xieraq tat-taxxa stranġiera dwar l-*income;*

(*ċ*) meta l-*income* jinkludi dividend u skond l-arranġamenti taxxa stranġiera mhux taxxabbli direttament jew bi tnaqqis dwar id-dividend għandu jittieħed kont tagħha biex jitqies jekk xi, u jekk hekk liema, kreditu għandux jingħata kontra t-taxxa fuq l-*income* dwar id-dividend, l-ammont ta’ l-*income* għandu jiżdied bl-ammont tat-taxxa stranġiera mhux hekk taxxabbli li għandu jittieħed kont tagħha fil-kalkolar ta’ l-ammont tal-kreditu.

(6) Il-paragrafi (*a*) u (*b*) tas-subartikolu ta’ qabel (iżda mhux il-kumplament tiegħu) għandhom japplikaw għall-kalkolu ta’ *income* totali sabiex tiġi stabbilita r-rata msemmija fis-subartikolu (3), u

għandhom japplikaw għal hekk dwar l-*income* kollu li għalih għandu jingħata kreditu għat-taxxa stranġiera skond arranġamenti li jkunu dak iż-żmien fis-seħħ skond l-artikolu 76.

(7) Meta -

(*a*) l-arranġamenti jipprovdu, dwar dividendi ta' xi klassijiet, iżda mhux dwar dividendi ta' klassijiet oħra, illi taxxa stranġiera mhux taxxabbli direttament jew bi tnaqqis dwar dividendi għandu jittieħed kont tagħha biex jitqies jekk xi, u jekk hekk liema, kreditu għandux jingħata kontra t-taxxa fuq l-*income* dwar id-dividendi, u

(*b*) jitħallas dividend li ma jkunx ta' klassi li dwarha l-arranġamenti hekk jipprovdu,

f'dak il-każ, jekk id-dividend jitħallas lil kumpannija li tikkontrolla, direttament jew indirettament, mhux anqas minn nofs is-setgħa ta' vot fil-kumpannija li tħallas id-dividend, għandu jingħata kreditu bħallikieku d-dividend kien dividend ta' klassi li dwarha l-arranġamenti hekk jipprovdu.

(8) Ma għandux jingħata kreditu skond l-arranġamenti kontra t-taxxa fuq l-*income* taxxabbli dwar l-*income* ta' xi persuna għal xi sena ta' stima jekk tagħżel li ma jingħatax kreditu fil-każ ta' l-*income* tagħha għal dik is-sena.

(9) Kull talba għal għoti bħala kreditu għandha ssir mhux iżjed tard minn sentejn wara tmiem is-sena ta' stima li għaliha tirreferi t-talba, u fil-każ ta' xi kwistjoni dwar l-ammont li jkun jista' jingħata, it-talba tkun tista' tiġi opposta u jkun jista' jsir appell dwarha bl-istess mod bħala stima.

(10) Meta l-ammont ta' xi kreditu mogħti skond l-arranġamenti jsir eċċessiv jew insuffiċjenti minħabba xi aġġustament ta' l-ammont ta' xi taxxa li għandha titħallas sew f'Malta sew band'oħra, ebda ħaġa f'dan l-Att li tillimita ż-żmien għall-għemil ta' prospetti, stimi jew talbiet għal eżenzjoni ma għandha tapplika għal xi prospetti, stimi jew talbiet għal eżenzjoni ma għandha tapplika għal xi prospett, stima jew talba li joħloq l-aġġustament, li jkun prospett jew tkun stima jew talba magħmula mhux aktar tard minn sentejn miż-żmien meta dawn l-istimi, aġġustamenti u deċiżjonijiet oħra kollha jkunu saru, sew f'Malta sew band'oħra, li jkunu sostanzjali biex jiġi stabbilit jekk xi, u jekk hekk liema, kreditu għandux jingħata.

Dividendi u krediti ta' taxxa.
*Miżjud: XLI. 1961. 5. Emendat: XXI. 1980.13. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: XVII. 1994.31.*
Kap. 372.

**78.** (1) Meta t-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas minn kumpannija tkun milquta minn ħelsien ta' taxxa doppja l-ammont li għandu jitnaqqas skond l-artikolu 60 jew li għandu jitħallas lura skond l-artikolu 48 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, dwar it-taxxa li għandha titnaqqas minn xi dividend li jitħallas mill-kumpannija għandu jiġi mnaqqas kif ġej:

(*a*) jekk ebda taxxa ma tkun taxxabbli fuq ir-riċevent dwar id-dividend, it-tnaqqis għandu jkun ammont daqs taxxa fuq id-dividend gross bir-rata ta' ħelsien ta' taxxa doppja applikabbli għalih;

(*b*) jekk ir-rata ta’ taxxa li tkun taxxabbli fuq ir-riċevent dwar id-dividend tkun anqas mir-rata ta’ ħelsien ta’ taxxa doppja applikabbli għad-dividend, it-tnaqqis għandu jkun ammont daqs taxxa fuq id-dividend gross fid-differenza bejn dawk iż-żewġ rati.

(2) Għall-fini ta’ dan l-artikolu -

(*a*) jekk l-*income* tal-persuna li tiġi intaxxata jinkludi dividend wieħed bħal ma hu msemmi fis-subartikolu ta’ qabel, dak id-dividend għandu jitqies li jkun l-għola parti ta’ l-*income* totali tagħha;

(*b*) jekk l-*income* tagħha jinkludi iżjed minn dividend wieħed bħal dak, dividend għandu jitqies li jkun parti ogħla ta’ l-*income* totali tagħha minn dividend ieħor jekk ir-rata netta ta’ Malta applikabbli għad-dividend imsemmi l-ewwel tkun aktar baxxa minn dik applikabbli għad-dividend imsemmi l-aħħar;

(*ċ*) meta taxxa tkun taxxabbli b’rati differenti dwar partijiet differenti ta’ xi dividend bħal dak, jew meta taxxa tkun taxxabbli dwar xi parti ta’ xi dividend bħal dak u ma tkunx taxxabbli dwar xi parti oħra tiegħu, kull parti għandha titqies li tkun dividend separat;

(*d*) il-frażi "ħelsien tat-taxxa doppja" għandha l-istess tifsir bħal dak ta’ l-artikolu 59 u l-frażi "ir-rata ta’ ħelsien tat-taxxa doppja" tfisser ir-rata li tirrappreżenta l-eċċess tar-rata tat-taxxa li għandha titnaqqas mid-dividend fuq ir-rata netta ta’ Malta applikabbli għalih.

Ħelsien unilaterali.
*Miżjud: XVII. 1994.32.*

**79.** F’dan l-Att il-frażi "ħelsien unilaterali" tfisser il-ħelsien li jingħata skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli mit-80 sat-88, u f’dawk l-artikoli l-frażi "taxxa fuq l-*income*" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 77(1).

Meta jingħata ħelsien unilaterali.
*Miżjud: XVII. 1994.32. Emendat: I. 2010.29.*

**80.** Ħelsien unilaterali jista’jinkiseb dwar talba għal ħelsien minn taxxa doppja meta t-taxxa skond dan l-Att tkun kalkolata b’riferenza għal *income* li:

(*a*) jinqala’ barra minn Malta; u

(*b*) ikun suġġett għal xi taxxa ta’ xorta simili bħal dik imposta skond l-Atti dwar it-Taxxi skont il-liġijiet ta’ territorju barra minn Malta, inkluż, f’każ ta’ talba għall-ħelsien, li għalih l-artikolu 82(*a*) u (*b*) japplika, mit-taxxa imposta taħt l-Atti dwar it-Taxxi.

Għall-finijiet tal-paragrafu (*b*) taxxa ma tkunx eskluża milli tkun ta’ xorta simili minħabba biss li titħallas skond il-liġi ta’ provinċja, stat jew parti oħra ta’ pajjiż, jew li tinġabar minn jew f’isem muniċipalità jew korp lokali ieħor.

**81.** L-ammont ta' taxxa msemmi fl-artikolu 80(*b*) jingħata bħala kreditu kontra t-taxxa fuq l-*income* intaxxata f'Malta dwar l-*income* skond l-artikolu 80, u l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li hekk jiġi ntaxxat għandu jitnaqqas bl-ammont ta' dak il-kreditu:

Helsien bil-mezz ta' kreditu. *Miżjud: XVII. 1994.32. Emendat: II. 2007.28; I. 2010.30.*

Iżda dejjem li l-kreditu ma jingħatax kontra taxxa fuq l-*income* għal xi sena ta' stima ħlief meta l-persuna li jkollha jedd għall-*income* tkun residenti f'Malta jew tkun kumpannija reġistrata f'Malta fis-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima.

**82.** Id-disposizzjoni dwar ħelsien unilaterali, meta l-*income* taħt l-artikolu 80 ikun jinkludi dividend imqassam minn kumpannija mhux residenti f'Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejjħa "il-kumpannija ta' barra", għandu jkollha effett b'mod li taxxa li ma tkunx intaxxata direttament jew bi tnaqqis dwar id-dividend għandha titqies bħala li taqa' taħt id-disposizzjoni ta' l-artikolu 80(b) u għandu jittieħed kont tagħha fil-kalkolu tal-kreditu kontra t-taxxa fuq l-*income* dwar dak id-dividend.

Kreditu għal taxxa sottoposta. *Miżjud: XVII. 1994.32. Sostitwit: IX. 2001.28; II. 2002.56. Emendat: II. 2007.20.*

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

(*a*) "taxxa li ma tkunx intaxxata direttament jew bi tnaqqis dwar id-dividend" għandha tinkludi taxxa li titħallas dwar dividend li jitqassam minn kumpannija li jkollha x'taqsam mal-kumpannija ta' barra kif speċifikat fil-paragrafu (*b*), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmija f'dan l-artikolu bħala "kumpannija relatata" fejn dak id-dividend ikun jifforma parti minn katina ta' dividendi suċċessivi mqassma minn kumpannija relatata waħda lil kumpannija oħra u li f'tarf il-katina jispiċċaw bid-dividend li tirċievi l-persuna li qed tagħmel it-talba, jew fuq il-profitti li minnhom kien tqassam dak id-dividend;

(*b*) kumpannija tkun relatata mal-kumpannija ta' barra jekk il-kumpannija ta' barra tkun tikkontrolla, direttament jew indirettament, mhux inqas minn 10% tas-setgħa ta' vot tal-kumpannija relatata.

**83.** Kreditu mogħti skond l-artikolu 81 m'għandux jeċċedi l-ammont li jkun prodott billi l-*income* ta' persuna jkun kalkolat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u mbagħad intaxxat għat-taxxa fuq l-*income* b'rata stabbilita billi t-taxxa fuq l-*income* taxxabbli (qabel ma jingħata kreditu skond l-artikolu 81) fuq l-*income* totali tal-persuna li jkollha jedd għalih, tkun diviża bl-*income* totali tagħha.

Limitu fuq il-kreditu. *Miżjud: XVII. 1994.32.*

**84.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 87, il-kreditu totali li jingħata skond l-artikolu 81 lil persuna għal xi sena ta' stima ma għandux ikun iżjed mit-taxxa fuq l-*income* totali li jkollha titħallas minnha għal dik is-sena ta' stima, nieqsa kull taxxa li għandha titħallas minnha għal dik is-sena ta' stima skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 40, 69 u 73.

Ammont ta' kreditu totali. *Miżjud: XVII. 1994.32.*

Kalkolu ta' l-*income*. *Miżjud: XVII. 1994.32.*

**85.** Fil-kalkolu ta' l-ammont ta' l-*income* għall-finijiet ta' ħelsien unilaterali:

(*a*) ma jingħata ebda tnaqqis dwar taxxa mħallsa u msemmija fl-artikolu 80(*b*), sew jekk dwar l-istess *income* kemm jekk dwar *income* ieħor;

(*b*) meta l-*income* taxxabbli jiddependi mill-ammont riċevut f'Malta l-imsemmi ammont għandu jiżdied bl-ammont xieraq tat-taxxa mħallsa u msemmi fl-artikolu 80(*b*) dwar l-*income*;

(*ċ*) meta l-*income* jinkludi dividend u, biex jiġi stabbilit l-ammont ta' kreditu li għandu jingħata skond l-artikolu 81, jingħata kreditu għal taxxa li ma tkunx intaxxata direttament jew bi tnaqqis skond l-artikolu 82, l-ammont ta' l-*income* għandu jiżdied bl-ammont ta' dak il-kreditu.

Applikabbiltà ta' l-artikolu 85. *Miżjud: XVII. 1994.32.*

**86.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 85(*a*) u (*b*) għandhom japplikaw għall-kalkolu ta' l-*income* totali sabiex tiġi stabbilita r-rata ta' taxxa msemmija fl-artikolu 83.

Dividendi u krediti ta' taxxa, eċċ. *Miżjud: XVII. 1994.32.*

**87.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 77(8), (9) u (10) u ta' l-artikolu 78 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dwar ħelsien unilaterali kif japplikaw dwar ħelsien minn taxxa doppja.

Ma jingħata ebda ħelsien mingħajr prova. *Miżjud: XVII. 1994.32.*

**88.** Ma jingħata ebda ħelsien unilaterali lil persuna kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li l-*income* skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 80(*a*) ikun ħallas it-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 80(*b*) u tkun ipprovat l-ammont ta' dik it-taxxa.

Għajnuna dwar it-taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income*. *Emendat: XXV. 1960.15; V. 1964.6; VIII. 1969.11; XXVIII.1972.7; XXII. 1976.4; XXVIII. 1978.29; XXXVI. 1990.20. Rinumerat: XVII. 1994.2. Emendat: IX.1999.14.*

**89.** (1) Jekk xi persuna residenti f'Malta li tkun ħallset, bi tnaqqis jew xort'oħra, jew tkun suġġetta li tħallas, taxxa skond dan l-Att għal xi sena ta' stima jew xi sehem mill-*income* tagħha, tipprova b'sodisfazzjon tal-Kummissarju li hija ħallset, bi tnaqqis jew xort'oħra, jew hija suġġetta li tħallas, taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income* għal dik is-sena dwar l-istess sehem ta' l-*income* tagħha, hija jkollha l-jedd għal għajnuna mit-taxxa f'Malta mħallsa jew li għandha titħallas minnha fuq dak is-sehem ta' l-*income* tagħha b'rata fuqu li tkun deċiża kif ġej:

(*a*) jekk ir-rata tal-*Commonwealth* fuq it-taxxa ma teċċedix nofs ir-rata tat-taxxa xierqa għall-każ tagħha skond dan l-Att f'Malta, ir-rata li biha għajnuna għandha tingħata għandha tkun ir-rata tat-taxxa tal-*Commonwealth*;

(*b*) f'kull każ ieħor ir-rata li biha għajnuna għandha tingħata tkun nofs ir-rata tat-taxxa xierqa għall-każ tagħha skond dan l-Att.

(2) Jekk xi persuna mhux residenti f'Malta li tkun ħallset, bi tnaqqis jew xort'oħra, jew li tkun suġġetta li tħallas, taxxa skond dan l-Att għal xi sena ta' stima fuq xi sehem mill-*income* tagħha tipprova, b'sodisfazzjon tal-Kummissarju, illi hija ħallset, bi tnaqqis jew xort'oħra, jew li hija suġġetta li tħallas, taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income* għal dik is-sena ta' stima dwar l-istess

sehem ta' l-*income* tagħha, hija jkollha l-jedd għal għajnuna mit-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas minnha skond dan l-Att fuq dak is-sehem ta' l-*income* tagħha b'rata fuqu li tkun deċiża kif ġej:

(*a*) jekk ir-rata tat-taxxa tal-*Commonwealth* xierqa għall-każ tagħha ma teċċedix ir-rata tat-taxxa xierqa għall-każ tagħha skond dan l-Att, ir-rata li biha għajnuna għandha tingħata tkun nofs ir-rata tat-taxxa tal-*Commonwealth*;

(*b*) jekk ir-rata tat-taxxa tal-*Commonwealth* xierqa għall-każ tagħha teċċedi r-rata tat-taxxa xierqa għall-każ tagħha skond dan l-Att, ir-rata li biha għajnuna għandha tingħata għandha tkun daqs l-ammont li bih ir-rata tat-taxxa għall-każ tagħha skond dan l-Att teċċedi nofs ir-rata tat-taxxa tal-*Commonwealth.*

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income*" tfisser kull taxxa fuq l-*income* jew taxxa ta' xorta bħal din stabbilita skond xi liġi fis-seħħ f'xi pajjiż tal-*Commonwealth*, barra minn Malta jew ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, jekk il-leġislatura ta' dak il-pajjiż tkun provdiet ħelsien dwar taxxa fuq *income* kemm f'dak il-pajjiż u f'Malta b'mod li fil-fehma tal-Kummissarju tkun tixbaħ għajnuna mogħtija b'dan l-artikolu.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "rata tat-taxxa" meta applikata għat-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas skond dan l-Att tfisser ir-rata stabbilita billi jiġi maqsum l-ammont tat-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas għas-sena (qabel it-tnaqqis ta' kull għajnuna mogħtija skond dan l-artikolu) bl-ammont ta' l-*income* li dwar t-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas skond dan l-Att ġiet intaxxata għal dik is-sena, ħlief li meta l-*income* li jkun il-bażi ta' talba għal għajnuna skond dan l-artikolu jingħadd b'referenza għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att fuq ammont li ma jkunx l-ammont aċċertat tal-profitti attwali, ir-rata tat-taxxa għandha tkun stabbilita mill-Kummissarju.

(5) Meta persuna tkun għal xi sena ta' stima residenti sew f'Malta kemm f'parti, post jew territorju li fihom taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income* għandha titħallas, hija għandha, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, titqies li hija residenti fejn matul dik is-sena hija tirrisjedi għall-itwal perijodu.

(6) Kull talba għal eżenzjoni skond dan l-artikolu għandha ssir mhux iżjed tard minn sentejn wara tmiem is-sena ta' stima li għaliha tkun tirreferi t-talba.

(7) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal taxxa mħallsa jew li għandha titħallas dwar qligħ jew profitti li jkunu taxxabbli bir-rata provduta fl-artikolu 36(13).

Helsien minn Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur.
*Imħasar:*
*XXV. 1960.16.*
*Miżjud:*
*XXXV. 1972.14.*
*Emendat:*
*XXI. 1980.14;*
*IX.1999.14.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
Kap. 219.

**90.** (1) Jekk jiġi ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li xi persuna tkun ħallset imposta f'xi sena dwar xi kont għall-portatur skond l-Att dwar Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur, it-taxxa li għandha titħallas skond dan l-Att fuq l-imgħax li jinqala' jew jinkiseb minn dan il-kont għal dik is-sena għandha titnaqqas bl-ammont ta' l-imsemmija imposta.

(2) Għall-finijiet tat-tnaqqis mogħti bis-subartikolu (1), l-imgħax fuq kont għall-portatur għandu jitqies bħala l-ogħla parti ta' l-*income* totali għas-sena ta' stima li fiha dan l-imgħax ikun sar suġġett għat-taxxa.

Taxxa fuq xogħol *part-time.*
*Miżjud:*
*I. 1994.3.*
*Sostitwit:*
*XX. 1996.19.*
*Emendat:*
*V. 1998.8;*
*XI. 2000.10;*
*II. 2002.57;*
*II. 2005.13;*
*A.L. 409 tal-2007.*

**90A.** (1) B'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1996, meta individwu jkun qiegħed jirċievi tagħlim *full-time* f'università, kulleġġ jew istituzzjoni edukattiva oħra simili jew kien qiegħed f'apprendistat bil-għan li jikkwalifika f'xi sengħa jew xogħol, jew meta individwu jkollu xi *income* li jappartjeni lilu li jaqa' skond l-artikolu 4(1)(*b*) jew (*d*), u jkollu matul is-sena minnufih qabel is-sena ta' stima *income* ieħor minn dak ix-xogħol *part-time* skond ma jista' jiġi preskritt, huwa għandu bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu jħallas it-taxxa bir-rata ta' 15-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro minn dak l-*income* l-ieħor, u ma jkunx meħtieġ jiddikjara xi *income* ieħor bħal dak f'xi prospett li huwa jagħmel għall-iskopijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi:

Iżda meta l-*income* l-ieħor miksub minn xogħol *part-time* ikun *income* kif deskritt fl-artikolu 4(1)(*a*) u (*b*), id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw għar-rigward ta' dak l-*income* l-ieħor biss sa dak il-limitu li jista' jiġi preskritt.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), individwu jista' jiddikjara l-*income* tiegħu kollu minn xogħol *part-time* flimkien mal-bqija ta' l-*income* tiegħu fil-prospett tiegħu li jsir skond l-Atti dwar it-Taxxi, u huwa jiġi mitlub iħallas taxxa fuq l-*income* tiegħu kollu skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*) jew (*b*) (skond il-każ) ta' l-artikolu 56(1), u f'kull każ bħal dak it-taxxa mħallsa fuq dak l-*income* l-ieħor skond dan l-artikolu għandha tintuża bħala kreditu kontra kemm ikollu jħallas taxxa dak l-individwu u meta xi taxxa hekk imħallsa tkun iktar minn kemm ikollu jħallas, din għandha titħallas lura.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) individwu, li l-*income* totali tiegħu proġettat għal xi sena kalendarja, inkluż *income* miksub minn xogħol *part-time*, ma jkunx mistenni li jeċċedi ammont li jekk jaqbżu jkollu jħallas it-taxxa fuqu, jista', jekk l-*income* minn xogħol *part-time* ikun skond id-deskrizzjoni mogħtija fl-artikolu 4(1)(*b*), f'kull żmien tas-sena permezz ta' avviż bil-miktub fuq il-formula preskritta, javża lill-prinċipal li għalih ikun qed jagħmel dak ix-xogħol *part-time* biex ma jnaqqaslux taxxa mill-*income* tiegħu minn xogħol *part-time.*

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (3) meta l-ammont tal-pagi jew salarju annwali mill-impieg *full-time* tiegħu jeċċedi ammont hekk li jkollu jħallas it-taxxa fuqu, jew meta fis-sena ta' qabel huwa kellu jħallas it-taxxa minħabba fl-*income* totali tiegħu, l-*income* totali proġettat tiegħu għas-sena rilevanti jkun mistenni li

jeċċedi ammont hekk li jkollu jħallas it-taxxa fuqu.

(5) Meta l-*income* totali ta' individwu li jkun ta avviż skond kif hemm provdut fis-subartikolu (3), jilħaq, matul is-sena li fiha jkun ingħata dak l-avviż, ammont li jkollu jħallas it-taxxa fuqu, dak l-individwu għandu jgħarraf lill-Kummissarju dwar dan fuq il-formula preskritta u jekk l-individwu jagħżel li jħallas it-taxxa fuq l-*income* l-ieħor tiegħu miksub minn xogħol *part-time* skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) huwa għandu javża lill-prinċipal tiegħu biex inaqqaslu taxxa bir-rata ta' 15-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro, u iktar minn hekk, meta huwa jagħżel li jħallas it-taxxa fuq l-*income* l-ieħor tiegħu miksub minn xogħol *part-time* skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) huwa għandu jew -

(*a*) javża lill-prinċipal tiegħu biex jagħmel kull tnaqqis ieħor bħal dak mill-*income* tiegħu sabiex it-taxxa dovuta skond is-subartikolu (1) fuq kull *income* miksub minn xogħol *part-time* kif imsemmi qabel tiġi hekk imnaqqsa sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena; jew

(*b*) iħallas dik it-taxxa li tkun dovuta, lill-Kummissarju sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar tas-sena li tiġi wara s-sena rilevanti jew dik id-data oħra li tista' tiġi preskritta.

(6) Meta prinċipal li skond dan l-artikolu jkollu jnaqqas taxxa bil-15-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro, u dak il-prinċipal jonqos għal xi raġuni milli jnaqqas dik it-taxxa, ikun id-dmir ta' dak l-individwu li mill-*income* tiegħu ikun irid isir it-tnaqqis, li jgħarraf b'dan lill-Kummissarju u li jħallas it-taxxa dovuta direttament lill-Kummissarju:

Iżda l-prinċipal xorta waħda jibqa' responsabbli għal kull ħaġa li jista' jkun responsabbli għaliha skond l-artikolu 23(4) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap. 372.

(7) (*a*)Meta l-*income* minn xogħol *part-time* ikun *income* li jaqa' skond l-artikolu 4(1)(*b*), min ikun qiegħed iħallas l-*income* għandu fil-waqt tal-ħlas, kemm-il darba ma jiġix avżat jagħmel mod ieħor skond is-subartikolu (3) u skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, inaqqas taxxa bir-rata ta' 15-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro, u kull taxxa hekk imnaqqsa għandha tingħata lura lill-Kummissarju skond hekk. Kap. 372.

(*b*) Meta l-*income* minn xogħol *part-time* ikun *income* li jaqa' skond l-artikolu 4(1)(*a*), l-individwu għandu jħallas lill-Kummissarju ammont ekwivalenti għal 15-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro ta' *income* minn xogħol *part-time* b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 42 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fejn applikabbli. Kap. 372.

(8) Meta individwu li jkollu jħallas it-taxxa fuq xogħol *part-time* bir-rata ta' 15-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro kif provdut fis-subartikolu (1), u dak l-individwu jonqos milli jħallas dik it-taxxa fuq l-*income* tiegħu kollu minn xogħol *part-time* li jkun suġġett għal dik it-taxxa sal-15 ta' Frar tas-sena li tiġi wara s-sena rilevanti jew dik id-data oħra li tista' tiġi preskritta, l-*income* kollu minn xogħol *part-time* għandu jiżdied mal-kumptament ta' l-*income* ta' l-individwu u għandha tinħadem taxxa fuqu skond id-disposizzjonijiet ta' l-

artikolu 56.

(9) Fil-każ ta' koppja miżżewġa d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw għal xi wieħed jew għal kull wieħed mill-konjuġi meta mill-inqas wieħed mill-konjuġi jkun qiegħed jirċievi tagħlim *full-time* jew ikun qiegħed f'apprendistat jew ikollu *income* li jappartjeni lilu jew lilha kif deskritt fis-subartikolu (1) u xi wieħed jew kull wieħed mill-konjuġi jkollu *income* ieħor minn xogħol *part-time* kif hemm deskritt.

(10) Meta individwu jiddikjara li jkun qiegħed jikseb *income* minn xogħol *part-time* u l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li dak l-*income* jkun inkiseb minn xi attività li ma tkunx qed issir fuq bażi *part-time*, jew li tkun l-attività normali ta' dak l-individwu jew li tkun anċillari għaliha, il-Kummissarju għandu jikkonsidra dak l-*income* bħala wieħed li ma jkunx jikkwalifika bħala suġġett għat-taxxa skond is-subartikolu (1) u għandu jistmah bħallikieku d-disposizzjonijiet imsemmija qabel ta' dan l-artikolu ma kinux japplikaw għalih, u kull taxxa mħallsa dwar dak l-*income* għandha tintuża bħala kreditu kontra kemm ikollu jħallas bħala taxxa dak l-individwu għas-sena ta' stima rilevanti u meta xi taxxa hekk imħallsa tkun iktar minn kemm ikollu jħallas, din għandha titħallas lura.

Kif jinħadem ċertu tnaqqis mit-taxxa.
*Emendat:*
*XV. 1958.2.*
*Imħassar:*
*XLI. 1961.6.*
*Miżjud:*
*XXI. 1980.15.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*

**91.** Meta minħabba l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 56, 78 u 90 parti mill-*income* suġġett għat-taxxa għandha titqies li tkun l-aħħar parti ta' l-*income* totali u l-*income* totali dwar xi sena ta' stima jkun jinkludi iktar minn parti waħda li għandha hekk titqies, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 78 għandu jkollhom preċedenza fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 56 u d-disposizjonijiet ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ artikoli għandu jkollhom preċedenza fuq dawk ta' l-artikolu 90, skond il-każ.

Kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda.
*Miżjud:*
*XVII. 1994.33.*
*Emendat:*
*XX. 1996.20;*
*II. 2007.21;*
*IX. 2007.6.*

**92.** Għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, il-kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda jingħata dwar l-*income* jew il-qligħ:

(*a*) li jkun jista' jiġi riċevut minn kumpannija reġistrata f'Malta; u

(*b*) li l-kumpannija tkun speċifikament mogħtija s-setgħa li tirċievi u li għandu jiġi allokat fil-kont ta' *income* barrani kif imfisser fl-artikolu 2, iżda minbarra profitti li jirriżultaw minn dividendi mħallsa mill-kont ta' *income* barrani ta' kumpannija oħra residenti f'Malta:

Iżda fil-każ ta' kumpannija residenti f'Malta qabel l-1 ta' Jannar 2007, l-ewwel kondizzjoni ta' dan il-paragrafu għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011, jew, meta kumpannija bħal din tinforma lill-Kummissarju kif kontemplat fl-artikolu 48(4A)(*b*)(1) jew (2) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, mid-data li fiha tkun effettiva din l-informazzjoni, skond liema minnhom tiġi l-ewwel; u

(*ċ*) li dwaru jkun hemm prova dokumentata li turi għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li dak l-*income* jew qligħ, skond il-każ, għandu jiġi allokat lill-kont ta' *income* barrani kif provdut fil-paragrafu (*b*). Għall-

finijiet ta' din il-ħtieġa, ċertifikat maħruġ minn *accountant* u uditur pubbliku ċertifikat ikun prova dokumentata biżżejjed.

Ammont ta' kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda. *Miżjud: XVII. 1994.33.*

**93.** (1) Il-kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda jkun ħamsa u għoxrin fil-mija ta' l-*income* jew qligħ li jkun riċevut mill-kumpannija skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 92, qabel ma jsiru xi tnaqqis jew ħlasijiet, ikunu li jkunu, mill-imsemmi *income* jew qligħ.

(2) Fil-każ ta' *income* li jinkludi dividendi, qligħ kapitali, imgħax, *royalties*, jew *income* ieħor li jista' jiġi riċevut minn kumpannija residenti f'Malta u li jinkiseb, meta applikabbli, minn investimenti sitwati barra minn Malta, il-kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda għandu jkun kalkolat fuq l-ammont li jkun jista' jiġi riċevut, wara li titnaqqas kull taxxa barranija (intaxxata direttament jew minn ras il-għajn) iżda qabel ma jsir xi tnaqqis ieħor jew ħlasijiet oħra, ikunu li jkunu.

Tħaddim tal-kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda. *Miżjud: XVII. 1994.33.*

**94.** (1) Meta l-kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda jkun dovut dwar *income* jew qligħ imsemmi fl-artikolu 92, dan għandu jingħadd ma' l-imsemmi *income* jew qligħ. Is-somma totali li hekk tinkiseb tkun l-ammont li għandu jiġi ntaxxat.

(2) Għal sena ta' stima li dwarha jkun maħdum l-*income* skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas skond dan l-Att għandu jitnaqqas bl-ammont tal-kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda dovuta dwar dak l-*income:*

Iżda meta l-ammont tal-kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda jkun iżjed minn ħamsa u tmenin fil-mija tat-taxxa li għandha titħallas fuq dawk il-profitti li għandhom ikunu allokati għall-kont ta' *income* barrani u minnha titnaqqas kull taxxa barranija kumpensata skond id-disposizzjonijiet tal-ħelsien ta' taxxa doppja, tal-ħelsien dwar it-taxxa tal-*Commonwealth* fuq l-*income* u tal-ħelsien unilaterali, l-ammont ta' dak l-eċċess ma jkunx jista' jingħata bħala kumpens jew ħlas lura għal xi finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 77(8), (9) u (10) u ta' l-artikolu 78 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dwar il-kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda kif japplikaw għal ħelsien minn taxxa doppja.

Disposizzjonijiet kontra l-evitar ta' taxxa. *Miżjud: XVII. 1994.33.*

**95.** Meta, fil-fehma tal-Kummissarju, isiru sensiela ta' operazzjonijiet bil-għan waħdani jew ewlieni li jitnaqqas l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas minn xi persuna bit-tħaddim tad-disposizzjonijiet dwar kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda li jinsabu fl-artikoli minn 92 sa 94, dik il-persuna tkun intaxxata daqslikieku d-disposizzjonijiet ma kienux japplikaw.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, sensiela ta' operazzjonijiet tfisser żewġ operazzjonijiet jew iżjed korrispondenti jew ċirkolari, li jsiru mill-istess persuna, jew direttament jew indirettament, skond il-każ.

## TAQSIMA XI

### SETGHA GHALL-GHEMIL TA' REGOLI

Setgħa għall-għemil ta' regoli.
*Emendat:*
*XV. 1958.2;*
*XVII. 1961.3;*
*XXV. 1962.2, 4;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*A.L. 46 tal-1965.*
*Rinumerat:*
*XVII. 1994.2.*
*Sostitwit:*
*XVII. 1994.34.*
*Emendat:*
*II. 2003.24;*
*II. 2005.14.*

**96.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', minn żmien għal żmien, jagħmel regoli biex b'mod ġenerali jitwettqu d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għal dawk il-ħwejjeġ li b'dan l-Att huma awtorizzati li jkunu preskritti.

(2) Kull linja direttiva, spjegazzjoni jew istruzzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-Atti dwar it-Taxxi jew dwar ir-regoli msemmija fis-subartikolu (1) li jkunu f'pubblikazzjoni jew ċirkolari applikati mill-Kummissarju jew taħt l-awtorità tiegħu u mqassma jew imqegħda disponibbli għal kull min iħallas it-taxxa, għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' dawk ir-regoli u għandu jkollhom l-istess effett bħalma għandhom ir-regoli daqstant li dawk il-linji direttivi, spjegazzjonijiet jew istruzzjonijiet ma jkunux konfliġġenti ma' l-Atti dwar it-Taxxi dwar dawk ir-regoli jew mal-linji direttivi, spjegazzjonijiet jew struzzjonijiet applikati f'data li tiġi aktar wara u sal-limitu li -

(*a*) dawn jagħtu tifsira ta' kull frażi jew interpretazzjoni ta' xi disposizzjoni li jkun hemm fl-Atti dwar it-Taxxi jew fir-regoli;

(*b*) dawn ikunu jistabbilixxu l-mod li bih xi disposizzjoni ta' l-Atti dwar it-Taxxi jew ir-regoli għandhom jiġu ppubblikati;

(*ċ*) dawn ikunu jistabbilixxu kull ħaġa li skond l-Atti dwar it-Taxxi jew ir-regoli tista' tiġi stabbilita minn jew tkun soġġetta għall-approvazzjoni jew għad-diskrezzjoni tal-Kummissarju.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regoli li jippreskrivu krediti tat-taxxa u jista' wkoll b'dawk ir-regoli jiddetermina l-klassi ta' persuni li għalihom ikunu japplikaw dawn il-krediti tat-taxxa u l-metodu tal-kalkular jew stimar tal-krediti tat-taxxa u l-ammonti tagħhom.

(4) Il-Ministru tal-Finanzi jista' permezz ta' regoli jemenda, iħassar jew jissostitwixxi l-Iskeda ta' dan l-Att.

## SKEDA*

*Miżjuda: IX. 1999.14. Emendata: XI. 2000.11; II. 2002.58; II. 2003.25; A.L. 409 tal-2007. Sostitwita: A.L. 98 tal-2009. Emendata: A.L. 336 tal-2010.*

Artikolu 56 (12)(*ċ*)

**Taxxa addizzjonali li tiġi ntaxxata skond l-artikolu 56(12)(*ċ*)**

Tifsiriet.

1. F'din l-Iskeda:

"taxxa addizzjonali" tfisser it-taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 56(12)(*ċ*) dwar nuqqas jew ommissjoni;

"taxxa perikolata" tfisser, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-partita 12, id-differenza bejn it-taxxa dikjarata bħala taxxabbli minn min iħallas it-taxxa wara li jitqiesu kull eżenzjoni, ħelsien, *allowance* jew krediti li jista' jkollu jedd għalihom u t-taxxa li attwalment għandha titħallas wara li jitqies dan kollu, imma ma għandha tinkludi ebda taxxa addizzjonali;

"nuqqas" tfisser nuqqas fl-għoti ta' prospett ta' l-*income* li hu meħtieġ li jingħata għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*;

"ommissjoni" tfisser l-ommissjoni minn xi prospett ta' l-*income* preżentat għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* ta' kull ammont li kellu jkun inkluż fih u tinkludi kull att jew ommissjoni li jitqies li jikkostitwixxi ommissjoni skond l-artikolu 56(12);

"professjonist dwar it-taxxa" tfisser individwu li jkun id-detentur ta' *warrant* maħruġ taħt l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, jew membru tal-Malta Institute of Taxation, jew membru tal-professjoni legali f'Malta li jispeċjalizza fit-tassazzjoni, jew sħubija ta' dawk l-individwi li jkunu hekk kwalifikati fil-maġġoranza tagħhom: iżda l-Kummissarju jkollu l-jedd li jitlob dik il-prova li huwa jista' jqis li tkun meħtieġa dwar kemm xi individwu jkun jikkwalifika bħala professjonist dwar it-taxxa kif hawn qabel imsemmi. Kap. 281.

Taxxa addizzjonali għal nuqqas minn individwu.

2. It-taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond l-artikolu 56(12)(*ċ*) għal xi nuqqas minn individwu meta jippreżenta prospett għar-rigward tas-sena ta' stima 2009 jew ta' xi sena ta' stima sussegwenti għandha tkun kalkolata fuq it-taxxa li għandha tiġi intaxxata qabel ma titqies it-taxxa addizzjonali nnifisha fuq l-*income* totali ta' l-individwu għal dik is-sena skond l-ammonti murijin fit-Tabella A li ġejja:

*Id-disposizzjonijiet ta' din l-Iskeda, kif sostitwita bl-Avviż Legali 98 ta' l-2009, għandhom japplikaw dwar taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond l-artikolu 56(12)(*ċ*) għas-sena ta' stima 2009 u snin ta' stima li jiġu wara: iżda d-disposizzjonijiet ta' din l-Iskeda, kif fis-seħħ minnufih qabel id-dħul fis-seħħ tar-regoli sostituttivi, għandhom jibqgħu japplikaw dwar taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond l-imsemmi artikolu 56(12)(*ċ*) għal snin ta' stima li jiġu qabel is-sena ta' stima 2009.

TABELLA A

| Numru ta' xhur mid-data li fiha l-prospett hu meħtieġ li jiġi preżentat skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa | Taxxa addizzjonali |
|---|---|
| Fi żmien 6 xhur | €10 |
| Aktar tard minn 6 iżda fi żmien 12-il xahar | €50 |
| Aktar tard minn 12 iżda fi żmien 18-il xahar | €100 |
| Aktar tard minn 18 iżda fi żmien 24 xahar | €150 |
| Aktar tard minn 24 iżda fi żmien 36 xahar | €200 |
| Aktar tard minn 36 iżda fi żmien 48 xahar | €300 |
| Aktar tard minn 48 iżda fi żmien 60 xahar | €400 |
| Aktar tard minn 60 xahar | €500 |

Taxxa addizzjonali għal nuqqas minn persuna li ma tkunx individwu.

3. It-taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond l-artikolu 56(12)(*ċ*) għal xi nuqqas minn persuna, li ma tkunx individwu, meta tippreżenta prospett għar-rigward tas-sena ta' stima 2009 jew ta' xi sena ta' stima sussegwenti għandha tkun kalkolata fuq it-taxxa li għandha tigi intaxxata qabel ma titqies it-taxxa addizzjonali nnifisha fuq l-*income* totali ta' dik il-persuna għal dik is-sena skond l-ammonti kif muri fit-Tabella B li ġejja:

TABELLA B

| Numru ta' xhur mid-data li fiha l-prospett hu meħtieġ li jiġi preżentat skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa | Taxxa addizzjonali |
|---|---|
| Fi żmien 6 xhur | €50 |
| Aktar tard minn 6 iżda fi żmien 12-il xahar | €200 |
| Aktar tard minn 12 iżda fi żmien 18-il xahar | €400 |
| Aktar tard minn 18 iżda fi żmien 24 xahar | €600 |
| Aktar tard minn 24 iżda fi żmien 36 xahar | €800 |
| Aktar tard minn 36 iżda fi żmien 48 xahar | €1,000 |
| Aktar tard minn 48 iżda fi żmien 60 xahar | €1,200 |
| Aktar tard minn 60 xahar | €1,500 |

Maħfra ta' taxxa addizzjonali għal nuqqas.

4. Meta persuna tipprova li nuqqas fl-għoti ta' prospett preżentat jew li għandu jiġi preżentat minnha kien dovut għal skużanti raġonevoli, il-Kummissarju għandu jaħfer it-taxxa addizzjonali sħiħa li kieku kien ikollha titħallas skond il-partita 2 jew 3 dwar dak in-nuqqas:

Iżda:

(*a*) li ma jkunx hemm fondi biżżejjed mnejn titħallas xi taxxa dovuta; jew

(*b*) meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja,

ma jitqisux li huma skużanti raġonevoli għall-finijiet ta' din il-partita.

5. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-partiti l-oħra ta' din l-Iskeda, it-taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond l-artikolu 56(12)(*ċ*) għal xi ommissjoni li ssir fi prospett għandha tkun ta' wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) fix-xahar tat-taxxa perikolata. Taxxa addizzjonali dwar ommissjonijiet.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-partita 7, ir-rata ta' taxxa addizzjonali ta' kull xahar kif provdut fil-paragrafu (1) għandha tiġi kalkulata għal kull xahar jew parti minnu, liema żmien jibda għaddej bix-xahar li matulu t-taxxa fuq l-*income* taxxabbli għal dik is-sena kienet dovuta u kellha titħallas u jtemm bix-xahar li matulu tiġi rranġata l-ommissjoni permezz ta' prospett ieħor preżentat skond l-artikolu 13 jew li matulu ssir stima.

6. (1) Meta ommissjoni li ssir fi prospett tiġi rranġata minn persuna permezz ta' l-għoti ta' prospett ieħor li jsir skond l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, qabel ma dik il-persuna tiġi avżata bil-miktub mill-Kummissarju, skond is-subartikolu (7) ta' l-imsemmi artikolu, li tkun ser ssir inkjesta dwar id-dikjarazzjonijiet ta' dik il-persuna u dak li hu dovut minnha - Rata mnaqqsa ta' taxxa addizzjonali dwar ommissjoni. Kap. 372.

(*a*) jekk dak il-prospett l-ieħor jiġi preżentat lill-Kummissarju mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-data tal-prospett ta' taxxa relattiva, it-taxxa addizzjonali li kieku kien ikollha titħallas għandha tinħafer kollha;

(*b*) f'kull każ ieħor, ir-rata ta' taxxa addizzjonali li tiġi intaxxata taħt il-partita 5 għal dik l-ommissjoni għandha tkun ta' żero punt wieħed fil-mija (0.1%) fix-xahar tat-taxxa perikolata.

(2) Meta ommissjoni li ssir fi prospett tiġi rranġata minn persuna permezz ta' l-għoti ta' prospett ieħor li jsir skond l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa wara li dik il-persuna tkun ġiet avżata bil-miktub mill-Kummissarju, skond is-subartikolu (7) ta' l-imsemmi artikolu, li tkun ser issir inkjesta dwar id-dikjarazzjonijiet ta' dik il-persuna u dak li hu dovut minnha, iżda qabel ma dik il-persuna tiġi notifikata bi stima li fiha tiġi intaxxata taxxa addizzjonali għal dik l-ommissjoni, ir-rata ta' taxxa addizzjonali li kieku kien ikollha titħallas taħt il-partita 5 għal dik l-ommissjoni għandha tkun ta' żero punt seba' ħamsa fil-mija (0.75%) fix-xahar tat-taxxa perikolata. Kap. 372.

7. Il-massimu tat-taxxa addizzjonali għal ommissjoni li għandha titħallas skond il-partiti 5 jew 6 ma għandu f'ebda każ ikun iktar minn sittin darba daqs ir-rata li tkun applikabbli skond il-partita rispettiva. Il-massimu tat-taxxa addizzjonali għal ommissjoni.

8. (1) Meta xi prospett ta' *income* li jkun ġie preżentat minn xi persuna jkun fih ommissjoni u - Maħfra tat-taxxa addizzjonali dwar ommissjoni.

(*a*) dik il-persuna tkun ħadet u qagħdet fuq il-parir bil-miktub ta' professjonist dwar it-taxxa, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ommissjoni, u tibgħat l-

oriġinal tal-parir bil-miktub flimkien mal-prospett mhux aktar tard mid-data relattiva tal-prospett ta' taxxa; jew

(*b*) dik il-persuna tipprova li l-ommissjoni ma kenitx dovuta għal xi frodi, qerq, tidwir jew negliġenza kbira jew bir-rieda,

il-Kummissarju għandu jaħfer it-taxxa addizzjonali kollha li kieku kienet tkun dovuta skond din l-Iskeda dwar dik l-ommissjoni.

(2) Parir, imsemmi fil-paragrafu (1)(*a*), mogħti minn professjonist dwar it-taxxa, ma għandux minnu nnifsu jikkkostitwixxi interpretazzjoni li torbot tad-disposizzjonijiet statutorji relattivi u dwar l-applikazzjoni tagħhom kif imiss.

(3) Il-Kummissarju ma jkunx marbut li jaħfer taxxa addizzjonali skond il-paragrafu (1)(*a*) jekk huwa jiddeċiedi li l-opinjoni inkwistjoni ma kenitx ġenwina jew li kienet frivola: iżda d-deċiżjoni tal-Kummissarju taħt dan il-paragrafu tkun soġġetta għal reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva f'kull appell preżentat fir-rigward tal-istima relattiva.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (1)(*a*), il-fatt li l-ommissjoni saret minħabba fil-kumplessità ta' transazzjoni partikolari jew il-kumplessità ta' xi disposizzjoni partikolari tal-liġi ma jkunx meqjus, fih innifsu, bħala raġuni valida għall-maħfra tat-taxxa addizzjonali taħt il-paragrafu (1)(*b*).

Taxxa addizzjonali mhix soġġetta għal imgħax.
Kap. 372.

9. It-taxxa addizzjonali intaxxata taħt l-artikolu 56(12)(*ċ*) għandha tkun b'żjieda ma' u bla preġudizzju għall-imgħax li jitħallas taħt l-artikolu 44(2A) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, iżda ma jitħallasx imgħax bħal dak fuq l-imsemmija taxxa addizzjonali.

Ommissjoni minn persuni li ma jkunux eliġibbli għall-għażla taħt l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.
Kap. 372.

10. Meta persuna tippreżenta d-dikjarazzjoni preskritta sabiex issir għażla taħt l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u hija ma tkunx persuna li jkun japplika għaliha dak l-artikolu, u sussegwentement tippreżenta prospett sħiħ u korrett, hija għandha titqies għall-iskopijiet ta' l-artikolu 56(12)(*ċ*) u ta' din l-Iskeda bħala li tkun ommettiet l-*income* kollu tagħha ħlief għal dak l-*income* li hu imsemmi fl-artikolu 12(2)(*b*) ta' dak l-Att u li tkun irranġat dik l-ommissjoni meta hija ppreżentat l-prospett sħiħ u korrett.

Nuqqas dwar għażla li ssir taħt l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.
Kap. 372.

11. Meta persuna li jkun japplika għaliha l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, tippreżenta d-dikjarazzjoni preskritta sabiex issir għażla taħt dak l-artikolu wara d-data preskritta, hija għandha titqies għall-finijiet ta' l-artikolu 56(12)(*ċ*) u ta' din l-Iskeda li tkun għamlet nuqqas fl-għoti ta' dak il-prospett u dak in-nuqqas ikompli sakemm jiġi preżentat prospett kif imiss.

Taxxa addizzjonali għal ommissjoni b'żjieda ma' taxxa addizzjonali għal nuqqas f'każ ta' avviż ta' inkjesta.
Kap. 372.

12. (1) Meta l-Kummissarju, wara li jkun stabbilixxa l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas minn persuna għal xi sena jew snin ta' stima fuq il-bażi ta' kalkolu magħmul taħt l-artikolu 31(3) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, jagħti avviż bil-miktub lil dik il-persuna, skond l-artikolu 13(7) ta' dak l-Att, li tkun ser issir inkjesta dwar id-dikjarazzjonijiet ta' taxxa tagħha u

dak li hu dovut minnha, u sussegwentement dik il-persuna tippreżenta prospett ta' *income* dwar is-sena jew snin ta' stima msemmija, dik il-persuna għandha titqies li tkun soġġetta għal taxxa addizzjonali dwar ommissjoni b'żjieda ma' kull taxxa addizzjonali li jista' jkollha tħallas dwar nuqqas.

(2) Biex tiġi kalkolata t-taxxa perikolata dwar xi ommissjoni li tkun soġġetta għaliha l-persuna msemmija fil-paragrafu (1), l-imsemmija taxxa perikolata għandha titqies li tkun daqs it-taxxa kalkolata fuq l-*income* totali, bi tnaqqis minnha ta' kull kreditu, kif dikjarat f'dak il-prospett.

(3) Meta ssir stima jew stima addizzjonali għal xi sena jew snin ta' stima taħt l-artikolu 31(5) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fuq persuna msemmija fil-paragrafu (1), sabiex tiġi kalkolata t-taxxa perikolata, it-taxxa kalkolata fuq l-*income* totali, bi tnaqqis minnha ta' kull kreditu, kif dikjarat fl-imsemmi prospett, għandha titqies li tkun żero: Kap. 372.

Iżda t-taxxa addizzjonali għal ommissjoni kif tirriżulta mill-paragrafu (2) għandha titnaqqas mill-ammont ta' taxxa addizzjonali kif din tirriżulta minn dan il-paragrafu.

Ċerti poteri tal-Kummissarju.

13. (1) Il-Kummissarju jista' jaħfer dik il-parti tat-taxxa addizzjonali jew it-taxxa addizzjonali kollha li kieku kien ikollha titħallas skond din l-Iskeda dwar xi nuqqas jew xi ommissjoni kif jidhirlu xieraq.

(2) Il-Kummissarju jista' jimponi kull kondizzjoni li huwa jista' jqis xierqa għal kull maħfra taħt il-paragrafu (1), inkluża l-ħtieġa li l-persuna konċernata ma għandhiex tagħmel xi nuqqas ieħor jew xi ommissjoni oħra f'dak il-perijodu li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi jew li l-persuna msemmija għandha tagħmel ħlas ta' taxxa f'dak l-ammont u f'dak iż-żmien li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi.

(3) Jekk dik il-persuna tikser xi kondizzjoni imposta mill-Kummissarju skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (2), kull tnaqqis mit-taxxa addizzjonali mogħti mill-Kummissarju b'żjieda ma' kull tnaqqis kontemplat mid-disposizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda għandu jiġi konfiskat.

(4) Jekk il-konfiska tkun hekk dovuta taħt id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (3), kull tnaqqis addizzjonali mogħti taħt id-disposizzjonijiet ta' din il-partita, imma mhux taħt id-disposizzjonjijiet tal-partiti l-oħra, għandu jitqies bħala li kien sospensjoni ta' passività għall-imsemmija taxxa addizzjonali, u mhux it-tħassir tat-taxxa addizzjonali rilevanti.

(5) Il-Kummissarju għandu jikkomunika bil-miktub lill-persuna konċernata kull kondizzjoni imposta taħt il-paragrafu (2), il-konsegwenzi tal-ksur ta' kull kondizzjoni bħal dik skond il-paragrafu (3) u, meta dan ikun il-każ, il-fatt li tkun saret konfiska.

(6) L-użu tad-diskrezzjoni tal-Kummissarju taħt din il-partita ma għandu jiġi kwestjonat f'ebda appell.